**Gwida għal prattika tajba**
*skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri*

# Medjazzjoni

HccH
HAGUE CONFERENCE ON PRIVATE INTERNATIONAL LAW
*CONFÉRENCE DE LA HAYE DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ*

Il-Kummissjoni Ewropea

**Gwida għal prattika tajba**
*skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri*

# Medjazzjoni

HccH
HAGUE CONFERENCE ON PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni Ewropea

Ippubblikat minn
**Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat**
**Il-Bureau Permanenti**
6, Scheveningseweg
2517 KT The Hague
Il-Pajjiżi l-Baxxi

Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Websajt: www.hcch.net

© Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat 2012

Id-drittijiet kollha miżmuma. L-ebda parti ta' din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista' terġa' tittella', jew trażmessa bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, fosthom iffotokopjar jew irrekordjar, mingħajr il-permess bil-miktub tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Il-layout u t-traduzzjoni (bl-eċċezzjoni tal-Ingliż, il-Franċiż u l-Ispanjol) u d-distribuzzjoni ta' "Il-Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali tat-Tfal – Medjazzjoni" bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea kif ukoll bl-Għarbi, saru possibbli permezz tal-ġenerożità tal-Kummissjoni Ewropea/DĠ Ġustizzja.

Il-verżjonijiet uffiċjali ta' din il-pubblikazzjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (<www.hcch.net>) bl-Ingliż, il-Franċiż u l-Ispanjol. It-traduzzjonijiet ta' din il-pubblikazzjoni f'lingwi oħra ma ġewx riveduti mill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

ISBN 978-92-79-32404-8

Stampat fil-Belġju

# Deskrizzjoni fil-qosor


Terminoloġija 7

Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni 12

Introduzzjoni 14

A Il-ħidma preparatorja tal-Konferenza tal-Aja dwar il-medjazzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet familjari u proċessi simili sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma 14
B Il-ħidma ta' korpi oħrajn 18
C L-Istruttura tal-Gwida 20
D Il-kuntest – Xi każijiet tipiċi 20

Il-Gwida 21

1 L-importanza ġenerali li jiġu promossi ftehimiet f'tilwim familjari transkonfinali dwar il-kustodja u l-kuntatt 21
2 L-użu tal-medjazzjoni fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri – Ħarsa ġenerali lejn l-isfidi speċifiċi 26
3 Taħriġ speċjalizzat għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri/Miżuri sabiex tiġi salvagwardjata l-kwalità tal-medjazzjoni 35
4 L-aċċess għall-medjazzjoni 40
5 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri 53
6 Il-prinċipji/metodi/mudelli tal-medjazzjoni 56
7 L-involviment tal-minuri 66
8 Il-possibbiltà ta' involviment ta' terzi persuni 71
9 L-arranġamenti għal kuntatt bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri waqt il-proċess ta' medjazzjoni 72
10 Il-medjazzjoni u l-akkużi ta' vjolenza domestika 74
11 It-termini tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni – Verifika realistika 79
12 Kif ftehim isir legalment vinkolanti u infurzabbli 80
13 Kwistjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u r-regoli tal-liġi applikabbli 85
14 L-użu tal-medjazzjoni sabiex jiġu pprevenuti s-sekwestri ta' minuri 88
15 Proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma 89
16 L-użu tal-medjazzjoni u ta' proċessi simili sabiex tinkiseb riżoluzzjoni miftiehma fil-każijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja 91

Annessi 93

# Werrej

**Terminoloġija** 7

**Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni** 12

**Introduzzjoni** 14
**A Il-ħidma preparatorja tal-Konferenza tal-Aja dwar il-medjazzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet familjari u proċessi simili sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma** 14
**B Il-ħidma ta' korpi oħrajn** 18
**C L-Istruttura tal-Gwida** 20
**D Il-kuntest – Xi każijiet tipiċi** 20

**Il-Gwida** 21
**1 L-importanza ġenerali li jiġu promossi ftehimiet f'tilwim familjari transkonfinali dwar il-kustodja u l-kuntatt** 21
1.1 Il-vantaġġi tas-soluzzjonijiet miftiehma 21
1.2 Limiti, riskji u salvagwardji 23
1.3 L-importanza ġenerali ta' konnessjoni mal-proċeduri legali rilevanti 25

**2 L-użu tal-medjazzjoni fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri – Ħarsa ġenerali lejn l-isfidi speċifiċi** 26
2.1 Perjodi ta' żmien/Proċeduri rapidi 27
2.2 Kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet amministrattivi/ġudizzjarji 30
2.3 Iktar minn sistema legali waħda involuta; l-infurzabbiltà tal-ftehim fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet (fil-ġurisdizzjonijiet kollha) ikkonċernati 30
2.4 Sfond kulturali u reliġjuż differenti 31
2.5 Diffikultajiet lingwistiċi 32
2.6 Id-distanza 32
2.7 Il-kwistjonijiet tal-viżi u tal-immigrazzjoni 33
2.8 Il-proċeduri kriminali kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu 34

**3 Taħriġ speċjalizzat għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri/Miżuri sabiex tiġi salvagwardjata l-kwalità tal-medjazzjoni** 35
3.1 It-taħriġ tal-medjaturi – Regoli u standards eżistenti 35
3.2 Taħriġ speċifiku għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri 38
3.3 L-istabbiliment tal-listi tal-medjaturi 39
3.4 Miżuri ta' salvagwardja għall-kwalità tal-medjazzjoni 39

**4 L-aċċess għall-medjazzjoni** 40
4.1 Id-disponibbiltà tal-medjazzjoni – L-istadju tal-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja; referenza/awtoreferenza għall-medjazzjoni 41
4.1.1 Ir-rwol tal-awtorità ċentrali 42
4.1.2 Ir-rwol tal-imħallef(imħallfin)/qrati 44
4.1.3 Ir-rwol tal-avukati u ta' professjonisti oħrajn 46
4.2 Il-valutazzjoni tal-idoneità għall-medjazzjoni 47
4.3 L-ispejjeż tal-medjazzjoni 49
4.4 Il-post fejn issir il-medjazzjoni 51
4.5 Il-kuntratt għal medjazzjoni – Kunsens informat għal medjazzjoni 52

**5 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri** 53
5.1 Enfasi fuq kwistjonijiet ta' urġenza 53
5.2 L-importanza tal-ġurisdizzjoni u tal-liġi applikabbli fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u ta' suġġetti oħrajn ittrattati fil-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni 55

**6 Il-prinċipji/metodi/mudelli tal-medjazzjoni** 56
6.1 Il-prinċipji tal-medjazzjoni – L-istandards internazzjonali 56
6.1.1 In-natura volontarja tal-medjazzjoni 56
6.1.2 Il-kunsens informat 57
6.1.3 Il-valutazzjoni tal-idoneità għall-medjazzjoni 58
6.1.4 In-newtralità, l-indipendenza, l-imparzjalità u l-ekwità 58
6.1.5 Il-kunfidenzjalità 59
6.1.6 Teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi u tal-benesseri tal-minuri 61
6.1.7 Teħid ta' deċiżjonijiet informati u aċċess xieraq għall-pariri legali 62
6.1.8 Kompetenza interkulturali 63
6.1.9 Il-kwalifiki tal-medjaturi jew tal-entitajiet tal-medjazzjoni – l-istandards minimi għat-taħriġ 63
6.2 Il-mudelli u l-metodi tal-medjazzjoni 63
6.2.1 Medjazzjoni diretta jew indiretta 63
6.2.2 Medjazzjoni minn persuna waħda jew komedjazzjoni 63
6.2.3 Il-kunċett ta' medjazzjoni bikulturali u bilingwi 64

**7 L-involviment tal-minuri** 66
7.1 L-involviment tal-minuri fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja u fil-proċeduri tal-liġi tal-familja 67
7.2 Leħen il-minuri fil-medjazzjoni 70

**8 Il-possibbiltà ta' involviment ta' terzi persuni** 71

**9 L-arranġamenti għal kuntatt bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri waqt il-proċess ta' medjazzjoni** 72
9.1 Salvagwardji/Jiġi evitat sekwestru ieħor 72
9.2 Kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet Ċentrali u mal-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji 73

**10 Il-medjazzjoni u l-akkużi ta' vjolenza domestika** 74
10.1 It-trattament tal-vjolenza domestika fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja 75
10.2 Is-salvagwardji fil-medjazzjoni/Il-protezzjoni tal-parti vulnerabbli 77
10.3 Informazzjoni dwar il-miżuri protettivi 79

**11 It-termini tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni – Verifika realistika** 79

**12 Kif ftehim isir legalment vinkolanti u infurzabbli** 80

**13 Kwistjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u r-regoli tal-liġi applikabbli** 85

**14 L-użu tal-medjazzjoni sabiex jiġu pprevenuti s-sekwestri ta' minuri** 88

**15 Proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma** 89

**16 L-użu tal-medjazzjoni u ta' proċessi simili sabiex tinkiseb riżoluzzjoni miftiehma fil-każijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja** 91

Annessi 93

# Terminoloġija

It-termini li ġejjin qed jiġu ppreżentati skont il-kontenut tematiku tagħhom iktar milli f'ordni alfabetiku.

## Medjazzjoni

Għall-finijiet ta' din il-Gwida, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn "medjazzjoni" u metodi simili biex tiġi ffaċilitata riżoluzzjoni miftiehma tat-tilwim.

Id-definizzjonijiet ta' "medjazzjoni" li wieħed jista' jsib fit-testi u fil-pubblikazzjonijiet legali jvarjaw b'mod sinifikanti u ta' spiss jirriflettu ċerti rekwiżiti minimi dwar il-proċess ta' medjazzjoni u dwar il-persuna tal-medjatur fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti. Jekk jinġabru l-karatteristiċi komuni f'dawn id-diversi definizzjonijiet, il-medjazzjoni tista' tiġi ddefinita bħala proċess volontarju u strutturat fejn "medjatur"[1] jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-partijiet għal kunflitt, ħalli b'hekk ikunu jistgħu jieħdu r-responsabbiltà talli sabu soluzzjoni għall-kunflitt tagħhom.[2] Din il-Gwida tirreferi għall-"medjazzjoni" f'dan is-sens wiesa', mingħajr preġudizzju għall-mudell u għall-metodu applikat. Prinċipji oħrajn komunement meħtieġa imma li ma jiġux applikati b'mod uniformi li xi drabi jiġu inkorporati fid-definizzjoni ta' medjazzjoni, bħall-kunfidenzjalità, in-newtralità jew l-imparzjalità, se jiġu ttrattati fil-Kapitolu 6 ta' din il-Gwida.

## Medjatur

Bosta definizzjonijiet tat-terminu "medjatur" fi strumenti nazzjonali jew reġjonali jirriflettu r-rekwiżiti (legali) meħtieġa li persuna trid tissodisfa sabiex tkun "medjatur" u l-mod li bih għandha titwettaq il-medjazzjoni. Jekk wieħed jikkonċentra, għal darba oħra, fuq il-karatteristiċi komuni, f'din il-Gwida it-terminu "medjatur" se jirreferi għal parti terza imparzjali li qed twettaq il-medjazzjoni. It-terminu jintuża, sakemm ma jingħadx mod ieħor, mingħajr preġudizzju għall-isfond professjonali tal-medjatur u għar-rekwiżiti speċifiċi li persuna tista' jkollha tissodisfa sabiex tkun tista' tgħid li hija "medjatur" f'sistema legali partikolari.

It-terminu "medjatur" f'din il-Gwida qed jintuża mingħajr preġudizzju għal jekk il-medjazzjoni titwettaqx bħala komedjazzjoni (*co-mediation*) jew bħala medjazzjoni minn persuna waħda (*single mediation*), jiġifieri, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, kwalunkwe użu f'din il-Gwida tat-terminu "medjatur" fis-singular huwa maħsub ukoll bħala referenza għal medjazzjoni mwettqa minn iktar minn medjatur wieħed.

---

1 Il-medjazzjoni tista' titwettaq ukoll minn iktar minn medjatur wieħed, ara wkoll id-definizzjoni tat-terminu "medjatur" iktar 'l isfel kif ukoll it-Taqsima 6.2.2 li tittratta l-komedjazzjoni.

2 Għal ħarsa ġenerali komparattiva u fil-qosor tad-definizzjonijiet ta' medjazzjoni li jintużaw f'pajjiżi differenti, ara K.J. Hopt u F. Steffek, *Mediation – Rechtstatsachen, Rechtsvergleich, Regelungen*, Mohr Siebeck, Tübingen, 2008, p. 12 *et seq*.

## Konċiljazzjoni

It-termini "medjazzjoni" u "konċiljazzjoni" xi drabi jintużaw bħala sinonimi,[3] xi ħaġa li tista' toħloq ftit tal-konfużjoni. Illum, il-konċiljazzjoni ġeneralment tiġi kkaratterizzata bħala proċess iktar direttiv minn dak tal-medjazzjoni. Għalhekk, għall-finijiet ta' din il-Gwida, konċiljazzjoni għandha tinftiehem bħala mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni tat-tilwim fejn parti terza imparzjali jkollha rwol attiv u direttiv sabiex tgħin lill-partijiet isibu soluzzjoni miftiehma għat-tilwima tagħhom. Il-medjazzjoni tista' tkun proattiva, imma ma tistax tkun direttiva. Għall-medjazzjoni, l-enfasi trid titqiegħed fuq il-fatt li l-medjatur innifsu mhuwiex f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni għall-partijiet, imma jassisti biss lill-partijiet isibu s-soluzzjoni tagħhom. Bil-kontra, il-konċiljatur jista' jidderieġi lill-partijiet lejn soluzzjoni konkreta.[4] Dan jista' jiġi spjegat bl-eżempju li ġej. Imħallef b'taħriġ bħala medjatur jista' jwettaq medjazzjoni imma biss f'tilwima fejn ma jkunx l-imħallef li quddiemu tressqu l-proċeduri u fejn l-imħallef joqgħod lura milli jinfluwenza r-riżultat tal-proċess ta' riżoluzzjoni tal-kunflitt tal-partijiet. Imħallef li quddiemu tressqu l-proċeduri, skont id-definizzjoni, qatt ma jista' "iwettaq medjazzjoni" f'kawża li tkun tressqet quddiemu, jiġifieri fejn il-partijiet jafu li l-imħallef huwa l-persuna li se tagħti d-deċiżjoni jekk it-tentattiv tagħhom sabiex isibu soluzzjoni bonarja ma jirnexxix.[5] Proċess fejn l-imħallef fil-kawża li jkollu quddiemu jipprova jassisti lill-partijiet ħalli jsibu soluzzjoni miftiehma u fl-istess ħin jipprova jsib soluzzjoni ġudizzjarja iktar taqa' taħt it-tifsira ta' konċiljazzjoni kif qed tinftiehem f'din il-Gwida.[6]

## Għoti ta' pariri

Trid issir distinzjoni bejn medjazzjoni u l-għoti ta' pariri, proċess li jista' jintuża sabiex koppji jew familji jingħataw assistenza ħalli jindirizzaw problemi fir-relazzjonijiet tagħhom. B'kuntrast għall-medjazzjoni, l-għoti ta' pariri ġeneralment ma jiffokax fuq il-soluzzjoni ta' tilwima speċifika.

## Arbitraġġ

Tista' ssir distinzjoni bejn medjazzjoni u konċiljazzjoni, min-naħa, u arbitraġġ, mill-oħra, minħabba li t-tnejn tal-ewwel għandhom il-għan li jiżviluppaw soluzzjoni miftiehma bejn il-partijiet, filwaqt li f'arbitraġġ il-parti terza imparzjali (arbitru) jsolvi t-tilwima billi jieħu deċiżjoni. Għalkemm il-partijiet iridu jagħtu l-kunsens tagħhom għal arbitraġġ u jikkonformaw irwieħhom mal-eżitu, il-proċess ta' arbitraġġ mhuwiex intiż biex iwassal għal eżitu miftiehem.[7]

---

3 Ara, pereżempju, il-UNCITRAL Model Law on International Commercial Conciliation (Mudell tal-Liġi dwar il-Konċiljazzjoni Kummerċjali Internazzjonali tal-UNCITRAL) li ġie adottat mill-UNCITRAL fl-2002, disponibbli minn < http://www.uncitral.org/pdf/english/texts/arbitration/ml-conc/03-90953_Ebook.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), Artikolu 1(3):

> "Għall-finijiet ta' din il-Liġi, 'konċiljazzjoni' tfisser proċess, irrispettivament minn jekk jissejjaħx bl-espressjoni konċiljazzjoni, medjazzjoni jew espressjoni b'tifsira simili, fejn il-partijiet jitolbu lil terza persuna jew lil terzi persuni ('il-konċiljatur') sabiex jassistihom fit-tentattivi tagħhom biex isibu soluzzjoni bonarja għat-tilwima tagħhom li tkun inqalgħet minħabba jew li tkun relatata ma' relazzjoni kuntrattwali jew ma' relazzjoni legali oħra" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 Dwar id-differenzi bejn il-medjazzjoni u l-konċiljazzjoni, ara wkoll "A fair say – A Guide to Managing Differences in Mediation and Conciliation" (Kulħadd għandu ċans jitkellem – Gwida għall-ġestjoni tad-differenzi fil-medjazzjoni u fil-konċiljazzjoni) (Awwissu 1999), imfassal mill-Australian National Alternative Dispute Resolution Advisory Council (NADRAC – Kunsill Konsultattiv Nazzjonali għal Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim tal-Awstralja), p. 1, disponibbli minn < http://www.nadrac.gov.au/publications/PublicationsByDate/Pages/AFairSay.aspx > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

5 Dan huwa prinċipju ferm rispettat; għal ħarsa ġenerali komparattiva tad-definizzjonijiet ta' medjazzjoni li jintużaw f'pajjiżi differenti, ara K.J. Hopt u F. Steffek (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2), p. 12; ara wkoll l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3 (minn hawn 'il quddiem, id-"Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni"), disponibbli minn < http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32008L0052:MT:NOT > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012)

6 Imma d-definizzjonijiet ta' konċiljazzjoni jvarjaw, ara pereżempju l-UNCITRAL Model Law on International Commercial Conciliation (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3), Artikolu 1(3).

7 Għal iktar dettalji dwar kif issir distinzjoni bejn medjazzjoni u arbitraġġ ara, fost l-oħrajn, N. Alexander, *International and Comparative Mediation*, Austin – Boston – Chicago – New York – the Netherlands, Wolters Kluwer, 2008, p. 26 u 27.

## Evalwazzjoni newtrali bikrija

Fl-"evalwazzjoni newtrali bikrija", il-partijiet jirċievu evalwazzjoni mhux vinkolanti tas-sitwazzjoni legali tagħhom mingħand espert u wara jingħataw l-opportunità li jinnegozjaw soluzzjoni miftiehma.[8]

## Liġi kollaborattiva

Fil-mudell tal-"liġi kollaborattiva", il-partijiet jiġu assisti minn "avukati kollaborattivi" li jużaw tekniki ta' negozjati biex isolvu problemi fuq il-bażi tal-interessi biex jirriżolvu l-kwistjoni mingħajr ma jitilgħu l-qorti.[9] Fejn ma jintlaħaq l-ebda ftehim u l-kwistjoni jkollha tiġi solvuta fi proċeduri ġudizzjarji, l-avukati kollaborattivi ma jkunux jistgħu jkomplu jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom.

## Liġi kooperattiva

Il-mudell tal-"liġi kooperattiva" isegwi l-prinċipji tal-mudell tal-"liġi kollaborattiva" ħlief li r-rappreżentanti ma jkollhomx jieqfu jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom meta l-kwistjoni jkollha titressaq quddiem qorti.[10]

## Medjazzjoni diretta jew indiretta

Meta fil-Gwida jintuża t-terminu "medjazzjoni diretta", tkun qed issir referenza għal medjazzjoni fejn iż-żewġ partijiet jipparteċipaw b'mod dirett u simultanju fis-sessjonijiet tal-medjazzjoni mal-medjatur, jew f'laqgħa wiċċ imb wiċċ mal-medjatur jew f'laqgħa mill-bogħod permezz ta' faċilitajiet vidjo jew ta' telekonferenzi jew permezz ta' komunikazzjoni minn fuq l-Internet.[11]

Min-naħa l-oħra, it-terminu "medjazzjoni indiretta" jirreferi għal medjazzjoni fejn il-partijiet ma jiltaqgħux direttament waqt il-medjazzjoni imma kull parti tiltaqa' separatament mal-medjatur. Il-laqgħat separati mal-medjatur jistgħu jinżammu f'żewġ Stati separati jew fl-istess Stat bil-medjazzjoni ssir f'ħinijiet differenti jew fl-istess ħin imma fi kmamar differenti.[12]

Naturalment, jista' jiġri li proċess ta' medjazzjoni jinkludi kemm medjazzjoni indiretta kif ukoll medjazzjoni diretta. Pereżempju, medjazzjoni diretta tista' tkun akkumpanjata jew ippreċeduta mill-hekk imsejħa laqgħat ta' "caucus", fejn il-medjatur jiltaqa' ma' kull parti b'mod separat.

8 Għal iktar dettalji ara, fost l-oħrajn, N. ver Steegh, "Family Court Reform and ADR: Shifting Values and Expectations Transform the Divorce Process" (Ir-riforma tal-qorti tal-familja u l-ADR: Valuri u aspettattivi li qed jinbidlu jittrasformaw il-proċess tad-divorzju), 42 *Fam. LQ* (2008-2009), p. 659, f'p. 663

9 *Ibid.*, p. 667.

10 *Ibid.*, p. 668.

11 Ara "Note on the development of mediation, conciliation and similar means to facilitate agreed solutions in transfrontier family disputes concerning children especially in the context of the Hague Convention of 1980" (Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili sabiex jiġu ffaċilitati s-soluzzjonijiet miftiehma f'tilwim familjari transkonfinali dwar minuri speċjalment fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980), imfassla minn S. Vigers, eks-Uffiċjal Legali tal-Uffiċċju Permanenti, Dok. Prel. Nru 5 ta' Ottubru 2006 għall-attenzjoni tal-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġi rivedut il-funzjonament tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubu 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri* (L-Aja, mit-30 ta' Ottubru sad-9 ta' Novembru 2006) (minn hawn 'il quddiem, "Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili", disponibbli mill-websajt tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)), 4.1, p. 14.

12 Ara *ibid.*, 4.1, p. 15.

## Medjazzjoni bbażata fil-qorti/annessa mal-qorti

F'din il-Gwida, it-termini "medjazzjoni bbażata fil-qorti" jew "medjazzjoni annessa mal-qorti" qed jintużaw sabiex jirreferu għal servizzi ta' medjazzjoni li jiġu ġestiti mill-istess qorti jew permezz tal-istess qorti. F'dawn l-iskemi, il-medjazzjoni tiġi offruta jew minn medjaturi li jaħdmu għall-qorti jew minn imħallfin b'taħriġ bħala medjaturi li, naturalment, jistgħu "iwettqu medjazzjoni" biss f'każijiet fejn ma jkunux l-imħallef li quddiemu jkunu tressqu l-proċeduri. Il-post fejn issir il-medjazzjoni ta' spiss ikun x'imkien fil-bini tal-qorti stess.

## Medjazzjoni barra mill-qorti

It-terminu "medjazzjoni barra mill-qorti" f'din il-Gwida qed jintuża sabiex jirreferi għal medjazzjoni mwettqa minn korp li ma jkollux konnessjonijiet diretti mal-qorti. Din il-medjazzjoni tista' tinvolvi korpi ġestiti mill-Istat jew approvati mill-Istat u servizzi ta' medjazzjoni pprovduti minn individwi kif ukoll minn organizzazzjonijiet privati tal-medjazzjoni.[13]

## Ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni

Din il-Gwida tuża t-terminu "ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni" meta ssir referenza għall-eżitu tal-medjazzjoni, jiġifieri s-soluzzjoni miftiehma li jaslu għaliha l-partijiet waqt il-medjazzjoni. Għandu jiġi nnotat li f'xi ġurisidizzjonijiet, it-terminu "memorandum ta' ftehim" jiġi ppreferut sabiex issir referenza għall-eżitu immedjat tal-medjazzjoni, ħalli tiġi evitata kwalunkwe preżunzjoni dwar in-natura legali tar-riżultat miksub permezz ta' medjazzjoni. (Ara l-Kapitolu 12 iktar 'l isfel għal iktar dettalji.)

Sabiex tkun evitata kwalunkwe konfużjoni, għandu jiġi nnotat li l-Gwida tuża wkoll it-terminu "kuntratt għal medjazzjoni" biex tirreferi għal kuntratt bejn il-medjatur u l-partijiet f'tilwima li jiġi konkluż qabel il-medjazzjoni, fejn jistgħu jiġu ddefiniti d-dettalji tal-proċess ta' medjazzjoni, l-ispejjeż involuti u kwistjonijiet oħrajn.[14]

## Responsabbiltà tal-ġenituri

Kif ġie ddefinit fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal, it-terminu "responsabbiltà tal-ġenituri" jirreferi għas-"setgħa tal-ġenituri, jew kwalunkwe relazzjoni ta' awtorità analoga li tistabbilixxi d-drittijiet, setgħat u responsabbiltajiet ta' ġenituri, gwardjani [tuturi] jew rappreżentanti legali oħra fir-rigward tal-persuna jew il-proprjetà tat-tifel".[15] Fi kliem ieħor, ir-"responsabbiltà tal-ġenituri" tinkludi d-drittijiet u l-obbligi legali kollha li jkollu ġenitur, tutur jew rappreżentanti legali oħrajn fir-rigward ta' minuri bil-għan li jrabbu lil dak il-minuri u jiżguraw l-iżvilupp tiegħu. Il-kunċett ta' "responsabbiltà tal-ġenituri" jinkludi d-dritt "drittijiet ta' kustodja" kif ukoll id-"drittijiet għal kuntatt", imma huwa ferm usa' minn dawn it-tnejn. Biex jirreferu għad-drittijiet u għall-obbligi kollha tal-ġenituri, illum bosta sistemi legali kif ukoll bosta strumenti reġjonali u internazzjonali jużaw it-terminu "responsabbiltà tal-ġenituri". Dan isir sabiex, f'dan il-qasam legali, tingħeleb l-enfasi terminoloġika fuq id-drittijiet tal-ġenituri u jiġi rikonoxxut li l-obbligi tal-ġenituri u d-drittijiet u l-benesseri tal-minuri għandhom importanza ndaqs.

13 Għal iktar dettalji dwar medjazzjoni annessa mal-qorti u medjazzjoni barra mill-qorti, ara wkoll il-"Feasibility Study on Cross-Border Mediation in Family Matters" (Studju dwar il-fattibbiltà tal-medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari), imfassal mill-Uffiċċju Permanenti, Dok. Prel. Nru 20 ta' Marzu 2007 għall-attenzjoni tal-Kunsill ta' April 2007 għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress" (Ħidma li għaddejja bħalissa) imbagħad "General Affairs" (Affarijiet Ġenerali)), Taqsima 2.4, p. 6.

14 Ara t-Taqsima 3.5 iktar 'l isfel.

15 Artikolu 1(2) tal-Konvenzjoni tal-1996.

Rigward it-terminu "drittijiet ta' aċċess", il-Gwida tagħti preferenza lit-terminu "drittijiet għal kuntatt" li jirrifletti approċċ iċċentrat fuq il-minuri konformi mal-kunċett modern ta' "responsabbiltà tal-ġenituri".[16] It-terminu "kuntatt" qed jintuża f'sens wiesa' sabiex jinkludi d-diversi modi li bihom ġenitur li ma jkollux il-kustodja (u xi drabi qarib ieħor jew ħabib tassew tal-minuri) iżomm relazzjonijiet personali mal-minuri, permezz ta' żjarat perjodiċi, ta' aċċess perjodiku, ta' komunikazzjoni mill-bogħod jew ta' mezzi oħrajn.[17] Il-Gwida tuża t-terminu "drittijiet ta' kustodja" skont it-terminoloġija tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.

## Ġenitur imċaħħad minn uliedu (left-behind parent) u ġenitur li ssekwestra lil uliedu (taking parent)

F'din il-Gwida, il-ġenitur li jsostni li d-drittijiet ta' kustodja tiegħu nkisru b'rimozzjoni jew b'ritenzjoni illeċita qed jissejjaħ "ġenitur imċaħħad minn uliedu". Skont l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, rimozzjoni jew ritenzjoni titqies bħala illeċita meta din tkun bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja effettivament eżerċitati, vestiti f'persuna, f'istituzzjoni, jew f'enti oħra, kemm singolarment kif ukoll konġuntement, taħt il-liġi tal-Istat fejn il-minuri kien soltu joqgħod (kellu r-residenza abitwali tiegħu) minnufih qabel ir-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni. F'għadd żgħir ta' każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980, tkun persuna oħra għajr il-ġenitur (nannu, ġenitur tar-rispett jew kwalunkwe persuna oħra li tkun jew ma tkunx qarib) jew istituzzjoni oħra jew korp ieħor li d-drittijiet ta' kustodja tagħha jkunu nkisru bir-rimozzjoni jew bir-ritenzjoni illeċita tal-minuri. Sabiex jiġu evitati deskrizzjonijiet twal fil-Gwida, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, it-terminu "ġenitur imċaħħad minn uliedu" se tinkludi wkoll kwalunkwe persuna oħra jew kwalunkwe korp ieħor[18] li d-drittijiet ta' kustodja tagħha jew tiegħu allegatament inksiru b'rimozzjoni jew b'ritenzjoni illeċita.

Il-ġenitur li allegatament neħħa b'mod illeċitu lil minuri mill-post tar-residenza abitwali tiegħu u ħadu fi Stat ieħor jew li żamm b'mod illeċitu lil minuri fi Stat ieħor f'din il-Gwida se jissejjaħ "ġenitur li ssekwestra lil uliedu". Parallelament għall-użu tat-terminu "ġenitur imċaħħad minn uliedu", sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, f'din il-Gwida referenza għat-terminu "ġenitur li ssekwestra lil uliedu" se tinkludi wkoll kwalunkwe persuna oħra, kwalunkwe istituzzjoni oħra jew kwalunkwe korp ieħor[19] li allegatament neħħiet(neħħa) jew żammet(żamm) b'mod illeċitu lil minuri.

## Vjolenza domestika u abbuż ta' minuri

Jiddependi mid-definizzjoni użata, it-terminu "vjolenza domestika" jista' jinkludi bosta aspetti differenti tal-abbuż fi ħdan il-familja. L-abbuż jista' jkun fiżiku jew psikoloġiku; jista' jkun dirett lejn il-minuri ("abbuż ta' minuri") u/jew lejn is-sieħeb (xi drabi msejjaħ "abbuż tal-konjuġi") u/jew lejn membri oħrajn tal-familja.

Sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, din il-Gwida tuża t-terminu "vjolenza domestika" fis-sens wiesa' deskritt fil-qosor iktar 'il fuq. Fejn għandha x'taqsam il-vjolenza domestika kontra minuri, din il-Gwida se tagħmel distinzjoni bejn vjolenza indiretta u vjolenza diretta. L-ewwel waħda hija vjolenza domestika fil-konfront ta' ġenitur jew ta' membri oħrajn tal-familja li taffettwa lill-minuri, u t-tieni waħda hija vjolenza domestika fil-konfront tal-minuri. Din tal-aħħar biss se tissejjaħ "abbuż ta' minuri" f'din il-Gwida.[20]

16 Dan huwa konformi mat-terminoloġija użata mill-*General Principles and Guide to Good Practice on Transfrontier Contact Concerning Children* (Jordan Publishing, 2008), minn hawn 'il quddiem, "Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali" (disponibbli wkoll mill-websajt tal-Konferenza tal-Aja < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri) imbagħad "Guides to Good Practice" (Gwidi għal Prattika Tajba)), ara f'p. xxvi.

17 Dan huwa konformi mat-terminoloġija użata mill-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*ibid.*).

18 Naturalment, jekk tkun involuta istituzzjoni jew korp ieħor, il-kwistjoni tal-medjazzjoni tista' ma tqumx, jew jekk tqum tista' tvarja ħafna mill-medjazzjoni bejn persuni fiżiċi.

19 Naturalment, jekk tkun involuta istituzzjoni jew korp ieħor, il-kwistjoni tal-medjazzjoni tista' ma tqumx, jew jekk tqum tista' tvarja ħafna mill-medjazzjoni bejn persuni fiżiċi.

20 Ara l-Kapitolu 10 dwar il-vjolenza domestika.

# Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni

Din il-Gwida tippromwovi prattiki tajba fil-medjazzjoni u fi proċessi oħrajn sabiex tinkiseb ir-riżoluzzjoni miftiehma tat-tilwim familjari internazzjonali dwar minuri li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri* (minn hawn 'il quddiem, "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri" jew "il-Konvenzjoni tal-1980"). F'konformità mal-Konvenzjonijiet moderni tal-Aja dwar il-Familja, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tinkoraġġixxi r-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim familjari. L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1980 jiddikjara li l-Awtoritajiet Ċentrali "għandhom jieħdu il-miżuri kollha ideoneji biex [...] jiksbu r-ritorn volontarju tal-minuri jew iwasslu għal soluzzjoni amikevoli tal-kwistjonijiet". L-iktar reċenti mill-Konvenzjonijiet moderni tal-Aja dwar il-Familja jsemmu b'mod espliċitu l-użu tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' metodi simili.[21]

Fost il-mezzi differenti ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim, din il-Gwida tindirizza primarjament il-"medjazzjoni" bħala wieħed mill-metodi l-iktar promossi ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim fil-liġi tal-familja. Din il-Gwida, madankollu, tirreferi wkoll għall-prattiki tajba fir-rigward ta' proċessi oħrajn sabiex jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet miftiehma, bħall-konċiljazzjoni. Dawn il-metodi l-oħra huma diskussi f'kapitolu separat[22] iddedikat kollu għalihom, fejn tingħata kunsiderazzjoni xierqa lin-natura speċifika tagħhom. Madankollu, uħud mill-prattiki tajba tal-medjazzjoni li ġew promossi f'din il-Gwida huma applikabbli jew adattabbli wkoll fir-rigward ta' numru minn dawn il-proċessi l-oħra.

Filwaqt li tenfasizza l-karatteristiċi partikolari tar-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim fil-kuntest tas-sekwestri ta' minuri u tat-tilwim dwar l-aċċess/il-kuntatt skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, din il-Gwida tiddeskrivi fil-qosor prinċipji u prattiki tajba li, qed jiġi ttamat, se jkun ta' siwi sabiex, b'mod ġenerali, il-medjazzjoni u proċessi simili jkunu jistgħu jintużaw f'tilwim familjari transkonfinali. Bħala tali, din il-Gwida hija maħsuba sabiex tkun ta' assistenza għall-Istati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1980, imma anki għall-Istati li huma Partijiet għal Konvenzjonijiet tal-Aja oħrajn li jippromwovu l-użu tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni jew ta' mezzi simili sabiex jiġu ffaċilitati soluzzjonijiet miftiehma f'tilwim familjari internazzjonali. Dawn il-Konvenzjonijiet jinkludu l-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal* (minn hawn 'il quddiem, "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal" jew "il-Konvenzjoni tal-1996"), il-*Konvenzjoniu tal-Aja tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti* u l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja*. Barra minn hekk, din il-Gwida hija maħsuba sabiex tassisti lill-Istati li mhumiex Partijiet għal dawn il-Konvenzjonijiet tal-Aja, imma li qed jikkunsidraw x'inhu l-aħjar mod biex jiżviluppaw strutturi effettivi ħalli jippromwovu medjazzjoni transkonfinali f'tilwim familjari internazzjonali. Il-Gwida hija intiża għall-gvernijiet u għall-Awtoritajiet Ċentrali maħtura skont il-Konvenzjoni tal-1980 u skont Konvenzjonijiet tal-Aja rilevanti oħrajn, kif ukoll għal imħallfin, avukati, medjaturi, partijiet għal tilwim familjari transkonfinali u individwi interessati oħrajn.

---

21 Ara l-Artikolu 31(b) tal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal*; l-Artikolu 31 tal-*Konvenzjoniu tal-Aja tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti*; u l-Artikoli 6(2)(d) u 34(2)(i) tal-*Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja*.

22 Kapitolu 15.

Din il-Gwida hija l-ħames Gwida għal Prattika Tajba li ġiet żviluppata sabiex tagħti appoġġ lill-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri. L-erba' Gwidi li ġew ippubblikati qabilha huma: *Part I – Central Authority Practice (*Parti I - Il-Prattika tal-Awtorità Ċentrali*); Part II – Implementing Measures (*Parti II – Miżuri Implimentattivi*); Part III – Preventive Measures (*Parti III – Miżuri Preventivi*);* u *Part IV – Enforcement (*Parti IV – Infurzar*).*[23]

Barra minn hekk, il-*General Principles and Guide to Good Practice on Transfrontier Contact Concerning Children* (il-Prinċipji Ġenerali u Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali li Jikkonċerna l-Minuri)[24] hija relatata kemm mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri kif ukoll mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal.

Xejn f'din il-Gwida ma għandu jiġi interpretat bħala li jorbot lill-Istati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri jew għal Konvenzjonijiet tal-Aja dwar il-Familja oħrajn. Il-prinċipji ġenerali stabbiliti f'din il-Gwida qed jiġu ppreżentati sempliċement f'forma ta' pariri.

L-Istati kollha li huma Partijiet, u b'mod partikolari l-Awtoritajiet Ċentrali maħtura taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, huma mħeġġa jirrivedu l-prattiki tagħhom u, fejn ikun xieraq u fattibbli, għandhom itejbuhom. Kemm l-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti kif ukoll l-Awtoritajiet Ċentrali li qed jiżviluppaw, għandhom iqisu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 bħala proċess ta' titjib kontinwu, progressiv jew inkrementali.

••••

L-Uffiċċju Permanenti jixtieq jiżżi ħajr lill-ħafna esperti, inklużi l-esperti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi, li l-għerf u l-esperjenza akkumulati tagħhom taw kontribut lill-Gwida.[25] Ħajr partikolari huwa dovut lil Juliane Hirsch, eks-Uffiċjal Legali ta' Livell Għoli mal-Uffiċċju Permanenti, li wettaq il-ħidma prinċipali fuq din il-Gwida u lil Sarah Vigers, eks-Uffiċjal Legali mal-Uffiċċju Permanenti, li fl-2006 ippreparat studju komparattiv dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri li sawwar it-tfassil ta' din il-Gwida.

---

23 *Guide to Good Practice under the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction, Part I – Central Authority Practice* (Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, Parti I – Il-Prattika tal-Awtorità Ċentrali) (Jordan Publishing, 2003), minn hawn 'il quddiem, "Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Prattika tal-Awtorità Ċentrali"; *Guide to Good Practice under the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction, Part II – Implementing Measures* (Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, Parti II – Miżuri Implimentattivi ) (Jordan Publishing, 2003); *Guide to Good Practice under the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction, Part III – Preventive Measures* (Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, Parti III – Miżuri Preventivi ) (Jordan Publishing, 2005), minn hawn 'il quddiem, "Gwida għal Prattika Tajba dwar Miżuri Preventivi"; *Guide to Good Practice under the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction, Part IV – Enforcement* (Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, Parti IV – Infurzar ) (Jordan Publishing, 2010), minn hawn 'il quddiem, "Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar". Il-Gwidi għal Prattika Tajba huma disponibbli wkoll fuq il-websajt tal-Konferenza tal-Aja minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri) imbagħad "Guides to Good Practice" (Gwidi għal Prattika Tajba).

24 *Op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16

25 L-individwi li ġejjin kienu membri tal-Grupp ta' Esperti li ta l-assistenza tiegħu biex titħejja din il-Gwida: is-Sinjura Gladys Alvarez (L-Arġentina), l-Onorevoli Mħallef Peter F. Boshier (New Zealand), is-Sinjura Cilgia Caratsch (L-Isvizzera), is-Sinjur Eberhard Carl (Il-Ġermanja), is-Sinjura Denise Carter (Ir-Renju Unit), is-Sinjura Sandra Fenn (Ir-Renju Unit), is-Sinjura Lorraine Filion (Il-Kanada), is-Sinjura Danièle Ganancia (Franza), is-Sinjura Barbara Gayse (Il-Belġju), is-Sinjura Ankeara Kaly (Franza), is-Sinjura Robine G. de Lange-Tegelaar (Il-Pajjiżi l-Baxxi), l-Imħallef Wilney Magno de Azevedo Silva (Il-Brażil), is-Sinjura Lisa Parkinson (Ir-Renju Unit), is-Sinjur Christoph C. Paul (Il-Ġermanja), is-Sinjura Toni Pirani (L-Awstralja), is-Sinjura Els Prins (Il-Pajjiżi l-Baxxi), is-Sinjura Kathleen S. Ruckman (L-Istati Uniti tal-Amerika), is-Sinjur Craig T. Schneider (L-Afrika t'Isfel), is-Sinjura Andrea Schulz (Il-Ġermanja), is-Sinjur Peretz Segal (L-Iżrael), is-Sinjura Sarah Vigers (Ir-Renju Unit), is-Sinjura Lisa Vogel (L-Istati Uniti tal-Amerika) and s-Sinjura Jennifer H. Zawid (L-Istati Uniti tal-Amerika).

# Introduzzjoni

## A Il-ħidma preparatorja tal-Konferenza tal-Aja dwar il-medjazzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet familjari u proċessi simili sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma

1 Il-ħidma tal-Konferenza tal-Aja f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin tirrifletti l-importanza dejjem ikbar tal-medjazzjoni u ta' metodi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma fid-dritt internazzjonali tal-familja. Il-parti l-kbira tal-Konvenzjonijiet moderni tal-Aja dwar il-Familja jinkoraġġixxu b'mod espliċitu l-medjazzjoni u proċessi simili sabiex jinstabu soluzzjonjijiet xierqa għat-tilwim familjari transkonfinali. Diversi Gwidi għal Prattika Tajba mfassla sabiex jagħtu appoġġ lill-implimentazzjoni u lill-funzjonament effettivi tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal jiġbdu l-attenzjoni għall-importanza li jiġu promossi soluzzjonijiet miftiehma.[26]

2 Fl-istess ħin, il-medjazzjoni f'tilwim familjari transkonfinali b'mod ġenerali ilha bosta snin tiġi diskussa bħala wieħed mis-suġġetti għal ħidma futura tal-Konferenza tal-Aja. F'April 2006, l-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja ngħata l-mandat mill-Istati Membri tiegħu sabiex:

> "jipprepara studju dwar il-fattibbiltà tal-medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari, inkluża l-possibbiltà ta' żvilupp ta' strument dwar is-suġġett" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[27]

3 Il-Feasibility Study on Cross-Border Mediation in Family Matters (Studju dwar il-Fattibbiltà tal-Medjazzjoni Transkonfinali fi Kwistjonijiet Familjari)[28] li esplora d-direzzjonijiet li setgħet issegwi l-ħidma futura tal-Konferenza tal-Aja fil-qasam tal-medjazzjoni familjari transkonfinali, ġie ppreżentat lill-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (minn hawn 'il quddiem, "il-Kunsill") f'April 2007. Il-Kunsill iddeċieda li jistieden lill-Membri tal-Konferenza tal-Aja sabiex:

> "jipprovdu kummenti, qabel tmiem l-2007, rigward l-istudju dwar il-fattibbiltà tal-medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari [...] sabiex is-suġġett jiġi diskuss ulterjorment fil-laqgħa tal-Kunsill tar-rebbiegħa tal-2008" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[29]

4 F'April 2008, il-Kunsill:

> "stieden lill-Uffiċċju Permanenti sabiex ikompli jsegwi, u jżomm lill-Membri informati, bl-iżviluppi li kienu qed isiru fil-qasam tal-medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[30]

5 Barra minn hekk, l-Uffiċċju Permanenti ntalab, bħala l-ewwel pass, sabiex jibda ħidma fuq:

> "Gwida għal Prattika Tajba dwar l-użu tal-medjazzjoni fil-kuntest tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri* [...], li għandha titressaq għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġi rivedut il-funzjonament

---

26 Ara, pereżempju, il-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16), Kapitolu 2, p. 6 *et seq.*; il-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Prattika tal-Awtorità Ċentrali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Taqsima 4.12, Ritorn volontarju [traduzzjoni mhux uffiċjali], p. 49 *et seq.*; il-Gwida għal Prattika Tajba dwar Miżuri Preventivi (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Taqsima 2.1.1, Ftehim u medjazzjonijiet volontarji [traduzzjoni mhux uffiċjali], p. 15-16

27 Konklużjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali tat-3-5 ta' April 2006 dwar l-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress" (Ħidma li għaddejja bħalissa) imbagħad "General Affairs" (Affarijiet Ġenerali)), Rakkomandazzjoni Nru 3.

28 *Op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

29 Rakkomandazzjonijiet u Konklużjonijiet adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (mit-2 sal-4 ta' April 2007) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress" (Ħidma li għaddejja bħalissa) imbagħad "General Affairs" (Affarijiet Ġenerali)), Rakkomandazzjoni Nru 3.

30 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (mill-1 sat-3 ta' April 2008) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress" (Ħidma li għaddejja bħalissa) imbagħad "General Affairs" (Affarijiet Ġenerali)), p. 1, it-tielet paragrafu. (Medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari [traduzzjoni mhux uffiċjali]).

fil-prattika ta' dik il-Konvenzjoni waqt il-laqgħa li jmiss tagħha […] fl-2011" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[31]

6 Fil-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tagħha, il-laqgħa tal-Kunsill tal-2009 ikkonfermat dik id-deċiżjoni:

"Il-Kunsill afferma mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu li kienet ittieħdet waqt il-laqgħa ta' April 2008 dwar il-medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari. Huwa approva l-proposta tal-Uffiċċju Permanenti li l-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni fil-kuntest tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri* titressaq għal konsultazzjoni quddiem il-Membri qabel ma tibda s-sena 2010 u mbagħad għal approvazzjoni quddiem il-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġi rivedut il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-1980 dwar is-Sekwestru ta' Minuri u tal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal* waqt il-laqgħa li jmiss tagħha fl-2011" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[32]

7 Għandu jiġi nnotat li d-diskussjoni dwar l-użu tal-medjazzjoni u ta' mezzi simili fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tmur lura wkoll għal bosta snin. Is-suġġett ġie eżaminat f'sensiela ta' laqgħat tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġi rivedut il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-1980. F'Ottubru 2006, l-Uffiċċju Permanenti ppubblika studju komparattiv[33] li ffoka fuq l-iskemi ta' medjazzjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-1980 għal diskussjoni mill-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġu riveduti l-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal (Ottubru/Novembru 2006).

8 Il-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali tal-2006 affermat mill-ġdid ir-Rakkomandazzjonijiet Nri 1.10 u 1.11 tal-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali tal-2001:

"1.10 L-Istati Kontraenti għandhom jinkoraġġixxu r-ritorn volontarju fejn dan ikun possibbli. Qed jiġi propost li l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom b'mod ġenerali jipprovaw jiksbu ritorn volontarju, kif inhu previst mill-Artikolu 7[(2)](ċ) tal-Konvenzjoni [tal-1980], fejn dan ikun possibbli u xieraq billi jagħtu struzzjonijiet għal dan il-għan lill-aġenti legali involuti, kemm jekk dawn ikunu avukati li jaħdmu għall-Istat kif ukoll jekk ikunu avukati li jaħdmu għal klijenti privati, jew billi jirreferu lill-partijiet għal organizzazzjoni speċjalista li tipprovdi servizz ta' medjazzjoni xieraq. Ir-rwol li għandhom il-qrati f'dan ir-rigward għandu jiġi rrikonoxxut ukoll.

1.11 Il-miżuri użati sabiex tingħata assistenza ħalli jiġi żgurat ir-ritorn volontarju tal-minuri jew sabiex tinkiseb riżoluzzjoni bonarja tal-kwistjonjiet ma għandhiex tirriżulta f'dewmien żejjed fil-proċeduri ta' ritorn" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[34]

9 Rigward il-medjazzjoni stess, il-Kummissjoni Speċjali tal-2006 ikkonkludiet:

"1.3.2 Il-Kummissjoni Speċjali tilqa' l-inizjattivi u l-proġetti ta' medjazzjoni li qed isiru fl-Istati Kontraenti fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980, li ħafna minnhom ġew deskritti fid-Dokument Preliminari Nru 5 [Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili].

1.3.3 Il-Kummissjoni Speċjali tistieden lill-Uffiċċju Permanenti sabiex ikompli jżomm lill-Istati informati bl-iżviluppi li jkunu qed isiru fil-medjazzjoni tat-tilwim transkonfinali dwar il-kuntatt u s-sekwestru. Il-Kummissjoni Speċjali tinnota li l-Uffiċċju Permanenti qed ikompli ħidmitu fuq studju dwar il-fattibbiltà tal-medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari iktar ġenerali,

---

31 *Ibid.*

32 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (mill-31 ta' Marzu sat-2 ta' April 2009) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress" (Ħidma li għaddejja bħalissa) imbagħad "General Affairs" (Affarijiet Ġenerali)), p. 1-2 (Medjazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet familjari [traduzzjoni mhux uffiċjali]).

33 S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11).

34 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tar-Raba' Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġi rivedut il-funzjonament tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri* (mit-22 sat-28 ta' Marzu 2001), April 2001, ripetuti fil-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġu riveduti l-funzjonament tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri* u l-implimentazzjoni fil-prattika tal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal* (mit-30 ta' Ottubru sad-9 ta' Novembru 2006), Novembru 2006, fir-Rakkomandazzjoni Nru 1.3.1; iż-żewġ testi huma disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)

li jinkludi il-possibbiltà li jiġi żviluppat strument dwar is-suġġett, fuq mandat tal-Kummissjoni Speċjali għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali ta' April 2006" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[35]

10 Il-ħidma fuq il-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri bdiet fl-2009. Grupp ta' esperti indipendenti[36] minn Stati Kontraenti differenti ġew mistiedna jagħtu l-assistenza tagħhom fit-tħejjija tal-Gwida. Abbozz tal-Gwida[37] ġie ċċirkolat fost l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980 u fost il-Membri tal-Konferenza tal-Aja qabel il-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal. Il-Kummissjoni Speċjali "[laqgħet] l-abbozz tal-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-1980" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u talbet lill-Uffiċċju Permanenti sabiex "jagħmel reviżjonijiet fil-Gwida fid-dawl tad-diskussjonijiet tal-Kummissjoni Speċjali, fejn jitqies ukoll il-parir tal-esperti" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u sabiex jiċċirkola verżjoni riveduta fost il-Membri u l-Istati Kontraenti għall-konsultazzjonijiet finali.[38] F'Mejju 2012 ġiet iċċirkolata verżjoni riveduta tal-Gwida għal Prattika Tajba għall-aħħar kummenti tal-Membri tal-Konferenza tal-Aja u tal-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980, kummenti li ġew implimentati sussegwentement.

11 Wara Rakkomandazzjoni tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996, li kienet iddiskutiet b'mod pjuttost dettaljat il-problema tal-infurzabbiltà transkonfinali tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni, il-Kunsill tal-2012 ta mandat lill-Konferenza tal-Aja sabiex

> "tistabbilixxi Grupp ta' Esperti ħalli jwettaq iktar riċerka li tesplora r-rikonoxximent u l-infurzar transkonfinali tal-ftehimiet milħuqa matul tilwim internazzjonali dwar minuri, inklużi dawk milħuqa permezz ta' medjazzjoni, fid-dawl tal-implimentazzjoni u tal-użu tal-Konvenzjoni tal-1996" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

fejn indika li

> "[ħ]idma bħal din għandha tinkludi l-identifikazzjoni tan-natura u tal-firxa tal-problemi legali u prattiċi, inklużi l-kwistjonijiet ġurisdizzjonali, u evalwazzjoni tal-benefiċċju ta' strument ġdid, kemm jekk ikun vinkolanti u kemm jekk le, f'dan il-qasam" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[39]

12 Barra minn hekk, għandha tingħibed l-attenzjoni għall-attività tal-Konferenza tal-Aja fil-promozzjoni tal-medjazzjoni u fl-iżvilupp ta' strutturi għall-medjazzjoni f'tilwim familjari transkonfinali, fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta.

13 Il-Proċess ta' Malta, djalogu bejn imħallfin u uffiċjali tal-gvern ta' livell għoli minn ċerti "Stati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja" u minn ċerti "Stati li mhumiex Partijiet għall-Konvenzjoni", li l-liġijiet tagħhom huma bbażati fuq jew ġew influwenzati mil-liġi tax-Xarija, jiffoka fuq it-tiftix ta' soluzzjonijiet għal tilwim transkonfinali dwar il-kustodja, il-kuntatt u s-sekwestru ta' minuri li jkun partikolarment diffiċli minħabba n-nuqqas ta' applikabbiltà tal-oqfsa legali internazzjonali rilevanti. F'Malta saru tliet konferenzi, fl-2004, fl-2006 u fl-2009, sabiex isir progress dwar din il-kwistjoni.

---

35 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*ibid.*).

36 Għal-lista tal-membri tal-grupp ta' esperti indipendenti li taw l-assistenza tagħhom fit-tħejjija tal-Gwida, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 25 iktar 'il fuq .

37 "Draft Guide to Good Practice under the *Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction* – Part V – Mediation" (Abbozz tal-Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri – Parti V - Medjazzjoni), imfassal mill-Uffiċċju Permanenti, Dok. Prel. Nru 5 ta' Mejju 2011 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Ġunju 2011 dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri))

38 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal (mill-1 sal-10 ta' Ġunju 2011) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)), Rakkomandazzjoni Nru 58.

39 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (bejn is-17 u l-20 ta' April 2012) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress" (Ħidma li għaddejja bħalissa) imbagħad "General Affairs" (Affarijiet Ġenerali)), Rakkomandazzjoni Nru 7.

14 Wara rakkomandazzjoni mit-Tielet Konferenza ta' Malta,[40] il-Kunsill tal-2009 ta mandat, fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta, sabiex jiġi stabbilit

> "Grupp ta' Ħidma ħalli jippromwovi l-iżvilupp ta' strutturi għall-medjazzjoni sabiex tingħata għajnuna fir-riżoluzzjoni tat-tilwim familjari transkonfinali dwar il-kustodja jew il-kuntatt ma' minuri. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jinkludi esperti minn għadd ta' Stati involuti fil-Proċess ta' Malta, jiġifieri kemm Stati li huma Partijiet għall-Konvenzjoni tal-1980 dwar is-Sekwestru ta' Minuri kif ukoll Stati li mhumiex Partijiet għal din il-Konvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[41]

15 Il-Grupp ta' Ħidma ġie stabbilit f'Ġunju 2009 u kien jikkonsisti f'għadd żgħir ta' esperti indipendenti tal-medjazzjoni, kif ukoll esperti mill-Awstralja, mill-Kanada, mill-Eġittu, minn Franza, mill-Ġermanja, mill-Indja, mill-Ġordan, mill-Malasja, mill-Marokk, mill-Pakistan, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti tal-Amerika. Din il-lista tinkludi kemm Stati Kontraenti kif ukoll Stati mhux Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri. Il-Grupp ta' Ħidma organizza żewġ konferenzi bit-telefon, fit-30 ta' Lulju u fid-29 ta' Ottubru 2009, kif ukoll laqgħa bl-attendenza personali tal-parteċipanti mill-11 sat-13 ta' Mejju 2010 f'Ottawa (il-Kanada). Żewġ Kwestjonarji, wieħed dwar l-istrutturi eżistenti għall-medjazzjoni u wieħed dwar l-infurzabbiltà tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni, ġew iċċirkolati bi tħejjija għall-konferenzi bit-telefon tal-Grupp ta' Ħidma. It-tweġibiet mogħtija mill-parteċipanti ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Konferenza tal-Aja.[42] Wara t-tieni konferenza bit-telefon, tfassal Abbozz tal-Prinċipji għall-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni (Draft Principles for the establishment of mediation structures). Dan ġie diskuss u rfinat mill-Grupp ta' Ħidma waqt il-laqgħa bl-attendenza personali tal-parteċipanti f'Ottawa. Il-Prinċipji ġew finalizzati fil-ħarifa tal-2010 flimkien ma' Memorandum ta' Spjegazzjoni; iż-żewġ testi huma disponibbli fuq il-websajt tal-Konferenza tal-Aja, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bl-Għarbi.[43]

16 Fil-bidu tal-2011, uħud mill-Istati bdew jimplimentaw il-Prinċipji fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom u għażlu Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[44] F'April 2011, il-Kunsill "laqgħa l-Prinċipji għall-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta [...] u qabel li l-Prinċipji għandhom jiġu ppreżentati biex jiġu diskussi waqt is-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[45] Fl-istess ħin, il-Kunsill ta mandat lill-Grupp ta' Ħidma sabiex ikompli jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-istrutturi għall-medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta.[46]

17 Fil-laqgħa tagħha f'Ġunju 2011, il-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1980 u tal-1996 innotat "l-isforzi li diġà qegħdin isiru f'ċerti Stati sabiex jiġi stabbilit Punt ta' Kuntatt Ċentrali skont il-Prinċipji" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u ħeġġet lill-Istati "sabiex jikkunsidraw l-istabbiliment ta' Punt ta' Kuntatt Ċentrali bħal dan jew il-ħatra tal-Awtorità Ċentrali tagħhom bħala Punt ta' Kuntatt Ċentrali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[47]

---

40 Għal iktar informazzjoni dwar il-Proċess ta' Malta u l-Konferenzi ta' Malta, ara d-Dikjarazzjonijiet ta' Malta (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)); ara wkoll *The Judges' Newsletter on International Child Protection*, Vol. XVI (Rebbiegħa 2010) dwar it-Tielet Konferenza Ġudizzjarja ta' Malta dwar Kwistjonijiet Transkonfinali tal-Liġi tal-Familja (mit-23 sas-26 ta' Marzu 2009) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Publications" (Pubblikazzjonijiet)).

41 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill tal-2009 (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32), p. 2.

42 F'< www.hcch.net >, taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri) imbagħad "Cross-border family mediation" (Medjazzjoni familjari transkonfinali) ("Questionnaire I" (Kwestjonarju I) u "Questionnaire II" (Kwestjonarju II)).

43 "Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta", imfassla mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta bl-assistenza tal-Uffiċċju Permanenti, Novembru 2010 (minn hawn 'il quddiem, il-"Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni"), riprodotti fl-Anness 1 iktar 'l isfel (disponibbli wkoll minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri) imbagħad "Cross-border family mediation" (Medjazzjoni familjari transkonfinali)).

44 Dawn l-Istati jinkludu l-Awstralja, Franza, il-Ġermanja, il-Pakistan u l-Istati Uniti tal-Amerika. Iktar informazzjoni dwar il-Punti ta' Kuntatt Ċentrali hija disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri) imbagħad "Cross-border family mediation" (Medjazzjoni familjari transkonfinali).

45 Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza (mill-5 sas-7 ta' April 2011) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress" (Ħidma li għaddejja bħalissa) imbagħad "General Affairs" (Affarijiet Ġenerali)), Rakkomandazzjoni Nru 8.

46 *Ibid.*

47 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 61.

18 F'laqgħa bl-attendenza personali tal-parteċipanti, li saret fl-Aja fis-16 ta' April 2012, il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta x'passi oħrajn setgħu jittieħdu sabiex jiġu implimentati l-Prinċipji għal stabbiliment effettiv ta' strutturi għall-medjazzjoni f'każijiet ta' tilwim familjari transkonfinali u mbagħad għamel rapport dwar dan lill-Kunsill tal-2012. Il-Kunsill laqa' r-rapport u d-"direzzjoni għall-ħidma futura li ġiet deskritta" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "qabel li l-Grupp ta' Ħidma jkompli bil-ħidma tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-istrutturi għall-medjazzjoni, sakemm jitressaq rapport ieħor dwar il-progress li jkun sar quddiem il-Kunsill fl-2013" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[48]

## B Il-ħidma ta' korpi oħrajn

19 Il-medjazzjoni u mezzi oħrajn għal riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim qed jiġu promossi wkoll minn strumenti u inizjattivi multilaterali oħrajn.

20 Eżempju ta' strument reġjonali li jinkoraġġixxi l-użu tal-medjazzjoni u ta' proċessi simili hija l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-minuri (European Convention on the Exercise of Children's Rights) imfassla mill-Kunsill tal-Ewropa u adottata fil-25 ta' Jannar 1996.[49]

21 Eżempju ieħor huwa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament Brussell IIa").[50]

22 Fl-istess ħin, l-użu dejjem ikbar li qed isir mill-medjazzjoni fid-dritt kummerċjali u ċivili nazzjonali u internazzjonali kien ta' xprun għal diversi inizjattivi internazzjonali u reġjonali sabiex jiġu żviluppati regoli u standards minimi għall-proċess ta' medjazzjoni nnifsu.[51]

23 Fil-21 ta' Jannar 1998, il-Kunsill tal-Ewropea adotta r-Rakkomandazzjoni Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari,[52] fejn ħeġġeġ lill-Istati sabiex jintroduċu u jippromwovu l-medjazzjoni familjari jew isaħħu l-medjazzjoni familjari eżistenti filwaqt li, fl-istess ħin, talab adeżjoni mal-prinċipji sabiex jiġu żgurati l-kwalità tal-medjazzjoni u l-protezzjoni tal-persuni vulnerabbli affettwati. Il-prinċipji jindirizzaw kemm il-medjazzjoni familjari nazzjonali kif ukoll il-medjazzjoni familjari internazzjonali.

---

48 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill tal-2012 (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39), Rakkomandazzjoni Nru 9.

49 Il-Kunsill tal-Ewropa – ETS-Nru 160, disponibbli minn < http://conventions.coe.int/treaty/en/treaties/html/160.htm > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), Artikolu 13 (Il-medjazzjoni jew proċessi oħrajn sabiex jiġi riżolt it-tilwim):

> "Sabiex jiġi pprevenut jew riżolt tilwim jew sabiex jiġu evitati proċeduri quddiem awtorità ġudizzjarja li jaffettwaw lill-minuri, il-Partijiet għandhom jagħtu inkoraġġiment sabiex jiġu pprovduti l-medjazzjoni jew proċessi oħrajn għar-riżoluzzjoni tat-tilwim u sabiex tali proċessi jintużaw ħalli jintlaħaq ftehim f'każijiet idonei li għandhom jiġu ddeterminati mill-Partijiet" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

50 Ara l-premessa 25 tar-Regolament Brussell IIa:

> "L-awtoritajiet ċentrali għandhom jikkoperaw fi kwistjonijiet ġenerali kif ukoll f'każijiet speċifiċi, inklużi wkoll ir-raġunijiet li jiffavurixxu soluzzjoni ta' ħbiberija ta' tilwim familjari, fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri. Għal din il-fini l-awtoritajiet ċentrali għandhom jipparteċipaw fin-Network Ġudizzjarja Ewropea fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [maħluq bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali]."

Ara wkoll l-Artikolu 55(e):

> "L-awtoritajiet ċentrali għandhom, fuq talba minn awtorità ċentrali ta' Stat Membru ieħor jew minn min għandu r-responsabbilità tal-ġenituri, jikkoperaw dwar il-każijiet speċifiċi biex jakkwistaw l-iskopijiet ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, għandhom, jaġixxu direttament jew permezz ta' l-awtoritajiet pubbliċi jew ta' korpi oħra, jieħdu l-passi neċessarji kollha skond il-liġi ta' dak l-Istat Membru fi kwistjonijiet tal-protezzjoni personali tad- data biex: [...] (e) jiffaċilitaw il-ftehim bejn min għandu r-responsabbilità tal-ġenituri permezz ta' medjazzjoni jew mezzi oħra, u jiffaċilitaw il-koperazzjoni bejn il-fruntieri tal-pajjiżi għal dan il-għan."

51 Ħafna minn dawn l-istrumenti reġjonali u internazzjonali jiffokaw fuq riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim fil-qasam kummerċjali, ara pereżempju l-UNCITRAL Model Law on International Commercial Conciliation (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3) u l-UNCITRAL Conciliation Rules (Regoli dwar il-konċiljazzjoni tal-UNCITRAL), adottati fl-1980, disponibbli minn < http://www.uncitral.org/pdf/english/texts/arbitration/conc-rules/conc-rules-e.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

52 Rakkomandazzjoni Nru R (98) 1 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-medjazzjoni familjari, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fil-21 ta' Jannar 1998, disponibbli minn < https://wcd.coe.int/com.instranet.InstraServlet?command=com.instranet.CmdBlobGet&InstranetImage=1153972&SecMode=1&DocId=450792&Usage=2 > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

24 Fit-18 ta' Settembru 2002, il-Kunsill tal-Ewropa adotta r-Rakkomandazzjoni Rec (2002)10 dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili,[53] li għandha kamp ta' applikazzjoni iktar estiż u tiddeskrivi iktar prinċipji importanti għall-promozzjoni tal-medjazzjoni b'mod responsabbli.

25 Fl-2001, in-National Conference of Commissioners of Uniform State Laws (il-Konferenza Nazzjonali tal-Kummissarji għal Liġijiet Statali Uniformi) tal-Istati Uniti tal-Amerika żviluppat il-Uniform Mediation Act, jiġifieri l-Att dwar Medjazzjoni Uniformi[54] bħala mudell ta' liġi sabiex jiġi mħeġġeġ l-użu effettiv tal-medjazzjoni u jiġi żgurat il-privileġġ legali għall-komunikazzjonijiet kollha li jsiru waqt il-medjazzjoni. Sadanittant, diversi stati tal-Istati Uniti diġà implimentaw dawn ir-regoli fil-ġurisdizzjoni tagħhom.[55] Fl-2005, l-American Arbitration Association (Assoċjazzjoni Amerikana tal-Arbitraġġ), is-Section of Dispute Resolution (it-Taqsima tar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim) tal-American Bar Association (Assoċjazzjoni Amerikana tal-Avukati) u l-Association for Conflict Resolution (l-Assoċjazzjoni għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim) adottaw il-"Model Standards of Conduct for Mediators" (Mudell tal-istandards ta' kondotta għall-medjaturi) fejn irrivedew verżjoni preċedenti tal-Istandards tal-1994.[56] Il-Mudell tal-Istandards huwa maħsub sabiex jagħti gwida lill-medjaturi imma jservi wkoll sabiex jinforma lill-partijiet għall-medjazzjoni u jippromwovi l-fiduċja tal-pubbliku fil-medjazzjoni.[57]

26 Bl-assistenza tal-Kummissjoni Ewropea, grupp ta' partijiet interessati żviluppaw il-"Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Medjaturi",[58] li tnieda fit-2 ta' Lulju 2004. Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew stabbilixxa numru ta' prinċipji li medjaturi individwali f'medjazzjoni ċivili u kummerċjali jistgħu jimpenjaw ruħhom volontarjament li josservaw u taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

27 Fil-21 ta' Mejju 2008, Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonkludew id-Direttiva Ewropea dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali.[59] Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva, l-Istati Membri tal-UE kellhom "idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel il-21 ta' Mejju 2011, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 8 [10], li għalih id-data ta' konformità [kienet] sa mhux aktar tard mill- 21 ta' Novembru 2010 [...]".[60] F'dan il-kuntest, għandha tissemma inizjattiva oħra tal-Unjoni Ewropea: wara seminar ministerjali organizzat mill-Presidenza Belġjana tal-Unjoni Ewropea fl-14 ta' Ottubru 2010, ġie stabbilit grupp ta' ħidma dwar il-medjazzjoni familjari f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fi ħdan in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali[61] sabiex jiġu sintetizzati l-inizjattivi u x-xogħlijiet relatati differenti u sabiex jiġu proposti mezzi ħalli jiġi promoss u mtejjeb l-użu tal-medjazzjoni f'dan il-qasam.

53 Rakkomandazzjoni Rec (2002)10 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-18 ta' Settembru 2002, disponibbli minn < https://wcd.coe.int/ViewDoc.jsp?id=306401&Site=CM > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

54 It-test tal-Uniform Mediation Act, jiġifieri l-Att dwar Medjazzjoni Uniformi (minn hawn 'il quddiem, l-"UMA tal-Istati Uniti") fil-verżjoni emendata tiegħu ta' Awwissu 2003 huwa disponibbli mill-websajt tal-Uniform Law Commission (Kummissjoni għal Liġijiet Uniformi) minn < http://www.uniformlaws.org >.

55 Ara l-informazzjoni fuq il-websajt tal-Uniform Law Commission minn < http://www.uniformlaws.org >.

56 It-test tal-Model Standards of Conduct for Mediators, jiġifieri l-Mudell tal-Istandards ta' Kondotta għall-Medjaturi (minn hawn 'il quddiem, l-"Istandards ta' Kondotta tal-Istati Uniti") huwa disponibbli minn < http://www.americanbar.org/content/dam/aba/migrated/2011_build/dispute_resolution/model_standards_conduct_april2007.authcheckdam.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

57 Ara l-Preambolu għall-Istandards ta' Kondotta tal-Istati Uniti, *ibid.*

58 Disponibbli minn < http://ec.europa.eu/civiljustice/adr/adr_ec_code_conduct_mt.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

59 Id-Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5).

60 Dwar il-miżuri meħuda fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex ikun hemm konformità mad-Direttiva, ara l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fi < http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/index_mt.htm > taħt "Medjazzjoni (Direttiva 2008/52/EC) [*sic*]" (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

61 Għal iktar informazzjoni dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali [fl-oqsma ċivili u kummerċjali], ara l-websajt tal-Kummissjoni Ewropea fi < http://ec.europa.eu/civiljustice/index_mt.htm > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

28 Barra minn hekk, diversi arranġamenti bilaterali mfassla sabiex jittrattaw tilwim familjari transkonfinali dwar minuri jippromwovu r-riżoluzzjoni bonarja ta' dan it-tilwim.[62]

## C L-Istruttura tal-Gwida

29 Il-Prinċipji u l-Prattiki Tajba f'din il-Gwida qed jiġu eżaminati fl-ordni li ġej:

- Il-Kapitolu 1 jagħti ħarsa ġenerali lejn il-vantaġġi u r-riskji tal-użu tal-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali.
- Il-Kapitolu 2 jeżamina l-isfidi speċifiċi tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.
- Il-Kapitolu 3 jindirizza l-kwistjoni tal-kwalifiki speċjali meħtieġa sabiex wieħed iwettaq medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.
- Il-Kapitoli 4 sa 13 isegwu l-proċess ta' medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri f'ordni kronoloġiku: minn kwistjonijiet ta' aċċess għal medjazzjoni sal-eżitu tal-medjazzjoni u l-effetti legali tiegħu.
- L-aħħar Kapitoli huma ddedikati għall-użu tal-medjazzjoni sabiex jiġu pprevenuti s-sekwestri tal-minuri (Kapitolu 14), għall-użu ta' mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri (Kapitolu 15) u fl-aħħar nett, għal kwistjonijiet speċjali li jirrigwardaw l-użu tal-medjazzjoni f'każijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni (Kapitolu 16).

## D Il-kuntest – Xi każijiet tipiċi

30 Xi sitwazzjonijiet fattwali tipiċi jistgħu jispjegaw l-utilità tal-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali dwar minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.

a Fil-kuntest ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, il-medjazzjoni bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu tista' tiffaċilita r-ritorn volontarju tal-minuri jew xi eżitu miftiehem ieħor. Il-medjazzjoni tista' anki tikkontribwixxi għal digriet ta' ritorn ibbażat fuq il-kunsens tal-partijiet jew għal xi soluzzjoni oħra quddiem il-qorti.

b Il-medjazzjoni tista' tkun ta' għajnuna anki fejn, f'każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, il-ġenitur imċaħħad minn uliedu, fil-prinċipju, ikun lest li jaqbel ma' rilokazzjoni tal-minuri sakemm id-drittijiet għal kuntatt tiegħu jkunu ggarantiti biżżejjed. Hawnhekk, soluzzjoni miftiehma tista' tevita li l-minuri jiġi rritornat fl-Istat tar-residenza abitwali qabel rilokazzjoni sussegwenti li jista' jkun hemm.

c Matul proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, il-medjazzjoni tista' tintuża sabiex jiġi stabbilit qafas inqas kunflittwali u sabiex tagħmilha iktar faċli li jiġi ffaċilitat il-kuntatt bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri waqt il-proċeduri.[63]

d Wara digriet ta' ritorn, il-medjazzjoni bejn il-ġenituri tista' tassisti fil-faċilitazzjoni ta' ritorn rapidu u sikur tal-minuri.[64]

e Fi stadju ferm bikri ta' tilwima familjari dwar minuri, il-medjazzjoni tista' tkun ta' assistenza sabiex jiġi pprevenut sekwestru. Fejn ir-relazzjoni tal-ġenituri tisfaxxa u wieħed mill-ġenituri jkollu x-xewqa li jitlaq mill-pajjiż mal-minuri, il-medjazzjoni tista' tassisti lill-ġenituri sabiex jikkunsidraw ir-rilokazzjoni u l-alternattivi għaliha, u tgħinhom isibu soluzzjoni miftiehma.[65]

---

62 Ara, pereżempju, l-Artikolu 6 tal-"Agreement between the Government of Australia and the Government of the Arab Republic of Egypt regarding cooperation on protecting the welfare of children" (Ftehim bejn il-Gvern tal-Awstralja u l-Gvern tar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu dwar koperazzjoni għall-protezzjoni tal-benesseri tat-tfal), Il-Kajr, it-22 ta' Ottubru 2000; l-Artikolu 2 tal-"Convention entre le gouvernement de la République française et le gouvernement de la République algérienne démocratique et populaire relative aux enfants issus de couples mixtes séparés franco-algériens" (Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija dwar tfal ta' koppji mħallta Franċiżi u Alġerini separati), Alġeri, il-21 ta' Ġunju 1988; l-Artikolu 2 tal-"Protocole d'accord instituant une commission consultative belgo-marocaine en matière civile" (Memorandum ta' Ftehim li jistabbilixxi kummissjoni konsultattiva Belġjana u Marokkina fil-qasam ċivili)", ir-Rabat, id-29 ta' April 1981; it-testi ta' dawn l-arranġamenti bilaterali kollha huma disponibbli minn < www.incadat.com >, taħt "Legal Instruments" (Strumenti Legali) imbagħad "Bilateral Arrangements" (Arranġamenti Bilaterali).

63 Dan is-suġġett ġie diskuss ukoll fil-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16).

64 Dan is-suġġett ġie diskuss ukoll fil-Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23).

65 Dan is-suġġett ġie diskuss ukoll fil-Gwida għal Prattika Tajba dwar Miżuri Preventivi (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23).

# Il-Gwida

## 1 L-importanza ġenerali li jiġu promossi ftehimiet f'tilwim familjari transkonfinali dwar il-kustodja u l-kuntatt

31 F'bosta pajjiżi qed isir użu dejjem ikbar mill-medjazzjoni u minn proċessi simili li jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim fil-liġi tal-familja. Fl-istess ħin, numru dejjem ikbar ta' Stati qed iħallu iktar awtonomija lill-partijiet fir-riżoluzzjoni tat-tilwim familjari filwaqt li jissalvagwardjaw id-drittijiet ta' partijiet terzi, b'mod partikolari l-minuri.

### 1.1 Il-vantaġġi tas-soluzzjonijiet miftiehma

➔ **Għandhom jittieħdu l-passi kollha xierqa sabiex il-partijiet għal tilwima familjari transkonfinali dwar minuri jiġu mħeġġa jsibu soluzzjoni miftiehma għat-tilwima tagħhom.**

32 Jidher li l-promozzjoni tar-riżoluzzjoni tat-tilwim permezz ta' ftehim hija partikolarment utli f'tilwim familjari dwar minuri, fejn il-partijiet għall-kunflitt ġeneralment ikollhom jikkooperaw kontinwament ma' xulxin. B'hekk, f'tilwima li tinqala' minħabba s-separazzjoni tal-ġenituri, soluzzjoni miftiehma tista' tkun partikolarment utli sabiex tassisi ħalli jiġi żgurat "id-dritt tal-minuri li jżomm, fuq bażi regolari [...] relazzjonijiet personali u kuntatti diretti maż-żewġ ġenituri" [traduzzjoni mhux uffiċjali] kif inhu ggarantit mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC).[66]

33 Is-soluzzjonijiet miftiehma huma iktar sostenibbli għaliex huwa iktar probabbli li l-partijiet josservawhom. Fl-istess ħin, "huma jistabbilixxu qafas inqas kunflittwali għall-eżerċizzju tal-kustodja u tal-kuntatt u b'hekk iqisu iktar l-interessi tal-minuri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[67] Barra minn hekk, jingħad li s-soluzzjonijiet miftiehma huma iktar sodisfaċenti għall-partijiet; kull parti tista' tinfluwenza r-riżultat u tinvolvi ruħha fil-proċess sabiex tinstab soluzzjoni li ż-żewġ partijiet iqisu bħala "ġusta". Jekk it-tilwim jiġi solvut bi ftehim tiġi evitata l-perċezzjoni li r-riżultat kien ir-"rebħa" ta' parti u t-"telfa" tal-parti l-oħra. Min-naħa l-oħra, il-proċeduri tal-qorti dwar kustodja u kuntatt jistgħu jgħarrqu r-relazzjoni bejn il-ġenituri, u minħabba f'hekk huwa iktar probabbli li l-minuri jġarrbu xi dannu psikoloġiku.[68]

34 Fost il-metodi differenti sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma għal tilwim familjari, il-proċess ta' medjazzjoni għandu vantaġġi partikolari; huwa jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-partijiet f'atmosfera informali u jħalli lill-partijiet jiżviluppaw l-istrateġija tagħhom dwar kif għandu jiġi solvut il-kunflitt. Il-medjazzjoni hija proċess strutturat imma flessibbli, li jista' jiġi adattat faċilment għall-ħtiġijiet tal-każ individwali. Fis-sessjonijiet tal-medjazzjoni jistgħu jiġu diskussi kemm kunsiderazzjonijiet legali kif ukoll kunsiderazzjoni mhux legali u hemm il-possibbiltà ta' involviment informali ta' persuni (terzi) li jista' ma jkollhomx *locus standi* fil-każ.[69] Vantaġġ ferm importanti ieħor tal-medjazzjoni huwa li

---

66 *Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Novembru 1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal*, ara l-Artikolu 10(2), test disponibbli minn < http://www2.ohchr.org/english/law/crc.htm > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

67 W. Duncan, "Transfrontier Access/Contact and the Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction – Final Report" (Aċċess/Kuntatt Transkonfinali u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri – Rapport Finali)", Dok. Prel. Nru 5 ta' Lulju 2002 imfassal għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Settembru/Ottubru 2002 (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)), fil-paragrafu 89; ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16), Taqsima 2.1, p. 6.

68 Ara, pereżempju, għall-**Ġermanja,** is-sejbiet tar-rapport evalwattiv li jipparaguna l-medjazzjoni u l-proċeduri legali f'tilwim familjari nazzjonali dwar il-kustodja u l-kuntatt, ikkummissjonat mill-Ministeru Federali Ġermaniż tal-Ġustizzja, imfassal minn R. Greger, "Mediation und Gerichtsverfahren in Sorge- und Umgangsrechtskonflikten", Jannar 2010, p. 118, disponibbli minn < http://www.reinhard-greger.de/ikv3.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

69 Ara N. Alexander (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), p. 48.

jipprovdi lill-partijiet b'mezzi sabiex ikunu jistgħu jiffaċċjaw kunflitti futuri b'mod iktar kostruttiv.[70] Barra minn hekk, peress li l-limitu sabiex wieħed jidħol għal medjazzjoni ġeneralment huwa iktar baxx minn dak sabiex wieħed jibda proċeduri tal-qorti, il-medjazzjoni tista' tkun ta' għajnuna fi stadju bikri ta' kunflitt qabel ma dan ikun jista' jeskala. Il-medjazzjoni tista' tagħti possibbiltà lill-partijiet li jevitaw proċeduri legali kkumplikati. F'tilwim familjari transkonfinali dwar minuri, fejn il-proċeduri legali f'pajjiż wieħed jistgħu jiġu segwiti jew akkumpanjati minn proċeduri legali f'pajjiż ieħor li jkunu jirrigwardaw aspetti differenti tal-istess tilwima, soluzzjoni bbażata fuq ftehim tista' tkun partikolarment vantaġġuża.

35 Dan jindika benefiċċju ieħor li tista' ġġib magħha l-medjazzjoni, jiġifieri l-kosteffikaċja. Il-medjazzjoni tista' toffri mezz biex jiġu evitati proċeduri legali li jqumu ħafna flus – kemm għall-partijiet kif ukoll għall-Istat.[71] Madankollu, peress li l-ispejjeż tal-medjazzjoni jvarjaw b'mod konsiderevoli minn ġurisdizzjoni għall-oħra u, peress li xi ġurisdizzjonijiet jistgħu joffru għajnuna legali għall-proċeduri ġudizzjarji imma mhux għall-medjazzjoni, ma jistax jingħad li l-medjazzjoni f'kull każ se tqum lill-partijiet inqas flus minn proċeduri legali. Imma meta jiġu pparagunati l-ispejjeż fil-każ invididwali, għandha tiġi kkunsidrata i-possibiltà li l-medjazzjoni x'aktarx se twassal għal soluzzjoni sostenibbli, u għalhekk huwa probabbli li tevita l-possibiltà ta' proċeduri legali bejn l-istess partijiet fil-ġejjieni. Min-naħa l-oħra, l-ispejjeż li jkunu meħtieġa sabiex il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir vinkolanti u infurzabbli fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet ikkonċernati – proċess li jista' jeżiġi l-involviment tal-awtoritajiet ġudizzjarji – għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-ispejjeż tal-medjazzjoni.[72]

36 Eżempju jista' jispjega wkoll mill-vantaġġi li tista' toffri medjazzjoni f'każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri:

- *Fl-2005, M u O, miżżewġin u t-tnejn li huma ċittadini tal-Istat A, jitilqu mill-Istat A biex imorru jgħixu fl-Istat Ż ma' binthom ta' sentejn, li għandhom il-kustodja konġunta tagħha skont il-liġijiet kemm tal-Istat A kif ukoll tal-Istat Ż. Ir-raġuni għar-rilokazzjoni tagħhom hija l-impjieg tal-missier (M) ma' ditta fl-Istat Ż. Fis-snin ta' wara, il-familja tidra l-ħajja fl-Istat Ż, għalkemm l-omm (O) issibha diffiċli sabiex tadatta ruħha għall-ambjent il-ġdid minħabba differenzi lingwistiċi u kulturali. Peress li l-Istat A jinsab diversi eluf ta' kilometri 'l bogħod, iż-żjarat lill-familja huma rari; għaldqstant in-nanniet materni jagħmlu pressjoni fuq O sabiex tirritorna fl-Istat A. Wara xi problemi fir-relazzjoni ta' O u M, fl-2010 O fl-aħħar tiddeċiedi li tmur lura fl-Istat A. Bil-moħbi, hija tagħmel xi tħejjijiet u wara l-btajjel tal-Milied tal-2010, li tqattagħhom fid-dar tal-ġenituri tagħhom fl-Istat A flimkien ma' bintha, hija tinforma lis-sieħeb tagħha li hija u t-tifla mhumiex se jirritornaw fl-Istat Ż. M jibqa' xxukkjat u, billi sar jaf bil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri li hija fis-seħħ bejn l-Istat A u l-Istat Ż, huwa jressaq talba għal ritorn u fl-Istat A jingħata bidu għall-proċeduri ta' ritorn. Fl-istess ħin, M iressaq talba quddiem il-qrati tal-Istat Ż għall-kustodja esklużiva provviżorja ta' bintu.*

  *F'każ bħal dan, minbarra l-vantaġġi evidenti ta' soluzzjoni miftiehma sabiex il-minuri jkun jista' jżomm relazzjonijiet personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, riżoluzzjoni bonarja tista' tgħin lill-partijiet sabiex jevitaw riżoluzzjoni ġudizzjarja kkumplikata u twila għat-tilwima fil-qrati taż-żewġ Stati kkonċernati, jiġifieri (1) proċeduri ta' ritorn fl-Istat A, li, jekk ma tapplika l-ebda eċċezzjoni ristretta għar-ritorn, għandhom iwasslu għal ritorn rapidu tal-minuri fl-Istat Ż, (2) il-proċeduri għal kustodja li għaddejjin fl-Istat Ż, li jistgħu jiġu segwiti minn (3) proċeduri għal rilokazzjoni mill-Istat Ż għall-Istat A mibdija mill-omm. Ir-riżoluzzjoni ġudizzjarja twila tat-tilwima bejn il-ġenituri mhux biss se tnaqqas ir-riżorsi finanzjarji tal-partijiet imma bil-wisq probabbli se tkabbar il-kunflitt bejn il-ġenituri. Barra minn hekk, jekk il-proċeduri ta' ritorn fl-Istat A jintemmu b'rifjut għar-ritorn, huwa probabbli li jsegwu proċeduri oħrajn (jiġifieri proċeduri għal kustodja u kuntatt) jekk il-kunflitt bejn il-ġenituri ma jiġix solvut. Jekk il-ġenituri jirnexxielhom isibu soluzzjoni miftiehma, huma jistgħu jkomplu b'ħajjithom u jibdew jaħsbu kif jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet ta' ġenituri tagħhom b'mod amikevoli.*

  *Il-medjazzjoni hija flessibbli u tista' tiġi adattata għall-ħtiġijiet tal-każ speċifiku. Pereżempju, il-proċess ta' medjazzjoni jista', jekk iż-żewġ partijiet jaqblu u jekk dan jitqies xieraq u fattibbli, jinkludi*

70 Ara wkoll K.J. Hopt u F. Steffek (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2), p. 10.

71 Ara, pereżempju, għall-**Ġermanja,** is-sejbiet tar-rapport evalwattiv li jipparaguna l-medjazzjoni u l-proċeduri legali f'tilwim familjari nazzjonali dwar il-kustodja u l-kuntatt,f'R. Greger (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 68), p. 115; ara wkoll, għar-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales)** ir-rapport tan-National Audit Office, "Legal aid and mediation for people involved in family breakdown" (L-għajnuna legali u l-medjazzjoni għal persuni li l-familja tagħha tkun qed tisfaxxa), Marzu 2007, p. 8 u 10, disponibbli minn < http://www.nao.org.uk/publications/0607/legal_aid_for_family_breakdown.aspx > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

72 Dwar l-ispejjeż tal-medjazzjoni, ara wkoll it-Taqsima 4.3.

*diskussjonijiet man-nanniet materni, li kieku ma jkollhomx locus standi fil-proċeduri ġudizzjarji*[73] *għall-kunflitt imma li għandhom influwenza kbira fuq waħda mill-partijiet. L-appoġġ tagħhom għar-riżoluzzjoni tal-kunflitt, jekk jiġi żgurat, jista' jagħmel is-soluzzjoni iktar sostenibbli. Il-medjazzjoni tista' wkoll tkun vantaġġuża fuq il-livell organizzattiv, peress li tista' tiġi organizzata b'mod transkonfinali bis-sessjonijiet tal-medjazzjoni jsiru, pereżempju, permezz ta' vidjow-link jekk il-parteċipazzjoni personali tal-partijiet f'laqgħa ma tkunx fattibbli.* ■

### 1.2 Limiti, riskji u salvagwardji

**➔ Għandu jkun hemm stabbiliti salvagwardji u garanziji sabiex ma jitħalliex li involviment f'medjazzjoni jwassal għal xi żvantaġġ għal kwalunkwe waħda mill-partijiet.**

37 Il-limiti u r-riskji li jistgħu jkunu konnessi ma' soluzzjonijiet miftiehma miksuba waqt medjazzjoni jew permezz ta' mekkaniżmi simili ta' riżoluzzjoni tat-tilwim normalment ma għandhomx jitqiesu bħala raġuni sabiex jiġi evitat l-użu ta' dawn il-mezzi kollha, imma għandhom iwasslu għal għarfien li jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti salvagwardji meħtieġa.

38 Mhux il-kunflitti familjari kollha jistgħu jiġu solvuti b'mod bonarju. Dan huwa evidenti, imma ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed. Uħud mill-każijiet jeħtieġu l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja. Dan jista' jkun relatat man-natura tal-kunflitt, mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-partijiet jew maċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, kif ukoll ma' rekwiżiti legali partikolari. Il-partijiet li jkollhom bżonn ta' deċiżjoni ġudizzjarja ma għandhomx jiġu mċaħħda minn aċċess għall-ġustizzja. Jista' jintilef żmien prezzjuż b'tentattivi ta' medjazzjoni f'każijiet fejn jidher ċar li parti ma jkollhiex ħajra li tiġi involuta fil-proċess ta' medjazzjoni jew f'każijiet li minħabba xi raġuni oħra ma jkunux idonei għal medjazzjoni.[74]

39 Anki fejn iż-żewġ partijiet jaqblu li jipprovaw bil-medjazzjoni, għandha tingħata attenzjoni lil ċirkustanzi speċifiċi bħall-possibbiltà ta' indikazzjonijiet ta' vjolenza domestika.[75] Il-fatt stess ta' laqgħa konġunta bejn il-partijiet matul sessjoni tal-medjazzjoni tista' tqiegħed f'riskju l-integrità fiżika jew psikoloġika ta' waħda mill-partijiet, u anki dik tal-medjatur. Barra minn hekk, għandu jitqies ukoll li jekk hemm il-possibbiltà li waħda mill-partijiet tabbuża mid-droga jew mill-alkoħol dan jista' jwassal biex dik il-persuna ma tkunx kapaċi tipproteġi l-interessi tagħha.

40 Il-valutazzjoni tal-każijiet għal idoneità għall-medjazzjoni hija għodda essenzjali sabiex jiġu identifikati l-każijiet b'riskju speċjali.[76] Il-każijiet potenzjali għall-medjazzjoni għandhom jiġu skrinjati għall-preżenza ta' vjolenza domestika, ta' abbuż mid-droga u mill-alkoħol, kif ukoll ta' ċirkustanzi oħrajn li jistgħu jaffettwaw l-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni. Fejn il-medjazzjoni f'każ ta' vjolenza domestika xorta titqies fattibbli,[77] għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi protetta s-sigurtà tal-persuni involuti. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni lid-differenzi fis-setgħa ta' negozjar, kemm minħabba vjolenza domestika jew ċirkustanzi oħrajn kif ukoll sempliċement minħabba l-personalitajiet tal-partijiet.

41 Jista' wkoll ikun hemm riskju li s-soluzzjoni miftiehma ma jkollhiex effett legali u b'hekk tista' ma tissalvagwardjax id-drittijiet tal-partijiet f'każ ta' iktar tilwim. Jista' jkun hemm diversi raġunijiet għal dan. Il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jew parti minnu jista' jmur kontra l-liġi applikabbli jew ma jkunx legalment vinkolanti u infurzabbli minħabba li l-ftehim ma jkunx ġie rreġistrat, ma jkunx ġie approvat minn qorti u/jew ma jkunx ġie inkluż f'digriet tal-qorti fejn dan ikun meħtieġ. F'dan il-kuntest għandu jiġi enfasizzat li diversi ġurisdizzjonijiet jirrestrinġu l-awtonomija tal-partijiet fejn għandhom x'jaqsmu ċerti aspetti tal-liġi tal-familja.[78] Pereżempju, f'xi sistemi l-ftehimiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jista' ma jkollhom l-ebda effett legali jekk ma jiġux approvati min qorti. Barra minn hekk, bosta sistemi legali jirrestrinġu l-ħila ta' ġenitur li jillimita bi ftehim l-ammont ta' manteniment li għandu jħallas għall-minuri.

---

73 F'xi Stati, in-nanniet jista' jkollhom dritt għal kuntatt huma wkoll u b'hekk jistgħu jkunu parti għal proċeduri ġudizzjarji dwar il-minuri.
74 Il-kwistjoni tal-valutazzjoni tal-idoneità għall-medjazzjoni ġiet ittrattata b'mod dettaljat fit-Taqsima 4.2 iktar 'l isfel.
75 Ara l-Kapitolu 10 dwar is-suġġett tal-vjolenza domestika.
76 Ara t-Taqsima 4.2 iktar 'l isfel għal iktar dettalji.
77 Ara l-Kapitolu 10 dwar is-suġġett tal-vjolenza domestika.
78 Ara l-Kapitolu 12 għal iktar dettalji.

42 Is-sitwazzjoni legali tat-tilwim familjari transkonfinali, b'mod speċjali, hija waħda kumplessa minħabba li għandha titqies l-interazzjoni ta' żewġ sistemi legali jew iktar. Huwa importanti li l-ġenituri jkunu informati sew dwar il-liġi applikabbli għas-suġġetti ttrattati fil-medjazzjoni kif ukoll dwar il-liġi applikabbli għall-proċess ta' medjazzjoni nnifsu, inkluża l-kunfidenzjalità, u dwar kif għandu jingħata effett legali lill-ftehimiet tagħhom fiż-żewġ sistemi legali (fis-sistemi legali kollha) ikkonċernati.[79]

43 Xi riskji li jista' jkun hemm meta jitfasslu ftehimiet mingħajr ma jitqiesu l-aspetti kollha meħtieġa tas-sitwazzjoni legali qed jiġu spjegati bil-varjazzjonijiet segwenti tal-eżempju mogħti iktar 'il fuq fil-paragrafu 36.

VARJAZZJONI 1

*Wara r-rimozzjoni illeċita tat-tifla mill-Istat Ż għall-Istat A mill-omm (O), il-ġenituri jaqblu li O se tirritorna fl-Istat Ż mat-tifla bil-kundizzjoni li l-missier (M) se jipprovdi, sakemm jiġu ffinalizzati l-proċeduri għal kustodja fl-Istat Ż, il-manteniment meħtieġ sabiex l-omm tkun tista' tibqa' fl-Istat Ż mat-tifla, u tkun tista' tkompli toqgħod fid-dar tal-familja, filwaqt li M wiegħedha li jmur joqgħod x'imkien ieħor sabiex jiġi evitat iktar tilwim. Sussegwentment, O fuq il-bażi tal-ftehim, tirritorna fl-Istat Ż mat-tifla, imma M jirrifjuta li jitlaq mid-dar tal-familja u li jsostni finanzjarjament lil O. Minħabba li l-ftehim bejn il-ġenituri la sar infurzabbli fl-Istat A u lanqas fl-Istat Ż qabel ma ġie implimentat, u billi l-ebda Stat ma jqis li ftehim bejn il-ġenituri bħal dan għandu xi effett legali mingħajr l-approvazzjoni tal-qorti, ġenitur minnhom jista' faċilment imur lura fuq kelmtu b'detriment tal-ġenitur l-ieħor.*

VARJAZZJONI 2

*Wara r-rimozzjoni illeċita tat-tifla mill-Istat Ż għall-Istat A mill-omm (O), il-ġenituri jaqblu li t-tifla se tibqa' ma' O fl-Istat A u li kull sena se tqatta' parti mill-btajjel tal-iskola mal-missier (M) fl-Istat Ż. Tliet xhur wara d-data tar-rimozzjoni illeċita, it-tifla tivvjaġġa lejn l-Istat Ż sabiex tqatta' l-btajjel tal-Għid ma' M. Meta l-btajjel ġew fi tmiemhom, O jirrifjuta li jibgħat lit-tifla lura fl-Istat A. Huwa jsostni li mhuwiex qed iżomm lit-tifla b'mod illeċitu peress li t-tifla issa reġgħet lura fir-residenza abitwali tagħha, minn fejn tbiegħdet biss minħabba r-rimozzjoni illeċita minn O. M jirreferi wkoll għad-digriet ta' kustodja esklużiva provviżorja li l-qorti kompetenti fl-Istat Ż ħarġet favur tiegħu immedjatament wara r-rimozzjoni illeċita minn O. Għal darba oħra, f'każijiet fejn is-soluzzjoni milħuqa permezz ta' medjazzjoni ma ssirx legalment vinkolanti fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti qabel ma tiġi implimentata fil-prattika, wieħed mill-ġenituri jista' faċilment jinjoraha.*

VARJAZZJONI 3

*It-tifla titneħħa illegalment mill-Istat Ż u tittieħed fl-Istat terz T fejn l-omm (O) tixtieq tirriloka minħabba raġunijiet ta' xogħol. Filwaqt li l-missier, mhux miżżewweġ u mċaħħad minn bintu (M) għandu drittijiet ta' kustodja ex lege skont il-liġijiet tal-Istat A u tal-Istat Ż, huwa ma għandux drittijiet ta' kustodja skont il-liġijiet tal-Istat T. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal mhijiex fis-seħħ bejn dawn l-Istati. Peress li ma kienx jaf b'din is-sitwazzjoni, M jagħti l-kunsens tiegħu għar-rilokazzjoni tal-omm u tal-bint fl-Istat T bil-kundizzjoni li huwa jista' jkollu kuntatt personali regolari mat-tifla. Il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, imfassal mingħajr ma tqieset is-sitwazzjoni legali, ma ġiex irreġistrat jew ifformalizzat b'xi mod ieħor; skont il-liġi tal-Istat Ż jew tal-Istat il-ftehim ma għandux effett legali. Sena wara, O tisfratta l-kuntatt bejn il-missier u l-bint. Skont il-liġi tal-Istat T, li f'dan il-każ, issa hija applikabbli għad-drittijiet ta' kustodja u għal kuntatt minħabba l-bidla fir-residenza abitwali tal-minuri, il-missier mhux miżżewweġ ma għandu l-ebda dritt bħala ġenitur fir-rigward ta' bintu.*[80]

79 Ara t-Taqsima 6.1.7 dwar teħid ta' deċiżjonijiet informati u l-Kapitoli 12 u 13 iktar 'l isfel.

80 Jekk bejn l-Istat T u l-Istat Ż tkun fis-seħħ il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal, ir-responsabbiltà ta' ġenitur *ex lege* tal-missier tibqa' tissusisti; ara l-Artikolu 16(3) tal-Konvenzjoni. Ara wkoll P. Lagarde, Explanatory Report on the 1996 Hague Child Protection Convention (Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal), fi *Proceedings of the Eighteenth Session (1996)*, Tome II, *Protection of children*, L-Aja, SDU, 1998, p. 535-605, f'p. 579 u 581 (disponibbli wkoll minn < www.hcch.net > taħt "Publications" (Pubblikazzjonijiet)).

44 Kwistjoni diffiċli oħra fil-medjazzjoni ta' tilwim familjari internazzjonali dwar il-kustodja u l-kuntatt hija dik dwar x'inhu l-aħjar mod biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tal-minuri kkonċernati. F'deċiżjoni dwar kuntatt jew kustodja, il-qorti – skont il-liġi tal-parti l-kbira tal-pajjiżi – se tqis l-aħjar interessi tal-minuri u f'bosta ġurisdizzjonijiet leħen il-minuri, jekk ikun kbir u matur biżżejjed, jinstema' jew direttament jew indirettament f'dan il-kuntest. Il-medjazzjoni tvarja sostanzjalment mill-proċeduri tal-qorti fejn għandha x'taqsam l-introduzzjoni tal-fehmiet tal-minuri fil-proċess. Jiddependi mill-età u mill-maturità tal-minuri, imħallef jista' jisma' lill-minuri personalment jew iqabbad lil speċjalista jkellem lill-minuri fejn jiġu stabbiliti miżuri ta' salvagwardja xierqa sabiex jipproteġu l-integrità psikoloġika tal-minuri. B'hekk, il-fehmiet tal-minuri jistgħu jitqiesu direttament mill-imħallef. Is-setgħat proċedurali ta' medjatur, min-naħa l-oħra, huma limitati. Huwa ma għandu l-ebda setgħa ta' interrogazzjoni u ma jistax, kif jistgħu jagħmlu l-imħallfin f'xi pajjiżi, iħarrek lill-minuri biex jitla' l-qorti jew jordna li espert ikellem lill-minuri.[81] Waqt medjazzjoni, għandhom jittieħdu miżuri ta' salvagwardja sabiex id-drittijiet u l-benesseri tal-minuri jiġu protetti.[82]

### 1.3 L-importanza ġenerali ta' konnessjoni mal-proċeduri legali rilevanti

- ➔ **Il-medjazzjoni u proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma għal tilwim familjari ġeneralment għandhom jitqiesu bħala mezzi li jikkomplementaw il-proċeduri legali u mhux bħala mezzi li jissostitwuhom.**
- ➔ **L-aċċess għall-proċeduri ġudizzjarji ma għandux jiġi ristrett.**
- ➔ **Il-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali għandha tqis il-liġijiet nazzjonali u internazzjonali rilevanti, sabiex twitti t-triq għal ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni li jkun kompatibbli mal-liġijiet rilevanti.**
- ➔ **Għandhom ikunu disponibbli proċeduri legali li jagħtu effett legali lill-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni.**

45 Għandu jiġi nnotat li l-medjazzjoni u proċessi simili li jiffaċilitaw soluzzjonijiet miftiehma ma għandhomx jitqiesu bħala mezzi li jissostitwixxu għalkollox il-proċeduri ġudizzjarji imma bħala mezzi li jikkomplementawhom.[83] Konnessjoni mill-qrib bejn dawn il-proċessi tista' tagħti l-frott b'ħafna modi u fl-istess ħin tista' tgħin sabiex jiġu megħluba ċerti nuqqasijiet li jeżistu kemm fil-proċeduri ġudizzjarji kif ukoll fil-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim, bħall-medjazzjoni.[84] Għandu jiġi enfasizzat li anki fejn il-medjazzjoni u proċessi simili introdotti f'fażi bikrija ta' tilwima familjari internazzjonali jistgħu jevitaw kawża l-qorti, ta' spiss ikunu meħtieġa "proċeduri ġudizzjarji" komplementari sabiex is-soluzzjoni miftiehma ssir legalment vinkolanti u infurzabbli fis-sistemi legali kollha kkonċernati.[85]

46 Fejn lill-partijiet għal tilwima internazzjonali familjari tiġi offruta l-medjazzjoni, dawn għandhom jiġu informati li l-medjazzjoni mhuwiex l-uniku rimedju li għandhom. L-aċċess għall-proċeduri ġudizzjarji għandu jkun disponibbli.[86]

---

81 Ara wkoll it-taqsima tat-Terminoloġija iktar 'il fuq, "Medjazzjoni".

82 Ara t-Taqsima 6.1.6 dwar il-kunsiderazzjoni tal-interessi u tal-benesseri tal-minuri fil-medjazzjoni, u l-Kapitolu 7 dwar l-involviment tal-minuri.

83 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec (2002)10 dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53), il-Preambolu: "Filwaqt li nnota li għalkemm il-medjazzjoni tista' tgħin sabiex jitnaqqsu l-kunflitti u l-ammont ta' xogħol li għandhom il-qrati, hija ma tistax tissostitwixxi sistema ġudizzjarja effiċjenti, ġusta u faċilment aċċessibbli" [traduzzjoni mhux uffiċjali]; u l-Prinċipju III, 5 (L-organizzazzjoni tal-medjazzjoni): "Anki jekk il-partijiet jagħmlu użu mill-medjazzjoni, l-aċċess għall-qorti għandu jkun disponibbli, peress li jikkostitwixxi l-garanzija aħħarija ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

84 Għandu jingħad ukoll li jekk f'każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri se jintużaw mezzi għar-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim, il-konnessjoni mill-qrib mal-proċeduri ġudizzjarji mhux biss tagħti l-frott imma hija kważi inevitabbli, ara iktar 'l isfel, b'mod partikolari fit-Taqsima 2.2.

85 Il-proċessi meħtieġa sabiex ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir legalment vinkolanti u infurzabbli jvarjaw minn sistema legali għall-oħra. Għal iktar dettalji dwar dan is-suġġett, ara l-Kapitoli 12 u 13 iktar 'l isfel.

86 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec (2002)10 dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53), il-Prinċipju III, 5 (L-organizzazzjoni tal-medjazzjoni): "Anki jekk il-partijiet jagħmlu użu mill-medjazzjoni, l-aċċess għall-qorti għandu jkun disponibbli, peress li jikkostitwixxi l-garanzija aħħarija ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 5.1, p. 17.

47 Is-sitwazzjoni legali f'tilwim familjari internazzjonali ta' spiss tkun waħda kumplessa. Huwa importanti li l-partijiet ikollhom aċċess għall-informazzjoni legali rilevanti.[87]

48 F'tilwim familjari internazzjonali, huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li l-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jkollu effett legali fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti, qabel ma l-ftehim jibda jiġi implimentat.[88] Għandhom ikunu disponibbli proċeduri xierqa li jagħtu effett legali lill-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni, kemm jekk b'approvazzjoni ta' qorti, b'reġistrazzjoni ma' qorti jew b'xi proċedura oħra.[89] Għal darba oħra, kooperazzjoni mill-qrib bejn il-medjaturi u r-rappreżentanti legali tal-partijiet tista' tkun ta' għajnuna kbira f'dan ir-rigward, l-istess kif jista' jkun utli l-għoti ta' informazzjoni rilevanti mill-Awtoritajiet Ċentrali jew mill-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[90]

## 2 L-użu tal-medjazzjoni fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri – Ħarsa ġenerali lejn l-isfidi speċifiċi

49 Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tippromwovi tiftixa għal soluzzjonijiet bonarji. L-Artikolu 7 jiddikjara li l-Awtoritajiet Ċentrali "għandhom jieħdu il-miżuri kollha idoneji biex […] (ċ) jiksbu r-ritorn volontarju tal-minuri jew iwasslu għal soluzzjoni amikevoli tal-kwistjonijiet", dispożizzjoni li hija parzjalment ripetuta fl-Artikolu 10: "L-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat fejn ikun jinsab il-minuri għandha tieħu jew iġġiegħel li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinkiseb ir-ritorn volontarju tal-minuri".

50 Il-Kapitolu 2 ta' din il-Gwida għandu l-għan li jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi speċifiċi tal-użu tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.

51 Ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed li l-medjazzjoni familjari nazzjonali hija differenti mill-medjazzjoni familjari internazzjonali. Il-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali hija ferm iktar kumplessa u titlob li l-medjaturi jkollhom taħriġ addizzjonali rilevanti. L-interazzjoni ta' żewġ sistemi legali, ta' żewġ kulturi u ta' żewġ lingwi differenti tagħmel il-medjazzjoni ferm iktar diffiċli f'każijiet bħal dawn. Fl-istess ħin, ir-riskji li jkun hemm meta l-partijiet jistrieħu fuq ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni li ma jqisux is-sitwazzjoni legali u ma jkollhom l-ebda effett fil-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati huma ferm ikbar. Il-partijiet jistgħu ma jkunux jafu li l-moviment transkonfinali ta' persuni jew ta' merkanzija, li huma qablu miegħu, se jwassal għal bidla fis-sitwazzjoni legali tagħhom. Fejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet ta' kustodja jew għal kuntatt, pereżempju, ir-residenza abitwali ġeneralment tintuża bħala "fattur ta' konessjoni" fid-dritt internazzjonali privat. B'hekk, il-bidla fir-residenza abitwali tal-minuri minn pajjiż għall-ieħor wara l-implimentazzjoni ta' ftehim bejn il-ġenituri tista' taffettwa l-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli rigward il-kustodja u l-kuntatt, u b'hekk tista' taffettwa l-evalwazzjoni legali tad-drittijiet u tal-obbligi tal-partijiet.[91]

---

87 Ara t-Taqsima 6.1.7 u l-Kapitoli 12 u 13 iktar 'l isfel; għar-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali u ta' korpi oħrajn sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' din l-informazzjoni, kif ukoll dwar ir-rwol tar-rappreżentanti tal-partijiet, ara t-Taqsima 4.1 iktar 'l isfel.

88 Ara wkoll il-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fl-Anness 1 iktar 'l isfel; ara l-Kapitoli 11, 12 u 13 iktar 'l isfel.

89 Ara wkoll id-Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5), Artikolu 6 (L-inforzabbiltà ta' ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni):

> "1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun possibbli għall-partijiet, jew għal wieħed minnhom bil-kunsens espliċitu ta<sp>l-oħrajn, biex jitolbu li l-kontenut ta' ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni isir inforzabbli. Il-kontenut ta' tali ftehim għandu jsir inforzabbli sakemm, fil-każ in kwistjoni, il-kontenut ta' dak il-ftehim ma jkunx kuntrarju għal-liġi ta' l-Istat Membru fejn issir it-talba jew il-liġi ta' dak l-Istat Membru ma tipprovdix għall-inforzabbiltà tiegħu.
> 2. Il-kontenut tal-ftehim jista' jsir inforzabbli minn qorti jew awtorità kompetenti oħra f'sentenza jew deċiżjoni, jew permezz ta' strument awtentiku skond il-liġi ta' l-Istat Membru fejn issir it-talba.
> 3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-qrati jew l-awtoritajiet oħra kompetenti biex jirċievu talbiet skond il-paragrafi 1 u 2.
> 4. Xejn f'dan l-Artikolu m'għandu jinċidi fuq ir-regoli applikabbli għar-rikonoxximent u l-infurzar fi Stat Membru ieħor ta' ftehim li sar inforzabbli skond il-paragrafu 1."

90 Dwar ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali u ta' korpi oħrajn sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' din l-informazzjoni, kif ukoll dwar ir-rwol tar-rappreżentanti tal-partijiet, ara t-Taqsima 4.1 iktar 'l isfel.

91 Ara l-Kapitoli 12 u 13 iktar 'l isfel.

52 Il-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri ġeneralment huma kkaratterizzati minn livelli kbar ta' tensjoni bejn il-partijiet. Il-ġenitur imċaħħad minn uliedu, ta' spiss taħt xokk minħabba t-telfa għall-għarrieda tiegħu, jista' jiġi xprunat mill-biża' li qatt mhuwa se jerġa' jara lil uliedu filwaqt li l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu, malli jirrealizza x'inhuma l-konsegwenzi kollha tal-azzjoni tiegħu, jista' jkun qed jibża' minn proċeduri legali, minn ritorn sfurzat u mill-possibbiltà ta' impatt negattiv fuq il-proċeduri għal kustodja. Minbarra d-diffikultajiet prattiċi ta' kif il-ġenituri jistgħu jiġu involuti fi proċess ta' medjazzjoni kostruttiv, hemm il-ħtieġa imperattiva ta' azzjoni rapida. Jistgħu jinqalgħu diffikultajiet oħra minħabba proċeduri kriminali mressqa kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-minuri kif ukoll minħabba kwistjonijiet ta' viżi u ta' immigrazzjoni.

## 2.1 Perjodi ta' żmien/Proċeduri rapidi

- ➔ **L-iżvolġiment tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandu jkun wieħed rapidu.**
- ➔ **Il-medjazzjoni ma għandhiex twassal għal dewmien fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja.**
- ➔ **Il-partijiet għandhom jiġu informati bid-disponibbiltà tal-medjazzjoni mill-iktar fis possibbli.**
- ➔ **L-idoneità tal-medjazzjoni għandha tiġi vvalutata każ każ.**
- ➔ **Is-servizzi ta' medjazzjoni użati fil-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandhom jipprovdu għal skedar tas-sessjonijiet tal-medjazzjoni f'qasir żmien.**
- ➔ **Il-possibbiltà li l-proċeduri ta' ritorn jinbdew qabel ma tinbeda l-medjazzjoni għandha tiġi kkunsidrata.**

53 Iż-żmien huwa kruċjali fil-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tipprova tiżgura r-ritorn immedjat tal-minuri fl-Istat tar-residenza abitwali tiegħu.[92] Huwa l-iskop tal-Konvenzjoni tal-1980 li terġa' tistabbilixxi l-istatus quo ante s-sekwestru mill-iktar fis possibbli sabiex tnaqqas l-effetti dannużi għall-minuri ta' rimozzjoni jew ta' ritenzjoni illeċita. Il-Konvenzjoni tal-1980 tipproteġi l-interessi tal-minuri billi ma tħallix li ġenitur jikseb xi vantaġġ billi jistabbilixxi "konnessjonijiet ġurisdizzjonali artifiċjali fuq livell internazzjonali, sabiex jikseb il-kustodja [(esklużiva)] ta' minuri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[93]

54 Għandu jiġi enfasizzat li f'każijiet ta' sekwestru, iż-żmien jiffavorrixxi lill-"ġenitur li ssekwestra lil uliedu"; iktar ma l-minuri jibqa' fil-pajjiż tas-sekwestru mingħajr ma tiġi riżolta t-tilwima familjari sottostanti, iktar ikun diffiċli li terġa' tiġi stabbilita r-relazzjoni bejn il-minuri u l-ġenitur imċaħħad minn uliedu. Id-dewmien jista' jaffettwa d-drittijiet tal-ġenitur imċaħħad minn uliedu, imma iktar importanti minn hekk, hija timmina d-dritt tal-minuri kkonċernat li jżomm kuntatt kontinwu maż-żewġ ġenituri, dritt inkluż fl-UNCRC.[94]

55 Meta l-proċeduri ta' ritorn fil-qorti jinbdew iktar minn sena wara s-sekwestru, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tagħti marġni diskrezzjonali lill-qorti li tirrifjuta r-ritorn, sakemm jiġi ppruvat li l-minuri ikun adatta ruħu fl-ambjent ġdid tiegħu (Artikolu 12(2)).

56 Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri għandha titwettaq b'mod rapidu jkun xi jkun l-istadju meta tiġi introdotta. L-elużjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri b'detriment tal-minuri kkonċernati hija waħda mill-problemi prinċipali li kontra tagħha għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' salvagwardja fl-użu tal-medjazzjoni.[95] Għalkemm huwa fl-interess ta' kulħadd li jsiru tentattivi sabiex tinkiseb riżoluzzjoni bonarja ta' kunflitt familjari internazzjonali, irid jiġi pprevenut li wieħed mill-ġenituri jagħmel użu ħażin mill-medjazzjoni bħala tattika ta' dewmien.

57 Fdati b'talba għal ritorn, l-Awtoritajiet Ċentrali, skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, malli jsir magħruf fejn jinsab il-minuri, ġeneralment se jipprovaw jiksbu r-ritorn volontarju tal-minuri (Artikoli 7(2)(ċ) u 10). F'dan l-istadju ferm bikri, fejn ikunu disponibbli servizzi idonei għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri, il-medjazzjoni suppost li diġà tkun ġiet issuġġerita. Ara wkoll il-Kapitolu 4 iktar 'l isfel ("L-aċċess għall-medjazzjoni").

---

92 Ara l-Preambolu tal-Konvenzjoni tal-1980.

93 Ara E. Pérez-Vera, Explanatory Report on the 1980 Hague Child Abduction Convention (Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri), f'*Actes et documents de la Quatorzième session (1980)*, Tome II, *Child abduction*, L-Aja, Imprimerie Nationale, 1998, p. 425-476, f'p. 428, paragrafu 11 (disponibbli wkoll minn < www.hcch.net > taħt "Publications" (Pubblikazzjonijiet)).

94 Ara l-Artikolu 10(2) tal-UNCRC.

95 Ara wkoll S. Vigers, "Mediating International Child Abduction Cases – The Hague Convention" (Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri – Il-Konvenzjoni tal-Aja), Hart Publishing, Oxford, 2011, p. 42 *et seq.*

58 Fil-kuntest ta' każ speċifiku ta' sekwestru ta' minuri, qabel ma jsiru tentattivi ta' medjazzjoni, għandha tiġi vvaluatata l-idoneità tal-medjazzjoni sabiex jiġi evitat dewmien żejjed.[96]

59 Is-servizzi ta' medjazzjoni offruti għall-każijiet ta' sekwestru skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri għandhom jipprovdu skedar tas-sessjonijiet tal-medjazzjoni f'qasir żmien. Dan jitlob flessibbiltà kbira min-naħa tal-medjaturi involuti. Madankollu, dan il-piż jista' jitnaqqas bl-għajnuna ta' grupp ta' medjaturi kkwalifikati li jidħlu għall-impenn li jaħdmu f'sistema li tiggarantixxi disponibbiltà f'qasir żmien.

60 F'xi Stati, l-iskemi ta' medjazzjoni li ġew żviluppati speċifikatament għal każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri diġà qed jirnexxielhom jipprovdu servizzi bħal dawn.[97] Normalment, huma joffru żewġ sessjonijiet tal-medjazzjoni jew tlieta mifruxa fuq mill-inqas jumejn (ta' spiss sussegwenti), b'kull sessjoni tieħu sa tliet sigħat.[98]

96 Għal iktar informazzjoni dwar l-iskrining inizjali, b'mod partikolari dwar liema kwistjonijiet jistgħu jinfluwenzaw l-idoneità għall-medjazzjoni kif ukoll dwar min jista' jwettaq l-iskrining, ara t-Taqsima 4.2.

97 Pereżempju, fir-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales)**, l-organizzazzjoni mhux governattiva reunite International Child Abduction Centre (minn hawn 'il quddiem, "reunite") ilha iktar minn għaxar snin toffri servizzi ta' medjazzjoni minn speċjalisti f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, ara l-websajt ta' reunite fi < www.reunite.org >; ara wkoll ir-rapport ta' Ottubru 2006 dwar "Mediation In International Parental Child Abduction – The reunite Mediation Pilot Scheme" (Il-medjazzjoni f'sekwestri internazzjonali ta' minuri mill-ġenituri – L-iskema pilota ta' medjazzjoni ta' reunite)" (minn hawn 'il quddiem, ir-"Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite"), disponibbli minn < http://www.reunite.org/edit/files/Library%20-%20reunite%20Publications/Mediation%20Report.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012). Fil-**Ġermanja**, l-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ MiKK e.V., imwaqqfa fl-2008 mill-assoċjazzjonijiet Ġermaniżi BAFM u BM, qed tkompli l-ħidma tal-assoċjazzjonijiet tal-aħħar fil-qasam tal-"Medjazzjoni f'Tilwim Internazzjonali li Jinvolvi lill-Ġenituri u lil Uliedhom" inkluża medjazzjoni minn speċjalisti fil-każijiet ta' sekwestru li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja. Is-servizzi ta' medjazzjoni bħalissa huma disponibbli taħt erba' programmi ta' komedjazzjoni binazzjonali: il-proġett **Ġermaniż u Pollakk** (li beda fl-2007), il-proġett **Ġermaniż u Amerikan** (li beda fl-2004), il-proġett **Ġermaniż u Brittaniku** f'kooperazzjoni ma' reunite (li beda fl-2003/4) u l-proġett **Ġermaniż u Franċiż** li kompla bil-ħidma tal-iskema ta' medjazzjoni Franċiża u Ġermaniża li kienet organizzata u ffinanzjata mill-Ministeri tal-Ġustizzja ta' Franza u tal-Ġermanja (2003-2006). Qed tiġi ppreparata skema oħra ta' medjazzjoni (il-ħames waħda) li tinvolvi lil medjaturi **Ġermaniżi** u **Spanjoli**, ara< www.mikk-ev.de >. Fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, l-organizzazzjoni mhux governattiva *Centrum Internationale Kinderontvoering* (IKO) ilha toffri servizzi ta' medjazzjoni minn speċjalisti f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja organizzati permezz tal-Uffiċċju għall-Medjazzjoni tagħha sa mill-1 ta' Novembru 2009, ara < www.kinderontvoering.org >; ara wkoll R.G. de Lange-Tegelaar, "Regiezittingen en mediation in internationale kinderontvoeringszaken", Trema Special, Nru 33, 2010, p. 486 u 487.

98 Ara, pereżempju, is-servizzi ta' medjazzjoni offruti fir-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales)** minn reunite (< www.reunite.org >), u r-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97), p. 11. Ara wkoll is-servizzi ta' medjazzjoni offruti fil-**Ġermanja** permezz tal-assoċjazzjoni MiKK e.V., kif ukoll S. Kiesewetter u C.C. Paul, "Family Mediation in an International Context: Cross-Border Parental Child Abduction, Custody and Access Conflicts: Traits and Guidelines" (Il-medjazzjoni familjari f'kuntest internazzjonali: Kunflitti transkonfinali dwar sekwestru ta', kustodja ta' u aċċess għal ta' minuri mill-ġenituri: Karatteristiċi u linji gwida)", f'C.C. Paul u S. Kiesewetter (Edituri), *Cross-Border Family Mediation – International Parental Child Abduction, Custody and Access Cases*, Wolfgang Metzner Verlag, 2011, p. 39 *et seq*. Ara wkoll fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, il-Programm Pilota ta' Medjazzjoni Olandiż li juża tliet sessjonijiet ta' tliet sigħat kull waħda matul jumejn, ara I. Bakker, R. Verwijs *et al.*, *Evaluatie Pilot Internationale Kinderontvoering*, Lulju 2010, p. 77.

61 Il-possibbiltà li l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jiġu istitwiti qabel ma tibda l-medjazzjoni għandha tiġi kkunsidrata. L-esperjenza f'diversi pajjiżi wriet li l-bidu immedjat tal-proċeduri ta' ritorn segwit, fejn ikun meħtieġ,[99] minn sospensjoni ta' dawn il-proċeduri għall-medjazzjoni jaħdem tajjeb.[100] Dan l-approċċ joffri diversi vantaġġi:[101]

a Huwa jista' jaffettwa b'mod pożittiv il-motivazzjoni tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu sabiex jagħmel ħiltu ħalli tinsab soluzzjoni bonarja għaliex inkella jiġi ffaċċjat bil-possibbiltà konkreta ta' proċeduri tal-qorti.
b Il-qorti tkun tista' tiffissa perjodu ta' żmien li fih iridu jsiru s-sessjonijiet tal-medjazzjoni. B'hekk jiġi evitat l-użu ħażin tal-medjazzjoni bħala tattika ta' dewmien u l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu ma jkun jista' jikseb l-ebda vantaġġ mill-użu tal-Artikolu 12(2) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.
c Il-qorti tista' tieħu miżuri protettivi meħtieġa sabiex ma tħallix li l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jieħu lill-minuri f'pajjiż terz jew jinħeba.
d Il-possibbiltà li l-ġenitur imċaħħad minn uliedu jkun preżenti fil-pajjiż fejn ittieħed il-minuri ssekwestrat sabiex jattendi s-seduta tal-qorti skont il-Konvenzjoni tal-Aja tista' tiġi sfruttata sabiex isiru arranġamenti għal sekwenza qasira ta' sessjonijiet tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-ġenituri mingħajr ma jinħolqu spejjeż tal-ivvjaġġar addizzjonali għall-ġenitur imċaħħad minn uliedu.
e Il-qorti li quddiemha tressaq il-każ tista', jiddependi mill-kompetenza tagħha f'din il-kwistjoni, tiddeċiedi dwar arranġamenti provviżorji għal kuntatt bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri, li jipprevjeni l-aljenazzjoni u jista' jkollu effett pożittiv fuq il-proċess ta' medjazzjoni stess.
f Jistgħu jkunu disponibbli fondi għal medjazzjoni riferita mill-qorti.
g Barra minn hekk, il-fatt li bil-wisq probabbli l-partijiet f'dan l-istadju se jkollhom ir-rappreżentanza legali ta' speċjalista diġà se jgħin sabiex jiġi żgurat li waqt il-medjazzjoni l-partijiet ikollhom aċċess għall-informazzjoni legali rilevanti.
h Fl-aħħar nett, il-qorti tista' timmonitorja r-riżultat tal-medjazzjoni u tiżgura ruħha li l-ftehim ikollu effett legali fis-sistema legali tal-pajjiż fejn ittieħed il-minuri wara s-sekwestru, billi tbiddel il-ftehim f'digriet tal-qorti jew billi tieħu miżuri oħrajn.[102] Il-qorti tista' tagħti wkoll assistenza sabiex jiġi żgurat li l-ftehim ikun se jkollu effett legali fil-ġurisdizzjoni rilevanti l-oħra.

62 Madankollu, il-mistoqsija: "Meta għandhom jiġu istitwiti l-proċeduri ta' ritorn meta l-medjazzjoni tkun possibbli?" tista' tingħata tweġibiet differenti. Jiddependi minn kif il-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jiġu organizzati fis-sistema legali rilevanti u jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ, jista' jkun hemm il-possibbiltà li l-medjazzjoni tinbeda qabel ma jiġu istitwiti l-proċeduri ta' ritorn. Fl-Isvizzera, pereżempju, il-leġiżlazzjoni li timplimenta l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tipprovdi għal possibbiltà espliċita li l-Awtorità Ċentrali tagħti bidu għal proċeduri ta' konċiljazzjoni jew ta' medjazzjoni qabel ma jiġu istitwiti l-proċeduri ta' ritorn.[103] Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni Svizzera tenfasizza l-importanza li jsiru tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni bonarja għall-kunflitt billi teżiġi li l-qorti, malli jitressqu quddiemha proċeduri ta' ritorn

99 L-Istati li ma jissospendux il-proċeduri ta' ritorn għall-medjazzjoni huma, pereżempju, **Franza**, **il-Ġermanja** u **l-Pajjiżi l-Baxxi**. Fil-**Ġermanja** u fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali tiġi integrata fl-iskeda tal-proċedura tal-qorti, jiġifieri l-medjazzjoni ssir fil-perjodu qasir ta' ġimgħatejn jew tliet ġimgħat qabel is-seduta tal-qorti (li jkun imiss). Għalhekk, f'dawn l-Istati s-sospensjoni tal-proċeduri mhijiex meħtieġa. Fi **Franza**, il-medjazzjoni titwettaq bħala proċess parallel għal, u indipendenti mill-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, jiġifieri l-proċeduri ta' ritorn isegwu l-iskeda tas-soltu, irrispettivament minn jekk tkunx għaddejja medjazzjoni jew le. Riżultat bonarju miksub fil-proċess parallel tal-medjazzjoni jista' jiġi introdott fil-proċeduri ta' ritorn fi kwalunkwe ħin.

100 Pereżempju, **il-Ġermanja** u **r-Renju Unit**; ara wkoll S. Vigers, Mediating International Child Abduction Cases – The Hague Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 95), p. 45 *et seq*.

101 Ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 2.4, p. 10.

102 Dwar il-kwistjoni biex ftehim isir infurzabbli u dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni, ara l-Kapitoli 12 u 13 iktar 'l isfel.

103 Ara l-Artikolu 4 tal-Att Federali **Svizzeru** tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u dwar il-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar il-Ħarsien tat-Tfal u tal-Adulti, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009 (*Bundesgesetz über internationale Kindesentführung und die Haager Übereinkommen zum Schutz von Kindern und Erwachsenen (BG-KKE) vom 21 Dezember 2007*), disponibbli minn < http://www.admin.ch/ch/d/sr/2/211.222.32.de.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), it-traduzzjoni mhux uffiċjali bl-Ingliż hija disponibbli minn < http://www.admin.ch/ch/e/rs/2/211.222.32.en.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012); ara wkoll A. Bucher, "The new Swiss Federal Act on International Child Abduction" (L-Att Federali Svizzeru ġdid dwar Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri)", *Journal of PIL*, 2008, p. 139 *et seq*., f'p.147.

skont il-Konvenzjoni tal-Aja, tagħti bidu għal proċeduri ta' medjazzjoni jew ta' konċiljazzjoni jekk l-Awtorità Ċentrali tkun għadha ma għamiltx dan.[104]

63 Irrispettivament minn jekk il-medjazzjoni jew proċessi simili f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tiġix introdotta qabel jew wara li jiġu istitwiti l-proċeduri ta' ritorn, huwa tal-ikbar importanza li l-Istati Kontraenti jieħdu miżuri ta' salvagwardja sabiex jiġi żgurat li l-medjazzjoni u proċessi simili jitwettqu f'perjodi ta' żmien ferm ċari u limitati.

64 Dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni, għandu jintlaħaq bilanċ bejn żewġ ħtiġijiet: il-proċess ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet għandu jingħata żmien biżżejjed u l-proċeduri ta' ritorn eventwali ma għandhomx ikunu soġġetti għal dewmien.[105]

## 2.2 Kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet amministrattivi/ġudizzjarji

➔ **Il-medjaturi u l-korpi li joffru l-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Awtoritajiet Ċentrali u mal-qrati.**

65 Il-medjaturi u l-organizzazzjonijiet li joffru l-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Awtoritajiet Ċentrali u mal-qrati fuq livell organizzattiv sabiex jiżguraw irwieħhom minn riżoluzzjoni rapida u effiċjenti tal-kwistjoni. Il-medjaturi għandhom jagħmlu mill-aħjar sabiex jagħmlu l-aspetti organizzattivi tal-proċeduri ta' medjazzjoni kemm jista' jkun trasparenti, filwaqt li jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni. Pereżempju, l-Awtorità Ċentrali u l-qorti li quddiemha jkun tressaq il-każ għandhom jiġu informati jekk f'dak il-każ hijiex se titwettaq medjazzjoni jew le. L-istess għandu jsir meta l-medjazzjoni tiġi tterminata, abbandunata jew interrotta. Din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata malajr kemm jista' jkun lill-Awtorità Ċentrali u lill-qorti li quddiemha jkun tressaq il-każ. Għalhekk, ikun aħjar li f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri l-Awtorità Ċentrali u/jew il-qorti rilevanti jżommu konnessjonijiet mill-qrib fuq livell amministrattiv mas-servizzi ta' medjazzjoni speċjalizzati.[106]

## 2.3 Iktar minn sistema legali waħda involuta; l-infurzabbiltà tal-ftehim fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet (fil-ġurisdizzjonijiet kollha) ikkonċernati

➔ **Il-medjaturi għandhom ikunu jafu li l-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandha titwettaq fl-isfond ta' interazzjoni bejn żewġ sistemi legali jew iktar u tal-qafas legali internazzjonali applikabbli.**

➔ **Il-partijiet għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni legali rilevanti.**

66 Xi diffikultajiet speċifiċi għall-proċess ta' medjazzjoni nnifsu jistgħu jinqalgħu minħabba li tkun involuta iktar minn sistema legali waħda. Għalhekk, sabiex tinstab soluzzjoni sostenibbli għall-partijiet li jista' jkollha effett legali huwa importanti li jitqiesu l-liġijiet taż-żewġ sistemi legali (tas-sistemi legali kollha) ikkonċernati kif ukoll id-dritt reġjonali jew internazzjonali applikabbli għall-każ.

67 Fit-Taqsima 1.2 iktar 'il fuq diġà ġie enfasizzat kemm jista' jkun perikoluż meta l-partijiet jistrieħu fuq ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni li ma jkollhom l-ebda effett legali fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti. Il-medjaturi li jwettqu medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali dwar minuri għandhom ir-responsabbiltà li jiġbdu l-attenzjoni tal-partijiet għall-importanza li jiksbu l-informazzjoni legali u l-pariri legali ta' speċjalista rilevanti. F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li l-medjaturi, anki dawk li jkollhom it-taħriġ legali speċjalizzat rilevanti, mhumiex f'pożizzjoni li jagħtu pariri legali lill-partijiet.

68 L-informazzjoni legali ssir partikolarment rilevanti rigward żewġ aspetti: l-ewwel nett, il-kontenut tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, li għandu jkun kompatibbli mar-rekwiżiti legali u, it-tieni nett,

---

104 Artikolu 8 tal-Att Federali Svizzeru tal-21 ta' Diċembru 2007.

105 Ara l-Kapitolu 5 iktar 'l isfel; ara wkoll il-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tar-Raba' Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34), Rakkomandazzjoni Nru 1.11, "Il-miżuri użati sabiex tingħata assistenza ħalli jiġi żgurat ir-ritorn volontarju tal-minuri jew sabiex tinkiseb riżoluzzjoni bonarja tal-kwistjonijiet ma għandhiex tirriżulta f'dewmien żejjed fil-proċeduri ta' ritorn" [traduzzjoni mhux uffiċjali], irrepetuta fil-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*id.*), Rakkomandazzjoni Nru 1.3.1.

106 Pereżempju, fil-**Ġermanja**, l-Awtorità Ċentrali kkonkludiet kuntratt ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjoni speċjalista fil-medjazzjoni MiKK e.V., li jinkludi, fost l-oħrajn, termini dwar skambju rapidu ta' informazzjoni fuq livell organizzattiv.

il-kwistjoni ta' kif għandu jingħata effett legali lill-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni fiż-żewġ sistemi legali jew iktar ikkonċernati. Iż-żewġ aspetti huma marbuta mill-qrib ma' xulxin.

69 Il-partijiet għandhom jiġu mgħarrfa li, fejn għandhom x'jaqsmu l-approċċi għal-liġi applikabbli għall-kwistjonijiet diskussi waqt il-medjazzjoni tas-sistemi legali rilevanti jistgħu jkunu meħtieġa l-pariri legali ta' speċjalista. L-awtonomija tal-ġenituri fir-rigward ta' ftehimiet dwar il-kustodja ta' u l-kuntatt ma' wliedhom tista' tiġi limiata peress li l-liġi tista' tipprovdi għall-approvazzjoni mandatorja ta' kwalunkwe ftehim bħal dan min-naħa ta' qorti sabiex jiġi żgurat li l-aħjar interessi tal-minuri jkunu qed jiġu rispettati.[107] Fl-istess ħin, il-ġenituri għandhom jifhmu li, malli ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jikseb effett legali f'ġurisdizzjoni partikolari, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri oħrajn sabiex il-ftehim jikseb effett legali fis-sistema(i) legali l-oħra kkonċernata(i) fil-każ tagħhom.[108]

70 Idealment, il-partijiet għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni legali rilevanti matul il-proċess kollu ta' medjazzjoni. Din hija r-raġuni għaliex ħafna medjaturi li jaħdmu fil-qasam tas-sekwestri internazzjonali ta' minuri jħeġġu lill-partijiet sabiex ikollhom rappreżentanti legali speċjalisti matul il-proċess kollu ta' medjazzjoni. L-informazzjoni rilevanti tista' tiġi pprovduta anki mill-Awtoritajiet Ċentrali jew mill-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[109]

## 2.4 Sfond kulturali u reliġjuż differenti

**➔ Il-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali għandha tqis b'mod xieraq il-possibbiltà ta' sfond kulturali u reliġjuż differenti tal-partijiet.**

71 B'mod ġenerali, waħda mill-isfidi partikolari tal-medjazzjoni familjari internazzjonali hija dik li l-partijiet ta' spiss ikollhom sfond kulturali u reliġjuż differenti. Il-valuri u l-aspettattivi tagħhom dwar ħafna mill-aspetti tal-eżerċizzju tar-responsabblità tal-ġenituri, bħall-edukazzjoni ta' wliedhom, jistgħu jkunu ferm differenti.[110] L-isfond kulturali u reliġjuż tal-partijiet jista' jaffettwa anki l-mod li bih jikkomunikaw ma' xulxin u mal-medjatur.[111] Il-medjatur għandu jkun jaf li parti mit-tilwima familjari setgħet ġiet ikkawżata minn fehim ħażin minħabba li l-partijiet ma jirrikonoxxux id-differenzi kulturali ta' xulxin.[112]

72 Il-medjaturi li jwettqu medjazzjoni f'każijiet bħal dawn għandu jkollhom għarfien approfondit dwar l-isfond kulturali u reliġjuż tal-partijiet.[113] F'dan ir-rigward huwa meħtieġ taħriġ speċifiku.[114] Meta tkun tista' ssir għażla mill-partijiet minn fost grupp ta' medjaturi speċjalisti, jista' jkun utli li jiġu involuti medjaturi li jkollhom għarfien tajjeb tal-isfond kulturali u reliġjuż tal-partijiet jew li jkollhom l-istess sfond ta' waħda mill-partijiet u jkollhom għarfien tajjeb tal-kultura u tar-reliġjon tal-parti l-oħra.

73 Mudell li ġie applikat b'suċċess f'xi skemi ta' medjazzjoni u li ġie żviluppat speċifikatament għal sekwestri transkonfinali ta' minuri li jinvolvu lil ġenituri minn Stati ta' oriġini differenti huwa dak tal-medjazzjoni "binazzjonali".[115] Hawnhekk ir-rekwiżit li l-medjaturi jifhmu sew l-isfond kulturali tal-

107 Ara l-Kapitolu 12.

108 Ara l-Kapitoli 12 u 13.

109 Dwar ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali u ta' korpi oħrajn sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' din l-informazzjoni kif ukoll dwar ir-rwol tar-rappreżentanti tal-partijiet, ara t-Taqsima 4.1 iktar 'l isfel.

110 Ara, pereżempju, K.K. Kovach, *Mediation in a nutshell*, St. Paul, 2003, f'p. 55 u 56; D. Ganancia, "La médiation familiale internationale" (Il-medjazzjoni familjari internazzjonali), Érès, Ramonville Saint-Agne 2007, p. 132 *et seq.*; R. Chouchani Hatem, "La différence culturelle vécue au quotidien dans les couples mixtes franco-libanais" (Id-differenza kulturali kif jgħixuha kuljum il-koppji mħallta Franċiżi u Libaniżi), *Revue Scientifique de L'AIFI*, Vol. 1, Nru 2, *Automne* 2007, p. 43-71; K. Kriegel, "Interkulturelle Aspekte und ihre Bedeutung in der Mediation", f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri), *Mediation bei internationalen Kindschaftskonflikten – Rechtliche Grundlagen, Interkulturelle Aspekte, Handwerkszeug für Mediatoren, Einbindung ins gerichtliche Verfahren, Muster und Arbeitshilfen*, Verlag C.H. Beck, 2009, p. 91-104; M.A. Kucinski, "Culture in International Parental Kidnapping Mediations" (Il-kultura f'medjazzjonijiet ta' sekwestri internazzjonali mill-ġenituri), *Pepperdine Dispute Resolution Law Journal*, 2009, p. 555-582, f'p. 558 *et seq.*

111 Ara, pereżempju, K.K. Kovach (*loc. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), li josserva li l-ġest ta' persuna li tħares f'għajnejn ħaddieħor f'xi kulturi jista' jiġi kkunsidrat bħala insult jew li juri nuqqas ta' rispett, filwaqt li mill-parti l-kbira tal-kulturi tal-Punent, bil-kontra, dan jitqies bħala sinjal li wieħed qed jisma' b'attenzjoni. D. Ganancia, "La médiation familiale internationale" (*id.*), p. 132 *et seq.*

112 Ara K.K. Kovach (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), f'p. 56.

113 Ara wkoll it-Taqsima 6.1.8 iktar 'l isfel.

114 Ara l-Kapitolu 3 dwar it-taħriġ tal-medjaturi.

115 Il-Proġett ta' Medjazzjoni Professjonali Binazzjonali Franċiż u Ġermaniż (2003-2006); il-Proġett ta' Medjazzjoni Binazzjonali Amerikan u Ġermaniż; il-Proġett ta' Medjazzjoni Binazzjonali Pollakk u Ġermaniż; ara wkoll it-Taqsima 6.2.3 iktar 'l isfel.

partijiet jiġi sodisfatt billi jiġu involuti, f'komedjazzjoni, żewġ medjaturi miż-żewġ Stati kkonċernati, b'kull medjatur ikollu għarfien tajjeb tal-kultura l-oħra. F'dan il-kuntest, it-terminu "binazzjonali" jista' saħansitra anki jinftiehem bħala "bikulturali". Għandu jiġi enfasizzat li l-medjaturi huma newtrali u imparzjali u ma jirrappreżentaw lill-ebda waħda mill-partijiet.[116]

## 2.5 Diffikultajiet lingwistiċi

**➔ Fil-medjazzjoni, kull parti għandha, sa fejn ikun possibbli, ikollha l-opportunità li titkellem b'lingwa li tħossha komda biha.**

74 Sfida oħra għal medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali tinqala' meta l-partijiet għat-tilwima jkollhom lingwi materni differenti. Meta jiġri dan, waqt il-medjazzjoni, il-partijiet jistgħu, għall-inqas b'mod temporanju, jippreferu jitkellmu bil-lingwa tagħhom. Dan jista' jkun il-każ anki jekk waħda mill-partijiet tkun tgħallmet sew il-lingwa tal-parti l-oħra jew tkun komda tuża lingwa li mhijiex il-lingwa materna tagħha fit-taħdit ta' kuljum ta' bejniethom. Fiċ-ċirkustanzi emozzjonalment stressanti ta' meta jkunu qed jiddiskutu t-tilwima tagħhom, il-partijiet jistgħu sempliċement jippreferu jitkellmu bil-lingwa materna tagħhom, u dan jista' anki jagħtihom is-sensazzjoni li huma ndaqs.

75 Min-naħa l-oħra, partijiet li jkollhom lingwi materni differenti fil-medjazzjoni jistgħu jħossuhom komdi jitkellmu b'lingwa li hija barranija għaż-żewġ partijiet, jiġifieri lingwa li la hija l-lingwa materna ta' parti u lanqas tal-oħra, jew inkella parti minnhom tista' tkun lesta titkellem bil-lingwa tal-parti l-oħra. Ikun xi jkun il-każ, il-medjatur irid ikun konxju li żdied ir-riskju li l-partijiet jifhmu xi affarijiet ħażin minħabba diffikultajiet lingwistiċi.

76 Sa fejn ikun possibbli, ix-xewqat tal-partijiet dwar il-lingwa(i) użata(i) fil-medjazzjoni għandhom jiġu rispettati. Idealment, il-medjatur(i) innifsu(infushom) għandu(hom) ikun(u) kapaċi jifhem(jifhmu) u jitkellem(jitkellmu) b'dawk il-lingwi.[117] Il-komedjazzjoni tippermetti li jiġu involuti medjaturi li jkollhom l-istess lingwi materni tal-partijiet u li jkunu jafu jitkellmu sew jew ikollhom għarfien tajjeb tal-lingwa rilevanti l-oħra (l-hekk imsejħa komedjazzjoni "bilingwi").[118] Il-komedjazzjoni tista' anki tinvolvi lil medjatur li jkun jitkellem biss bil-lingwa materna ta' parti waħda filwaqt li l-ieħor ikun jaf jitkellem sew biż-żewġ lingwi rilevanti. Hawnhekk, però, il-medjatur li jkun jitkellem iż-żewġ lingwi se jagħmilha wkoll parzjalment ta' interpretu.

77 Li l-partijiet jiġu offruti l-possibbiltà li jikkomunikaw direttament fil-lingwa ppreferuta tagħhom waqt il-medjazzjoni jidher ċar li hija l-aħjar għażla; madankollu jista' jkun hemm każijiet fejn dan ma jkunx fattibbli. Il-komunikazzjoni fil-lingwa ppreferuta tista' tiġi ffaċilitata anki permezz tal-involviment ta' interpretu(i). Fejn l-interpretar jiġu kkunsidrat bħala possibbiltà, l-interpretu għandu jingħażel bir-reqqa, għandu jkollu livell tajjeb ta' preparazzjoni u għandu jkun konxju min-natura ferm sensittiva tal-konversazzjoni, u mill-atmosfera emozzjonali tal-medjazzjoni, sabiex ma jkomplix ikabbar ir-riskju ta' fehim ħażin u jikkomprometti riżoluzzjoni bonarja. Barra minn hekk, il-miżuri ta' salvagwardja relatati mal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet li jsiru waqt il-medjazzjoni għandhom jiġu estiżi sabiex jinkludu lill-interpretu(i).[119]

## 2.6 Id-distanza

**➔ Id-distanza ġeografika bejn il-partijiet għat-tilwima għandha titqies kemm meta jiġu biex isiru l-arranġamenti għal laqgħa ta' medjazzjoni kif ukoll b'rabta mal-modalitajiet miftiehma fil-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni.**

78 Sfida oħra għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri minn pajjiż għall-ieħor hija dik tad-distanza ġeografika bejn il-partijiet. Id-distanza bejn l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri, li huwa l-Istat fejn jirrisjedi l-ġenitur imċaħħad minn uliedu, u l-Istat fejn ittieħed il-minuri tista' tkun kbira ħafna.

79 Min-naħa l-waħda, id-distanza tista' taffettwa l-arranġamenti prattiċi għas-sessjonijiet tal-medjazzjoni. Min-naħa l-oħra, id-distanza jista' tinfluwenza l-kontenut tas-soluzzjoni milħuqa permezz ta'

116 Ara wkoll fil-Kapitolu 6, Taqsima 6.2.3 iktar 'l isfel.
117 Ara wkoll it-Taqsima 3.3 dwar il-listi tal-medjaturi.
118 Il-programmi ta' medjazzjoni binazzjonali msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 115 iktar 'il fuq huma lkoll programmi ta' medjazzjoni bilingwi.
119 Dwar il-kunfidenzjalità, ara t-Taqsima 6.1.5 iktar 'l isfel.

medjazzjoni nfisha, li jista’ jkollha tqis il-possibbiltà li fil-ġejjieni se jibqa’ jkun hemm distanza ġeografika konsiderevoli bejn il-ġenituri. Dan tal-aħħar ikun il-każ, pereżempju, jekk il-ġenitur imċaħħad minn uliedu qabel mar-rilokazzjoni tal-minuri flimkien mal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu, jew fejn il-minuri jiġi rritornat fl-Istat tar-residenza abitwali imma l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jiddeċiedi li jibqa’ barra l-pajjiż.

80 Fejn għandhom x’jaqsmu l-arranġamenti għal sessjoni tal-medjazzjoni, id-distanza bejn il-partijiet u l-ispejjeż potenzjalment kbar tal-ivvjaġġar se jaffettwaw il-kwistjoni tal-post xieraq fejn għandha ssir il-medjazzjoni u l-kwistjoni ta’ jekk għandhiex tintuża medjazzjoni diretta jew indiretta. Iż-żewġ kwistjonijiet qed jiġu trattati fid-dettall iktar ’l isfel (il-post fejn issir il-medjazzjoni fit-Taqsima 4.4 u l-kwistjoni tal-medjazzjoni diretta jew indiretta fit-Taqsima 6.2). Naturalment, il-mezzi moderni ta’ komunikazzjoni, bħall-vidjow-link jew komunikazzjoni permezz tal-Internet jistgħu jassistu fil-medjazzjoni.[120]

81 Rigward il-kontenut ta’ ftehim eventwali li jippermetti l-eżerċizzju ta’ drittijiet ta’ kustodja u/jew għal kuntatt transkonfinali, jiġifieri fejn il-ġenituri jiddeċiedu li jirrisjedu f’pajjiżi differenti, id-distanza ġeografika kif ukoll l-ispejjeż konnessi tal-ivvjaġġar għandhom jingħataw kunsiderazzjoni xierqa. Kwalunkwe arranġament miftiehem għandu jkun realistiku u fattibbli f’termini ta’ żmien u ta’ spejjeż. Dan is-suġġett se jiġi esplorat ulterjorment fil-Kapitolu 11 (“Verifika realistika”).

## 2.7 Il-kwistjonijiet tal-viżi u tal-immigrazzjoni

- ➔ **Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti tad-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa, bħal viża, lil ġenitur li jixtieq jattendi laqgħa ta’ medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti fi Stat ieħor.**
- ➔ **Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti tad-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa, bħal viża, lil kwalunkwe ġenitur li jkollu bżonn jidħol f’pajjiż ieħor sabiex jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta’ kustodja ta’ u/jew għal kuntatt ma’ wliedu.**
- ➔ **L-Awtorità Ċentrali għandha tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tassisti lill-ġenituri ħalli jiksbu d-dokumenti meħtieġa billi tagħtihom informazzjoni u pariri, jew billi tiffaċilita servizzi speċifiċi.**

82 F’każijiet ta’ tilwim familjari internazzjonali, il-kwistjonijiet tal-viżi u tal-immigrazzjoni ta’ spiss jżidu d-diffikultajiet tal-każ. Sabiex jiġu promossi riżoluzzjonijiet bonarji għal tilwim familjari internazzjonali, l-Istati għandhom jieħdu miżuri sabiex jiżguraw irwieħhom li l-ġenitur imċaħħad minn uliedu jkun jista’ jikseb id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa sabiex ikun jista’ jattendi sessjoni tal-medjazzjoni fil-pajjiż fejn ittieħed il-minuri wara s-sekwestru, jew sabiex ikun jista’ jipparteċipa fi proċeduri legali.[121] Fl-istess ħin, l-Istati għandhom jieħu miżuri sabiex jiffaċilitaw l-għoti tad-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa lill-ġenitur li ssekwestra lil uliedu sabiex ikun jista’ jerġa’ jidħol fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri għal sessjoni tal-medjazzjoni u/jew għal proċeduri legali.[122]

83 L-għoti tad-dokumenti tal-ivvjaġġar jista’ anki jkollu sehem importanti fl-eżitu tal-proċeduri legali jew tal-medjazzjoni f’tilwima internazzjonali bejn il-ġenituri. Pereżempju, fejn fi proċeduri ta’ ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jiġi ordnat ir-ritorn tal-minuri, il-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jista’ jkollu bżonn ta’ xi dokumenti tal-ivvjaġġar sabiex jerġa’ jidħol fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri flimkien mal-minuri. F’każijiet bħal dawn, l-Istati għandhom jiffaċilitaw l-għoti tad-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa. L-istess japplika għal każijiet fejn il-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jiddeċiedi li jirritorna lill-minuri b’mod volontarju, inkluż fejn ritorn tal-minuri u tal-ġenitur ikun ġie miftiehem waqt il-medjazzjoni. Il-kwistjonijiet tal-viżi u tal-immigrazzjoni lanqas ma għandhom jostakolaw l-eżerċizzju transkonfinali tad-drittijiet għal kuntatt; id-dritt tal-minuri li jkollhom kuntatt maż-żewġ ġenituri, kif inhu sostnut mill-UNCRC, għandu jiġi salvagwardjat.[123]

120 Għal iktar dettalji ara t-Taqsima 4.4 iktar ’l isfel.

121 Għal informazzjoni dwar il-possibbiltà ta’ assistenza bi kwistjonjiet ta’ viżi u ta’ immigrazzjoni, ara l-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta’ Minuri żviluppati mill-Uffiċċju Permanenti, u ffinalizzati fl-2011 (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt “Child Abduction Section” (Taqsima dwar is-Sekwestru ta’ Minuri)), fit-Taqsimiet 10.3 j) u 10.7 l).

122 Ara wkoll il-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 31.

123 Ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 16), Taqsima 4.4, p. 21 u 22.

84 L-Awtorità Ċentrali għandha tassisti lill-ġenituri sabiex jiksbu kemm jista' jkun malajr id-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa billi jipprovdu informazzjoni u pariri jew billi jipprovdu assistenza bl-applikazzjoni għal kwalunkwe viża meħtieġa.[124]

### 2.8 Il-proċeduri kriminali kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu

- ➔ **Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandha tqis il-possibbiltà li fil-pajjiż minn fejn ġie ssekwestrat il-minuri jinfetħu proċeduri kriminali kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu.**
- ➔ **Meta jkunu nbdew proċeduri kriminali, din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata fil-medjazzjoni. Tista' tkun meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi rilevanti sabiex ikun jista' jiġi żgurat li kwalunkwe ftehim milħuq fil-medjazzjoni ma jiġix ostakolat mill-proċeduri kriminali li jkunu għaddejjin**

85 Għalkemm il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tindirizza biss l-aspetti ċivili ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, il-proċeduri kriminali kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-minuri jistgħu jaffettwaw l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980.[125] L-akkużi kriminali jistgħu jinkludu s-sekwestru ta' minuri, id-disprezz tal-qorti u reati dwar il-passaporti. Il-proċeduri kriminali pendenti fl-Istat tar-residenza tal-minuri ta' qabel is-sekwestru jistgħu – f'ċerti ċirkustanzi – iwasslu biex il-qorti li quddiemha tressqet it-talba għal ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tirrifjuta li tirritorna l-minuri. B'mod partikolari, dan jista' jkun il-każ meta l-minuri jkun ġie ssekwestrat mill-persuna li tabilħaqq tieħu ħsiebu u d-digriet ta' ritorn kieku jwassal biex il-minuri jiġi sseparat mill-persuna li effettivament tieħu ħsiebu,[126] u din is-separazzjoni –

124 *Ibid.* Ara wkoll il-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 31:

> "Fejn ikun hemm xi indikazzjoni ta' diffikultajiet fil-qasam tal-immigrazzjoni li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità ta' minuri (mhux ċittadin) jew ta' ġenitur li ssekwestra lil uliedu (mhux ċittadin) sabiex jirritorna fl-Istat li għamel it-talba jew sabiex persuna żżomm kuntatt jew teżerċita d-drittijiet ta' aċċess tagħha, l-Awtorità Ċentrali għandha twieġeb fil-pront għat-talbiet għal informazzjoni sabiex tassisti lil persuna ħalli tikseb mingħajr dewmien mingħand l-awtoritajiet xierqa fil-ġurisdizzjoni tagħha dawk l-awtorizzazzjonijiet jew dawk il-permessi (viżi) li jistgħu jkunu meħtieġa. L-Istati għandhom jagħixxu malajr kemm jista' jkun meta joħorġu awtorizzazzjonijiet jew viżi għal dan l-iskop u għandhom jisħqu mal-awtoritajiet nazzjonali tal-immigrazzjoni tagħhom ir-rwol essenzjali li għandhom sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni tal-1980" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

125 It-tweġibiet għall-Kwestjonarju tal-2006 wrew li l-proċeduri kriminali ġeneralment, imma mhux bilfors, jitqiesu bħala li għandhom effett negattiv, ara l-mistoqsija Nru 19 tal-"Questionnaire concerning the practical operation of the *Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction* (Including questions on implementation of the *Hague Convention of 19 October 1996 on Jurisdiction, Applicable Law, Recognition, Enforcement and Co-operation in Respect of Parental Responsibility and Measures for the Protection of Children*)" (Kwestjonarju dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri (Inklużi mistoqsijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal), imfassal mill-Uffiċċju Permanenti, Dok. Prel. Nru 1 ta' April 2006 għall-attenzjoni tal-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali ta' Ottubru/Novembru 2006 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri; ara wkoll ir-"Report on the Fifth Meeting of the Special Commission to review the operation of the *Hague Convention of 25 October 1980 on the Civil Aspects of International Child Abduction* and the practical implementation of the *Hague Convention of 19 October 1996 on Jurisdiction, Applicable Law, Recognition, Enforcement and Co-operation in Respect of Parental Responsibility and Measures for the Protection of Children* (30 October – 9 November 2006)" (Rapport dwar il-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġu riveduti l-funzjonament tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u l-implimentazzjoni fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal (mit-30 ta' Ottubru sad-9 ta' Novembru 2006)), imfassal mill-Uffiċċju Permanenti, Marzu 2007, f'p. 56; iż-żewġ dokumenti huma disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri).

126 Għaliex l-unika għażla tal-ġenitur kienet bejn li ma jirritornax mal-minuri jew priġunerija malli jirritorna.

minħabba l-età tal-minuri jew minħabba ċirkustanzi oħrajn – kieku tikkostitwixxi riskju kbir ta' dannu fiżiku jew psikoloġiku fis-sens tal-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-1980.[127]

86 Il-mezzi li permezz tagħhom jistgħu jitressqu akkużi kriminali kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu kif ukoll jekk u sa liema punt il-ġenitur imċaħħad minn uliedu jkollu influwenza fuq il-bidu tal-proċeduri kriminali marbuta mas-sekwestru tal-minuri se jiddependu fuq is-sistema legali rilevanti u fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ. Għandu jiġi nnotat li, anki f'każijiet fejn il-proċeduri kriminali jkunu nbdew fuq l-inizjattiva jew bil-qbil tal-ġenitur imċaħħad minn uliedu, jekk il-proċeduri kriminali jkunux jistgħu jiġu fi tmiemhom tista' tkun kwistjoni li l-prosekutur jew il-qorti biss jistgħu jiddeċiedu. Dan ifisser li jekk jirriżulta li l-proċeduri kriminali kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jistgħu jkunu ostakolu għar-ritorn tal-minuri, il-ġenitur imċaħħad minn uliedu jista' ma tantx ikollu influwenza biex jitneħħa dan l-ostakolu, irrispettivament minn jekk l-akkużi kriminali jkunux tressqu fuq l-inzjattiva tiegħu jew bl-approvazzjoni tiegħu jew le.

87 Fil-medjazzjoni mwettqa f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, għandu jitqies li l-proċeduri kriminali, b'mod partikolari jekk fuq il-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jkun hemm imdendla t-theddida tal-priġunerija, setgħu nbdew jew hemm riskju potenzjali li jistgħu jibdew iktar 'il quddiem, anki wara r-ritorn miftiehem tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu u tal-minuri. Minħabba l-implikazzjoni li jista' jkollhom dawn il-proċeduri, huwa kruċjali li l-kwistjoni tiġi indirizzata waqt il-medjazzjoni.

88 L-Awtoritajiet Ċentrali u l-qrati involuti għandhom, sa fejn dan ikun possibbli, jagħtu appoġġ lill-partijiet sabiex dawn jiksbu l-informazzjoni ġenerali li jeħtieġu dwar il-liġijiet rilevanti li jirregolaw il-bidu u t-tmiem tal-proċeduri kriminali kif ukoll dwar l-istatus speċifiku tal-proċeduri kriminali. Tista' tkun meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi rilevanti sabiex jiġi żgurat li, qabel ma jiġi implimentat ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni li jipprovdi li l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jew il-minuri għandu jivvjaġġa lejn l-Istat tar-residenza tal-minuri ta' qabel is-sekwestru, ma jkunx hemm proċeduri kriminali pendenti jew li l-ebda proċedura bħal din ma tkun tista' tinfetaħ wara r-ritorn tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu u tal-minuri. Rigward il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti, in-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja jista' jkun partikolarment utli.[128]

89 Wieħed jista' jsib informazzjoni ġenerali dwar l-aspetti kriminali tas-sekwestru internazzjonali ta' minuri fl-Istati Kontraenti differenti, inkluża informazzjoni dwar min jista' jibda, jirtira jew jissospendi proċeduri kriminali marbuta mar-rimozzjoni jew mar-ritenzjoni illeċita ta' minuri fil-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.[129]

# 3 Taħriġ speċjalizzat għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri/Miżuri sabiex tiġi salvagwardjata l-kwalità tal-medjazzjoni

## 3.1 It-taħriġ tal-medjaturi – Regoli u standards eżistenti

90 Sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tal-medjazzjoni, huwa indispensabbli li dawk li jwettqu l-medjazzjoni jkun għaddew minn taħriġ xieraq. Xi Stati ppromulgaw leġiżlazzjoni li tirregola t-taħriġ jew il-

127 "Din il-problema xi drabi ġiet riżolta bis-sospensjoni (tal-infurzar) tad-digriet ta' ritorn sakemm jiġu rtirati l-akkużi kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16), Taqsima 4.4, p. 21 u 22 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 118.

128 Għal iktar informazzjoni dwar in-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja u l-funzjonament tal-komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, ara "Emerging rules regarding the development of the International Hague Network of Judges and draft General Principles for judicial communications, including commonly accepted safeguards for direct judicial communications in specific cases, within the context of the International Hague Network of Judges" (Ir-regoli emerġenti dwar l-iżvilupp tan-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja u l-abbozz tal-Prinċipji Ġenerali għall-komunikazzjonijiet ġudizzjarji, inklużi l-miżuri ta' salvagwardja komunement aċċettati għal komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti f'każijiet speċifiċi, fil-kuntest tan-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja), imfassal mill-Uffiċċju Permanenti, Dok. Prel. Nru 3 A ta' Marzu 2011, u P. Lortie, "Report on Judicial Communications in relation to international child abduction" (Rapport dwar il-komunikazzjonijiet ġudizzjarji b'rabta ma' sekwestru internazzjonali ta' minuri), Dok. Prel. Nru 3 B ta' April 2011, iż-żewġ dokumenti kienu għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Ġunju 2011 u huma disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri).

129 Ara t-Taqsima 11.3. tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

kwalifiki jew l-esperjenza ta' medjatur[130] li persuna għandu jkollha qabel ma tkun tista' tikseb ċertu titolu, tkun irreġistrata bħala medjatur, jew titħalla twettaq medjazzjoni jew ċerti forom ta' medjazzjoni (pereżempju, medjazzjoni ffinanzjata bil-fondi tal-Istat).

91 Pereżempju, l-Awstrija, fl-2004, stabbiliet reġistru Statali għall-medjaturi. Ir-reġistrazzjoni teżiġi li l-medjaturi jkunu konformi mar-rekwiżiti rregolati tat-taħriġ.[131] Ir-reġistrazzjoni hija valida għal ħames snin biss; biex tiġġedded tkun meħtieġa prova li qed jitkompla t-taħriġ, kif inhu stabbilit fil-liġi.[132]

92 Franza wkoll introduċiet leġiżlazzjoni dwar it-taħriġ għall-medjazzjoni familjari u għall-medjazzjoni kriminali.[133] Fl-2004 ġiet introdotta diploma Statali fil-medjazzjoni familjari.[134] Dawk il-kandidati b'esperjenza professjonali u/jew b'diploma nazzjonali fis-setturi soċjali jew tas-saħħa biss jiġu ammessi,[135] u dawn irid jirnexxielhom jgħaddu mill-proċess ta' għażla.[136] Il-kurrikulu huwa rregolat b'mod dettaljat u jinkludi 560 siegħa ta' taħriġ, fost l-oħrajn, fil-liġi, fil-psikoloġija u fis-soċjoloġija li 70 siegħa minnhom jridu jiġu ddedikati għall-prattika.[137] Mod ieħor kif tinkiseb id-diploma huwa permezz ta' rikonoxximent tal-esperjenza professjonali.[138]

93 F'ħafna mis-sistemi legali fejn it-taħriġ tal-medjatur ma ġiex irregolat b'leġiżlazzjoni, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonjiet tal-medjazzjoni, sabiex jiggarantixxu l-kwalità tal-medjazzjoni, stabbilew rekwiżiti minimi ta' taħriġ li l-medjaturi għandhom jissodisfaw meta jissieħbu fin-netwerk. Madankollu, ta' spiss minħabba nuqqas ta' punt ċentrali ta' referenza għar-rekwiżiti ta' taħriġ għall-ġurisdizzjoni rilevanti, ma hemm l-ebda approċċ uniformi fir-rigward tal-istandards tat-taħriġ.

94 Eżempji ta' ġurisdizzjoni fejn r-rekwiżiti ċentrali tat-taħriġ evolvew b'mod indirett permezz ta' awtoregolamentazzjoni huma l-Ingilterra u Wales, fejn dawk il-medjaturi li lestew it-taħriġ rikonoxxut tal-Legal Services Commission (LSC – Kummissjoni tas-Servizzi Legali) u rnexxielhom jgħaddu l-Assessment of Competence (Valutazzjoni ta' Kompetenza) tal-LSC għall-medjazzjoni familjari biss jitħallew iwettqu medjazzjoni ffinanzjata b'fondi pubbliċi.[139]

---

130 L-Istati li ġejjin indikaw, fil-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121), li l-leġiżlazzjoni dwar il-medjazzjoni (u fil-każ ta' wħud mill-Istati, leġiżlazzjoni speċifika dwar il-medjazzjoni familjari) tindirizza l-kwistjoni tal-kwalifiki u tal-esperjenza meħtieġa tal-medjaturi: **l-Arġentina, il-Belġju, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, in-Norveġja, Panama, il-Paragwaj, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Isvizzera** u **l-Istati Uniti tal-Amerika**.

131 Ara l-*Bundesgesetz über die Mediation in Zivilrechtssachen (ZivMediatG)* tas-6 ta' Ġunju 2003, disponibbli minn < http://www.ris.bka.gv.at/Dokumente/BgblPdf/2003_29_1/2003_29_1.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012) and *ż-Zivilrechts-Mediations-Ausbildungsverordnung (ZivMediatAV)* tat-22 ta' Jannar 2004, disponibbli minn < http://www.ris.bka.gv.at/Dokumente/BgblAuth/BGBLA_2004_II_47/BGBLA_2004_II_47.html > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

132 Ara l-Artikoli 13 u 20 tal-*Bundesgesetz über die Mediation in Zivilrechtssachen (ZivMediatG)* tas-6 ta' Ġunju 2003 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 131).

133 Ara K. Deckert, "Mediation in Frankreich – Rechtlicher Rahmen und praktische Erfahrungen", f'K.J. Hopt u F. Steffek (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2), p. 183-258, f'p. 242 u 243.

134 Ara d-*Décret No 2003-1166 du 2 décembre 2003 portant création du diplôme d'État de médiateur familial* (Digriet Nru 2003-1166 tat-2 ta' Diċembru 2003 dwar il-ħolqien ta' diploma Statali ta' medjatur familjari) u l-*Arrêté du 12 février 2004 relatif au diplôme d'État de médiateur familial – Version consolidée au 28 juillet 2007* (Digriet tat-12 ta' Frar 2004 dwar diploma Statali ta' medjatur familjari – Verżjoni kkonsolidata fit-28 ta' Lulju 2007), disponibbli minn < http://www.legifrance.gouv.fr > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012); ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 7, p. 22.

135 Għad-dettalji ara l-*Arrêté du 12 février 2004 relatif au diplôme d'État de médiateur familial – Version consolidée au 28 juillet 2007* (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 134), Artikolu 2.

136 *Ibid.*, Artikolu 3.

137 *Ibid.*, Artikoli 4 *et seq.*

138 Biex tiġi rikonoxxuta l-esperjenza professjonali huma meħtieġa żewġ fażijiet: l-awtoritajiet pubbliċi l-ewwel jivvalutaw l-ammissibbiltà tal-applikant u mbagħad bord ta' eżaminaturi jivvaluta l-iżvilupp tal-ħiliet miksuba bl-esperjenza, ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 7, p. 22.

139 Ara l-Mediation Quality Mark Standard (Standard ta' Kwalità tal-Marka għall-Medjazzjoni) tal-Legal Services Commission, it-tieni edizzjoni., Settembru 2009, disponibbli onlajn minn < http://www.legalservices.gov.uk/docs/cls_main/MQM_Standard_Sep09_with_cover.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

95 Barra minn hekk, il-kwistjoni tat-taħriġ tal-medjatur ġiet indirizzata f'diversi strumenti mhux vinkolanti nazzjonali[140] u reġjonali, bħal standards u kodiċijiet ta' kondotta tal-medjazzjoni[141] jew rakkomandazzjonijiet[142] għall-medjazzjoni. Madankollu, mhux bilfors hemm qbil dwar l-istandards tat-taħriġ fost il-korpi differenti li jippromwovu t-taħriġ tal-medjaturi. Barra minn hekk, ħafna mir-regoli u mill-istandards jindirizzaw it-taħriġ tal-medjaturi b'mod ġenerali u ma jiffokawx b'mod speċifiku fuq it-taħriġ għall-medjazzjoni familjari, inqas u inqas għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.

96 Fost l-inizjattivi għall-promozzjoni reġjonali tal-istandards tat-taħriġ tal-medjaturi għall-medjazzjoni familjari hemm dik tal-AIFI,[143] organizzazzjoni interdixxiplinari mhux governattiva b'membri fl-Ewropa u fil-Kanada. Il-Guide to Good Practice in Family Mediation (Gwida għal Prattika Tajba fil-Medjazzjoni Familjari) tal-AIFI, imfassla fl-2008, tindirizza l-kwistjoni tat-taħriġ speċjalizzat u tal-akkreditazzjoni għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[144] Organizzazzjoni oħra li hija attiva f'dan il-qasam tal-medjazzjoni hija l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Imħallfin għall-Medjazzjoni (GEMME - Groupement Européen des Magistrats pour la Médiation),[145] li tikkonsisti f'diversi sezzjonijiet nazzjonali. L-organizzazzjoni tgħaqqad imħallfin minn Stati Ewropej differenti bil-għan li jiġu promossi metodi ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim, b'mod partikolari l-medjazzjoni. Fl-2006, GEMME France ppubblikat Gwida Prattika dwar l-użu tal-medjazzjoni ġudizzjarja li ssemmi, fost l-oħrajn, it-taħriġ tal-medjaturi u l-etika professjonali.[146]

97 Xi strumenti reġjonali mhux vinkolanti tal-medjazzjoni jħeġġu lill-Istati sabiex jipprovdu strutturi rilevanti ħalli jiggarantixxu l-kwalità tal-medjazzjoni. Pereżempju, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari tħeġġeġ lill-Istati sabiex jiżguraw irwieħhom mill-eżistenza ta' "proċeduri għall-għażla, għat-taħriġ u għall-kwalifiki tal-medjaturi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u tenfasizza li "[f]id-dawl tan-natura partikolari tal-medjazzjoni internazzjonali, il-medjaturi internazzjonali għandhom ikunu meħtieġa jgħaddu minn taħriġ speċifiku" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[147] Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec (2002)10 dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili titlob lill-Istati sabiex "jikkunsidraw li jieħdu miżuri ħalli jippromwovu l-adozzjoni ta' standards xierqa għall-għażla, għar-responsabbiltajiet, għat-taħriġ u għall-kwalifiki tal-medjaturi, inklużi l-medjaturi li jittrattaw kwistjonijiet internazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali][148]. Barra minn hekk, id-Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni, strument reġjonali vinkolanti, jitlob lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex "jinkoraġġixxu t-taħriġ inizjali u ulterjuri ta' medjaturi sabiex jiżguraw li l-medjazzjoni tiġi kondotta b'mod effikaċi, imparzjali u kompetenti fir-rigward tal-partijiet".[149]

---

140 Pereżempju, dwar mudell ta' taħriġ żviluppat min-National Centre for Mediation and Conflict Resolution (Ċentru Nazzjonali għall-Medjazzjoni u għar-Riżoluzzjoni tal-Kunflitti) fil-Ministeru tal-Ġustizzja tal-**Iżrael**, ara E. Liebermann, Y. Foux-Levy u P. Segal, "Beyond Basic Training – A Model for Developing Mediator Competence" (Lil hinn mit-taħriġ bażiku – Mudell sabiex tiġi żviluppata l-kompetenza tal-medjatur), f'*Conflict Resolution Quarterly* 23 (2005) p. 237-257.

141 Pereżempju, il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Medjaturi (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 58), li jistabbilixxi numru ta' prinċipji li l-medjaturi individwali jistgħu josservaw fuq bażi volontarja, jiddikjara li "[i]l-medjaturi jridu jkunu kompetenti u jkollhom l-għarfien meħtieġ fir-rigward tal-proċess ta' medjazzjoni" u jenfasizza li "[i] l-fatturi rilevanti jinkludu t-taħriġ xieraq u l-aġġornament kontinwu tal-edukazzjoni u l-prattika tagħhom fil-ħiliet ta' medjazzjoni [...]", ara l-Punt 1.1.

142 Ara wkoll "Legislating for Alternative Dispute Resolution – A Guide for Government Policy-Makers and Legal Drafters" (It-tfassil ta' leġiżlazzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim – Gwida għall-persuni fil-gvern li jfasslu l-politika u għal dawk li jabbozzaw il-liġijiet), Novembru 2006, p. 49 *et seq*., imfassal mill-Australian National Alternative Dispute Resolution Advisory Council (NADRAC), disponibbli minn < http://www.nadrac.gov.au/publications/PublicationsByDate/Pages/LegislatingforAlternativeDisputeResolution.aspx > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

143 *Association Internationale Francophone des intervenants auprès des familles séparées.*

144 Titolu oriġinali: "Guide de bonnes pratiques en médiation familiale à distance et internationale", ara l-Artikolu 5.

145 Il-websajt tal-GEMME jinsab fi < www.gemme.eu/en >.

146 Il-Gwida hija disponibbli mill-websajt tal-GEMME fi < http://www.gemme.eu/nation/france/article/le-guide > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

147 *Supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52, ara l-Partijiet II c) u VIII e).

148 *Supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53, ara l-Prinċipju V.

149 Ara l-Artikolu 4 tad-Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5).

## 3.2 Taħriġ speċifiku għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri

- ➔ **Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandha titwettaq biss minn medjaturi familjari b'esperjenza li preferibbilment għandhom ikunu għaddew minn taħriġ speċifiku għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.**
- ➔ **Il-medjaturi li jaħdmu f'dan il-qasam għandhom jibqgħu jitħarrġu sabiex iżommu l-kompetenza professjonali tagħhom.**
- ➔ **L-Istati għandhom jappoġġjaw l-istabbiliment ta' programmi u ta' standards ta' taħriġ għal medjazzjoni familjari transkonfinali u għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.**

98 Minħabba n-natura partikolari tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, medjaturi familjari b'esperjenza li preferibbilment ikunu rċevew taħriġ speċifiku għall-medjazzjoni familjari internazzjonali u, b'mod iktar speċiku, għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri biss għandhom iwettqu medjazzjoni f'każijiet bħal dawn.[150] Idealment, il-medjaturi li jkollhom inqas esperjenza għandhom iwettqu medjazzjoni f'każijiet bħal dawn biss waqt komedjazzjoni ma' kollegi b'iktar esperjenza minnhom.

99 It-taħriġ għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandu jipprepara lill-medjatur sabiex jiffaċċja l-isfidi speċifiċi tal-każijiet ta' sekwestru transkonfinali ta' minuri, kif ġew stabbiliti iktar 'il fuq, filwaqt li jibni fuq is-sisien tat-taħriġ regolari ta' medjatur.[151]

100 B'mod ġenerali, il-medjatur għandu jkollu l-għarfien soċjo-psikoloġiku u legali meħtieġ sabiex iwettaq medjazzjoni f'każijiet familjari ferm kunflittwali. Il-medjatur għandu jkollu taħriġ adegwat sabiex jivvaluta l-idoneità ta' kaž individwali għall-medjazzjoni. Huwa għandu jkollu l-ħila sabiex jivvaluta l-kapaċità tal-partijiet li jidħlu għall-medjazzjoni, pereżempju għandu jirrikonoxxi diżabbiltà mentali u diffikultajiet lingwistiċi u għandu jkun kapaċi jidentifika xejriet ta' abbuż domestiku u ta' abbuż ta' minuri u jiġbed il-konklużjonijiet meħtieġa.

101 Barra minn hekk, it-taħriġ għall-medjazzjoni familjari internazzjonali għandu jinkludi l-iżvilupp jew il-konsolidazzjoni tal-kompetenza transkulturali meħtieġa kif ukoll tal-ħiliet lingwistiċi meħtieġa.

102 Fl-istess ħin, it-taħriġ għandu jittrażmetti għarfien u fehim tal-istrumenti legali reġjonali u internazzjonali rilevanti kif ukoll tal-liġi nazzjonali applikabbli. Għalkemm mhuwiex ir-rwol tal-medjatur li jagħti pariri legali, għarfien legali bażiku huwa kruċjali f'każijiet familjari transkonfinali. sabiex il-medjatur ikun jista' jifhem il-kuntest iktar ġenerali tal-każ u jwettaq medjazzjoni b'mod responsabbli.

103 Medjazzjoni responsabbli f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fost l-oħrajn tħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ħtiġijiet tal-minuri, u tfakkarhom fir-responsabbiltà primarja tagħhom li jaħsbu għall-benesseri ta' wliedhom. Hija tenfasizza l-ħtieġa li huma jinformaw u jikkonsultaw lil uliedhom, u tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li s-soluzzjoni miftiehma tagħhom tista' tkun sostenibbli biss jekk tkun konformi maż-żewġ sistemi legali (mas-sistemi legali kollha) ikkonċernata(i) u jekk issir legalment vinkolanti f'dawk is-sistemi legali, li se jeħtieġ il-pariri legali ta' speċjalista. Għal medjazzjoni li tinkludi lill-minuri, li tqis il-fehmiet tal-minuri f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, huwa meħtieġ taħriġ speċjalizzat.

104 Il-medjaturi li jaħdmu fil-qasam tas-sekwestru internazzjonali ta' minuri għandhom jibqgħu jitħarrġu sabiex iżommu l-kompetenza professjonali tagħhom.

---

150 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), VIII (Kwistjonijiet internazzjonali): "e. Fid-dawl tan-natura partikolari tal-medjazzjoni internazzjonali, il-medjaturi internazzjonali għandhom ikunu meħtieġa jgħaddu minn taħriġ speċifiku" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

151 Eżempju ta' programm ta' taħriġ speċjalizzat huwa l-proġett li kien stabbilit ukoll mill-UE, TIM (Training in international family mediation – Taħriġ f'medjazzjoni familjari internazzjonali), li għandu l-għan li joħloq netwerk ta' medjaturi familjari internazzjonali fl-Ewropa, ara l-websajt tan-netwerk fi < http://www.crossbordermediator.eu >. Iktar dettalji dwar il-proġett TIM, li jitwettaq mill-NGO Belġjana Child Focus f'kooperazzjoni mal-Katholieke Universiteit van Leuven u mal-organizzazzjoni Ġermaniża speċjalista fil-medjazzjoni MiKK e.V. bl-appoġġ taċ-Ċentru Olandiż għas-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, huma disponibbli fuq il-websajt tal-organizzazzjoni Ġermaniża MiKK e.V. fi < http://www.mikk-ev.de/english/eu-training-project-tim/ > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

105 L-istabbiliment ta' programmi ta' taħriġ għall-medjazzjoni u l-elaborazzjoni ulterjuri ta' standards għall-medjazzjoni familjari transkonfinali u għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri għandu jingħata l-appoġġ tal-Istati.

### 3.3 L-istabbiliment tal-listi tal-medjaturi

➔ **L-Istati għandhom jikkunsidraw li jagħtu appoġġ għall-istabbiliment ta' listi ta' medjaturi familjari li jkunu pubblikament disponibbli u li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu identifikati l-medjaturi speċjalisti.**

106 Sabiex jiġi promoss l-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni għal tilwim familjari transkonfinali, l-Istati għandhom jikkunsidraw li jinkoraġġixxu l-istabbiliment, fuq livell nazzjonali jew sovranazzjonali, ta' listi ta' medjaturi familjari li jkunu pubblikament disponibbli u li permezz tagħhom ikunu jistgħu jiġu identifikati l-medjaturi speċjalisti u s-servizzi ta' medjazzjoni mwettqa minn speċjalisti.[152] Idealment dawn il-listi għandhom jinkludu d-dettalji ta' kuntatt tal-medjaturi, informazzjoni dwar il-qasam jew l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni tagħhom, it-taħriġ, il-ħiliet lingwistiċi kif ukoll il-kompetenza u l-esperjenza interkulturali tal-medjaturi.

107 L-Istati jistgħu anki jiffaċilitaw l-għoti ta' informazzjoni dwar servizzi speċjalizzati ta' medjazzjoni familjari internazzjonali li jkunu disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom minn Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[153]

### 3.4 Miżuri ta' salvagwardja għall-kwalità tal-medjazzjoni

➔ **Is-servizzi ta' medjazzjoni użati f'tilwim familjari transkonfinali għandhom jiġi mmonitorjati u evalwati, preferibbilment minn korp newtrali.**

➔ **L-Istati huma mħeġġa jagħtu appoġġ lill-istabbilment ta' standards komuni għall-evalwazzjoni tas-servizzi ta' medjazzjoni.**

108 Sabiex tkun salvagwardjata l-kwalità tal-medjazzjoni familjari internazzjonali, is-servizzi ta' medjazzjoni għandhom jiġu mmonitorjati u evalwati, idealment minn korp newtrali. Madankollu, fejn ma jeżisti l-ebda korp bħal dan, il-medjaturi u l-organizzazzjonijiet tal-medjazzjoni għandhom huma stess jistabbilixxu regoli trasparenti dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-servizzi tagħhom. B'mod partikolari, il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-medjazzjoni u għandha tkun disponibbli proċedura sabiex jitressqu l-ilmenti.

109 Il-medjaturi u l-organizzazzjonijiet tal-medjaturi li jaħdmu fil-qasam tas-sekwestru internazzjonali ta' minuri għandu jkollhom approċċ strutturat u professjonali għall-amministrazzjoni, għaż-żamma tar-reġistri u għall-evalwazzjoni tas-servizzi u għandu jkollhom aċċess għall-appoġġ amministrattiv u professjonali meħtieġ.[154]

110 L-Istati għandhom jaħdmu sabiex jiġu stabbiliti standards komuni għall-evalwazzjoni tas-servizzi ta' medjazzjoni.

---

152 Pereżempju, **Franza**, wieħed mill-ewwel Stati li stabbilixxa Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali, qed tħejji lista ċentrali ta' medjaturi speċjalizzati; **l-Awstrija** stabbiliet reġistru ċentrali għall-medjaturi fl-2004 (għal iktar dettalji ara l-paragrafu 91 iktar 'il fuq), li huwa aċċessibbli onlajn minn < http://www.mediatoren.justiz.gv.at/mediatoren/mediatorenliste.nsf/contentByKey/VSTR-7DXPU8-DE-p > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012). Barra minn hekk, il-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121) jispeċifikaw id-disponibblità ta' listi ta' medjaturi (għalkemm mhux bilfors lista waħda ċentrali) għas-sistemi legali li ġejjin u jindikaw mingħand liema korpi jistgħu jinkisbu dawn il-listi: **l-Arġentina, il-Belġju, iċ-Ċina (ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong), ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, in-Norveġja, Panama, il-Paragwaj, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Isvizzera, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales u l-Irlanda ta' Fuq)** u **l-Istati Uniti tal-Amerika**.

153 Dwar il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali, ara t-Taqsima 4.1 iktar 'l isfel.

154 Ara l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fl-Anness 1 iktar 'l isfel.

# 4 L-aċċess għall-medjazzjoni

**➔ L-Awtorità Ċentrali jew Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali għandhom jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli għal każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri kif ukoll informazzjoni relatata oħra, bħall-ispejjeż tal-medjazzjoni.**

**➔ L-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u għal Konvenzjonijiet tal-Aja rilevanti oħrajn[155] huma mħeġġa jistabbilixxu Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli u dwar kwistjonijiet relatati għal tilwim familjari transkonfinali li jinvolvi minuri, jew biex jafdaw dan il-kompitu lill-Awtoritajiet Ċentrali tagħhom.**

111 Huwa importanti li l-aċċess għall-medjazzjoni jiġi ffaċilitat, qabel xejn billi l-partijiet li jixtieqU jikkunsidraw il-medjazzjoni jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni li jkunu disponibbli fil-ġurisdizzjoni rilevanti flimkien ma' informazzjoni relatata oħra.

112 Għandu jiġi nnotat li l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni[156] imfassla mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta, li l-għan tagħhom huwa li jiġu stabbiliti strutturi għall-medjazzjoni familjari transkonfinali, jitolbu lill-Istati sabiex jaqblu mal-implimentazzjoni ta' dawk il-Prinċipji ħalli jiġi stabbilit "Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali" li, fost l-oħrajn, għandu "[j]ipprovdi informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni familjari li jkunu disponibbli f'dak il-pajjiż", bħal lista ta' medjaturi u ta' organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali, informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-medjazzjoni u iktar dettalji. Barra minn hekk, il-Prinċipji jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Ċentrali sabiex "[j]ipprovdi informazzjoni minn fejn jistgħu jinkisbu pariri dwar il-liġi tal-familja u l-proċeduri legali, [...] dwar kif il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jingħata effett vinkolanti [kif ukoll] dwar l-infurzar tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni".

113 Skont dawn il-Prinċipji, l-"informazzjoni għandha tiġi pprovduta bil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat kif ukoll jew bl-Ingliż jew bil-Franċiż". Barra minn hekk, il-Prinċipji jitolbu li "[l]-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja għandu jiġi informat bid-dettalji ta' kuntatt rilevanti tal-Punt ta' Kuntatt Ċentrali, inklużi l-indirizz tal-posta, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-posta elettronika u l-isem(ismijiet) tal-persuna(i) responsabbli u informazzjoni dwar liema lingwi jitkellmu" u li t-"talbiet għal informazzjoni jew għal assistenza indirizzati lill-Punt ta' Kuntratt Ċentrali għandhom jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun".

114 Għalkemm dawn il-Prinċipji tfasslu sabiex jiġu stabbiliti strutturi għall-medjazzjoni transkonfinali għal każijiet li ma jaqgħux taħt il-Konvenzjoni tal-Aja, huma wkoll rilevanti għall-każijiet li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni tal-Aja. Bl-iżvilupp rapidu u diversifikat tas-servizzi ta' medjazzjoni familjari f'dawn l-aħħar snin, huwa diffiċli li wieħed ikollu perspettiva ġenerali tas-servizzi offruti, jew li jiġġudika liema servizzi jistgħu jkunu idonei għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru transkonfinali ta' minuri. Għaldaqstant, ikun ferm siewi jekk l-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u/jew għal Konvenzjonijiet tal-Aja rilevanti oħrajn jiġbru u jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli għat-tilwim familjari internazzjonali fil-ġurisdizzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni relatata oħra li tista' tkun rilevanti għall-medjazzjoni f'tilwim familjari transkonfinali, u b'mod iktar speċifiku f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.

115 Fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, l-Awtorità Ċentrali skont il-Konvenzjoni tista' tkun f'pożizzjoni ideali sabiex ikolha dak ir-rwol.[157] Madankollu, xi Stati

155 Dwar il-promozzjoni tal-medjazzjoni minn Konvenzjonijiet tal-Aja dwar Minuri oħrajn, ara "Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni" iktar 'il fuq.

156 Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni (ara l-Anness 1 iktar 'l isfel). Ara wkoll il-"Memorandum ta' Spjegazzjoni dwar il-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta" li ġie riprodott fl-Anness 2 iktar 'l isfel (disponibbli wkoll minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri) imbagħad "Cross-border family mediation" (Medjazzjoni familjari transkonfinali)).

157 Fil-laqgħa tagħha ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal ħeġġet lill-Istati "sabiex jikkunsidraw l-istabbiliment ta' Punt ta' Kuntatt Ċentrali bħal dan jew il-ħatra tal-Awtorità Ċentrali tagħhom bħala Punt ta' Kuntatt Ċentrali" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 61.

Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980 jistgħu jippreferu li jistabbilixxu Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali indipendenti sabiex jipprovdi l-informazzjoni rilevanti. F'dak il-każ, l-Awtorità Ċentrali tista' tirreferi lill-partijiet interessati għal dak il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali, sakemm il-kooperazzjoni bejn l-Awtorità Ċentrali u l-Punt ta' Kuntatt Ċentrali tiġi rregolata fuq livell organizzattiv b'tali mod li r-referenza tal-partijiet għal dak il-Punt ma twassalx għal dewmien fl-ipproċessar tat-talba għal ritorn.

116 Fejn jinħatar korp estern sabiex jagħmilha ta' Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali, għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess, speċjalment fejn dak il-korp ikun joffri huwa stess servizzi ta' medjazzjoni.

117 Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri mfassla mill-Uffiċċju Permanenti, iffinalizzati fl-2011 u sussegwentement kkompletati mill-Istati Kontraenti, jistgħu jkunu sors utli ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli f'dawn l-Istati.[158]

### 4.1 Id-disponibbiltà tal-medjazzjoni – L-istadju tal-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja; referenza/awtoreferenza għall-medjazzjoni

➔ **Il-possibbiltà li tintuża l-medjazzjoni jew proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma għandha tiġi introdotta mill-iktar fis possibbli lill-partijiet għal tilwima familjari internazzjonali dwar minuri.**

➔ **L-aċċess għall-medjazzjoni u għal proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma ma għandux jiġi ristrett għall-istadju ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali, imma għandu jkun disponibbli matul il-proċeduri kollha, inkluż fl-istadju tal-infurzar.**

118 Il-possibbiltà li tintuża l-medjazzjoni jew mezzi oħrajn ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim għandha tiġi introdotta mill-iktar fis possibbli. Il-medjazzjoni tista' diġà tiġi offruta bħala miżura preventiva fi stadju bikri ta' kunflitt familjari sabiex jiġi evitat sekwestru sussegwenti.[159] Dan huwa partikolarment sinifikanti f'każijiet fejn, wara li koppja tissepara, wieħed mill-ġenituri jibda jaħsibha jirrilokax f'pajjiż ieħor. Filwaqt li għandha titqajjem kuxjenza li ġeneralment ġenitur ma jistax iħalli l-pajjiż mingħajr il-kunsens tad-detentur l-ieħor tad-drittijiet ta' kustodja (effettivament eżerċitati) jew mingħajr awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti,[160] il-medjazzjoni tista' toffri appoġġ siewi sabiex tinstab soluzzjoni bonarja.

119 Għandu jiġi enfasizzat li l-mod li bih "il-ġenituri jiġu avviċinati sabiex jikkunsidraw il-medjazzjoni huwa ferm importanti" [traduzzjoni mhux uffiċjali][161] u jista' jkun "kritiku għall-prospetti ta' suċċess tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[162] Peress li l-medjazzjoni għadha relattivament ġdida f'bosta ġurisdizzjonijiet, "il-ġenituri jeħtieġu spjegazzjonijiet kompluti u sinċiera dwar x'inhi u x'mhijiex il-medjazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jersqu lejn il-medjazzjoni b' aspettattivi xierqa" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[163]

120 Malli jseħħ sekwestru ta' minuri, il-ġenituri għandhom jiġu informati mill-iktar fis possibbli bil-possibbiltà ta' medjazzjoni, fejn ikunu disponibbli servizzi ta' medjazzjoni speċifiċi għal dawn il-

158 Ara l-Parti V tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

159 Ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar Miżuri Preventivi (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Taqsima 2.1, p. 15-16; ara wkoll il-Kapitolu 14 iktar 'l isfel.

160 Ara l-"Washington Declaration on International Family Relocation" (Id-dikjarazzjoni ta' Washington dwar ir-rilokazzjoni familjari internazzjonali), Konferenza Ġudizzjarja Internazzjonali dwar ir-Rilokazzjoni Familjari Transkonfinali, Washington, D.C., L-Istati Uniti tal-Amerika, mit-23 sal-25 ta' Marzu 2010, koorganizzata mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-International Centre for Missing and Exploited Children (ICMEC – Ċentru Internazzjonali għal Minuri Nieqsa u Sfruttati) bl-appoġġ tad-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti: "L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkunu disponibbli proċeduri legali sabiex titressaq talba quddiem l-awtorità kompetenti għad-dritt ta' rilokazzjoni mal-minuri. Il-partijiet għandhom jiġu mħeġġa b'mod qawwi sabiex jagħmlu użu mill-proċeduri legali u ma jieħdux azzjoni unilaterali" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Id-Dikjarazzjoni ta' Washington hija disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri).

161 Ara S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 5.1, p. 17.

162 Ir-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97), p. 8.

163 S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 5.1, p. 18.

każijiet. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-medjazzjoni "mhijiex l-uniku rimedju li għandhom il-ġenituri u li d-disponibbiltà tal-medjazzjoni ma taffettwax id-dritt ta' ġenituri li jiftaħ kawża l-qorti jekk huwa jippreferu jagħmel hekk" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[164]

121 Sabiex jiżdiedu ċ-ċansijiet ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwima, il-medjazzjoni jew mezzi simili għandhom ikunu disponibbli mhux biss fl-istadju ta' qabel il-proċess quddiem qorti kriminali, imma anki matul il-proċeduri ġudizzjarji kollha, inkluż fl-istadju tal-infurzar.[165] Liema se jkun l-iktar proċess idoneu minn dawk disponibbli sabiex jiffaċilita soluzzjonijiet miftiehma fi stadju partikolari tal-proċeduri se jiddependi miċ-ċirkustanzi.

122 Kif ġie diskuss b'mod dettaljat fit-Taqsima 2.1 (Perjodi ta' żmien/Proċeduri rapidi), huwa tal-ikbar importanza li jittieħdu miżuri ta' salvagwardja sabiex jiġi żgurat li l-medjazzjoni ma tkunx tista' tintuża bħala tattika ta' dewmien mill-ġenitur li ssekwestra lil uliedu. Il-bidu tal-proċeduri ta' ritorn tista' tkun miżura utli f'dan ir-rigward u, jekk ikun meħtieġ, dawk il-proċeduri jistgħu jiġu sospiżi sakemm iddum għaddejja l-medjazzjoni.[166]

### 4.1.1 IR-RWOL TAL-AWTORITÀ ĊENTRALI

- ➔ **L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom, jew direttament jew permezz ta' intermedjarju, jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tinkiseb riżoluzzjoni bonarja tat-tilwima.**
- ➔ **Meta tirċievi talba għal ritorn, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat li saritlu t-talba għandha tiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni idonei għal każijiet ta' sekwestru transkonfinali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri fejn dawn ikunu disponibbli f'dik il-ġurisdizzjoni.**
- ➔ **L-Istati għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-medjazzjoni u proċessi simili u dwar il-possibiltà li jiġu kkombinati fit-taħriġ tal-persunal tal-Awtorità Ċentrali tagħhom.**

123 L-Awtoritajiet Ċentrali skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal għandhom rwol prinċipali sabiex jinkoraġġixxu riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim familjari internazzjonali dwar minuri. Kemm il-Konvenzjoni tal-1980 kif ukoll dik tal-1996 jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu promossi soluzzjonijiet miftiehma u jeżiġu li l-Awtoritajiet Ċentrali jkollhom rwol attiv sabiex tintlaħaq dik il-mira. L-Artikolu 7(2)(ċ) tal-Konvenzjoni tal-1980 jeżiġi li l-Awtoritajiet Ċentrali jieħdu l-miżuri kollha idonei biex "jiksbu r-ritorn volontarju tal-minuri jew iwasslu għal soluzzjoni amikevoli tal-kwistjonijiet". B'mod simili, l-Artikolu 31(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 jeżiġi li l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha sabiex "[jiffaċilitaw], permezz ta' medjazzjoni, konċiljazzjoni jew mezzi simili, soluzzjonijiet miftehmin għall-protezzjoni tal-persuna jew proprjetà tat-tifel f'sitwazzjonijiet fejn tapplika l-Konvenzjoni".

124 Għalhekk, l-Awtoritajiet Ċentrali skont kwalunkwe waħda mill-Konvenzjonijiet għandhom, kemm jista' jkun minn kmieni, jiffaċilitaw l-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni jew mezzi simili disponibbli sabiex jagħtu l-assistenza tagħhom ħalli tinstab soluzzjoni miftiehma meta l-partijiet ifittxu l-appoġġ tal-Awtorità Ċentrali f'tilwima familjari transkonfinali.[167] Madankollu, informazzjoni bħal din ma għandhiex tingħata minflok, imma pjuttost flimkien ma' informazzjoni dwar il-proċeduri skont il-Konvenzjonijiet tal-Aja u ma' informazzjoni relatata oħra.

125 Pereżempju, f'każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat li saritlu t-talba għandha, meta tiġi kkuntattjata mill-ġenitur imċaħħad minn uliedu (jew direttament jew permezz tal-Awtorità Ċentrali fl-Istat li għamel it-talba), tipprovdi lill-ġenitur b'informazzjoni dwar il-medjazzjoni u servizzi simili li jkunu disponibbli f'dik il-ġurisdizzjoni flimkien ma' informazzjoni dwar il-proċeduri skont il-Konvenzjoni tal-Aja. Fl-istess ħin, l-Awtorità Ċentrali tista', meta tavviċina lill-ġenitur li ssekwestra lil uliedu sabiex tinkoraġġixxi r-ritorn volontarju[168] tal-minuri, tinforma lil dak il-ġenitur bil-possibbiltajiet għal medjazzjoni u proċessi simili li jiffaċilitaw soluzzjonijiet miftiehma. Barra minn hekk, l-Awtorità Ċentrali fl-Istat li għamel it-talba tista' tipprovdi informazzjoni lill-ġenitur imċaħħad

164 Ara S. Vigers, (*ibid.*), 5.1, p. 17.

165 Ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Taqsimiet 5.1 u 5.2, p. 25.

166 Ara t-Taqsima 2.1 iktar 'il fuq.

167 F'dan ir-rigward, l-Awtorità Ċentrali tista' tagħmilha ta' Punt ta' Kuntatt Ċentrali fis-sens deskritt fil-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni (ara l-Anness 1 iktar 'l isfel); għal iktar dettalji dwar il-Prinċipji, ara l-introduzzjoni għall-Kapitolu 4 iktar 'il fuq. Ara wkoll it-Taqsima 4.1.4 iktar 'l isfel.

168 L-Artikolu 7(2)(ċ) u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.

minn uliedu dwar metodi kif jiġi solvut tilwim b'mod bonarju flimkien ma' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja. Il-kompitu li tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni rilevanti tista' tiġi anki ddelegata lil korp ieħor.[169]

126 Madankollu, id-dmir tal-Awtorità Ċentrali li tipproċessa malajr kemm jista' jkun it-talbiet għal ritorn ma għandux jiġi kompromess. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom responsabbiltà speċjali sabiex jenfasizzaw li l-każijiet ta' sekwestru huma sensittivi għaż-żmien. Fejn l-Awtorità Ċentrali tiddelega l-għoti tal-informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni rilevanti lil korp ieħor, l-Awtorità Ċentrali għandha tiżgura ruħha li l-fatt li l-partijiet jiġu riferiti għal dak il-korp ma jwassalx għal dewmien. Barra minn hekk, fejn il-partijiet jiddeċiedu li jipprovaw il-medjazzjoni, huma għandhom jiġu informati li l-medjazzjoni u l-proċeduri ta' ritorn jistgħu jitwettqu parallelament.[170]

127 Fl-2006, l-istudju komparattiv dwar l-iskemi ta' medjazzjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri[171] identifika xi Awtoritajiet Ċentrali li jippromwovu l-medjazzjoni b'mod attiv, jew billi f'ċerti każijiet joffru l-medjazzjoni huma stess jew billi jużaw is-servizzi ta' fornitur ta' medjazzjoni lokali. Illum, kif ġie indikat ukoll mill-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980,[172] numru dejjem ikbar ta' Awtoritajiet Ċentrali huma proattivi meta jħeġġu lill-partijiet jipprovaw il-medjazzjoni jew proċessi simili sabiex isibu soluzzjoni miftiehma għat-tilwima tagħhom.[173]

128 L-Istati huma mħeġġa sabiex fit-taħriġ tal-persunal tal-Awtoritajiet Ċentrali jinkludu informazzjoni ġenerali dwar il-medjazzjoni u proċessi simili, kif ukoll informazzjoni speċifika dwar is-servizzi ta' medjazzjoni u servizzi simili li jkunu disponibbli f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.

169 Pereżempju, Stat li saritlu talba seta' għażel korp ieħor għajr l-Awtorità Ċentrali bħala Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali (ara l-paragrafi 111 *et seq.* iktar 'il fuq) u lill-Punt ta' Kuntatt Ċentrali mhux biss ikun tah il-kompitu li jipprovdi informazzjoni dwar il-medjazzjoni f'każijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja imma wkoll li jipprovdi informazzjoni dwar servizzi speċjalizzati ta' medjazzjoni għal każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980.

170 Dwar il-vantaġġi ta' meta l-proċeduri skont il-Konvenzjoni tal-Aja jibdew qabel ma tibda l-medjazzjoni, ara t-Taqsima 2.1 iktar 'il fuq.

171 Ara S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 2.4, p. 10.

172 *Supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121.

173 Pereżempju; Fi **Franza**, f'April 2007, l-Awtorità Ċentrali ħadet f'idejha l-kompiti li qabel kienu jitwettqu mill-Missjoni ta' Assistenza għall-Medjazzjoni Internazzjonali għall-Familji (*Mission d'aide à la médiation internationale pour les familles,* MAMIF), uffiċċju stabbilit sabiex jippromwovi l-medjazzjoni ta' tilwim familjari transkonfinali u li kien involut fil-programm ta' medjazzjoni binazzjonali Franċiż u Ġermaniż li kiseb daqstant suċċess; għal iktar informazzjoni dwar l-Assistenza għall-medjazzjoni familjari internazzjonali (Aide à la Médiation Familiale Internationale, AMIF) issa mwettqa mill-Awtorità Ċentrali Franċiża, ara < http://www.justice.gouv.fr/justice-civile-11861/enlevement-parental-12063/la-mediation-21106.html > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012). Fl-**Isvizzera**, l-Att Federali tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u dwar il-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar il-Ħarsien tat-Tfal u tal-Adulti, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009, implimenta obbligi konkreti għall-Awtorità Ċentrali Svizzera fir-rigward tal-promozzjoni tal-proċeduri ta' konċiljazzjoni u ta' medjazzjoni, ara l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 (*Bundesgesetz über internationale Kindesentführung und die Haager Übereinkommen zum Schutz von Kindern und Erwachsenen (BG-KKE) vom 21 Dezember 2007*) (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 103). Fil-**Ġermanja**, l-Awtorità Ċentrali tinnotifika lill-ġenituri bil-possibbiltà li titwettaq medjazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati l-oħra li ġejjin indikaw, fil-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121), li l-Awtoritajiet Ċentrali tagħhom jipprovdu informazzjoni dwar il-medjazzjoni: **il-Belġju, iċ-Ċina (ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong), ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Paragwaj, il-Polonja** (lill-applikant biss), **ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales u l-Irlanda ta' Fuq), l-Istati Uniti tal-Amerika** u **l-Veneżwela**. Fl-**Arġentina** u fir-**Repubblika Ċeka**, l-Awtorità Ċentrali toffri l-medjazzjoni, ara t-Taqsima 19.3 tal-Profili tal-Pajjiżi (*ibid.*).

### 4.1.2 Ir-rwol tal-imħallef(imħallfin)/qrati

129 Ir-rwol li għandhom il-qrati fit-tilwim familjari nbidel b'mod konsiderevoli matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin f'bosta sistemi legali. Fil-proċeduri ċivili b'mod ġenerali, imma b'mod speċjali fil-proċeduri tal-liġi tal-familja, il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet miftiehma tqiegħdet fuq livell statutorju f'bosta Stati.[174] Illum, l-imħallfin ta' spiss ikollhom obbligu li jagħmlu tentattivi sabiex tilwima tiġi riżolta b'mod bonarju. F'xi sistemi legali, f'tilwim familjari dwar minuri, l-attendenza għal laqgħa informattiva dwar il-medjazzjoni jew tentattivi ta' medjazzjoni jew ta' proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma tista' saħansitra tkun obbligatorja għall-partijiet f'ċerti ċirkustanzi.[175]

- ➔ **L-imħallef(imħallfin) li quddiemu(hom) jitressaq każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandu(hom) jikkunsidra(w) jekk fil-każ li jkollu(hom) quddiemu(hom) ikunx fattibbli li l-partijiet jiġu riferiti għall-medjazzjoni, dejjem jekk f'dik il-ġurisdizzjoni jkunu disponibbli servizzi ta' medjazzjoni idonei għal każijiet ta' sekwestru transkonfinali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri. L-istess japplika għal proċessi oħrajn li jkunu disponibbli sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma.**
- ➔ **L-Istati huma mħeġġa sabiex jinkludu informazzjoni dwar il-medjazzjoni u proċessi simili u dwar il-possibbiltà li dawn jiġu kkombinati ma' proċeduri ġudizzjarji fit-taħriġ tal-imħallfin.**

130 F'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, il-qrati għandhom rwol importanti fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet mifthema. Irrispettivament minn jekk il-medjazzjoni tkunx diġà ġiet issuġġerita mill-Awtorità Ċentrali kompetenti, qorti li quddiemha jitressqu proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja għandha tikkunsidra li tirreferi lill-partijiet għall-medjazzjoni jew għal servizzi simili, fejn dawn ikunu disponibbli u fejn dan jitqies li huwa xieraq. Fost id-diversi fatturi li jistgħu jinfluwenzaw din il-kunsiderazzjoni hemm kwistjonijiet li jaffettwaw l-idoneità ġenerali tal-każ inkwistjoni għall-medjazzjoni[176] kif ukoll il-kwistjoni dwar jekk ikunux disponibbli servizzi ta' medjazzjoni idonei, jiġifieri servizzi li jkunu kompatibbli ma' perjodi ta' żmien limitati u ma' rekwiżiti speċifiċi oħrajn għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri. Fejn qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja diġà jkunu saru tenattivi ta' medjazzjoni – li iżda ma rnexxewx – jista' ma jkunx idoneu li l-partijiet jiġu riferiti għall-medjazzjoni għat-tieni darba.

---

174 Ara, pereżempju, fl-**Iżrael**, fejn il-qrati tal-Istat li jippresjedu fi kwistjoni ċivili jistgħu, fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jipproponu lill-partijiet li l-kwistjoni jew parti minnha tiġi riferita għall-medjazzjoni, Artikolu 3 tar-Regolament tal-Istat tal-Iżrael Nru 5539 tal-10 ta' Awwissu 1993. Ara wkoll, għall-**Awstralja**, l-Artikoli 13 C *et seq.* tal-Family Law Act 1975, jiġifieri l-Att tal-1975 dwar il-Liġi tal-Familja (emendat l-aħħar bl-Att Nru 147 tal-2010), fejn ġie pprovdut li "[q]orti li jkollha ġurisdizzjoni fi proċeduri skont dan l-Att tista', fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, tista' toħroġ digriet wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin: [...] (b) li l-partijiet għall-proċeduri jattendu għal riżoluzzjoni tat-tilwim familjari" [traduzzjoni mhux uffiċjali] li tinkludi l-medjazzjoni; it-test sħiħ tal-liġi huwa disponibbli minn < http://www.comlaw.gov.au/Details/C2010C00870 > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012). B'mod iktar ġenerali dwar il-promozzjoni tar-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim fl-Awstralja, ara wkoll il-websajt tan-National Alternative Dispute Resolution Advisory Council (NADRAC) fi < http://www.nadrac.gov.au/ >; in-NADRAC huwa korp indipendenti li ġie stabbilit fl-1995 sabiex jipprovdi pariri dwar politika lill-Avukat Ġenerali Awstraljan fir-rigward tal-iżvilupp tal-ADR. Fl-**Afrika t'Isfel**, iċ-Children's Act 38, jiġifieri l-Att dwar il-Minuri 38, tal-2005 (emendat l-aħħar fl-2008), disponibbli minn < http://www.justice.gov.za/legislation/acts/2005-038%20childrensact.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), jinkoraġġixxi wkoll ir-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim familjari u jagħti l-possibbiltà li l-imħallfin jirreferu ċerti kwistjonijiet għall-medjazzjoni jew għal proċessi simili.

175 Ara, pereżempju fir-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales),** il-Practice Direction 3A – Pre-Application Protocol for Mediation Information and Assessment – Guidance for HMCS (il-Practice Direction 3A – Protokoll ta' qabel l-applikazzjoni għal informazzjoni dwar il-medjazzjoni u għal valutazzjoni tal-medjazzjoni – Gwida għall-HMCS), li daħlet fis-seħħ fis-6 ta' April 2011, disponibbli minn < http://www.justice.gov.uk/courts/procedure-rules/family/practice_directions/pd_part_03a > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), li għall-proċeduri familjari tistipula dan li ġej, sakemm ma tapplikax waħda mill-eċċezzjonijiet iddikjarati fil-Protokoll:
"Qabel ma applikant iressaq talba quddiem il-qorti għal digriet fil-proċeduri familjari rilevanti, l-applikant (jew is-solicitor [avukat] tal-applikant) għandu jikkuntattja lil medjatur familjari sabiex dan jagħmel arranġamenti ħalli l-applikant jattendi laqgħa informattiva dwar il-medjazzjoni familjari u dwar forom oħrajn ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim (f'dan il-Protokoll imsejħa 'Laqgħa ta' Informazzjoni u ta' Valutazzjoni tal-Medjazzjoni')" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

176 Ara iktar 'l isfel fit-Taqsima 4.2.

131 Fejn imħallef jirreferi każ għall-medjazzjoni, l-imħallef għandu jibqa' jikkontrolla l-perjodi ta' żmien involuti. Jiddependi mil-liġi proċedurali applikabbli, l-imħallef jista' jagħżel li jaġġorna l-proċeduri[177] għal perjodu qasir ta' żmien għall-medjazzjoni jew, fejn ma jkun meħtieġ l-ebda aġġornament, jista' jiffissa s-seduta tal-qorti li jmiss li qabilha l-medjazzjoni trid tkun ġiet iffinalizzata, f'perjodu raġonevolment qasir ta' żmien, jiġifieri bejn ġimgħatejn u erba' ġimgħat.[178]

132 Barra minn hekk, fejn imħallef jirreferi każ għall-medjazzjoni, huwa preferibbli li, għal finijiet ta' kontinwità, dak l-imħallef iżomm il-ġestjoni esklużiva tal-każ.

133 Rigward il-medjazzjoni fl-istadju tal-proċeduri ġudizzjarji, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' medjazzjoni; "medjazzjoni bbażata fil-qorti jew annessa mal-qorti" u "medjazzjoni barra mill-qorti".[179]

134 Ġew żviluppati diversi "skemi ta' medjazzjoni bbażati fil-qorti jew annessi mal-qorti" għal tilwim fi kwistjonijiet ċivili, inklużi l-kwistjonijiet familjari.[180] F'dawn l-iskemi, il-medjazzjoni tiġi offruta jew minn medjatur li jkun qed jaħdem għall-qorti jew minn imħallef b'taħriġ bħala medjatur li ma jkunx l-imħallef li quddiemu jkun tressaq il-każ.[181] Madankollu, fil-parti l-kbira tal-Istati, dawn is-"servizzi ta' medjazzjoni annessi mal-qorti jew ibbażati fil-qorti" inħolqu b'orjentazzjoni ċara lejn tilwim purament nazzjonali, jiġifieri tilwim mingħajr konnessjonijiet internazzjonali. Għalhekk, l-adattabbiltà tal-"iskemi ta' medjazzjoni bbażati fil-qorti jew annessi mal-qorti" eżistenti għall-ħtiġijiet speċjali f'tilwim familjari internazzjonali u b'mod partikolari f'tilwim li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri għandha titqies b'attenzjoni. Huwa biss fejn "servizz ta' medjazzjoni anness mal-qorti jew ibbażat fil-qorti" eżistenti jissodisfa l-kriterji prinċipali li ġew stabbiliti f'din il-Gwida bħala essenzjali għal skemi ta' medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri li fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja għandha tiġi kkunsidrata referenza għal dak is-servizz.

135 Fl-istadju tal-proċeduri tal-qorti, il-partijiet jistgħu wkoll jiġu riferiti għal servizzi ta' medjazzjoni "barra mill-qorti", jiġifieri servizzi ta' medjazzjoni mwettqa minn medjaturi jew minn organizzazzjonijiet tal-medjazzjoni li ma jkollhomx konnessjonijiet diretti mal-qorti.[182] L-istess bħas-"servizzi ta' medjazzjoni bbażati fil-qorti jew annessi mal-qorti", l-adattabbiltà tas-servizzi ta' medjazzjoni "barra mill-qorti" eżistenti għall-ħtiġijiet speċjali f'tilwim familjari internazzjonali għandha titqies b'attenzjoni.

---

177 Pereżempju, fir-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales)**, il-qorti li quddiemha jitressqu proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tista' tirreferi lill-partijiet għall-medjazzjoni li trid issir waqt aġġornament tal-proċeduri, ara S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 5.2, p. 18, li ssemmi lir-Renju Unit u lill-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97). Dwar il-vantaġġi ta' meta l-proċeduri skont il-Konvenzjoni tal-Aja jibdew qabel ma tibda l-medjazzjoni, ara t-Taqsima 2.1 iktar 'il fuq. Dwar is-suġġett,tas-sessjonijiet obbligatorji tal-medjazzjoni, ara t-Taqsima 6.1.1 iktar 'l isfel.

178 Għall-qorti tal-familja ta' **New Zealand**, ara pereżempju il-Practice Note "Hague Convention Cases: Mediation Process – Removal, Retention And Access" (Il-każijiet li jaqħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja: Il-proċess ta' medjazzjoni – Ir-rimozzjoni, ir-ritenzjoni u l-aċċess), disponibbli minn < http://www.justice.govt.nz/courts/family-court/practice-and-procedure/practice-notes/ > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), li tipprovdi għal perjodu bejn sebat ijiem u 14-il jum li fih għandha ssir il-medjazzjoni fil-każijiet ta' sekwestru ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja.

179 Ara iktar 'il fuq, fit-taqsima tat-Terminoloġija; ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec (2002)10 dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53), il-Prinċipju III (L-organizzazzjoni tal-medjazzjoni): "4. Il-medjazzjoni tista' ssir bħala parti mill-proċeduri tal-qorti jew barra minn tali proċeduri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

180 Fost il-ħafna Stati fejn bħalissa jeżistu skemi ta' medjazzjoni annessi mal-qorti hemm: **l-Arġentina** (*Ley 26.589 - Mediación y Conciliación* (Liġi 26.589 – Medjazzjoni u konċiljazzjoni) ta' 03.05.2010, *Boletín Oficial de 06.05.2010* li tissostitwixxi leġiżlazzjoni preċedenti li tmur lura għall-1995; l-attendenza għall-medjazzjoni hija obbligatorja fil-parti l-kbira tal-kawżi ċivili ħlief għal ċerti kwistjonijiet eċċezzjonali bħall-kustodja, ara l-Artikoli 1 u 5 tal-Liġi); **il-Ġermanja** (f'diversi *Bundesländer*, fil-qasam ċivili, jitwettqu skemi ta' medjazzjoni annessi mal-qorti, ara, fost l-oħrajn, ir-rapport dwar il-proġett pilota ta' medjazzjoni f'Niedersachsen, ikkummissjonat mill-Ministeru tal-Ġustizzja, tal-Ekonomija u tal-Kultura ta' Niedersachsen, imfassal minn G. Spindler, "Gerichtsnahe Mediation in Niedersachsen", Göttingen, 2006); u l-**Messiku** (ara l-*Ley de Justicia Alternativa del Tribunal Superior de Justicia para el Distrito Federal* tat-8 ta' Jannar 2008, emendata l-aħħar fit-8 ta' Frar 2011, ippubblikata fil-*Gaceta Oficial del Distrito Federal el 08 de enero de 2008*, Nru 248 u fil-*Gaceta Oficial del Distrito Federal el 08 de febrero de 2011*, Nru 1028; il-medjazzjoni tiġi ffaċiliata permezz tas-*Centro de Justicia Alternativa* (Ċentru għar-Riżoluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim) fi ħdan it-*Tribunal Superior de Justicia del Distrito Federal* (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tad-Distrett Federali); iċ-ċentru jamministra l-proċessi ta' medjazzjoni, inkluża l-ħatra tal-medjatur minn lista ta' medjaturi rreġistrati).

181 Dwar id-differenza bejn medjazzjoni minn imħallef u konċiljazzjoni minn imħallef, ara t-taqsima tat-Terminoloġija iktar 'il fuq.

182 Ara iktar 'il fuq, fit-taqsima tat-Terminoloġija; ara wkoll il-Feasibility Study on Cross-Border Mediation in Family Matters (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13), Taqsima 2.4, p. 6.

136 Ħafna mill-iskemi ta' medjazzjoni żviluppati speċifikament għall-każijiet ta' sekwestru ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri bħalissa qed jiġu ttrattati bħala "medjazzjoni barra mill-qorti".[183]

137 Malli l-partijiet jilħqu ftehim permezz ta' medjazzjoni jew permezz ta' mezzi simili, il-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tista', jiddependi mill-kontenut tal-ftehim u mill-ġurisdizzjoni tal-qorti[184] f'dan ir-rigward, tintalab tbiddel il-ftehim f'digriet tal-qorti.

138 Huwa ta' importanza kbira li l-imħallfin li jittrattaw tilwim familjari internazzjonali jkunu informati sew dwar il-funzjonament tal-medjazzjoni u ta' proċessi simili li jiffaċilitaw riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim u dwar il-possibbiltà li dawn jiġu kkombinati mal-proċeduri ġudizzjarji. Għalhekk, l-Istati huma mħeġġa jinkludu informazzjoni ġenerali dwar dawn il-kwistjonijiet fit-taħriġ tal-imħallfin.

139 B'mod partikolari, it-taħriġ tal-imħallfin li jittrattaw proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja għandu jinkludi dettalji dwar l-iskemi ta' medjazzjoni u dwar proċessi simili li jkunu idonei sabiex jintużaw f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.

### 4.1.3 IR-RWOL TAL-AVUKATI U TA' PROFESSJONISTI OĦRAJN

140 F'dawn l-aħħar snin, f'bosta ġurisdizzjonijiet, ir-rwol tal-avukati fit-tilwim familjari nbidel, flimkien ma' dak tal-qrati, fejn l-enfasi qiegħda tkun dejjem iktar fuq li jinstabu soluzzjonijiet miftiehma. Minħabba li jirrikonoxxu l-importanza ta' bażi stabbli u paċifika għal relazzjonijiet familjari kontinwi, l-avukati llum iktar għandhom it-tendenza li jippromwovu soluzzjoni miftiehma milli jieħdu approċċ purament *di parte* f'isem il-klijenti tagħhom.[185] Żviluppi bħal-liġi kollaborattiva u l-liġi kooperattiva[186] u numru dejjem ikbar ta' avukati b'taħriġ bħala medjaturi jirriflettu din it-tendenza.

- ➔ **Fit-taħriġ tal-avukati għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar il-medjazzjoni u proċessi simili.**
- ➔ **L-avukati u professjonisti oħrajn li jittrattaw mal-partijiet għal tilwima familjari internazzjonali għandhom, fejn dan ikun possibbli, jinkoraġġixxu r-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwima.**
- ➔ **Fejn il-partijiet għal tilwima familjari internazzjonali jiddeċiedu li jipprovaw il-medjazzjoni, ir-rappreżentanti legali għandhom jgħinu lill-partijiet billi jipprovdu l-informazzjoni legali li huma jkollhom bżonn biex jieħdu deċiżjoni informata. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti legali għandhom jgħinu lill-partijiet biex jingħata effett legali lill-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni fiż-żewġ sistemi legali (fis-sistemi legali kollha) involuti fil-każ.**

141 Kif ġie enfasizzat iktar 'il fuq rigward it-taħriġ tal-imħallfin, huwa importanti li l-Istati jqajmu għarfien fil-professjoni legali dwar riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim. Fil-kurrikulu tal-avukati għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar il-medjazzjoni u dwar proċessi simili.

142 Meta jirrappreżentaw parti għal tilwima familjari internazzjonali, l-avukati għandhom ikunu konxji li r-responsabbiltà tagħhom lejn il-klijent tagħhom tinkludi wkoll ċerta responsabbiltà għall-interessi u għall-benesseri tal-minuri kkonċernat. Minħabba li soluzzjoni miftiehma ġeneralment se tkun fl-aħjar interessi tal-minuri, ir-rappreżentant legali, fejn il-ġenituri jkunu lesti jipprovaw medjazzjoni, għandu jagħtihom l-appoġġ kollu tiegħu u sa fejn jippermetti l-mandat tiegħu, għandu jikkoopera mill-qrib mar-rappreżentant legali tal-parti l-oħra.

143 Malli l-partijiet jiddeċiedu li jibdew il-medjazzjoni, ir-rappreżentanti legali għandhom rwol importanti sabiex jipprovduhom bl-informazzjoni legali li għandhom bżonn ħalli jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati u sabiex jiżguraw irwieħhom li l-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jkollu effett legali fiż-żewġ sistemi legali (fis-sistemi legali kollha) ikkonċernati. Għandu jiġi enfasizzat li, minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjoni legali f'kunflitti familjari internazzjonali, l-avukati għandhom jaċċettaw li jirrappreżentaw parti għal tali kunflitt biss meta jkollhom l-għarfien speċjalista meħtieġ. L-involviment ta' avukat li ma jkunx speċjalista f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jista' jkollu effetti negattivi u jista' joħloq iktar ostakoli sabiex tinkiseb riżoluzzjoni bonarja tal-kwistjoni. Fil-medjazzjoni, dan jista' jkabbar żbilanċ ta' setgħat bejn il-partijiet.

---

183 Pereżempju, fil-**Ġermanja**, fil-**Pajjiż l-Baxxi** u fir-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales)**, għad-dettalji ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 97 iktar 'il fuq.

184 Ara l-Kapitoli 12 u 13 iktar 'l isfel.

185 Ara N. ver Steegh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 666 *et seq.*, b'iktar referenzi.

186 Ara l-Kapitolu 15 għal eżami ta' mezzi oħrajn għal soluzzjoni bonarja tat-tilwim u l-idoneità tagħhom għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.

144 Jiddependi minn kif jiġi organizzat il-proċess ta' medjazzjoni u minn kif il-medjatur(i) u l-partijiet jixtiequ jipproċedu, ir-rappreżentanti legali jistgħu jkunu preżenti waqt is-sessjonijiet kollha tal-medjazzjoni jew waqt uħud minnhom. Madankollu, huwa importanti li l-avukati li jattendu sessjoni tal-medjazzjoni flimkien mal-klijenti tagħhom jifhmu li huma għandhom rwol ferm differenti waqt is-sessjoni tal-medjazzjoni, jiġifieri rwol sussidjarju.

145 Kooperazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti legali speċjalisti hija partikolarment importanti sabiex jiġi evalwat jekk is-soluzzjoni ppreferuta mill-partijiet tissodisfax ir-rekwiżiti legali fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet ikkonċernati u sabiex jiġi ddeterminat liema miżuri addizzjonali jistgħu jkunu meħtieġa sabiex is-soluzzjoni miftiehma ssir legalment vinkolanti u infurzabbli.

146 Naturalment, avukat jista' anki jwettaq il-medjazzjoni huwa stess, jekk jissodisfa r-rekwiżiti eżistenti sabiex jagħmilha ta' medjatur fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Madankollu, avukat ma jistax "iwettaq medjazzjoni" f'każ fejn huwa jkun qed jirrappreżenta waħda mill-partijiet, minħabba kunflitti ta' interess.[187]

147 Avukat jista' anki jagħmel tentattivi sabiex tinkiseb riżoluzzjoni bonarja ta' tilwima familjari b'modi oħrajn. Ara l-Kapitolu 15 iktar 'l isfel dwar mekkaniżmi oħrajn sabiex jiġu mħeġġa soluzzjonijiet miftiehma, bħal-liġi kooperattiva.

## 4.2 Il-valutazzjoni tal-idoneità għall-medjazzjoni

➔ **Għandu jsir skrining inizjali sabiex tiġi vvalutata l-idoneità tal-każ inkwistjoni għall-medjazzjoni.**

148 Qabel ma tinbeda l-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, għandu jitwettaq skrining inizjali sabiex tiġi vvalutata l-idoneità tal-każ inkwistjoni għall-medjazzjoni.[188] Dan jgħin sabiex jiġi evitat dewmien li jista' jiġi kkawżat minn tenattivi ta' medjazzjoni f'każijiet li ma tantx ikunu idonei għaliha. Fl-istess ħin, skrining inizjali jgħin sabiex jiġu identifikati l-każijiet b'riskji speċjali, bħall-każijiet li jinvolvu vjolenza domestika jew abbuż mill-alkoħol jew mid-droga, fejn jew iridu jittieħdu prekawzjonijiet speċjali jew il-medjazzjoni tista' ma tkunx idonea.[189]

149 F'dan il-kuntest, għandhom jitqiesu żewġ punti importanti: (1) Liema kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati fil-valutazzjoni tal-idoneità għall-medjazzjoni? u (2) Min jista'/għandu jwettaq din il-valutazzjoni?

150 Id-deċiżjoni dwar jekk każ ikunx idoneu għall-medjazzjoni għandha tittieħed każ b'każ. Għandu jiġi nnotat li ma hemm l-ebda regola universali dwar din il-kwistjoni. L-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni se tiddependi fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ partikolari u, sa ċertu punt, fuq il-faċilitajiet u l-karatteristiċi tas-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli u fuq l-istandards applikati mill-medjatur/organizzazzjoni tal-medjazzjoni fi kwistjonijiet bħal dawn.

151 Fost il-ħafna fatturi li jistgħu jaffettwaw l-idoneità ta' każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għall-medjazzjoni, hemm:
- il-ħajra tal-partijiet li jipparteċipaw f'medjazzjoni,[190]
- jekk il-fehmiet ta' waħda mill-partijiet jew taż-żewġ partijiet humiex wisq polarizzati għal medjazzjoni,
- indikazzjonijiet ta' vjolenza domestika u tal-grad tagħha,[191]
- inkapaċità li tirriżulta minn abbuż mill-alkoħol jew mid-droga,[192]

---

187 L-avukat ma jistax ikun parti terza newtrali u imparzjali u fl-istess ħin jirrispetta l-obbligu professjonali tiegħu li jipproteġi l-interessi tal-klijent tiegħu.

188 Ara t-Taqsimiet 19.4 c) u d) tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121) għal informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-idoneità għall-medjazzjoni f'diversi Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980.

189 Ara wkoll il-Kapitolu 10 iktar 'l isfel dwar il-medjazzjoni u l-akkużi ta' vjolenza domestika.

190 Naturalment, meta parti li ma tkun taf xejn dwar il-proċess ta' medjazzjoni tkun kontra l-idea tal-medjazzjoni, l-għoti ta' informazzjoni iktar dettaljata dwar kif taħdem il-medjazzjoni jista' jaffettwa kemm dik il-parti tkun lesta tipprova l-medjazzjoni b'mod pożittiv. Madankollu, ara t-Taqsima 6.1 iktar 'l isfel dwar il-prinċipju tal-volontarjetà tal-medjazzjoni.

191 F'każijiet li jinvolvu allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, pereżempju, xi medjaturi ġeneralment jirrifjutaw li jwettqu medjazzjoni. Oħrajn jistgħu jikkunsidraw każ b'allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika idoneu għall-medjazzjoni, jiddependi mill-allegat grad ta' vjolenza u mill-miżuri protettivi disponibbli sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju assoċjat mal-proċess ta' medjazzjoni, ara l-Kapitolu 10 iktar 'l isfel.

192 Fejn il-każ partikolari xorta jiġi kkunsidrat bħala idoneu għall-medjazzjoni, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' salvagwardja sabiex jiġu evitati żvantaġġi għall-parti inkwistjoni.

- indikazzjonijiet oħrajn ta' żbilanċ kbir fis-setgħat ta' negozjar,
- indikazzjonjiet ta' abbuż ta' minuri.

152 Il-valutazzjoni tal-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni għandha tinvolvi skambju kunfidenzjali ma' kull parti b'mod individwali sabiex kull parti tkun tista' tesprimi bil-libertà kollha t-tħassib li jista' jkollha dwar il-medjazzjoni.

153 L-iskambju inizjali mal-partijiet sabiex tiġi vvalutata l-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni jista' jintuża sabiex jiġu indirizzati diversi kwistjonijiet loġistiċi minħabba, pereżempju, id-diżabbiltajiet ta' waħda mill-partijiet, li jista' jkollhom jitqiesu meta jsiru l-arranġamenti prattiċi għas-sessjoni tal-medjazzjoni. Barra minn hekk, il-kwistjoni tal-lingwa(i) li biha(hom) għandha titwettaq il-medjazzjoni tista' tiġi indirizzata fl-iskambju inizjali. Fl-istess ħin, jista' jiġi vvalutat jekk għandhomx isiru arranġamenti għal kuntatt provviżorju mal-minuri u jekk il-minuri kkonċernat jkollux età jew grad ta' maturità meta l-fehmiet tiegħu għandhom jinstemgħu. Ara wkoll il-Kapitolu 7 iktar 'l isfel dwar is-smigħ ta' minuri waqt il-medjazzjoni.

154 It-taħdita tal-iskrining inizjali hija wkoll okkażjoni ideali sabiex il-partijiet jingħataw informazzjoni dettaljata dwar il-proċess ta' medjazzjoni u dwar kif il-medjazzjoni u l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jaffettwaw lil xulxin.[193]

155 Il-valutazzjoni tal-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni għandha tkun fdata f'idejn medjatur jew professjonista b'esperjenza ieħor li jkun jaf kif tiffunzjona l-medjazzjoni familjari internazzjonjali. Huwa meħtieġ taħriġ xieraq sabiex jiġu rikonoxxuti każijiet b'riskju speċjali u indikazzjonijiet ta' differenzi fis-setgħat ta' negozjar. Jekk il-valutazzjoni għandhiex titwettaq minn persuna b'konnessjonijiet mas-servizz ta' medjazzjoni rilevanti stess jew minn persuna li taħdem għall-Awtorità Ċentrali, għal korp ċentrali ieħor jew għall-qorti se jiddependi tabilħaqq fuq il-mod kif il-medjazzjoni tiġi organizzata fil-ġurisdizzjoni rilevanti. Xi medjaturi jenfasizzaw kemm huwa importanti li l-valutazzjoni titwettaq mill-medjatur(i) li ntalab(ntalbu) iwettaq(iwettqu) il-medjazzjoni fil-każ inkwistjoni.[194] Medjaturi oħrajn jippreferu li l-valutazzjoni ssir minn kollega medjatur li jkollu ċerta familjarità mas-servizz ta' medjazzjoni ssuġġerit lill-partijiet.

156 Jekk il-valutazzjoni tal-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni titwettaq minn persuna li ma jkollhiex familjarità mas-servizzi ta' medjazzjoni inkwistjoni, hemm ir-riskju li tista' tkun meħtieġa valutazzjoni oħra minn persuna li jkollha din il-familjarità mas-servizzi ta' medjazzjoni jew mill-medjatur(i) li ntalab(intalbu) iwettaq(iwettqu) il-medjazzjoni fil-każ inkwistjoni; dan jista' jwassal għal dewmien żejjed u anki għall-possibbiltà ta' iktar spejjeż.

157 Bosta servizzi ta' medjazzjoni stabbiliti għal każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' medjazzjoni jużaw b'suċċess l-iskrining inizjali.[195] F'xi programmi l-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni tiġi vvalutata permezz ta' kwestjonarju miktub flimkien ma' taħdita minn fuq it-telefon.

---

193 Ara wkoll it-Taqsima 6.1.2 iktar 'l isfel dwar il-kunsens informat.

194 Għandu jiġi enfasizzat, f'dan il-kuntest, li għandha ssir distinzjoni bejn jekk il-medjatur ikunx lest li jwettaq il-medjazzjoni ta' każ individwali u jekk il-każ ikunx idoneu għall-medjazzjoni. Ladarba tiġi stabbilita l-idoneità ta' każ għall-medjazzjoni, il-medjatur avviċinat mill-partijiet ġeneralment ikun għad jista' jagħżel jiħux f'idejh il-medjazzjoni ta' dak il-każ jew le.

195 Pereżempju, l-iskema reunite fir-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales)**, ara "Mediation Leaflet" (Fuljett dwar il-Medjazzjoni), disponibbli minn < http://www.reunite.org/edit/files/Downloadable%20forms/Mediation%20Leaflet.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012); ara wkoll ir-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97), p. 10 u 13, fejn dawn li ġejjin jitqiesu bħala fatturi f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri li jindikaw in-nuqqas ta' idoneità għall-medjazzjoni: (1) wieħed mill-ġenituri ma jkunx lest li jattendi għall-medjazzjoni; (2) il-fehmiet tal-ġenituri jkunu wisq polarizzati; (3) ikun hemm tħassib dwar vjolenza domestika jew dwar l-allegat grad tagħha; u (4) ikun hemm allegazzjonijiet ta' abbużi ta' minuri.

## 4.3 L-ispejjeż tal-medjazzjoni

➔ **Għandhom isiru l-isforzi kollha xierqa sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-ispejjeż tal-medjazzjoni jsiru ostakolu jew deterrent għall-użu tal-medjazzjoni.**
➔ **L-Istati għandhom jikkunsidraw li jestendu l-għajnuna legali għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.**
➔ **L-informazzjoni dwar l-ispejjeż tas-servizzi ta' medjazzjoni u l-implikazzjonijiet tal-possibbiltà ta' iktar spejjeż, kif ukoll l-interazzjoni mal-ispejjeż għall-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, għandha tkun disponibbli b'mod trasparenti.**

158 Huwa probabbli li l-ħajra tal-partijiet li jipprovaw il-medjazzjoni tiġi influwenzata mill-ispejjeż kollha marbuta mal-medjazzjoni. Dawn l-ispejjeż jistgħu jinkludu spejjeż għall-valutazzjoni inizjali tal-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni, id-dritt tal-medjatur, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż sabiex jiġu pprenotati l-kmamar fejn għandha ssir il-medjazzjoni, il-ħlasijiet li jista' jkun hemm għas-servizzi ta' interpretu jew minħabba l-involviment ta' esperti oħrajn, u l-possibbiltà tal-ispejjeż tar-rappreżentanza legali. Id-drittijiet tal-medjatur, li jistgħu jintalbu għal kull siegħa jew għal kull jum, jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli minn ġurisdizzjoni għall-oħra u minn servizzi ta' medjazzjoni għall-ieħor.

159 Uħud mill-proġetti pilota speċifikatament maħsuba għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri offrew medjazzjoni mingħajr spejjeż lill-partijiet.[196] Madankollu, jidher li f'bosta ġurisdizzjonijiet kien diffiċli li jiġi żgurat il-finanzjament sabiex servizzi bħal dawn jiġu offruti tul medda twila ta' żmien bla ma l-partijiet iħallsu għalihom.

160 F'bosta ġurisdizzjonijiet, ma tapplika l-ebda restrizzjoni legali fuq id-drittijiet tal-medjaturi; il-kwistjoni titħalla għall-awtoregolamentazzjoni tas-"suq".[197] Madankollu, bosta medjaturi jissottoskrivu skema ta' drittijiet meta jissieħbu f'assoċjazzjoni ta' medjazzjoni jew kodiċijiet ta' kodotta li jeżiġu li huma "jitolbu drittijiet raġonevoli skont it-tip u l-kumplessità tas-suġġett, iż-żmien li l-medjazzjoni mistennija tieħu u l-għarfien espert relattiv tal-medjatur" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[198] Fl-istess ħin, diversi kodiċijiet ta' kondotta jenfasizzaw li "id-drittijiet mitluba minn medjatur ma għandhomx jiddependu fuq l-eżitu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[199] Fi Stati oħrajn, id-drittijiet tal-medjazzjoni jiġu rregolati bil-liġi jew jistgħu jiġu ddefiniti minn qorti u allokati bejn il-partijiet.[200]

161 Għandu jsir kull sforz sabiex jiġi żgurat li l-ispiża tal-medjazzjoni la ssir ostakolu għall-użu tal-medjazzjoni u lanqas tkun deterrent. Minħabba li jirrikonoxxu l-vantaġġi li tiġi promossa l-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, xi Stati joffru medjazzjoni mingħajr ħlas f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jew estendew is-sistema tal-għajnuna legali

---

196 Pereżempju, il-proġett ta' medjazzjoni binazzjonali **Franċiż u Ġermaniż**, u ara r-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97). Ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11); dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite, ara 5.3, p. 19:

> "Sabiex twettaq il-proġett pilota tagħha, reunite ngħatat għotja għar-riċerka mill-Fondazzjoni Nuffield. L-ispejjeż kollha assoċjati mal-medjazzjoni, inklużi dawk tal-vjaġġi lejn u mir-Renju Unit, tal-ġenitur applikant tħallsu kollha, sakemm ma qabżux limitu massimu. L-akkomodazzjoni fil-lukanda u spejjeż addizzjonali tal-ivvjaġġar u tal-għajxien wkoll tħallsu kollha. Id-drittijiet tal-medjatur, it-tariffi amministrattivi u t-tariffi tal-interpreti wkoll ġew koperti bl-għotja. Il-ġenitur li kien ibbażat fir-Renju Unit ġie wkoll irrimborsat għall-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar u tal-għajxien u ġie pprovdut b'akkomodazzjoni fejn dan kien meħtieġ" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

197 Ara K.J. Hopt u F. Steffek (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2), f'p. 33.

198 Ara l-Feasibility Study on Cross-Border Mediation in Family Matters (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13), Taqsima 2.7.3, p. 12.

199 *Ibid.*, Taqsima 2.7.3, p. 12 u 13, b'iktar referenzi.

200 Ara S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 5.3, p. 19, li tirreferi, fost l-oħrajn, għal **Franza**, fejn ġie stabbilit kontroll mill-qorti tad-drittijiet tal-medjazzjoni annessa mal-qorti; ara wkoll K.J. Hopt u F. Steffek (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2), f'p. 34 għal iktar eżempji.

tagħhom għall-medjazzjoni.[201] L-Istati li għadhom ma għamlux dan għandhom jikkunsidraw il-vantaġġi li jagħmlu l-għajnuna legali disponibbli għall-medjazzjoni jew li jiżguraw b'xi mod ieħor li s-servizzi ta' medjazzjoni jistgħu jkunu disponibbli jew mingħajr spejjeż jew bi prezz raġonevoli għal partijiet b'mezzi limitati.[202]

162 Għandu jiġi nnotat li hija kisba kbira tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri li f'xi Stati l-proċeduri ta' ritorn jkunu disponibbli għall-ġenitur applikant kompletament mingħajr spejjeż;[203] fi Stati oħrajn, is-sistemi nazzjonali tal-għajnuna legali jistgħu jintużaw għall-proċeduri skont il-Konvenzjoni tal-Aja.[204] Ikun inkoraġġanti jekk appoġġ simili jista' jkun disponibbli għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-1980.

163 L-ispejjeż assoċjati mal-medjazzjoni huma aspett essenzjali tal-aċċess fil-prattika għall-medjazzjoni. Informazzjoni dwar id-drittijiet tal-medjazzjoni u dwar spejjeż relatati oħrajn li jista' jkun hemm, bħat-tariffi sabiex ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir vinkolanti fiż-żewġ sistemi legali (fis-sistemi legali kollha) ikkonċernati, hija importanti sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk humiex se jipprovaw il-medjazzjoni jew le.

164 Għaldaqstant, il-ġenituri għandhom jingħataw informazzjoni dettaljata u ċara dwar l-ispejjeż kollha possibbli konnessi mal-medjazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jikkalkulaw sew il-piż finanzjarju li probabbilment ikollhom iġorru.[205]

165 "Ta' spiss jiġi rakkomandat li informazzjoni bħal din titniżżel bil-miktub qabel il-medjazzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali];[206] hija tista' ssir parti mill-kuntratt għal medjazzjoni li ta' spiss jiġi konkluż bejn il-medjatur u l-partijiet qabel ma jingħata bidu għall-medjazzjoni.[207]

---

201 Pereżempju, medjazzjoni mingħajr ħlas f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri hija disponibbli fi: **id-Danimarka, Franza** (l-arranġamenti għall-medjazzjoni jsiru mill-Awtorità Ċentrali), **l-Iżrael** (għal medjazzjoni permezz ta' unità ta' assistenza tal-qorti) **in-Norveġja** u **l-Isvezja** (jekk il-qorti taħtar il-medjatur), ara wkoll il-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121) fit-Taqsima 19.3 d). L-għajnuna legali għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri hija disponibbli b'ċerti kundizzjonijiet, pereżempju, fir-**Renju Unit (l-Ingilterra u Wales)** fejn il-medjaturi jew l-organizzazzjonijiet tal-medjazzjoni li jkollhom Public Funding Franchise (Konċessjoni ta' Finanzjament Pubbliku) mil-Legal Services Commission jistgħu joffru medjazzjoni ffinanzjata b'fondi pubbliċi lill-klijenti li jkunu eliġibbli għall-għajnuna legali, ara < http://www.legalservices.gov.uk >. B'mod simili, fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, l-ispejjeż tal-medjazzjoni jistgħu jitħallsu mill-għajnuna legali sakemm il-medjazzjoni titwettaq minn medjaturi rreġistrati mal-Bord tal-Għajnuna Legali Olandiż (websajt uffiċjali fi < www.rvr.org >), ara l-Att Olandiż dwar l-Għajnuna Legali *(Wet op de rechtsbijstand)*. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*ibid.*), l-għajnuna legali tista' tkopri l-ispejjeż tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, pereżempju, fil-ġurisdizzjonijiet li ġejjin: **l-Arġentina, l-Iżrael, is-Slovenja, l-Isvizzera** u **r-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq)**.

202 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec (2002)10 dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53), il-Prinċipju III (L-organizzazzjoni tal-medjazzjoni):

> "9. L-Istati għandhom jikkunsidraw kemm ikun xieraq li jistabbilixxu u jipprovdu medjazzjoni, kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas, jew li jipprovdu għajnuna legali għall-medjazzjoni, b'mod partikolari jekk l-interessi ta' waħda mill-partijiet għandhom jingħataw protezzjoni speċjali.
> 10. Fejn il-medjazzjoni tagħti lok għal spejjeż, dawn għandhom ikunu raġonevoli u proporzjonati għall-importanza tal-kwistjoni involuta u għall-ammont ta' xogħol imwettaq mill-medjatur" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

203 L-Artikolu 26(2) tal-Konvenzjoni tal-1980 jitlob li l-Istati Kontraenti "m'għandhomx jitolbu ebda ħlas mingħand l-applikant għal infieq u spejjeż tal-proċedimenti [skont il-Konvenzjoni]", imma bosta Stati Kontraenti għamlu użu mill-possibbiltà li jiddikjaraw riżerva rigward l-Artikolu 26 u b'hekk issoġġettaw il-proċeduri skont il-Konvenzjoni tal-Aja għar-regoli normali dwar l-għajnuna legali fil-ġurisdizzjoni tagħhom; għad-dettalji ara wkoll il-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

204 Ara wkoll il-Feasibility Study on Cross-Border Mediation in Family Matters (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13), Taqsima 2.7.3, p. 12; għad-dettalji ara wkoll il-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

205 Ara wkoll il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Medjaturi (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 58), 1.3 (Id-drittijiet):

> "Jekk ma jkunx diġà għamel dan, il-medjaturi jridu dejjem jipprovdu lill-partijiet b'tagħrif komplet dwar il-modalitajiet tar-remunerazzjoni li jkunu biħsiebhom japplikaw. Huma m'għandhomx jaċċettaw medjazzjoni qabel ma l-prinċipji tar-remunerazzjoni tagħhom ikunu ġew aċċettati mill-partijiet kollha kkonċernati."

206 Ara l-Feasibility Study on Cross-Border Mediation in Family Matters (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13), Taqsima 2.7, p. 12.

207 Ara t-Taqsima 4.5 iktar 'l isfel dwar il-kuntratt għall-medjazzjoni.

## 4.4 Il-post fejn issir il-medjazzjoni

166 Kif ġie stabbilit fit-Taqsima 2.6, id-distanza ġeografika toħloq sfidi speċjali għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri. L-arranġamenti għal laqgħa bl-attendenza personali tal-parteċipanti għal sessjoni waħda tal-medjazzjoni jew għal diversi sessjonijiet tal-medjazzjoni jistgħu jqumu l-flus u jieħdu ż-żmien. Madankollu, bosta medjaturi b'esperjenza jirrakkomandaw il-laqgħat bl-attendenza personali tal-parteċipanti, jekk dan ikun fattibbli.

- ➔ **Meta jkun se jiġi ddeterminat f'liema Stat għandha titlaqqa' sessjoni tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti għandhom jitqiesu l-fehmiet u t-tħassib taż-żewġ ġenituri.**
- ➔ **Il-post magħżul għas-sessjonijiet tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti għandu jkun newtrali u adattat għall-medjazzjoni fil-każ inkwistjoni.**
- ➔ **Fejn il-preżenza fiżika taż-żewġ partijiet f'sessjoni tal-medjazzjoni ma tkunx idonea jew fattibbli, għandha titqies medjazzjoni mill-bogħod u indiretta.**

167 Il-medjaturi avviċinati b'talba għal medjazzjoni f'każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandhom jiddiskutu mal-partijiet il-fattibbiltà ta' sessjonijiet tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti kif ukoll il-post adattat għal sessjonijiet tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti bħal dawn, bit-tnejn li huma jiddependu fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni.

168 Ferm ta' spiss, is-sessjonijiet tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri jinżammu fil-pajjiż fejn ittieħed il-minuri wara s-sekwestru. Vantaġġ wieħed ta' arranġament bħal dan hija l-possibbiltà li jsiru arranġamenti għal kuntatt provviżorju bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri waqt iż-żjara tal-ġenitur imċaħħad minn uliedu f'dak il-pajjiż; dan jista' jkollu effett pożittiv fuq il-medjazzjoni.[208] Vantaġġ ieħor huwa li dan jissemplifika l-konnessjoni tal-proċess ta' medjazzjoni mal-proċeduri tal-qorti skont il-Konvenzjoni tal-Aja. Madankollu, l-għażla tal-Istat fejn ittieħed il-minuri bħala l-post fejn se ssir il-medjazzjoni tista' tiġi interpretata bħala inġustizzja oħra mill-ġenitur imċaħħad minn uliedu li jista' diġà jqis il-qbil tiegħu li tiġi pprovata l-medjazzjoni (minflok ma sempliċement jiġu segwiti l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja) bħala konċessjoni. Minbarra l-ostakoli prattiċi, bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-ġenitur imċaħħad minn uliedu jista' jiffaċċja wkoll diffikultajiet legali biex jidħol fl-Istat fejn ittieħed il-minuri wara s-sekwestru minħabba kwistjonijiet ta' viżi u ta' immigrazzjoni (ara iktar 'il fuq, it-Taqsima 2.7). Min-naħa l-oħra, il-possibbiltà li l-ġenitur imċaħħad minn uliedu jkun preżenti fl-Istat fejn ittieħed il-minuri, sabiex jattendi għall-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja (fejn għandha tinħareġ viża wkoll – ara t-Taqsima 2.7) tista' tintuża bħala opportunità sabiex tiġi pprovata medjazzjoni f'dak l-Istat. F'każ bħal dan, għall-inqas il-ġenitur imċaħħad minn uliedu ma jkollu għalfejn iġarrab l-ebda spiża addizzjonali tal-ivvjaġġar.

169 L-arranġamenti għal sessjoni tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti fil-pajjiż minn fejn il-minuri tneħħa b'mod illeċitu, min-naħa l-oħra, jistgħu joħolqu sfidi prattiċi oħrajn. Il-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jista' jiffaċċja prosekuzzjoni kriminali f'dak il-pajjiż (ara t-Taqsima 2.8 iktar 'il fuq) jew ma jkunx jixtieq iħalli lill-minuri ma' terza persuna waqt l-assenza tiegħu.

170 F'ċirkustanzi eċċezzjonali, jista' jiġi kkunsidrat li l-laqgħa ta' medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti ssir f'pajjiż terz "newtrali". Madankollu, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-kwistjonijiet tal-viżi jistgħu joħolqu xi diffikultajiet.

171 Rigward il-post fejn tabilħaqq għandha ssir il-laqgħa ta' medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti, jidher evidenti li l-laqgħa għandha ssir f'bini newtrali, bħal kmamar fil-bini tal-qorti jew fl-uffiċċji ta' korp indipendenti li jkun qed joffri s-servizz ta' medjazzjoni. Bini reliġjuż jew tal-komunità wkoll jista' jitqies bħala post newtrali mill-partijiet. Il-post fejn issir il-laqgħa ta' medjazzjoni għandu jkun adattat għall-każ inkwistjoni, pereżempju billi jipprovdi sigurtà adegwata għall-persuni involuti, jekk dan ikun meħtieġ.[209]

172 Għalkemm il-medjaturi ġeneralment iqisu l-atmosfera ta' laqgħa bl-attendenza personali tal-parteċipanti bħala li tista' twassal għal riżoluzzjoni bonarja, huma ċ-ċirkustanzi tal-każ partikolari li jiddeterminaw liema possibbiltà tkun fattibbli u l-iktar adattata. Fejn sessjoni tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti ma tkunx adattata jew fattibbli, hemm il-possibbiltà ta' medjazzjoni mill-bogħod. Bl-għajnuna tat-teknoloġija moderna, jista' jkun relattivament faċli li jiġu

---

208 S. Kiesewetter u C.C. Paul, "Family Mediation in an International Context: Cross-Border Parental Child Abduction, Custody and Access Conflicts: Traits and Guidelines", f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri) (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 98), p. 46 u 47.

209 Pereżempju, dwar il-ħtiġijiet speċifiċi f'każijiet ta' vjolenza domestika, ara l-Kapitolu 10 iktar 'l isfel.

organizzati laqgħat bl-attendenza personali virtwali tal-parteċipanti.[210] F'xi Stati, bħall-Awstralja, minħabba t-territorju ġeografiku kbir tagħhom, is-servizzi ta' medjazzjoni mill-bogħod, bit-telefon, b'vidjow-link jew onlajn (imsejħa wkoll Riżoluzzjoni tat-Tilwim Onlajn – ODR), żviluppaw b'mod rapidu fl-aħħar snin.[211]

173 Il-medjazzjoni mill-bogħod madankollu, trid tiffaċċja għadd ta' sfidi speċifiċi,[212] fost l-oħrajn dik ta' kif tista' tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tas-sessjoni tal-medjazzjoni. Fl-istess ħin, l-arranġamenti prattiċi għas-sessjoni tal-medjazzjoni għandhom jitqiesu b'attenzjoni. Pereżempju, sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju dwar l-ekwità u n-newtralità tal-medjazzjoni, jista' jkun ta' għajnuna f'każ ta' medjazzjoni minn persuna waħda, li jiġi evitat li l-medjatur jingħaqad f'vidjow-link ma' waħda mill-partijiet (jiġifieri, fl-istess kamra bħall-parti).

174 Il-medjazzjoni mill-bogħod tista' anki tkun vantaġġuża għall-każijiet fejn ikun hemm allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika u waħda mill-partijiet tindika li, għalkemm tixtieq tipprova l-medjazzjoni, il-prospett li tkun fl-istess kamra mal-parti l-oħra ikun diffiċli ħafna.[213]

### 4.5 Il-kuntratt għal medjazzjoni – Kunsens informat għal medjazzjoni

- ➔ **Sabiex jiġi żgurat li l-partijiet jiġu informati sew dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizz ta' medjazzjoni, ikun aħjar jekk jiġi mfassal kuntratt bejn il-medjatur u l-partijiet (kuntratt għal medjazzjoni).**
- ➔ **Il-kuntratt għal medjazzjoni għandu jkun ċar u għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-proċess ta' medjazzjoni, inkluża informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż li jista' jkun hemm.**
- ➔ **Fejn ma jitfassal l-ebda kuntratt għal medjazzjoni bħal dan, irid jiġi żgurat li qabel ma jidħlu għall-medjazzjoni l-partijiet jiġu informati sew b'xi mod ieħor dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizz ta' medjazzjoni.**

175 Sabiex jiġi żgurat il-kunsens informat tal-partijiet għall-medjazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat it-tfassil ta' ftehim bil-miktub bejn il-medjatur u l-partijiet dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizz ta' medjazzjoni, sakemm dan ma jiġix irregolat b'xi mod ieħor fis-sistema legali rilevanti.[214] Dan il-kuntratt għal medjazzjoni għandu jkun ċar u għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-proċess ta' medjazzjoni.

176 Il-kuntratt għandu jispjega r-rwol tal-medjatur bħala parti terza newtrali u imparzjali. Għandu jiġi enfasizzat li l-kompitu tal-medjatur huwa biss dak li jagħti assistenza fil-komunikazzjoni bejn il-partijiet u li huwa ma jirrappreżentax lill-partijiet jew lil xi parti minnhom. Din tal-aħħar hija partikolarment importanti fejn il-medjazzjoni se titwettaq bħala komedjazzjoni binazzjonali u bilingwi, f'kunflitt familjari transkonfinali fejn il-partijiet jista' jkollhom it-tendenza li jħossu konnessjoni iktar mill-qrib mal-medjatur li jitkellem bl-istess lingwa tagħhom u li jkollu l-istess sfond kulturali tagħhom.[215]

177 Kuntratt għal medjazzjoni mfassal fil-kuntest ta' tilwima familjari internazzjonali għandu jiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għall-importanza li tinkiseb l-informazzjoni/il-pariri legali rilevanti dwar il-ftehimiet bejn il-ġenituri u dwar l-implimentazzjoni tagħhom fis-sistemi legali differenti kkonċernati,

---

210 Dwar l-użu tat-teknoloġija f'medjazzjoni familjari internazzjonali, ara, pereżempju, M. Kucinski, "The Pitfalls and Possibilities of Using Technology in Mediating Cross-Border Child Custody Cases" (Id-diffikultajiet u l-possibbiltajiet li tintuża t-teknoloġija fil-medjazzjoni ta' każijiet ta' kustodja transkonfinali ta' minuri)", *Journal of Dispute Resolution*, 2010, p. 297 *et seq.* f'p. 312 *et seq.*

211 Dwar l-iżvilupp ta' servizz onlajn ta' riżoluzzjoni tat-tilwim familjari fl-**Awstralja**, ara, pereżempju, T. Casey, E. Wilson-Evered u S. Aldridge, "The Proof is in the Pudding: The Value of Research in the Establishment of a National Online Family Dispute Resolution Service" (Tkun taf xi ssarraf meta tipprovaha: Il-valur tar-riċerka fl-istabbiliment ta' servizz onlajn nazzjonali ta' riżoluzzjoni tat-tilwim familjari)", il-ħidma tal-11-il konferenza tal-Australian Institute of Family Studies, disponibbli minn < http://www.aifs.gov.au/conferences/aifs11/docs/casey.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

212 Dwar l-isfidi speċjali ta' medjazzjoni mill-bogħod, ara d-Draft Principles for Good Practice on "Dispute Resolution and Information Technology" (l-Abbozz tal-Prinċipji għal Prattika Tajba dwar ir-"Riżoluzzjoni tat-Tilwim u t-Teknoloġija tal-Informatika"), imfassal mill-Australian National Alternative Dispute Resolution Advisory Council (NADRAC), 2002, disponibbli minn < http://www.nadrac.gov.au/publications/PublicationsByDate/Pages/PrinciplesonTechnologyandADR.aspx > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

213 Ara l-Kapitolu 10 iktar 'l isfel dwar il-medjazzjoni u l-akkużi ta' vjolenza domestika.

214 Ara wkoll it-Taqsima 6.1.2.

215 Ara wkoll it-Taqsima 6.2.3 dwar il-kunċett ta' komedjazzjoni bikulturali u bilingwi.

filwaqt li għandu jenfasizza li l-medjatur innifsu, anki jekk isemmi xi informazzjoni legali, mhux se jkun qed jagħti pariri legali.[216] Huwa f'dan ir-rigward li kooperazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti legali speċjalisti tal-partijiet tista' tkun utli u/jew fejn il-partijiet jistgħu jiġu riferiti għal sorsi ta' pariri legali ta' speċjalisti indipendenti.

178 Il-kuntratt għal medjazzjoni għandu jenfasizza l-importanza tal-kunfidenzjalità tal-proċess ta' medjazzjoni u għandu jiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijet legali applikabbli.[217] Barra minn hekk, il-kuntratt jista' jinkludi termini li jobbligaw lill-partijiet ma jħarrkux lill-medjatur.[218]

179 Fil-kuntratt għandha ssir referenza għall-metodi/mudelli tal-medjazzjoni użati u għall-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni.[219]

180 Il-kuntratt għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż tal-medjazzjoni li jistgħu jinqalgħu.[220]

181 Fejn ma jitfassal l-ebda kuntratt għal medjazzjoni, l-informazzjoni msemmija iktar 'il fuq xorta għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet bil-miktub, pereżempju permezz ta' fuljetti informattivi, ittra personalizzata jew it-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali disponibbli fuq il-websajt li ssir referenza għalihom qabel ma jingħata bidu għall-medjazzjoni.

# 5 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri

182 Kwistjoni li tiġi dejjem enfasizzata meta jissemmew il-vantaġġi tal-medjazzjoni meta pparagunata mal-proċeduri tal-qorti hija dik tal-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni. Jingħad li l-medjazzjoni tista' tittratta aħjar l-aspetti kollha ta' kunflitt, peress li l-medjazzjoni tista' tinkludi anki suġġetti li ma jkunux legalment rilevanti u li għalhekk ma jingħatawx spazju f'seduta tal-qorti. F'tilwima familjari, il-medjazzjoni tista' tgħin sabiex tinstab it-tarf tal-kobba mħabbla ta' ġlied familjari li jkun nibet snin qabel u li t-tilwima attwali tista' tkun biss sintomu tiegħu. Madankollu, dan jista' jfisser involviment fi proċess li jieħu ż-żmien.

## 5.1 Enfasi fuq kwistjonijiet ta' urġenza

- ➔ **Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri għandha tkun konformi ma' rekwiżiti ta' żmien riġidi ħafna u b'hekk jista' jkun hemm il-ħtieġa li jkollha kamp ta' applikazzjoni limitat.**
- ➔ **Għandu jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn l-inklużjoni ta' suġġetti li jkunu meħtieġa sabiex tinstab soluzzjoni miftiehma sostenibbli u l-konformità ma' rekwiżiti stretti taż-żmien.**

183 Il-medjazzjoni fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandha titwettaq fil-kuntest tal-qafas legali internazzjonali applikabbli. Sabiex tkun kompatibbli mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, il-medjazzjoni għandha tkun konformi ma' rekwiżiti ta' żmien

216 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), III (Il-proċess ta' medjazzjoni):
> "L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkun hemm mekkaniżmi xierqa sabiex il-proċess ta' medjazzjoni jkun jista' jitwettaq skont il-prinċipji li ġejjin: [...]
> x. il-medjatur jista' jagħti informazzjoni legali imma ma għandux jagħti pariri legali. Huwa għandu, f'każijiet xierqa, jinforma lill-partijiet bil-possibbiltà li huma jikkonsultaw avukat jew kwalunkwe persuna professjonista oħra rilevanti" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

217 Għal iktar dettalji dwar il-kunfidenzjalità, ara t-Taqsima 6.1.5 iktar 'l isfel.

218 Għall-eżempju li tiġi inkluża dispożizzjoni li tagħmilha ta' deterrent "li parti tkun trid tħallas id-drittijiet tal-avukat tal-medjatur jekk il-parti tħarrek lill-medjatur u x-xhieda ma tkunx obbligata" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fejn il-liġi ma tipproteġix il-kunfidenzjalità tal-medjatur, ara K.K. Kovach (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), f'p. 197 u 198.

219 Dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni, ara l-Kapitolu 5 iktar 'l isfel.

220 Ara wkoll l-Istandard VIII tal-Istandards ta' Kondotta tal-Istati Uniti, imħejjija mill-American Bar Association, mill-American Arbitration Association u mill-Association for Conflict Resolution fl-1994, kif ġew riveduti fl-2005 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 56).

riġidi ħafna u b'hekk jista' jkun hemm il-ħtieġa li jkollha kamp ta' applikazzjoni limitat. Il-Konvenzjoni tal-1980 tista' wkoll tagħti indikazzjonijiet dwar is-suġġetti li jiġu indirizzati fil-medjazzjoni.

184 Il-kwistjoni primarja hija, evidentement, dik tar-ritorn tal-minuri. F'dan il-kuntest, kif enfasizza l-istudju komparattiv imħejji għall-Kummissjoni Speċjali tal-2006:

> "[T]alba skont il-Konvenzjoni [tal-1980] għandha l-għan primarju li jinkiseb ir-ritorn ta' minuri abitwalment residenti fi Stat Kontraenti li tneħħa jew inżamm b'mod illeċitu fi Stat Kontraenti ieħor [...] Il-premessa bażika tal-Konvenzjoni hija li l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri jkollu l-ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' kustodja/kuntatt u li r-ritorn immedjat tal-minuri f'dak l-Istat se jagħti l-possibbiltà li deċiżjonijiet bħal dawn ikunu jistgħu jittieħdu malajr fl-interessi tal-minuri mingħajr ma l-minuri jkollu ż-żmien jidra fi Stat ieħor" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[221]

185 Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tipprova terġa' tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun l-i*status quo ante* s-sekwestru, fejn tħalli d-deċiżjonijiet fit-tul dwar il-kustodja u l-kuntatt, inkluża l-kwistjoni tal-possibbiltà ta' rilokazzjoni tal-minuri, f'idejn il-qorti kompetenti li, skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal u strumenti rilevanti oħrajn li jsostnu dak il-prinċipju, qiegħda fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri. Fejn ma tkun applikabbli l-ebda eċċezzjoni, l-imħallef li quddiemu tkun talba għal ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jkollu jordna r-ritorn tal-minuri.

186 Konsegwentement, wieħed jista' jqajjem il-kwistjoni jekk medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri għandhiex tiġi ristretta għal diskussjoni tal-modalitajiet tar-ritorn immedjat tal-minuri fil-ġurisdizzjoni kompetenti. It-tweġiba ċara hija "Le". Il-medjazzjoni fil-kuntest tal-Konvenzjoni tal-1980 tista' tiddiskuti anki l-possibbiltà ta' nuqqas ta' ritorn kif ukoll il-kundizzjonijiet, il-modalitajiet u kwistjonijiet relatati tan-nuqqas ta' ritorn, jiġifieri d-deċiżjoni fit-tul dwar ir-rilokazzjoni tal-minuri. Fil-prinċipju, jekk dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati waqt il-medjazzjoni ma jkunux qed jiġu kontradetti, il-Konvenzjoni tal-1980 u strumenti rilevanti oħrajn, għalkemm il-qafas legali naturalment jaffettwa dak li jista' jiġi miftiehem in concreto.[222]

187 Għandu jiġi nnotat li l-medjazzjoni ma tiffaċċjax l-istess restrizzjonijiet ġurisdizzjonali tal-proċeduri ġudizzjarji. Filwaqt li l-proċeduri tal-qorti jistgħu jittrattaw biss kwistjonijiet li l-qorti jkollha ġurisdizzjoni (internazzjonali) fir-rigward tagħhom, il-medjazzjoni mhijiex ristretta bl-istess mod, anki jekk il-kwistjonijiet ġurisdizzjonali se jkollhom sehem meta l-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jiġi biex isir legalment vinkolanti fis-sistemi legali differenti kkonċernati. Għalhekk huwa aċċettat b'mod ġenerali li l-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri tista' anki tittratta mhux biss il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tar-ritorn jew tan-nuqqas ta' ritorn, imma anki kwistjonijiet oħrajn għal medda itwal ta' żmien li jaffettwaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri tal-partijiet, inklużi l-kustodja, il-kuntatt jew anki l-arranġamenti għall-manteniment tal-minuri.

188 Min-naħa l-oħra, il-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, b'mod ġenerali, ma jistgħux jittrattaw il-mertu tal-kustodja. L-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri jiddikjara li "[w]ara li jkunu rċevew l-avviż ta' rimozzjoni jew ta' ritenzjoni illeċita ta' minuri [...] l-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' l-Istat Kontraenti fejn ikun ittieħed jew inżamm il-minuri m'għandhomx jiddeċiedu fuq il-mertu tad-drittijiet tal-kustodja qabel ma jiġi deċiż illi l-minuri m'għandux jiġi ritornat [...]". Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal taħdem id f'id mal-Konvenzjoni tal-1980 f'dan ir-rigward: id-deċiżjonijiet fit-tul dwar il-kustodja jitħallew għall-ġurisdizzjoni tal-qorti kompetenti fl-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri immedjatament qabel is-sekwestru. Skont l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-1980, il-possibbiltà ta' bidla fil-ġurisdizzjoni dwar kwistjonijiet ta' kustodja għall-qrati tal-Istat li saritlu t-talba ġeneralment titqajjem biss meta l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja li jkunu għaddejjin jkunu ġew fi tmiemhom.[223]

189 Meta jkun se jiġi deċiż eżattament liema kwistjonijiet jistgħu jiġu koperti fis-sessjonijiet tal-medjazzjoni fil-każ partikolari ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, għandu jinżamm bilanċ tajjeb bejn diskussjoni tas-suġġetti meħtieġa sabiex tinstab soluzzjoni miftiehma sostenibbli u konformità mar-rekwiżiti riġidi taż-żmien. Barra minn hekk, il-miżuri (addizzjonali) li jistgħu jkunu meħtieġa

221 Ara S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 3.1, p. 10 u 11.

222 Ara wkoll S. Vigers, Mediating International Child Abduction Cases – The Hague Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 95), p. 39 *et seq.*; ara wkoll E. Carl u M. Erb-Klünemann, "Integrating Mediation into Court Proceedings in Cross-Border Family Cases" (L-integrazzjoni tal-medjazzjoni fil-proċeduri tal-qorti f'każijiet familjari transkonfinali)", f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri) (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 98), p. 59-76.

223 Ara l-Kapitolu 13 iktar 'l isfel dwar kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni u ta' regoli tal-liġi applikabbli; dwar bidla fil-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996, ara wkoll il-Kapitolu 13 tal-Practical Handbook on the 1996 Hague Child Protection Convention (Manwal Prattiku dwar il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal; disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Publications" (Pubblikazzjonijiet)).

sabiex il-ftehim dwar ċertu suġġett isir legalment vinkolanti u infurzabbli fiż-żewġ sistemi legali kkonċernati, għandhom jiġu kkunsidrati b'attenzjoni, meta jiġi deċiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni. Pereżempju, huwa konċepibbli li f'każ partikolari, ikun hemm ir-riskju li l-inklużjoni ta' punti dwar il-manteniment fi ftehim dwar ir-ritorn ta' minuri tista' ddewwem ħafna l-proċess biex il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir infurzabbli fiż-żewġ sistemi legali minħabba kwistjonijiet ġurisdizzjonali kumplessi.[224] Hawnhekk, jista' jkun aħjar jekk il-kwistjoni tal-manteniment tiġi sseparata mill-kwistjonijiet primarjament involuti fis-sitwazzjoni ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, jiġifieri l-kwistjoni tar-ritorn jew tan-nuqqas ta' ritorn tal-minuri u kwistjonijiet possibbilment relatati dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Il-partijiet għandhom jiġu mgħarrfa li l-esklużjoni ta' kwalunkwe kwistjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni f'dan l-istadju ma tikkostitwix ostakolu sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu diskussi iktar 'il quddiem f'sessjonijiet separati tal-medjazzjoni.

## 5.2 L-importanza tal-ġurisdizzjoni u tal-liġi applikabbli fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri u ta' suġġetti oħrajn ittrattati fil-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni

**➔ F'medjazzjoni familjari internazzjonali, għandha titqies l-interrelazzjoni bejn is-suġġetti koperti fil-medjazzjoni u l-aspetti tal-ġurisdizzjoni u tal-liġi applikabbli.**

190 Il-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali għandha tqis l-interrelazzjoni bejn il-punti indirizzati fil-medjazzjoni u l-kwistjonijiet tal-liġi applikabbli u tal-ġurisdizzjoni. Biex ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jingħata effett legali ta' spiss se jkun meħtieġ l-involviment ta' qorti, jew sabiex il-ftehim jiġi rreġistrat jew sabiex jitbiddel f'digriet tal-qorti. B'hekk, li li jitqies liema qorti(qrati) jista'(jistgħu) jkollha(hom) ġurisdizzjoni dwar il-punti li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni huwa importanti, l-istess kif inhi importanti l-kwistjoni tal-liġi applikabbli. Fejn ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jkopri firxa wiesgħa ta' suġġetti, jista' jiġri li fil-proċess biex jingħata effett legali lill-kontenut ta' dak il-ftehim ikun meħtieġ l-involviment ta' iktar minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva waħda.[225]

224 Ara t-Taqsima 5.2 iktar 'l isfel u l-Kapitolu 13 għal iktar dettalji dwar il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni.
225 Ara l-Kapitolu 13 iktar 'l isfel dwar il-kwistjonijiet tal-ġurisdizzjoni u tal-liġi applikabbli.

# 6 Il-prinċipji/metodi/mudelli tal-medjazzjoni

191 Sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tal-medjazzjoni, ġew żviluppati diversi prinċipji tal-medjazzjoni, b'ħafna minnhom jinsabu inkorporati fil-leġiżlazzjoni, fil-kodiċijiet ta' kondotta u fi strumenti rilevanti oħrajn marbuta mal-medjazzjoni. Uħud minn dawn il-prinċipji, bħall-imparzjalità u n-newtralità, ta' spiss jiġu saħansitra inklużi fid-definizzjoni ta' medjazzjoni.

192 Anki jekk il-prinċipji tal-medjazzjoni promossi f'ġurisdizzjonijiet differenti u minn korpi individwali tal-medjazzjoni jistgħu jvarjaw, jistgħu jiġu identifikati bosta elementi komuni. Din il-Gwida tindirizza l-prattika tajba rigward il-prinċipji li l-iktar li jiġu promossi li għandhom rilevanza partikolari għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.

193 L-istampa hija saħansitra iktar varjata fejn għandhom x'jaqsmu l-mudelli u l-metodi tal-medjazzjoni użati fi Stati differenti u minn skemi ta' medjazzjoni differenti, u din il-Gwida ma tistax tagħti deskrizzjoni eżawrjenti tagħhom kollha. Filwaqt li tirrispetta d-diversità fl-approċċ għall-metodi u għall-mudelli tal-medjazzjoni, l-għan tal-Gwida huwa li tiġbed l-attenzjoni għal ċerti prattiki tajba li huma utli għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.

## 6.1 Il-prinċipji tal-medjazzjoni – L-istandards internazzjonali

### 6.1.1 IN-NATURA VOLONTARJA TAL-MEDJAZZJONI

**➔ Il-medjazzjoni hija proċess volontarju.**

**➔ Il-bidu tal-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja ma għandux jiddependi fuq l-attendenza għas-sessjonijiet tal-medjazzjoni jew għal sessjoni informattiva dwar il-medjazzjoni.**

**➔ Il-ħajra jew in-nuqqas ta' ħajra tal-ġenituri li jidħlu għall-medjazzjoni ma għandux jinfluwenza l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja.**

194 Hija n-natura stess tal-medjazzjoni li tinvolvi lill-partijiet fi proċess volontarju sabiex tinstab riżoluzzjoni bonarja għat-tilwima tagħhom. Il-"volontarjetà" hija prinċipju bażiku u mhux ikkontestat tal-medjazzjoni komunement użat fid-definizzjonijiet tal-medjazzjoni u, għalhekk, ġie inkorporat ukoll fid-definizzjoni tal-medjazzjoni għal din il-Gwida.[226]

195 Il-prinċipju tal-"volontarjetà" ma jmurx kontra r-rekwiżiti f'xi ġurisdizzjonijiet ta' laqgħat informattivi mandatorji dwar il-medjazzjoni.[227] Anki f'ġurisdizzjonijiet fejn huwa obbligatorju li l-partijiet għal tilwima jipprovaw il-medjazzjoni,[228] jista' jiġi argumentat li dan huwa kompatibbli man-natura volontarja tal-medjazzjoni sakemm il-partijiet ma jiġux sfurzati sabiex effettivament isolvu t-tilwima tagħhom permezz tal-medjazzjoni.

196 F'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, l-użu tal-medjazzjoni ma għandux idewwem proċeduri ta' ritorn rapidi, u b'hekk l-użu ta' miżuri "obbligatorji" sabiex tiġi promossa l-medjazzjoni għandu jiġi kkunsidrat b'attenzjoni.

197 L-istituzzjoni ta' proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja ma għandhiex tiddependi fuq l-attendenza taż-żewġ partijiet għal sessjoni informattiva dwar il-medjazzjoni, speċjalment jekk, minħabba f'hekk, il-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jkun qed jingħata l-possibbiltà li jdewwem b'mod unilaterali l-istituzzjoni tal-proċeduri. Barra minn hekk, kwalunkwe miżura obbligatorja li tħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jidħlu għall-medjazzjoni ma tistax tinjora ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każijiet

---

226 Ara t-taqsima tat-Terminoloġija iktar 'il fuq.

227 Pereżempju, fi **Franza** u fil-**Ġermanja**, f'tilwima bejn il-ġenituri dwar it-tfal, l-imħallef tal-qorti tal-familja jista' jobbliga lill-ġenituri sabiex jattendu laqgħa informattiva dwar il-medjazzjoni, imma ma jistax jobbligahom jipprovaw il-medjazzjoni, ara l-Artikolu 373-2-10 (emendat l-aħħar fl-2004) u l-Artikolu 255 (emendat l-aħħar fl-2002) tal-Kodiċi Ċivili Franċiż u t-tielet sentenza tal-Artikolu 156(1) (emendat l-aħħar fl-2012) u l-Artikolu 81(2)(5) (emendat l-aħħar fl-2012) tal-Att Ġermaniż dwar il-Proċedura Nazzjonali fil-Liġi tal-Familja (FamFG); anki fl-**Awstralja**, qorti tista' tordna "li l-partijiet għall-proċeduri jattendu għal riżoluzzjoni familjari tat-tilwim [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali], li tinkludi l-medjazzjoni, ara l-Artikoli 13 C *et seq*. tal-Family Law Act 1975, jiġifieri l-Att tal-1975 dwar il-Liġi tal-Familja (emendat l-aħħar bl-Att Nru 147 tal-2010) (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 174). Għal iktar informazzjoni rigward il-laqgħat obbligatorji dwar il-medjazzjoni fil-qasam ċivili f'uħud mill-Istati, ara wkoll K.J. Hopt u F. Steffek (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2), f'p. 12.

228 Ara H. Joyce, "Mediation and Domestic Violence: Legislative Responses" (Il-medjazzjoni u l-vjolenza domestika: Tweġibiet leġiżlattivi), Comment (Kumment), 14 *J. Am. Acad. Matrimonial Law* (1997), p. 451.

ta' sekwestru internazzjonali. L-Istati għandhom jikkunsidraw jekk il-mekkaniżmi użati f'tilwim nazzjonali fil-kuntest tal-liġi tal-familja sabiex jiġi promoss l-użu tal-medjazzjoni humiex idonei għal każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.

198 Xejra rikorrenti ta' dawn il-każijiet hija, pereżempju, li l-ġenitur imċaħħad minn uliedu ma jkollux familjarità mas-sistema legali tal-Istat li saritlu t-talba (l-Istat fejn ittieħed il-minuri) u ma jkunx jaf jitkellem bil-lingwa ta' dak l-Istat, filwaqt li l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu ġeneralment ikollu mill-inqas il-konnessjoni lingwistika ma' dak l-Istat. Hawnhekk, il-pressjoni li ssir fuq il-ġenitur imċaħħad minn uliedu sabiex jidħol għal medjazzjoni li tkun disponibbli biss bil-lingwa tal-Istat li saritlu t-talba, jiġifieri l-Istat fejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu mhux se jkun jista' jikkomunika bil-lingwa materna tiegħu, bil-wisq probabbli se tiġi pperċepita bħala inġusta minn dak il-ġenitur. F'sitwazzjoni bħal din, li l-ġenitur imċaħħad minn uliedu jingħata l-impressjoni li l-bidu tal-proċeduri skont il-Konvenzjoni tal-Aja jiddependi mit-tentattivi tiegħu ta' medjazzjoni, jista' jitqies minn dan il-ġenitur bħala pressjoni mhux xierqa u għalhekk jista' jkun kontroproduċenti.

199 Iż-żewġ ġenituri għandhom jiġu informati li l-medjazzjoni hija biss possibbiltà li teżisti minbarra r-rimedju tal-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja. Il-ħajra jew in-nuqqas ta' ħajra tal-ġenituri li jidħlu għall-medjazzjoni jew li jkomplu bil-medjazzjoni ladarba jkunu bdewha ma għandux jinfluwenza d-deċiżjoni tal-qorti.[229]

### 6.1.2 IL-KUNSENS INFORMAT

➔ **Id-deċiżjoni tal-partijiet li jidħlu għall-medjazzjoni għandha tkun ibbażata fuq kunsens informat.**

200 L-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-medjazzjoni u dwar kwistjonijiet relatati għandha tiġi pprovduta lill-partijiet qabel il-proċess ta' medjazzjoni sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata dwar jekk għandhomx jidħlu għall-medjazzjoni jew le.[230] Din l-informazzjoni għandha tinkludi: dettalji dwar il-proċess ta' medjazzjoni u dwar il-prinċipji li jiddeterminaw dak il-proċess, bħall-kunfidenzjalità; dettalji dwar il-metodu u l-mudell użati, kif ukoll informazzjoni dwar il-modalitajiet prattiċi; u l-ispejjeż li jistgħu jkunu involuti għall-partijiet. Barra minn hekk, għandha tingħata informazzjoni dwar l-interrelazzjoni bejn il-medjazzjoni u tal-proċeduri ġudizzjarji. Il-partijiet għandhom jiġu informati li l-medjazzjoni hija biss possibbiltà waħda u li t-tenattivi ta' medjazzjoni ma jippreġudikawx l-aċċess tagħhom għall-proċeduri ġudizzjarji.

201 Fejn bejn il-medjatur u l-partijiet jitfassal kuntratt għal medjazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-medjazzjoni, l-informazzjoni rilevanti tista' tkun riflessa f'dak il-kuntratt; ara wkoll it-Taqsima 4.5 iktar 'il fuq dwar is-suġġett tal-"kuntratt għal medjazzjoni".

202 Peress li s-sitwazzjoni legali f'tilwim familjari internazzjonali tkun partikolarment kumplessa, l-attenzjoni tal-partijiet għandha tinġibed għall-fatt li tkun meħtieġa l-informazzjoni legali li jista' jagħtihom speċjalista sabiex tissawwar id-diskussjoni waqt il-medjazzjoni, sabiex ikun jista' jitfassal il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, u sabiex jingħata effett legali lill-ftehim fil-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati. L-aċċess għal din l-informazzjoni jista' jiġi ffaċċilitat mill-Awtorità Ċentrali jew minn Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali stabbilit għal dan l-iskop (ara

229 Ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 5.1, p. 17 u 18, li tirreferi għall-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97):

> "Meta ġew avviċinati l-parteċipanti potenzjali fil-proġett pilota ta' reunite, ġie enfasizzat liż-żewġ ġenituri li l-medjazzjoni setgħet titwettaq biss bil-kunsens sħiħ taż-żewġ partijiet u li n-nuqqas ta' ħajra tagħhom li jidħlu għall-medjazzjoni ma kienx se jaffettwa l-eżitu tat-talba skont il-Konvenzjoni tal-Aja" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

230 Ara l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fl-Anness 1 iktar 'l isfel, inkluż il-prinċipju ġenerali ta' "Kunsens informat".

l-Kapitolu 4 iktar 'il fuq, "L-aċċess għall-medjazzjoni") jew jista' jiġi pprovdut mir-rappreżentanti legali speċjalisti tal-partijiet.[231]

### 6.1.3 Il-valutazzjoni tal-idoneità għall-medjazzjoni

➔ **Sabiex tiġi vvalutata l-idoneità tal-medjazzjoni għall-każ partikolari għandu jiġi applikat proċess ta' skrining.**

203 Il-vantaġġi ta' skrining inizjali ġew stabbiliti iktar 'il fuq, fit-Taqsimiet 2.1 u 4.2.

### 6.1.4 In-newtralità, l-indipendenza, l-imparzjalità u l-ekwità

➔ **Il-prinċipji ġenerali tan-newtralità, tal-indipendenza, tal-imparzjalità u tal-ekwità huma indispensabbli għall-medjazzjoni u għandhom jiġu salvagwardjati.**

204 Il-prinċipji tan-newtralità, tal-indipendenza, tal-imparzjalità u tal-ekwità huma kruċjali għall-medjazzjoni.[232] Hemm konnessjonijiet mill-qrib bejniethom għalkemm jindirizzaw aspetti differenti tal-proċess ta' medjazzjoni. Il-medjazzjoni għandha tkun newtrali fir-rigward tal-eżitu tal-proċess. Il-medjatur għandu jkun indipendenti dwar il-mod li bih iwettaq l-medjazzjoni. Fl-istess ħin, il-medjatur għandu jkun imparzjali fir-rigward tal-partijiet.[233] Fl-aħħar nett, il-medjazzjoni għandha titwettaq b'mod ekwu, li jimplika li l-partijiet għandhom jingħataw opportunità ndaqs sabiex jipparteċipaw fil-proċess ta' medjazzjoni. Il-proċess ta' medjazzjoni għandu jiġi adattat f'kull każ partikolari sabiex ikun hemm lok għal setgħat ta' negozjar ibbilanċjati. Pereżempju, ix-xewqa tal-partijiet li jużaw il-lingwa materna tagħhom jew lingwa li jħossuhom komdi jitkellmu biha għandha kemm jista' jkun tiġi rrispettata.[234]

231 Ara iktar 'l isfel, Taqsima 6.1.7, dwar teħid ta' deċiżjonijiet informati; ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), III (Il-proċess ta' medjazzjoni):

> "L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkun hemm mekkaniżmi xierqa sabiex il-proċess ta' medjazzjoni jkun jista' jitwettaq skont il-prinċipji li ġejjin: [...]
> x. il-medjatur jista' jagħti informazzjoni legali imma ma għandux jagħti pariri legali. Huwa għandu, f'każijiet xierqa, jinforma lill-partijiet bil-possibbiltà li huma jikkonsultaw avukat jew kwalunkwe persuna professjonista oħra rilevanti" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

232 Ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 3.2-3.4, p. 11-13, u anki r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), III (Il-proċess ta' medjazzjoni):

> "L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkun hemm mekkaniżmi xierqa sabiex il-proċess ta' medjazzjoni jkun jista' jitwettaq skont il-prinċipji li ġejjin:
> i. il-medjatur ikun imparzjali fir-rigward tal-partijiet;
> ii. il-medjatur ikun newtrali rigward l-eżitu tal-proċess ta' medjazzjoni;
> iii. il-medjatur jirrispetta l-fehma tal-partijiet u jżomm l-ugwaljanza tal-pożizzjonijiet fin-negozjar tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

233 Ara wkoll l-Istandard II tal-Istandards ta' Kondotta tal-Istati Uniti (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 56); ara wkoll l-Artikolu 8 tal-Gwida għal Prattika Tajba fil-Medjazzjoni Familjari tal-AIFI (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 144); ara wkoll J. Zawid, "Practical and Ethical Implications of Mediating International Child Abduction Cases: A New Frontier for Mediators" (Implikazzjonijiet prattiċi u etiċi ta' medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri: Fruntiera ġdida għall-medjaturi), *Inter-American Law Review*, Vol. 40, 2008, 1 *et seq.*, 37 *et seq.*

234 Ara t-Taqsima 2.5 iktar 'il fuq.

### 6.1.5 IL-KUNFIDENZJALITÀ

➔ **L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkunu ġew stabbiliti salvagwardji xierqa sabiex il-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni tiġi sostnuta.**
➔ **L-Istati għandhom jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' regoli li jiżguraw li l-medjatur u l-persuni l-oħra involuti fil-medjazzjoni ma jkunux jistgħu jiġu mġiegħla jagħtu xhieda dwar komunikazzjonijiet relatati mal-medjazzjoni fi proċeduri ċivili jew kummerċjali, sakemm ma jkunux japplikaw ċerti eċċezzjonijiet.**
➔ **F'medjazzjoni familjari internazzjonali, il-partijiet għandhom jingħataw informazzjoni sħiħa dwar ir-regoli applikabbli għall-kunfidenzjalità fil-ġurisdizzjonjiet differenti kkonċernati.**

205 Bla ħsara għal-liġi applikabbli,[235] il-komunikazzjonijiet kollha li jsiru waqt u fil-kuntest tal-medjazzjoni għandhom ikunu kunfidenzjali, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-partijiet.[236] Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet relatati mal-medjazzjoni tgħin sabiex tinħoloq dik l-atmosfera ta' fiduċja meħtieġa sabiex il-partijiet jinvolvu rwieħhom f'diskussjoni miftuħa dwar firxa sħiħa ta' soluzzjonijiet possibbli għat-tilwima tagħhom. Il-partijiet jistgħu jkunu inqas lesti li jikkunsidraw possibbiltajiet differenti jekk jibżgħu li l-proposti tagħhom jistgħu jitqiesu bħala konċessjoni u jintużaw kontra tagħhom fi proċeduri legali. F'każ ta' sekwestru ta' minuri, pereżempju, huwa probabbli li l-ġenitur imċaħħad minn uliedu jista' jsibha bi tqila biex jindika li huwa jista' jaqbel li l-minuri jibqa' fil-ġurisdizzjoni l-oħra, jekk jibża' li dan jista' jiġi interpretat bħala li "[baqa' sieket] [ta l-kunsens tiegħu]" fis-sens tal-Artikolu 13(1)(a) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.

206 Billi tingħata informazzjoni purament amministrattiva dwar jekk il-medjazzjoni nbdietx, hijiex qed tkompli jew ġietx fi tmiemha lill-qorti kompetenti jew lill-Awtorità Ċentrali li kienet involuta fir-referenza għall-medjazzjoni ma tkunx qed tinkiser il-kunfidenzjalità.[237] Anzi, il-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni hija parti importanti mill-kooperazzjoni organizzattiva bejn il-medjaturi, l-Awtoritajiet Ċentrali u l-qrati f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.[238]

207 Sabiex tkun tista' tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni jiġu applikati miżuri differenti. F'bosta Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, il-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni ġiet ittrattata fil-leġiżlazzjoni.[239] Barra minn hekk, il-kuntratti konklużi bejn il-medjatur u l-partijiet qabel ma tinbeda l-medjazzjoni ta' spiss jinkludu regoli dwar il-kunfidenzjalità.[240] Il-kuntratt jista', pereżempju, jinkludi termini li jipprojbixxu lill-partijiet milli jħarrku lill-medjatur, u jista' anki jinkludi bħala deterrent dispożizzjoni li tipprovdi li jekk parti tħarrek lill-medjatur, hija jkollha tkopri d-drittijiet tal-avukat tal-medjatur.[241]

208 Madankollu, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni jew ta' regoli oħrajn li jorbtu lill-qrati, u li jeżentaw lill-medjatur u lil persuni oħrajn involuti fil-proċess ta' medjazzjoni milli jissejħu sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom dwar informazzjoni miksuba b'rabta mal-medjazzjoni fi proċeduri ċivili jew kummerċjali, matul proċeduri legali bħal dawn il-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni tista' tiġi ppreġudikata.

209 L-Istati għandhom jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' regoli sabiex jiżguraw irwieħhom li dan ma jkunx il-każ sakemm ma japplikawx ċerti eċċezzjonijiet.[242] Strumenti reġjonali differenti, bħad-Direttiva

235 Ara iktar 'l isfel, paragrafu 211, għall-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità.

236 Ara wkoll l-Istandard V tal-Istandards ta' Kondotta tal-Istati Uniti (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 56); ara wkoll l-Artikolu 7 tal-Gwida għal Prattika Tajba fil-Medjazzjoni Familjari tal-AIFI (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 144).

237 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52):

> "V. Ir-relazzjoni bejn il-medjazzjoni u l-proċeduri quddiem l-awtorità ġudizzjarja jew awtorità oħra kompetenti [...]
> b. L-Istati għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi li għandhom: [...]
> iii. jinformaw lill-awtorità ġudizzjarja jew lil awtorità oħra kompetenti jekk il-partijiet humiex se jkomplu jew le bil-medjazzjoni u jekk il-partijiet laħqux ftehim" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

238 Ara t-Taqsima 2.1.2 iktar 'il fuq.

239 Ara l-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121), Taqsima 19.2; fost l-Istati li għandhom leġiżlazzjoni dwar il-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni hemm: **il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Iżrael, il-Litwanja, in-Norveġja, Panama, il-Paragwaj, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera** u **l-Istati Uniti tal-Amerika** (fi stati federali tal-Istati Uniti differenti japplikaw regoli differenti).

240 Ara t-Taqsima 4.5 iktar 'il fuq; ara wkoll S. Vigers, Mediating International Child Abduction Cases – The Hague Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 95), p. 47 *et seq.*

241 Ara K.K. Kovach (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), f'p. 197 u 198.

242 Għall-eċċezzjonijiet, ara l-paragrafu 211 iktar 'l isfel.

Ewropea dwar il-medjazzjoni[243] jew il-mudell tal-liġi dwar il-medjazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerika (l-UMA tal-Istati Uniti),[244] jitolbu li l-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni tiġi salvagwardjata b'miżuri leġiżlattivi bħal dawn. U fil-fatt, bosta Stati diġà introduċew tali miżuri.

210 Il-medjatur għandu jinforma b'mod sħiħ lill-partijiet dwar ir-regoli applikabbli għall-kunfidenzjalità. F'medjazzjoni familjari internazzjonali huwa tal-ikbar importanza li, fejn għandha x'taqsam il-kunfidenzjalità, jiġu kkunsidrati l-fehmiet taż-żewġ ġurisdizzjonijiet (tal-ġurisdizzjonijiet kollha) rilevanti. Il-partijiet għandhom ikunu jafu jekk fi kwalunkwe waħda mill-ġurisdizzjonijiet inkwistjoni l-informazzjoni skambjata waqt il-medjazzjoni tistax tintuża f'qorti. Jekk il-medjatur ma jkunx jaf ir-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-ġurisdizzjonijiet l-oħra, huwa għandu jiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li dawn ir-regoli jistgħu jkunu differenti u li l-komunikazzjonijiet li jsiru waqt il-medjazzjoni jistgħu ma jiġux ikkunsidrati bħala kunfidenzjali fil-ġurisdizzjoni l-oħra. Il-medjatur jista' jħeġġeġ lill-partijiet sabiex jistaqsu lir-rappreżentanti legali speċjalisti tagħhom dwar dan. Barra minn hekk, il-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri jistgħu jkunu sors utli ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti ta' Stat Kontraenti għall-Konvenzjoni fil-qasam tal-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni.[245]

211 Naturalment, jeżistu eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità fejn ikollha x'taqsam informazzjoni dwar atti kriminali mwettqa jew ippjanati. Bosta regoli li jirregolaw il-kunfidenzjalità

243 Id-Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5), ara l-Artikolu 7 (Kunfidenzjalità tal-medjazzjoni):

> "1. Billi l-medjazzjoni hija maħsuba li ssir b'mod li jirrispetta l-kunfidenzjalità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor, la l-medjaturi u lanqas dawk involuti fl-amministrazzjoni tal-proċess ta' medjazzjoni m'għandhom ikunu mġegħlin jagħtu xhieda fi proċedimenti ġudizzjarji jew arbitraġġ ċivili u kummerċjali fir-rigward ta' informazzjoni li toħroġ minn, jew li jkollha rabta ma', proċess ta' medjazzjoni ħlief:
> (a) fejn dan ikun meħtieġ għal konsiderazzjonijiet prevalenti ta' politika pubblika ta' l-Istat Membru konċernat, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' l-aħjar interessi tat-tfal jew għall-prevenzjoni ta' dannu għall-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna; jew
> (b) fejn l-iżvelar tal-kontenut tal-ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni jew għall-infurzar ta' dak il-ftehim.
> 2. Xejn fil-paragrafu 1 m'għandu jipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri aktar stretti biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-medjazzjoni."

Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), III (Il-proċess ta' medjazzjoni):

> "L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkun hemm mekkaniżmi xierqa sabiex il-proċess ta' medjazzjoni jkun jista' jitwettaq skont il-prinċipji li ġejjin: […]
> v. il-kundizzjonijiet li fihom issir il-medjazzjoni familjari għandhom jiggarantixxu l-privatezza;
> vi. id-diskussjonijiet fil-medjazzjoni huma kunfidenzjali u ma jistgħux jintużaw sussegwentement, ħlief bil-qbil tal-partijiet jew f'dawk il-każijiet permessi mil-liġi nazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

244 L-UMA tal-Istati Uniti (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54), ara l-Artikolu 4 (Privileġġ kontra l-iżvelar; ammissibbiltà; discovery):

> "(a) Ħlief kif inhu pprovdut mod ieħor fl-Artikolu 6, komunikazzjoni li ssir waqt il-medjazzjoni hija privileġġjata kif inhu pprovdut fis-subparagrafu (b) u la hija soġġetta għal discovery u lanqas ma hija ammissibbli bħala prova fi proċedura sakemm ma tkunx irrinunzjata jew prekluża kif inhu pprovdut fl-Artikolu 5.
> (b) Fi proċedura, għandhom japplikaw il-privileġġi li ġejjin:
> (1) Parti għall-medjazzjoni tista' tirrifjuta li tiżvela u tista' tipprevjeni lil kwalunkwe persuna oħra milli tiżvela, komunikazzjoni li tkun saret waqt il-medjazzjoni.
> (2) Medjatur jista' jirrifjuta li jiżvela komunikazzjoni li tkun saret waqt il-medjazzjoni, u jista' jipprevjeni lil kwalunkwe persuna oħra milli tiżvela komunikazzjoni tal-medjatur li tkun saret waqt il-medjazzjoni.
> (3) Parteċipant li ma jkunx parti għall-medjazzjoni jista' jirrifjuta li jiżvela u jista' jipprevjeni lil kwalunkwe persuna oħra milli tiżvela komunikazzjoni tal-parteċipant li ma jkunx parti għall-medjazzjoni li tkun saret waqt il-medjazzjoni.
> (c) Prova jew informazzjoni li f'ċirkustanzi oħrajn tkun ammissibbli jew soġġetta għal discovery ma ssirx inammissibbli jew protetta mid-discovery biss minħabba li ġiet żvelata jew minħabba li ntużat waqt medjazzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

245 *Supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121, ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 239. Il-leġiżlazzjoni rilevanti msemmija fil-Profili tal-Pajjiżi, jekk titressaq mill-Istati Kontraenti rilevanti, hija disponibbli wkoll mill-websajt tal-Konferenza tal-Aja flimkien mal-Profili tal-Pajjiżi.

tal-medjazzjoni jinkludu eċċezzjonijiet espliċiti f'dan ir-rigward.[246] Barra minn hekk, l-eċċezzjonijiet jistgħu jirriżultaw direttament minn regoli oħrajn bħal regoli tal-liġi kriminali. Skont tali regoli, medjatur jew persuna oħra involuta fil-medjazzjoni jista' jkollha l-obbligu li tirrapporta ċerta informazzjoni lill-pulizija u, fejn l-informazzjoni tkun relatata ma' riskju potenzjali ta' dannu psikoloġiku jew fiżiku għal minuri, possibbilment anki lil organizzazzjonijiet għall-benesseri tat-tfal jew korpi oħrajn għall-protezzjoni tat-tfal. Jekk medjatur, f'każijiet bħal dawn, jistax jintalab jagħti xhieda quddiem qorti dwar informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-medjazzjoni hija kwistjoni oħra u tiddependi mil-liġi applikabbli.

### 6.1.6 TEĦID INKUNSIDERAZZJONI TAL-INTERESSI U TAL-BENESSERI TAL-MINURI

- **➔ Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandha tqis l-interessi u l-benesseri tal-minuri kkonċernat.**
- **➔ Il-medjatur għandu jħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ħtiġijiet tal-minuri u għandu jfakkarhom fir-responsabbiltà primarja tagħhom li jaħsbu għall-benesseri ta' wliedhom, u fil-ħtieġa li jinformaw u jikkonsultaw lil uliedhom.[247]**

212 Minħabba li l-eżitu tal-medjazzjoni f'kunflitti bejn il-ġenituri dwar il-kustodja u l-kuntatt se jaffettwa direttament lill-minuri kkonċernat, il-medjazzjoni għandha tqis l-interessi u l-benesseri tal-minuri. Naturalment, il-medjazzjoni mhijiex proċess direttiv; il-kompitu tal-medjatur huwa biss dak li jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-partijiet, biex b'hekk ikunu jistgħu jsibu soluzzjoni għall-kunflitt tagħhom li se jwieġbu għaliha huma. Madankollu il-medjatur:

> "għandu jżomm f'moħħu b'mod speċjali l-benesseri u l-aħjar interessi tal-minuri, għandu jħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ħtiġijiet tal-minuri u għandu jfakkar lill-ġenituri fir-responsabbiltà primarja tagħhom li jaħsbu għall-benesseri ta' wliedhom u li għandhom jinformaw u jikkonsultaw lil uliedhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[248]

213 Barra minn hekk, il-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta[249] jirrikonoxxu l-importanza ta' dan il-punt billi jiddikjaraw li l-ġenituri għandhom jingħataw assistenza sabiex jilħqu ftehim "li jqis l-interessi u l-benesseri tal-minuri".

---

246 Ara wkoll id-Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5), Artikolu 7(a), li jipprovdi għal eċċezzjoni "fejn dan ikun meħtieġ għal konsiderazzjonijiet prevalenti ta' politika pubblika ta' l-Istat Membru konċernat, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' l-aħjar interessi tat-tfal jew għall-prevenzjoni ta' dannu għall-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna"; ara wkoll l-UMA tal-Istati Uniti (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 54), Artikolu 6 (Eċċezzjonijiet għall-privileġġ):

"(a) Ma hemm l-ebda privileġġ skont l-Artikolu 4 għal komunikazzjoni li tkun saret waqt il-medjazzjoni li tkun: (1) fi ftehim attestat b'dokument iffirmat mill-partijiet kollha għall-ftehim;
(2) disponibbli għall-pubbliku skont [niżżel ir-referenza statutorja għall-Open Records Act] jew li tkun saret waqt sessjoni tal-medjazzjoni li tkun miftuħa jew għandha, bil-liġi, tkun miftuħa, għall-pubbliku;
(3) theddida jew dikjarazzjoni ta' pjan sabiex issir offiża fuq il-persuna jew sabiex jitwettaq delitt bi vjolenza;
(4) użata intenzjonalment sabiex jiġi ppjanat delitt, ikun hemm tentattiv sabiex jitwettaq jew jitwettaq tabilħaqq delitt, jew sabiex jinħeba delitt li jkun qed jitwettaq jew attività kriminali li tkun qed titwettaq;
(5) mitluba jew offruta sabiex tiġi pprovata jew miċħuda pretensjoni jew ilment ta' kondotta professjonali ħażina jew ta' prattika professjonali ħażina mressqa kontra medjatur;
(6) ħlief kif inhu pprovdut mod ieħor fis-subparagrafu (c), mitluba jew offruta sabiex tiġi pprovata jew miċħuda pretensjoni jew ilment ta' kondotta professjonali ħażina jew ta' prattika professjonali ħażina mressqa kontra parti għall-medjazzjoni, parteċipant li ma kienx parti għall-medjazzjoni jew rappreżentant ta' parti fuq il-bażi ta' mġiba li seħħet waqt medjazzjoni; jew
(7) mitluba jew offruta sabiex jiġi ppruvat jew mċħud abbuż, negliġenza, abbandun jew sfruttament fi proċedura fejn tkun parti aġenzija ta' servizzi ta' protezzjoni għall-minuri jew għall-adulti, sakemm qorti ma tirreferix il-każ ta' [Alternattiva A: [niżżel l-Istat, pereżempju, protezzjoni ta' minuri jew ta' adult] għall-medjazzjoni u tipparteċipa aġenzija pubblika.]
[Alternattiva B: aġenzija pubblika ma tipparteċipax fil-medjazzjoni ta' [niżżel l-Istat, pereżempju, protezzjoni ta' minuri jew ta' adult]] [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

247 Dan il-prinċipju ġie inkluż fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), taħt III (Il-proċess ta' medjazzjoni).

248 *Ibid.*

249 Ara l-Anness 1 iktar 'l isfel.

214 Meta jitqiesu l-interessi u l-benesseri tal-minuri mhux biss tkun qed tingħata l-importanza dovuta lid-drittijiet tal-minuri, imma dan jista' wkoll ikun deċiżiv biex jingħata effett legali lill-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni. F'bosta Stati, il-ftehimiet bejn il-ġenituri dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri għandhom jiġu approvati mill-qorti sabiex jiġi żgurat li l-ftehim ikun kompatibbli mal-aħjar interessi tal-minuri kkonċernat.

### 6.1.7 Teħid ta' deċiżjonijiet informati u aċċess xieraq għall-pariri legali

- ➔ **Medjatur li jwettaq medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandu jiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għal kemm huwa importanti li titqies is-sitwazzjoni legali fiż-żewġ sistemi legali (fis-sistemi legali kollha) ikkonċernati.**
- ➔ **Il-partijiet għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni legali rilevanti.**

215 Is-soluzzjoni miftiehma tal-partijiet għandha tkun ir-riżultat ta' teħid ta' deċiżjonijiet informati.[250] Il-partijiet għandhom ikunu jafu tabilħaqq x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi kollha tagħhom, kif ukoll il-konsegwenzi legali tad-deċiżjonijiet tagħhom. Kif diġà ġie enfasizzat, is-sitwazzjoni legali f'tilwim familjari internazzjonali hija partikolarment kumplessa. Għalhekk, għandha tinġibed l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li, sabiex tissawwar id-diskussjoni fis-sessjonijiet tal-medjazzjoni u sabiex tingħata assistenza kemm fit-tfassil tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni kif ukoll sabiex il-ftehim jingħata effett legali fil-ġurisdizzjonijiet inkwistjoni, hija meħtieġa informazzjoni legali mingħand speċjalista.

216 Il-partijiet għandu jkollhom aċċess għall-pariri legali ta' speċjalista.[251] L-aċċess għall-informazzjoni legali rilevanti jista' jiġi ffaċilitat mill-Awtorità Ċentrali jew minn Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali stabbilit għal dan l-iskop (ara t-Taqsima 4.1.4 iktar 'il fuq), jew jista' jiġi pprovdut mir-rappreżentanti legali speċjalisti tal-partijiet.[252]

217 Fejn parti waħda biss ikollha rappreżentanza legali, il-medjatur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-parti l-oħra għall-ħtieġa li jkollha aċċess għal informazzjoni legali. Ċerta informazzjoni legali tista' tiġi pprovduta anki mill-medjatur stess; madankollu, dan tal-aħħar għandu jagħmilha ċara li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jagħti pariri legali.

250 Ara *ibid.*, inklużi l-prinċipji ġenerali ta' "Teħid ta' deċiżjonijiet informati u aċċess xieraq għal pariri legali".

251 Ara wkoll it-Taqsima 6.1.2 iktar 'il fuq dwar il-kunsens informat, paragrafu 202.

252 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), III (Il-proċess ta' medjazzjoni):
"L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkun hemm mekkaniżmi xierqa sabiex il-proċess ta' medjazzjoni jkun jista' jitwettaq skont il-prinċipji li ġejjin: [...]
x. il-medjatur jista' jagħti informazzjoni legali imma ma għandux jagħti pariri legali. Huwa għandu, f'każijiet xierqa, jinforma lill-partijiet bil-possibbiltà li huma jikkonsultaw avukat jew kwalunkwe persuna professjonista oħra rilevanti" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

### 6.1.8 KOMPETENZA INTERKULTURALI

**➔ Il-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali għandu titwettaq minn medjaturi b'kompetenza interkulturali.**

218 Kif ġie osservat iktar 'il fuq, il-medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali tinvolvi b'mod regolari partijiet bi sfond kulturali u reliġjuż differenti.[253] Il-medjaturi li jwettqu l-medjazzjoni f'każijiet bħal dawn għandhom ikunu jafu bi, u jkunu sensittivi għall-kwistjonijiet kulturali u reliġjużi li jistgħu jkunu involuti. Għaldaqstant, huwa meħtieġ taħriġ speċifiku f'dan ir-rigward.[254]

### 6.1.9 IL-KWALIFIKI TAL-MEDJATURI JEW TAL-ENTITAJIET TAL-MEDJAZZJONI – L-ISTANDARDS MINIMI GĦAT-TAĦRIĠ

**➔ Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandha titwettaq minn medjaturi familjari b'esperjenza li jkun imħarrġa speċifikatament għal dan it-tip ta' medjazzjoni.**

219 Il-medjaturi li jwettqu medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri għandu jkollhom taħriġ bħala speċjalisti. Ara l-Kapitolu 3 iktar 'il fuq għal iktar informazzjoni.

## 6.2 Il-mudelli u l-metodi tal-medjazzjoni

220 Kif ġie ddikjarat iktar 'il fuq, din il-Gwida ma tistax tagħti deskrizzjoni eżawrjenti tal-mudelli u tal-metodi tal-medjazzjoni użati fi Stati differenti u minn skemi ta' medjazzjoni differenti. Lanqas ma tista' tikkonkludi li mudell jew metodu partikolari għandu jiġi ppreferut minflok ieħor. L-għan tal-Gwida huwa li tiġbed l-attenzjoni tal-qarrejja tagħha għal prattiki tajba speċifiċi li huma utli għall-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fejn għandhom x'jaqsmu ċerti mudelli jew metodi tal-medjazzjoni.

### 6.2.1 MEDJAZZJONI DIRETTA JEW INDIRETTA

**➔ Liema tip ta' medjazzjoni - medjazzjoni diretta jew medjazzjoni indiretta – huwa l-iktar idoneu f'każ partikolari se jiddependi fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ.**

221 Id-deċiżjoni dwar jekk tintużax medjazzjoni diretta jew medjazzjoni indiretta,[255] jew taħlita tat-tnejn, se tiddependi fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ, bħall-ispejjeż relatati mal-lokalità ġeografika u ma' allegazzjonijiet li seta' kien hemm ta' vjolenza domestika (ara l-Kapitolu 10), eċċ. Id-deċiżjoni hija marbuta wkoll mill-qrib ma' dik biex jiġi ddeterminat il-post fejn se ssir il-medjazzjoni, hekk kif l-għażla taqa' fuq laqgħat wiċċ imb wiċċ (ara iktar 'il fuq, it-Taqsima 4.4).

### 6.2.2 MEDJAZZJONI MINN PERSUNA WAĦDA JEW KOMEDJAZZJONI

**➔ F'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri ferm kunflittwali, l-użu tal-komedjazzjoni għandu jiġi mħeġġeġ fejn dan ikun fattibbli.**

222 Il-komedjazzjoni, jiġifieri medjazzjoni mwettqa mnn żewġ medjaturi, intużat b'suċċess f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri minn skemi ta' medjazzjoni differenti stabbiliti speċifikatament għal dawk il-każijiet.

253 Ara t-Taqsima 2.4 iktar 'il fuq; ara wkoll, pereżempju, K. Kriegel, "Interkulturelle Aspekte und ihre Bedeutung in der Mediation", f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri) (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 98), p. 91-104; R. Chouchani Hatem (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), p. 43-71; D. Ganancia (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), p. 132 *et seq.*; u M.A. Kucinski (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), p. 555-582.

254 Dwar is-suġġett tat-taħriġ, ara l-Kapitolu 14 iktar 'l isfel.

255 Għad-definizzjonijiet, ara t-taqsima tat-Terminoloġija iktar 'il fuq.

223 Il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri ferm kunflittwali hija ferm intensiva u kumplessa; id-diskussjoni tal-partijiet tista' tkun emozzjonali ħafna u anki potenzjalment instabbli. F'ċirkustanzi bħal dan intwera li l-użu tal-komedjazzjoni jista' jkun partikolarment vantaġġuż.[256] Il-komedjazzjoni hija ta' benefiċċju għaliex tipprovdi l-esperjenza, l-għarfien u l-metodoloġija ta' żewġ medjaturi, li jżid il-probabbiltà li f'dawn il-każijiet ferm kunflittwali jkun jista' jintlaħaq eżitu miftiehem. Il-preżenza ta' żewġ medjaturi fil-kamra diġà tista' tagħmilha iktar faċli li tinħoloq atmosfera kalma u kostruttiva għad-diskussjoni. Il-kooperazzjoni tal-medjaturi tista' sservi ta' eżempju għall-ġenituri. Barra minn hekk, il-fatt stess li l-komedjazzjoni tista' tiggarantixxi li l-partijiet qatt ma jitħallew waħidhom matul is-sessjonjiet kollha tal-medjazzjoni huwa vantaġġ. Fl-istess ħin, għandu jitqies li l-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri trid issir f'perjodu ta' żmien limitat, li jista' jfisser li s-sessjonijiet tal-medjazzjoni jista' jkollhom jiġu organizzata f'sekwenza qasira ta' sessjonijiet tal-medjazzjoni ta' bejn sagħtejn u tliet sigħat. Meta jitqies li l-medjazzjoni f'ċirkustanzi bħal dawn tqiegħed piż kbir fuq il-medjatur, il-komedjazzjoni tista' tkun ta' għajnuna għal dawk kollha involuti.[257]

224 Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn il-komedjazzjoni ma tkunx fattibbli. Huwa probabbli li l-komedjazzjoni tqum iktar flus minn medjazzjoni minn persuna waħda. Barra minn hekk, jista' jkun diffiċli li jinsabu żewġ medjaturi idonei fiż-żmien qasir mogħti. Imbagħad, jekk iż-żewġ medjaturi ma jkunux wettqu komedjazzjoni qabel, jista' jkun hemm riskju li dawn se jkollhom bżonn xi ftit taż-żmien sabiex jadattaw irwieħhom għad-dinamika differenti tal-komedjazzjoni. Min-naħa l-oħra, fost il-vantaġġi ta' medjazzjoni mwettqa minn persuna waħda hemm li huwa iktar faċli li tiġi skedata medjazzjoni mwettqa minn medjatur wieħed li jkollu esperjenza fil-medjazzjoni ta' tilwim f'sekwestru internazzjonali ta' minuri, li huwa probabbli li dan it-tip ta' medjazzjoni se tqum inqas flus, u li ma hemmx riskju li l-metodoloġiji ta' żewġ medjaturi li ma jkunux wettqu komedjazzjoni qabel se jidħlu f'kunflitt ma' xulxin.

225 Madankollu, fid-dawl tad-diversi vantaġġi tal-komedjazzjoni, meta jkun qed jiġi kkunsidrat l-istabbiliment ta' skema ta' medjazzjoni għal każijiet ta' sekwestru ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, il-komedjazzjoni għandha titqies bħala possibbiltà għall-każijiet ferm kunflittwali.[258]

### 6.2.3 IL-KUNĊETT TA' MEDJAZZJONI BIKULTURALI U BILINGWI

- ➔ **Fejn ikun xieraq u fattibbli, f'każijiet ta' sekwestru transkonfinali ta' minuri għandu jiġi mħeġġeġ l-użu ta' komedjazzjoni bikulturali u bilingwi.**
- ➔ **L-informazzjoni dwar il-mudelli u l-proċeduri possibbli tal-medjazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati mill-Awtorità Ċentrali jew minn Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.**

226 Il-medjazzjoni bikulturali u billingwi hija forma speċjali ta' komedjazzjoni. Il-komedjazzjoni bikulturali u bilingwi tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-kompetenza interkulturali kif ukoll tal-ħiliet lingwistiċi meta titwettaq medjazzjoni bejn partijiet minn Stati ta' oriġini differenti u b'lingwi materni differenti.

227 Skont dan il-mudell, il-medjazzjoni għandha titwettaq minn żewġ medjaturi familjari b'esperjenza: medjatur minnhom għandu jkollu l-istess Stat ta' oriġini u l-istess sfond kulturali ta' waħda mill-partijiet u l-medjatur l-ieħor għandu jkollu l-istess Stat ta' oriġini u l-istess sfond kulturali tal-parti l-oħra. Fejn fl-Istati ta' oriġini jiġu mitkellma lingwi differenti, il-medjaturi se jġibu magħhom il-ħiliet lingwistiċi meħtieġa, għalkemm għandu jiġi enfasizzat li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun jifhem sew il-lingwa l-oħra involuta. Hemm żewġ kwistjonijiet oħrajn li wħud mill-iskemi ta' medjazzjoni stabbiliti għal sekwestru internazzjonali ta' minuri u li jużaw il-medjazzjoni binazzjonali jipprovaw jibbilanċjaw, jiġifieri is-sess u l-għarfien espert tal-medjaturi. Il-komedjazzjoni f'dawn l-iskemi titwettaq minn medjatriċi u minn medjatur, b'wieħed/waħda minnhom bi sfond legali u l-ieħor/oħra bi sfond soċjo-psikoloġiku. Dan jagħti l-possibbiltà li l-għarfien espert professjonali

---

256 Ara, pereżempju, ir-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97), p. 42-44, dwar l-esperjenza tal-medjaturi f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.

257 Fir-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*ibid.*), f'p. 11, il-medjaturi rrakomandaw bil-qawwa li f'każijiet bħal dawn il-medjazzjoni titwettaq bħala komedjazzjoni.

258 Għall-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1980 fejn hija disponibbli l-komedjazzjoni, ara wkoll il-Profili tal-Pajjiżi (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121) fit-Taqsima 19.1 d). Pereżempju, il-komedjazzjoni hija disponibbli **fl-Awstralja, fil-Belġju, fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Ungerija, fil-Litwanja, fis-Slovenja, fir-Renju Unit (fl-Ingilterra u f'Wales u fl-Irlanda ta' Fuq)** u **fl-Istati Uniti tal-Amerika**.

jiġi kkombinat mal-kompetenza kulturali sabiex jiġu ġestiti kwistjonijiet differenti indirizzati waqt il-medjazzjoni. Dawn l-iskemi ta' komedjazzjoni li jinvolvu medjaturi ta' sessi differenti u bi sfond professjonali differenti b'hekk jistgħu jissejħu skemi ta' medjazzjoni bikulturali, bilingwi, biprofessjonali u mwettqa minn persuni ta' sess differenti.[259]

228 Storikament, l-iżvilupp ta' skemi ta' medjazzjoni bikulturali fil-kuntest tas-sekwestri ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri jmur lura għal inizjattiva parlamentari ta' medjazzjoni binazzjonali Franċiża u Ġermaniża. Sabiex tingħata assistenza lil każijiet ta' sekwestru partikolarment diffiċli bejn il-Ġermanja u Franza, li kienu jinvolvu ċittadini miż-żewġ pajjiżi, fl-1998, il-Ministeri tal-Ġustizzja ta' Franza u tal-Ġermanja ddeċidew li jistabbilixxu u li jiffinanzjaw il-ħidma ta' grupp ta' medjaturi parlamentari. Il-grupp, li kien jinkludi tliet membri parlamentari Franċiżi u tlieta Ġermaniżi, b'wieħed minn kull tlieta jkun Membru tal-Parlament Ewropew, beda ħidmitu fl-1999. Il-komedjazzjoni mwettqa fil-każijiet kienet tkun minn medjatur Franċiż u minn medjatur Ġermaniż.[260] Fl-2003, l-iskema parlamentari ġiet sostitwita bi skema li kienet tinvolvi medjaturi professjonisti li ma kinux membri parlamentari miż-żewġ pajjiżi u li baqgħet għaddejja sal-2006.[261] Il-bidla mill-involviment ta' membri parlamentari għal komedjazzjoni minn medjaturi indipendenti professjonisti kienet pass 'il quddiem sabiex jiġu evitati l-politiċizzazzjoni u l-karatterizzazzjoni nazzjonalistika ta' ċertu tilwim familjari privat.[262]

229 Wara l-esperjenza pożittiva tal-proġett ta' medjazzjoni Franċiż u Ġermaniż,[263] fil-Ġermanja nbdew proġetti ta' medjazzjoni binazzjonali oħrajn (proġett binazzjonali mal-Istati Uniti tal-Amerika u skema pilota ta' medjazzjoni binazzjonali Pollakka u Ġermaniża).

230 Naturalment, mhijiex in-nazzjonalità tal-medjaturi professjonali *per se* li tagħmilhom partikolarment idonei sabiex iwettqu l-medjazzjoni flimkien f'każijiet fejn ikunu involuti partijiet mill-pajjiżi ta' oriġini tal-medjaturi. Pjuttost, dak li huwa importanti huwa l-isfond kulturali tal-medjatur, il-ħila konsegwenti tiegħu li jifhem il-valuri u l-apettattivi tal-parti, u l-ħila tiegħu li jittraduċi l-komunikazzjoni verbali u mhux verbali msejsa fuq il-kultura tal-parti b'mod li l-parti l-oħra tkun tista' tifhimha aħjar. Evidentement, dan kollu jippreżupponi li l-medjatur ikollu għarfien tajjeb tal-kultura tal-parti l-oħra.

---

259 Pereżempju, l-iskemi ta' medjazzjoni li bħalissa huma aċċessibbli permezz tal-organizzazzjoni Ġermaniża mingħajr skop ta' qligħ MiKK e.V.: il-proġett **Ġermaniż u Pollakk** (li beda fl-2007), il-proġett **Ġermaniż u Amerikan** (li beda fl-2004), il-proġett **Ġermaniż u Franċiż** li jkompli bil-ħidma tal-iskema ta' medjazzjoni Franċiża u Ġermaniża li kienet organizzata u finanzjata mill-Ministeri tal-Ġustizzja ta' Franza u tal-Ġermanja (2003-2006), il-proġett **Ġermaniż u Brittaniku** f'kooperazzjoni ma' reunite (li beda fl-2003/4), għal iktar dettalji ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 97 iktar 'il fuq. Ara wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Wroclaw mill-2008 għall-prinċipji li dawn l-iskemi ta' medjazzjoni "bikulturali" jaspiraw li jaderixxu magħhom, diskussa f'S. Kiesewetter, C.C. Paul u E. Dobiejewska, "Breslauer Erklärung zur binationalen Kindschaftsmediation", f'FamRZ 8/2008, p. 753 *et seq.*; id-Dikjarazzjoni ta' Wroclaw hija disponibbli wkoll minn:
< http://www.mikk-ev.de/english/codex-and-declarations/wroclaw-declaration/ > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

260 Għal deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett ta' inizjattiva parlamentari ta' medjazzjoni, ara r-rapport dwar il-komedjazzjoni professjonali binazzjonali **Franċiża u Ġermaniża** f'T. Elsen, M. Kitzing u A. Böttger, "Professionelle binationale Co-Mediation in familienrechtlichen Streitigkeiten (insbesondere Umgang) – Endbericht", Hannover 2005. Fil-proġett parlamentari ta' medjazzjoni Franċiż u Ġermaniż kien hemm involuti anki medjaturi professjonisti, ara *ibid.*

261 Ara wkoll *ibid.*, "Skont kalkoli tal-Ministeru tal-Ġustizzja Ġermaniż, madwar 30 każ ta' medjazzjoni ġew jew qed jiġu ġestiti minn dan il-grupp għall-perjodu minn mindu ġie stabbilit f'Ottubru 2003 sakemm ġie fi tmiemu f'Marzu 2006" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Peress li kienu jafu li l-fondi tal-gvern għall-proġett kellhom jiġu fi tmiemhom fl-2006, il-medjaturi professjonisti involuti f'dawn il-każijiet fl-2005 stabbilew assoċjazzjoni għal medjazzjoni familjari binazzjonali fl-Ewropa – *Médiation familiale binationale en Europe* (MFBE) – sabiex il-proġett ikun jista' jibqa' għaddej.

262 B'xorti ħażina, ħafna mill-każijiet partikolarment diffiċli ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jiġu wkoll polarizzati mill-midja, fejn b'mod regolari jenfasizzaw iktar milli jmiss l-aspetti tan-nazzjonalità tal-każijiet. Għall-qafas legali internazzjonali rilevanti, speċjalment il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri imma anki għal strumenti oħrajn bħall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal u r-Regolament Brussell IIa, in-nazzjonalità tal-partijiet ma hijiex rilevanti. Dak li huwa rilevanti, skont dawn l-istrumenti, hija r-residenza abitwali tal-minuri inkwistjoni.

263 Għad-dettalji ara r-rapport dwar il-proġett ta' medjazzjoni professjonali binazzjonali Ġermaniż imfassal fuq it-talba tal-Ministeru tal-Ġustizzja Ġermaniż: T. Elsen, M. Kitzing u A. Böttger (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 260); ara wkoll E. Carl, J.-P. Copin u L. Ripke, *Das deutsch-französische Modellprojekt professioneller Mediation*, KindPrax 2005, p. 25-28.

231 Minħabba li huwa rikonoxxut li l-kultura ta' persuna tiġi influwenzata minn bosta fatturi, bin-nazzjonalità tkun biss waħda minnhom, u li f'każ partikolari aspetti oħrajn bħar-reliġjon u l-konnessjoni ma' grupp etniku speċifiku jistgħu jinfluwenzaw il-kultura ta' persuna b'mod iktar qawwi miċ-ċittadinanza tagħha, għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li l-medjazzjoni "bikulturali" tiġi mħeġġa bħala prinċipju.[264]

232 Il-vantaġġ kbir li għandha komedjazzjoni "bikulturali" u "bilingwi" huwa li hija tista' tipprovdi qafas sabiex titkattar il-fiduċja tal-partijiet u li joħloq atmosfera fejn il-partijiet iħossu li xi ħadd li għandu l-istess sfond lingwistiku u kulturali tagħhom jifhimhom u qed jagħtihom assistenza fil-komunikazzjoni tagħhom. Madankollu, minħabba l-periklu li parti tista' tidentifika ruħha ma' wieħed mill-medjaturi u tqis lil din il-persuna bħala r-rappreżentant tagħha waqt il-medjazzjoni, il-medjaturi għandhom jenfasizzaw ir-rwol tagħhom bħala partijiet terzi newtrali u imparzjali.

233 Il-mudell ta' medjazzjoni "bikulturali" jista' anki jkun ta' għajnuna fejn il-partijiet ikunu ġejjin mill-istess Stat ta' oriġini imma jkollhom identità kulturali differenti għaliex ikunu jappartjenu lil komunitajiet reliġjużi jew etniċi differenti u fejn il-medjazzjoni allura tkun tista' titwettaq f'komedjazzjoni minn medjaturi li wieħed ikollu l-istess sfond kulturali ta' waħda mill-partijiet u l-ieħor ikollu l-istess sfond kulturali tal-parti l-oħra.

234 L-ispejjeż involuti f'komedjazzjoni "bikulturali" u "bilingwi" jista' jkun żvantaġġ kbir. Barra minn hekk, jista' jkun saħansitra iktar diffiċli li jinstabu medjaturi idonei u disponibbli f'perjodu qasir ta' żmien milli jiġri fil-każ ta' komedjazzjoni regolari, b'mod partikolari meta l-medjazzjoni tkun ukoll "biprofessjonali" u mwettqa minn persuni ta' sess differenti.

235 Jidher ċar li, f'każijiet fejn fejn il-partijiet ikunu ġejjin mill-istess sfond kulturali, il-medjazzjoni "bikulturali" ma ġġib l-ebda valur miżjud; madankollu komedjazzjoni "biprofessjonali" u mwettqa minn persuni ta' sess differenti tista' tagħmel dan, fejn tkun fattibbli.

236 L-informazzjoni dwar il-mudelli tal-medjazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati mill-Awtorità Ċentrali jew minn Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali (ara l-Kapitolu 4 iktar 'il fuq).

# 7 L-involviment tal-minuri

237 F'tilwim familjari internazzjonali dwar minuri, l-involviment tal-minuri fir-riżoluzzjoni tat-tilwima jista' jkollu skopijiet differenti. L-ewwel nett, meta jinstemgħu l-fehmiet tal-minuri jkun qed jiġi pprovdut ħjiel ta' dak li jħoss jew jixtieq, li tista' tkun informazzjoni importanti għal meta jkun se jiġi ddeterminat jekk soluzzjoni tkunx fl-aħjar interessi tal-minuri. It-tieni nett, dan jista' jiftaħ għajnejn il-ġenituri dwar x'inhuma x-xewqat ta' wliedhom u jgħinhom jitbiegħdu mill-pożizzjonijiet tagħhom sabiex tkun tista' tinstab soluzzjoni komuni aċċettabbli.[265] It-tielet nett, l-involviment tal-minuri jirrispetta d-dritt tal-minuri li jinstema'[266] filwaqt li fl-istess ħin jipprovdi opportunità biex il-minuri jiġi informat b'dak li jkun għaddej.

238 Hekk kif qed jiġi kkunsidrat sa liema punt il-minuri jistgħu u għandhom jiġu involuti fil-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, ikun utli jekk tingħata ħarsa ħafifa lejn l-involviment tal-minuri fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja u fil-proċeduri tal-liġi tal-familja b'mod ġenerali f'sistemi legali differenti. B'mod partikolari, sabiex ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir legalment vinkolanti u infurzabbli għandhom jitqiesu l-istandards stabbiliti mis-sistemi legali rilevanti kkonċernati.

264 Ara wkoll S. Vigers, Mediating International Child Abduction Cases – The Hague Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 95), p. 34 *et seq.*

265 Ara, pereżempju, J. McIntosh, *Child inclusion as a principle and as evidence-based practice: Applications to family law services and related sectors*, Australian Family Relations Clearinghouse, 2007, p. 1-23.

266 Ara l-Artikolu 12 tal-UNCRC, li jippromwovi d-dritt tal-minuri "li jinstema' fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u amministrattiva li taffettwah, jew direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp xieraq, b'mod li jkun konsistenti mar-regoli proċedurali tal-liġi nazzjonali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]; dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 12, ara l-Kumment Ġenerali Nru 12 (Lulju 2009) – The right of the child to be heard (Id-dritt tal-minuri li jinstema'), imfassal mill-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal (Committee on the Rights of the Child), disponibbli minn < http://www2.ohchr.org/english/bodies/crc/comments.htm > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

### 7.1 L-involviment tal-minuri fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja u fil-proċeduri tal-liġi tal-familja

239 Fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, il-fehmiet tal-minuri jistgħu – dejjem jiddependi minn kemm ikollu żmien u mill-maturità tiegħu – isawru d-deċiżjoni tal-imħallef. L-oġġezzjoni tal-minuri għar-ritorn tingħata importanza partikolari. L-Artikolu 13(2) tal-Konvenzjoni tal-1980 jipprovdi li l-qorti tista' "tirrifjuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk issib li l-minuri joġġezzjona għar-ritorn tiegħu u jkun laħaq età u livell ta' maturità li jkun tajjeb li wieħed jagħti każ tal-fehmiet tiegħu".[267]

240 Storikament, din id-dispożizzjoni kellha tinqara flimkien mal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, li jillimita l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għall-minuri li għandhom inqas minn 16-il sena u jirrikonoxxi li "persuna li jkollha iktar minn 16-il sena ġeneralment ikollha l-ideat tagħha li ma jistgħux jiġu injorati faċilment minn ġenitur wieħed jew miż-żewġ ġenituri jew minn awtorità ġudizzjarja jew amminsitrattiva" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[268] L-Artikolu 13(2) ġie introdott sabiex il-qorti tingħata marġni diskrezzjonali fir-rigward tad-digriet ta' ritorn jekk minuri li jkollu ċertu età imma xorta jkollu inqas minn 16-il sena joġġezzjona għar-ritorn.[269]

267 Barra minn hekk, taħdita mal-minuri tista' tkun importanti biex jiġi kkunsidrat jekk ikunx "hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih għal dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli", fis-sens tal-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-1980.

268 E. Pérez-Vera, Explanatory Report on the 1980 Hague Child Abduction Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93), p. 450, paragrafu 77; ara wkoll P. Beaumont u P. McEleavy, *The Hague Convention on International Child Abduction*, Oxford 1999, p. 177 u 178.

269 Għal iktar informazzjoni dwar l-Artikolu 13(2) tal-Konvenzjoni tal-1980, ara E. Pérez-Vera (*loc. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 268). Ara wkoll P. McEleavy, INCADAT-Case Law Analysis Commentary: Exceptions to Return – Child's Objection – Requisite Age and Degree of Maturity (Kummentarju dwar l-analiżi tal-ġurisprudenza tal-INCADAT: Eċċezzjonijiet għar-ritorn – L-oġġezzjoni tal-minuri – L-età u l-grad ta' maturità meħtieġa), disponibbli minn < www.incadat.com > taħt "Case Law Analysis" (Analiżi tal-Ġurisprudenza).

241 Illum, però, din id-dispożizzjoni qed titqies dejjem iktar fil-kuntest iktar ġenerali tad-dritt tal-minuri li jinstema',[270] kif ġie rikonoxxut mill-UNCRC,[271] mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal[272] u minn diversi strumenti[273] u inizjattivi[274] reġjonali.

242 Dan l-iżvilupp huwa rifless fl-informazzjoni pprovduta mill-Istati Kontraenti fil-Profili tal-Pajjiżi[275] skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u ġie diskuss fis-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996. Il-Kummissjoni Speċjali "[laqgħet] l-appoġġ kbir sabiex il-minuri jingħataw, skont l-età u l-maturità tagħhom, opportunità ħalli jkunu jistgħu jinstemgħu fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980 indipendentement minn jekk id-difiża tal-Artikolu 13(2) tkunx ġiet invokata jew le" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[276] Il-Kummissjoni Speċjali rrikonoxxiet ukoll "il-ħtieġa li l-minuri jiġu informat bil-proċess li jkun għaddej u bil-konsegwenzi li jista' jkun hemm b'mod xieraq fid-dawl tal-età u tal-maturità tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[277]

---

270 Ara P. Beaumont u P. McEleavy (*loc. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 268).

271 Ara l-Artikolu 12 tal-UNCRC (riprodott fin-nota ta' qiegħ il-paġna 266 iktar 'il fuq) li jippromwovi d-dritt tal-minuri li jinstema; dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 12, ara l-Kumment Ġenerali Nru 12 (Lulju 2009) – The right of the child to be heard (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 266).

272 Ispirata mill-Artikolu 12 tal-UNCRC, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal fl-Artikolu 23(2)(b) tipprovdi li r-rikonoxximent ta' miżura meħuda fi Stat Kontraenti jista' jiġi rrifjutat "jekk il-miżura ttieħdet, ħlief f'każ ta' urġenza, fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi, mingħajr ma tkun ingħatat opportunità lit-tifel biex jinstema, bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-proċedura tal-Istat rikjest"; ara wkoll P. Lagarde, Explanatory Report on the 1996 Hague Child Protection Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 80), p. 585, paragrafu 123.

273 Pereżempju, fl-1996 il-Kunsill tal-Ewropa adotta l-*Konvenzjoni Ewropea dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-minuri*, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2000, bil-għan li tipproteġi l-aħjar interessi tal-minuri permezz ta' numru ta' miżuri proċedurali sabiex il-minuri jkunu jistgħu jeżerċitaw drittijiethom, b'mod partikolari fil-proċeduri ġudizzjarji familjari. Fiż-żmien li nkitbet din il-Gwida, il-Konvenzjoni kienet fis-seħħ fl-Awstrija, fil-Kroazja, f'Ċipru, fir-Repubblika Ċeka, fil-Finlandja, fi Franza, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fl-Italja, fil-Latvja, fil-Montenegro, fil-Polonja, fis-Slovenja, f'Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fit-Turkija u fl-Ukraina, ara < http://conventions.coe.int/Treaty/Commun/ChercheSig.asp? NT=160&CM=8&DF=05/12/2010&CL=ENG > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012); barra minn hekk, ir-Regolament Brussell IIa, mill-1 ta' Marzu 2005 applikabbli għall-Istati Membri kollha tal-UE ħlief għad-Danimarka, li jissupplimenta l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri f'dawn l-Istat, jirrifletti l-iżviluppi rapidi li kien hemm dan l-aħħar fil-promozzjoni tad-drittjiet tal-minuri fil-proċeduri legali. Ibbażat fil-parti l-kbira fuq il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal, ir-Regolament Brussell IIa jħeġġeġ b'mod iktar vigoruż li x-xewqat tal-minuri jiġu kkunsidrati.

274 Pereżempju, il-"Guidelines of the Committee of Ministers of the Council of Europe on child friendly justice" (Linji gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal), adottati fis-17 ta' Novembru 2010 mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, disponibbli minn < https://wcd.coe.int/wcd/ViewDoc.jsp?id=1705197&Site=CM&BackColorInternet=C3C3C3&BackColorIntranet=EDB021&BackColorLogged=F5D383 > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012); ara wkoll il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal", COM(2011)60 finali tal-15.2.2011, b'mod partikolari p. 6, disponibbli onlajn minn < http://eur-lex.europa.eu / LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0060:FIN:MT:PDF > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012). Ara wkoll ir-rapport ta' tħejjija ta' U. Kilkelly, "Listening to children about justice: Report of the Council of Europe on Child-friendly Justice" (Xi jgħidu t-tfal dwar il-ġustizzja: Rapport tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal), disponibbli minn < http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/childjustice/CJ-S- CH% 20_ 2010_%2014%20rev.%20E%205%20oct.%202010.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

275 Ara t-Taqsima 10.4 tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

276 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 50.

277 *Ibid.*

243 Għandu jingħad ukoll li l-ġurisprudenza f'bosta Stati Kontraenti tirrifletti wkoll kuxjenza dejjem ikbar mill-ħtieġa li f'ċerti każijiet diffiċli ta' sekwestru l-minuri jkollu rappreżentanza separata.[278]

244 Madankollu, għandu jingħad li l-mogħdijiet li jterrqu l-Istati sabiex jipproteġu d-drittijiet u l-interessi tal-minuri fil-proċeduri legali huma differenti u l-mod li bih il-minuri jista' jiġi involuti jew irrappreżentat fil-proċeduri legali jew il-metodi li bihom il-fehmiet tal-minuri jistgħu jiġu aċċertati jvarjaw b'mod konsiderevoli.[279] F'xi Stati, l-imħallfin fi proċeduri familjari dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jisimgħu lill-minuri direttament; it-taħdita mal-minuri tista' ssir f'seduta normali tal-qorti jew f'seduta speċjali, fejn l-imħallef ikellem lill-minuri waħdu jew fil-preżenza ta' ħaddiem fil-qasam soċjali, eċċ.[280] Imma anki fost il-pajjiżi li jinvolvu lill-minuri direttament fil-proċeduri ġudizzjarji, il-fehmiet dwar kemm għandu jkollu l-età l-minuri biex ikun jista' jiġi involut ivarjaw. Fi Stati oħrajn, fejn l-imħallfin joqogħdu lura milli jisimgħu lill-minuri direttament il-fehma tal-minuri tista' titressaq quddiem il-qorti permezz ta' rapport imħejji, pereżempju, minn ħaddiem fil-qasam soċjali jew minn psikologu li jkellem lill-minuri proprju b'dan il-għan.[281]

245 Minbarra l-kwistjoni ta' kif il-fehmiet tal-minuri jistgħu jiġu ppreżentati lill-imħallef li quddiemu tressqu l-proċeduri, il-kwistjoni separata ta' kemm għandha tingħata importanza lill-opinjonijiet u lix-xewqat tal-minuri se tiddependi mis-suġġett tal-każ kif ukoll mill-età u mill-grad ta' maturità tal-minuri.

246 Waqt is-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996, il-Kummissjoni Speċjali "[innotat] l-approċċi differenti fid-drittijiet nazzjonali [tal-Istati] dwar kif il-mod kif il-fehmiet tal-minuri jistgħu jinkisbu u jiġu introdotti fil-proċeduri" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u enfasizzat "kemm huwa importanti li jiġi żgurat li, fejn ikun possibbli, il-persuna li tkellem lill-minuri, kemm jekk tkun l-imħallef, espert indipendenti jew kwalunkwe persuna oħra, għandu jkollha taħriġ idoneu għal dan il-kompitu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[282]

278 Ara t-Taqsima 10.4 d) tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121) u l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 51. Ara wkoll, dwar **ir-Renju Unit**, M. Freeman u A.-M. Hutchinson, "Abduction and the Voice of the Child: Re M and After" (Is-sekwestru u leħen il-minuri: Dwar M u dak li ġara wara), *IFL 2008*, p. 163-167; ara wkoll, pereżempju fi **New Zealand**, il-Practice Note "Hague Convention Cases: New Zealand Family Court Guidelines" (Il-każijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-Aja: Linji gwida għall-Qorti tal-Familja ta' New Zealand), disponibbli minn < http://www.justice.govt.nz/courts/family-court/practice-and-procedure/practice-notes > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012) u l-Artikoli 106 u 6 tan-New Zealand Care of Children Act 2004 No 90, jiġifieri l-Att Nru 90 tal-2004 dwar l-Indukrar tal-Minuri ta' New Zealand (kif kien fid-29 ta' Novembru 2010), disponibbli minn < http://www.legislation.govt.nz/act/public/2004/0090/latest/DLM317233.html > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

279 Ara, pereżempju, paragun ta' Stati Ewropej differenti f'M. Reich Sjögren, "Protection of Children in Proceedings" (Il-ħarsien tal-minuri fil-proċeduri), Nota mħejjija għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Ewropew, Brussell, Novembru 2010, PE 432.737.

280 Ara pereżempju, **il-Ġermanja**: il-minuri jridu jinstemgħu minn meta jagħlqu l-14-il sena jew anki meta jkun iżgħar jekk jitqies li l-fehmiet tal-minuri huma partikolarment rilevanti għall-proċeduri (Artikolu 159 tal-FamFG, *supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 227, li ssostitwixxa l-Artikolu 50 b tal-FGG), li normalment ikun il-każ fi proċeduri ta' kustodja (hawnhekk, il-minuri xi drabi jinstemgħu saħansitra meta jkollhom tlieta jew erba' snin); ara wkoll studju mitlub mill-Ministeru tal-Ġustizzja dwar is-smigħ tal-minuri, M. Karle, S. Gathmann, G. Klosinski, "Rechtstatsächliche Untersuchung zur Praxis der Kindesanhörung nach § 50 b FGG", 2010. Fi **Franza**, il-minuri jistgħu jinstemgħu mill-imħallef jew minn persuna maħtura mill-imħallef sabiex tisma' dak li għandu xi jgħid il-minuri skont l-Artikolu 388-1 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż.

281 Ara, b'iktar referenzi, M. Reich Sjögren (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 279); fir-**Renju Unit**, il-qorti tista' tordna li jitħejja Welfare report minn ħaddiem speċjalista fil-qasam soċjali taċ-Children and Family Court Advisory and Support Service (CAFCASS – Servizz ta' Konsulenza u ta' Appoġġ għall-Qorti tal-Minuri u tal-Familja) fil-kuntest ta' proċeduri ta' kustodja jew ta' kuntatt; ara wkoll M. Potter,"The Voice of the Child: Children's 'Rights' in Family Proceedings" (Leħen il-minuri: Id-'drittijiet' tal-minuri fil-proċeduri familjari), *IFL* 2008, p. 140-148, f'p. 143.

282 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 50.

## 7.2 Leħen il-minuri fil-medjazzjoni

- ➔ **Fil-medjazzjoni, il-fehmiet tal-minuri għandhom jiġu kkunsidrati skont l-età u l-maturità tiegħu.**
- ➔ **Kif il-fehmiet tal-minuri jistgħu jiġu introdotti fil-medjazzjoni u jekk il-minuri għandux jiġi involut direttament jew indirettament huma punti li għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa u jiddependu miċ-ċirkustanzi tal-każ individwali.**

247 Fil-medjazzjoni ta' tilwima familjari dwar minuri, il-fehmiet tal-minuri għandhom jiġu kkunsidrati.[283] L-istess jista' jingħad għal mekkaniżmi oħrajn ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim. B'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi li kien hemm fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji sabiex id-drittijiet u l-interessi tal-minuri jiġu salvagwardjati, għandu jkun hemm rispett parallel għad-drittijiet u għall-interessi tal-minuri – u b'mod partikolari għad-dritt tal-minuri li l-fehmiet tiegħu jiġu kkunsidrati – f'forom alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim.

248 Filwaqt li kkonferma dan il-prinċipju, fid-diskussjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 12 tal-UNCRC, il-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fil-Kumment Ġenerali tiegħu tal-2009 dwar id-dritt tal-minuri li jinstema', iddikjara li d-dritt "li jinstema' fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja u amministrattiva li taffettwah" [traduzzjoni mhux uffiċjali] għandha tiġi rispettata anki fejn dawk il-proċeduri "jinvolvu mekkaniżmi ta' [riżoluzzjoni] alternattiva tat-tilwim bħall-medjazzjoni u l-arbitraġġ" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[284]

249 Jeżistu żewġ differenzi ewlenin bejn li "tisma' leħen il-minuri" fil-medjazzjoni u tisimgħu fil-proċeduri ġudizzjarji. L-ewwel nett, il-mezzi li bihom leħen il-minuri jista' jiġi introdott fil-proċess ta' medjazzjoni jistgħu jvarjaw ferm minn dawk li huma disponibbli fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji. It-tieni nett, hemm differenza fil-mod li bih l-opinjonijiet u x-xewqat tal-minuri jistgħu jiġu kkunsidrati.

250 Sa ċertu punt, jekk leħen il-minuri jistax jiġi introdott fil-proċess ta' medjazzjoni u l-mezzi li bihom jista' jsir dan, se jiddependu fuq jekk il-ġenituri laħqux qbil dwar proċedura partikolari. Dan jiġri minħabba li fil-parti l-kbira tal-ġurisdizzjonijiet, il-medjaturi ma għandhomx setgħat ta' interrogazzjoni, jiġifieri b'kuntrast għall-imħallfin, il-medjaturi ġeneralment ma jistgħux iħarrku lill-minuri sabiex jattendi seduta jew jordnaw lil espert sabiex ikellem lill-minuri u mbagħad iħejji rapport dwar it-taħdita. Il-medjatur jista' biss jiġbed l-attenzjoni tal-ġenituri għal kemm huwa importanti li leħen il-minuri jinstema' u jindika, fejn ikun applikabbli, li l-qorti li ntalbet tagħmel il-ftehim legalment vinkolanti u infurzabbli tista' tistħarreġ jekk il-fehmiet tal-minuri ġewx ikkunsidrati biżżejjed. Il-medjatur għandu jirrakkomanda proċedura biex leħen il-minuri jiġi introdott fil-medjazzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni (pereżempju, l-età tal-minuri, ir-riskju ta' sekwestru ieħor, jekk hemmx storja ta' vjolenza domestika, eċċ.). Waħda mill-possibbiltajiet tista' tkun il-parteċipazzjoni diretta tal-minuri f'sessjoni tal-medjazzjoni waħda jew iktar. Possibbiltà oħra tista' tkun dik li jsiru arranġamenti għal taħdita separata mal-minuri u mbagħad isir rapport dwar dak li

283 Ara wkoll "The Involvement of Children in Divorce and Custody Mediation – A Literature Review" (L-involviment tal-minuri fil-medjazzjoni f'każijiet ta' divorzju u ta' kustodja – Analiżi tal-letteratura), ippubblikat mill-Family Justice Services Division (Divizjoni tas-Servizzi tal-Gustizzja għall-Familji) tal-Justice Services Branch (Fergha tas-Servizzi tal-Gustizzja) (British Columbia Ministry of Attorney General - Ufficcju tal-Avukat Generali tal-British Columbia), Marzu 2003, disponibbli minn < http://www.ag.gov.bc.ca/dro/publications/index.htm > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

284 Ara l-Kumment Ġenerali Nru 12 (2009) – The right of the child to be heard (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 266), p. 12, paragrafu 33; ara wkoll p. 15, paragrafu 52.

ngħad lill-ġenituri.[285] Madankollu, il-persuna li tkellem lill-minuri għandu jkollha taħriġ speċjalizzat,[286] sabiex jiġi ggarantit li l-konsultazzjoni mal-minuri titwettaq b'mod "li jagħti l-appoġġ kollu meħtieġ u li jkun idoneu għal-livell ta' żvilupp tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u sabiex jiġi żgurat "li l-istil tal-konsultazzjoni jevita u jneħħi kwalunkwe oneru ta' teħid ta' deċiżjonijiet minn fuq il-minuri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[287]

251 Malli l-fehmiet tal-minuri jkunu ġew introdotti fil-proċess ta' medjazzjoni, il-mod li bih jiġu kkunsidrati wkoll huma differenti minn dak tal-proċeduri ġudizzjarji. Fil-proċeduri ġudizzjarji, l-imħallef se jiġbed il-konklużjonijiet tiegħu minn dak li jkun sema' u, jiddependi mill-età u mill-maturità tal-minuri, se jqis il-fehmiet tal-minuri meta jieħdu d-deċiżjoni tiegħu dwar l-aħjar interessi tal-minuri. Min-naħa l-oħra, medjatur jista' biss jiġbed l-attenzjoni tal-partijiet għall-fehma tal-minuri jew għal aspetti li jistgħu jkunu rilevanti għall-interessi u għall-benesseri tal-minuri, imma huma biss il-ġenituri li jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-ftehim tagħhom. Kif diġà ġie ddikjarat iktar 'il fuq, għandu jiġi enfasizzat f'dan ir-rigward li l-medjatur "għandu jżomm quddiem moħħu b'mod speċjali l-benesseri u l-aħjar interessi tal-minuri, għandu jħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ħtiġijiet tal-minuri u għandu jfakkar lill-ġenituri fir-responsabbiltà primarja tagħhom li jaħsbu għall-benesseri ta' wliedhom [...]".[288]

252 Jiddependi mis-sistemi legali involuti, jista' jkun hemm ukoll il-ħtieġa li l-medjatur ifakkar lill-ġenituri li l-approvazzjoni ġudizzjarja tal-ftehim tista' tiddependi fuq jekk id-drittijiet u l-interessi tal-minuri jkunux ġew protetti b'mod xieraq.

# 8 Il-possibbiltà ta' involviment ta' terzi persuni

➔ **Fejn il-partijiet għal kunflitt jaqblu, u fejn il-medjatur jikkunsidra li dan ikun fattibbli u xieraq, il-medjazzjoni tista' tinfetaħ għall-involviment ta' terzi persuni li l-preżenza tagħhom tista' tkun ta' assistenza sabiex tinstab soluzzjoni miftiehema.**

253 Sabiex tintlaħaq soluzzjoni sostenibbli f'tilwima familjari, xi drabi jista' jkun ta' għajnuna li fil-proċess ta' medjazzjoni tiġi inkluża persuna li jkollha konnessjonijiet mill-qrib ma' waħda mill-partijiet jew maż-żewġ partijiet u li l-kooperazzjoni tagħha tkun meħtieġa sabiex is-soluzzjoni miftiehma tkun implimentata b'suċċess. Din il-persuna tista' tkun, pereżempju, is-sieħeb/sieħba l-ġdid/a ta' wieħed mill-ġenituri jew wieħed min-nanniet. Jiddependi mill-isfond kulturali tal-partijiet, il-partijiet jistgħu juru x-xewqa li rappreżentant rispettat tal-komunità tagħhom jipparteċipa fil-medjazzjoni.

254 Huwa tabilħaqq wieħed mill-vantaġġi tal-medjazzjoni li l-proċess huwa flessibbli biżżejjed li jippermetti l-inklużjoni ta' persuni li ma jkollhomx *locus standi* fil-każ, imma li jista' jkollhom influwenza kbira fuq is-suċċess tar-riżoluzzjoni tat-tilwima. Madankollu, il-medjatur għandu jiddeċiedi każ b'każ jekk l-inklużjoni ta' terza persuna f'sessjoni tal-medjazzjoni jew f'parti minnha tkunx fattibbli, idonea u ma tippreġudikax l-effikaċja tal-medjazzjoni. L-attendenza ta' terza persuna waqt sessjoni tal-medjazzjoni jew l-arranġamenti biex medjatur ikellem lil terza persuna, naturalment, tippreżupponi l-qbil taż-żewġ partijiet. L-inklużjoni ta' terza persuna tista' tikkostitwixxi sfida b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda żbilanċ ta' setgħat bejn il-partijiet. Barra minn

---

285 Fil-proġett pilota ta' medjazzjoni taċ-*Centrum Internationale Kinderontvoering* fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, medjatur imħarreġ apposta, li ma jkunx qed iwettaq il-medjazzjoni fil-każ speċifiku, ikellem lill-minuri inkwistjoni u jressaq rapport dwar it-taħdita; fir-**Renju Unit**, il-medjaturi involuti fl-iskema ta' medjazzjoni ta' reunite, fejn ikun xieraq, jitolbu lill-qorti li quddiemha jkunu tressqu l-proċeduri ta' ritorn sabiex tordna li tiġi organizzata taħdita mal-minuri minn Uffiċċjal taċ-Children and Family Court Advisory Support Service (Uffiċjal tal-CAFCASS) u li r-rapport jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-ġenituri u tal-medjaturi, ara r-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97), p. 10.

286 Pereżempju, fir-**Renju Unit (fl-Ingilterra u f'Wales)**, il-"Code of Practice for Family Mediators" (il-Kodiċi ta' prattika għall-medjaturi familjari) tal-Family Mediation Council li miegħu qablu l-Organizzazzjonijiet Membri, 2010, disponibbli minn < www.familymediationcouncil.org.uk > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), jipprovdi li "[i]l-medjaturi jistgħu jikkonsultaw direttament lill-minuri biss meta jkun irnexxielhom ilestu taħriġ speċifiku approvat mill-Organizzazzjoni Membru tagħhom u/jew mill-Kunsill u jkunu ngħataw approvazzjoni speċifika mill-Criminal Records Bureau" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (fil-paragrafi 3.5 u 5.7.3); ara wkoll il-Kapitolu 14 iktar 'l isfel.

287 Ara J. McIntosh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 265), p. 5.

288 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), taħt III (Il-proċess ta' medjazzjoni); dwar il-prinċipju tal-kunsiderazzjoni tal-interessi u tal-benesseri tal-minuri, ara t-Taqsima 6.1.6 iktar 'il fuq.

hekk, jekk terza persuna tipparteċipa fil-komunikazzjonijiet li jsiru waqt il-medjazzjoni, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-kunfidenzjalità.

255 Fir-rigward ta' soluzzjoni miftiehma miksuba waqt medjazzjoni, għandu jiġi enfasizzat li din tkun ftehim bejn il-partijiet u li t-terza persuna, bl-involviment tagħha fil-medjazzjoni, ma ssirx parti għal dak il-ftehim. Madankollu, f'ċerti każijiet jista' jkun ta' għajnuna jekk it-terza persuna, li l-implimentazzjoni tal-ftehim jiddependi fuq il-kooperazzjoni tagħha, tagħti l-approvazzjoni tagħha għall-ftehim tal-partijiet bħala sinjal tal-impenn tagħha li se tappoġġja dak il-ftehim.

# 9 L-arranġamenti għal kuntatt bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri waqt il-proċess ta' medjazzjoni

256 Is-sekwestru ta' minuri regolarment iwassal għal taqlib sħiħ u għall-għarrieda fil-kuntatti bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri. Dan jista' jikkawża wġigħ lit-tnejn li huma, u jiddependi minn kemm idum it-taqlib fil-kuntatt ta' bejniethom, jista' jwassal għal aljenazzjoni. Sabiex il-minuri jiġi protett minn iktar dannu u fid-dawl tad-dritt tal-minuri li jżomm kuntatt maż-żewġ ġenituri, huwa importanti li malajr kemm jista' jkun jerġa' jiġi stabbilit kuntatt bejn il-minuri u l-ġenitur imċaħħad minn uliedu. Hemm diversi modi li bih jista' jerġa' jiġi stabbilit kuntatt provviżorju immedjatament wara s-sekwestru; pereżempju, jistgħu jitqiesu l-mezzi moderni ta' komunikazzjoni bħall-posta elettronika, il-bgħit instantanju ta' messaġġi, it-telefonati bl-internet, eċċ.).[289]

257 Jekk il-ġenitur imċaħħad minn uliedu jkun qed jivvjaġġa lejn l-Istat li saritlu t-talba għal seduta tal-qorti b'rabta mal-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jew għal laqgħa ta' medjazzjoni, huwa ferm rakkomandat li jiġu kkunsidrati miżuri sabiex il-minuri u l-ġenitur imċaħħad minn uliedu jkunu jistgħu jiltaqgħu.[290] Dan huwa pass siewi sabiex jitnaqqas il-kunflitt. B'mod partikolari fil-medjazzjoni, fejn djalogu kostruttiv bejn il-partijiet huwa kruċjali, laqgħat bl-attendenza personali tal-parteċipanti bħal dawn jistgħu jkunu ferm utli. Il-medjaturi li għandhom esperjenza f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jirrikonoxxu l-effetti pożittivi ta' kuntatti personali bħal dawn fuq il-proċess ta' medjazzjoni nnifsu.[291]

## 9.1 Salvagwardji/Jiġi evitat sekwestru ieħor

**➔ Jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti salvagwardji sabiex jiġi żgurat li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-arranġamenti għal kuntatt provviżorju jiġu rispettati u sabiex jiġi eliminat kwalunkwe riskju ta' sekwestru ieħor.**

**➔ Salvagwardji bħal dawn jistgħu jinkludu:**[292]

- **il-konfiska tal-passaport jew tad-dokumenti tal-ivvjaġġar filwaqt li ssir talba lill-konsulati/ambaxxati barranin sabiex ma joħorġux passaporti/dokumenti tal-ivvjaġġar ġodda għall-minuri;**
- **il-ġenitur li jagħmel it-talba jintalab jirrapporta regolarment għand il-pulizija jew għand xi awtorità oħra waqt il-perjodu tal-kuntatt;**
- **id-depożitu ta' pleġġ jew ta' garanzija monetarja;**
- **sorveljanza tal-kuntatt min-naħa ta' professjonista jew ta' membru tal-familja;**
- **għażla ristretta ta' postijiet fejn jistgħu jsiru ż-żjarat, eċċ.**

289 Ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16), Taqsima 6.7, p. 33.
290 Ara wkoll S. Vigers, Nota dwar l-iżvilupp tal-medjazzjoni, tal-konċiljazzjoni u ta' mezzi simili (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11), 6.1, p. 20.
291 Ara, pereżempju, S. Kiesewetter u C.C. Paul, "Family Mediation in an International Context: Cross-Border Parental Child Abduction, Custody and Access Conflicts: Traits and Guidelines", f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri) (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 98), p. 47.
292 Ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16), Taqsima 6.3, p. 31-32.

258 Għal iktar dettalji ara l-Kapitolu 6 tal-Guide to Good Practice on Transfrontier Contact Concerning Children (Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali li Jikkonċerna l-Minuri),[293] li jqis ukoll l-għanijiet tal-*Konvenzjoni* tal-Kunsill tal-Ewropa *tal-15 ta' Mejju 2003 dwar Kuntatt li jikkonċerna l-Minuri*.[294]

### 9.2 Kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet Ċentrali u mal-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji

**➔ Meta jsiru arranġamenti biex matul il-proċess ta' medjazzjoni jkun hemm kuntatt bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri ssekwestrat, tista' tkun meħtieġa l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet sabiex jiġi eliminat kwalunkwe riskju għall-minuri, inkluż dak ta' sekwestru ieħor.**

259 Skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, l-Awtorità Ċentrali għandha responsabbiltà "fil-każijiet idoneji [biex tagħmel] l-arranġamenti biex jiġi organizzat jew assigurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet ta' aċċess" (ara l-Artikolu 7(2)(f); ara wkoll l-Artikolu 21).[295] Fl-istess ħin, l-Artikolu 7(2)(b) tal-Konvenzjoni tal-1980 jobbliga lill-Awtoritajiet Ċentrali sabiex jieħdu l-miżuri kollha idonei biex "jipprevjenu milli ssir iktar ħsara lill-minuri jew li jiġu ulterjorment preġudikati partijiet interessati billi jieħdu jew jaraw li jittieħdu miżuri proviżorji". Kif ġie rikonoxxut mis-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996, "skont l-Artikoli 7(2)(b) u 21 tal-Konvenzjoni tal-1980, waqt proċeduri pendenti ta' ritorn, Stat Kontraenti li saritlu t-talba jista' jipprovdi biex l-applikant fil-proċeduri ta' ritorn ikollu kuntatt mal-minuri inkwistjoni f'każ idoneu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[296]

260 L-Awtoritajiet Ċentrali huma mħeġġa "jieħdu approċċ proattiv u prattiku sabiex iwettqu l-funzjonijiet rispettivi tagħhom f'każijiet internazzjonali ta' aċċess/kuntatt" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[297] Il-medjaturi għandhom ikunu konxji mill-assistenza kbira li jistgħu jagħtu l-Awtoritajiet Ċentrali sabiex isiru l-arranġamenti għal kuntatt provviżorju bejn il-ġenitur imċaħħad minn uliedu u l-minuri ssekwestrat. Huma għandhom ukoll ikunu konxji mill-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet Ċentrali u ma' korpi oħrajn sabiex isiru arranġamenti għall-miżuri protettivi meħtieġa. Għal iktar dettalji ara l-Guide to Good Practice on Transfrontier Contact Concerning Children.[298]

---

293 *Ibid.*, p. 31 *et seq.*

294 CETS 192; it-test tal-Konvenzjoni huwa disponibbli minn < http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/192.htm > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

295 Għad-dettalji, ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16), Taqsima 4.6, p. 23.

296 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 20; ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16), Taqsima 4.4, p. 21 u 22.

297 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 38), Rakkomandazzjoni Nru 18; ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*loc. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 296).

298 *Op.cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16.

# 10 Il-medjazzjoni u l-akkużi ta' vjolenza domestika

261 Il-vjolenza domestika, b'xorti ħażina, hija fenomenu mifrux li jista' jieħu diversi forom: hija tista' tkun abbuż fiżiku jew psikoloġiku;[299] tista' tkun diretta lejn il-minuri ("abbuż ta' minuri")[300] u/jew lejn is-sieħeb;[301] u tista' tvarja minn inċident wieħed iżolat għal episodju minn sekwenza sostnuta u rikorrenti. Fejn il-vjolenza domestika tkun rikorrenti, ċiklu tipiku ta' vjolenza jista' jikkonsisti fi: (1) fażi fejn tinbena t-tensjoni b'attakki minuri; (2) inċident akut b'żieda fil-vjolenza; u (3) fażi ta' rikonċiljazzjoni, fejn min iwettaq il-vjolenza ta' spiss jitlob maħfra u jwiegħed li qatt iktar mhuwa se jkun vjolenti filwaqt li l-vittma tipprova temmen l-assigurazzjonijiet tiegħu, xi drabi anki tħossha responsabbli għall-benesseri psikoloġiku ta' min ikun qed iwettaq l-abbuż.[302] Hija karatteristika tal-vjolenza rikorrenti li l-vittma tħossha impotenti, maqbuda fin-nassa taċ-ċiklu tal-vjolenza, u temmen li s-sitwazzjoni ma tistax tinbidel; fl-istess ħin, hija tibża' tħalli li min ikun qed iwettaq l-abbuż minħabba li temmen li jista' jpattihielha.[303]

262 F'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika mhumiex rari. Jista' jirriżulta li wħud minn dawn l-akkużi ma jkunux fondati imma oħrajn ikunu leġittimi u jistgħu jkunu r-raġuni għaliex il-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jkun telaq mill-pajjiż flimkien mal-minuri. Il-vjolenza domestika hija kwistjoni sensittiva ħafna u jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod xieraq.

263 Hemm fehmiet differenti ħafna dwar jekk it-tilwim familjari li jinvolvi vjolenza domestika huwiex idoneu għall-medjazzjoni. Uħud mill-esperti jikkunsidraw li l-medjazzjoni f'każijiet bħal dawn ġeneralment ma tkunx idonea, għal diversi raġunijiet. Huma jgħidu li l-medjazzjoni tista' tqiegħed lill-vittma f'riskju. Huma jargumentaw li, jekk il-mument li l-vittma tinfired minn mal-persuna li tkun qed tabbuża minnha jitqies bħala l-iktar żmien perikoluż għaliha, il-possibbiltà ta' kuntatt wiċċ imb wiċċ mal-persuna li wettqet l-abbuż f'dak iż-żmien tista' tissarraf f'riskju ta' iktar vjolenza jew ta' iktar trawmi.[304] Barra minn hekk, il-medjazzjoni bħala mezz sabiex it-tilwim jiġu solvut b'mod bonarju mhijiex effettiva f'każijiet li jinvolvu vjolenza domestika, peress li l-medjazzjoni hija bbażata fuq il-kooperazzjoni[305] u s-suċċess tagħha jiddependi fuq li l-partijiet ikollhom setgħat ta' negozjar indaqs. Jiġi argumentat li, peress li l-vittmi tal-vjolenza domestika ta' spiss ikollhom diffikultà sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom meta jkun qed jiffaċċjaw lil min abbuża minnhom, huwa probabbli li l-medjazzjoni se twassal għal ftehimiet inġusti.[306] Uħud minn dawk li ma jaqblux mal-użu tal-medjazzjoni f'każijiet ta' vjolenza domestika josservaw li bil-medjazzjoni tkun qed tiġi leġittimata l-vjolenza domestika meta suppost qed jiġu kkastigati dawk li jwettquha.

264 Min-naħa l-oħra, bosta esperti huma kontra esklużjoni ġenerali tal-medjazzjoni f'każijiet li jinvolvu vjolenza domestika, sakemm ikunu involuti professjonisti mħarrġa li jkollhom għarfien tajjeb tas-suġġett.[307] Huma josservaw li l-każijiet ta' vjolenza domestika huma kollha differenti wieħed mill-ieħor u li huwa importanti li jkun hemm valutazzjoni każ b'każ: xi każijiet jistgħu jkunu idonei

299 L-abbuż fiżiku u psikoloġiku jista' jestendi għal abbuż sesswali, emozzjonali u anki finanzjarju. Il-vjolenza domestika hija "fenomenu kumpless u bi sfumaturi kulturali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "ma jagħmilx distinzjoni ta' sess, razza, etniċità, età u ambjent soċjo-ekonomiku" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ara J. Alanen, "When Human Rights Conflict: Mediating International Parental Kidnapping Disputes Involving the Domestic Violence Defense" (Meta d-drittijiet tal-bniedem jidħlu f'kunflitt ma' xulxin: Il-medjazzjoni f'tilwim dwar sekwestri internazzjonali mill-ġenituri li jinvolvu d-difiża tal-vjolenza domestika), 40 *U. Miami Inter-Am. L. Rev.* 49 (2008-2009), p. 64.

300 Dwar il-vjolenza kontra l-minuri, il-Gwida tagħmel distinzjoni bejn vjolenza diretta u vjolenza indiretta. Il-vjolenza diretta hija vjolenza diretta kontra l-minuri u l-vjolenza indiretta hija vjolenza diretta kontra ġenitur jew membru ieħor tal-familja li taffettwa lill-minuri. Ara wkoll id-definizzjoni ta' vjolenza domestika fit-taqsima tat-Terminoloġija iktar 'il fuq u fil-paragrafu 270 iktar 'l isfel.

301 Fil-maġġoranza tal-każijiet, hija l-mara fil-koppja li tkun il-vittma tal-vjolenza domestika; ara, pereżempju, "Domestic Violence Parliamentary Report of the United Kingdom" (Rapport parlamentari dwar il-vjolenza domestika tar-Renju Unit), ippubblikat f'Ġunju 2008, Sommarju fl-*IFL* 2008, p. 136 u 137, "il-maġġoranza kbira tal-vjolenza gravi u rikorrenti twettqet minn irġiel kontra nisa" [traduzzjoni mhux uffiċjali]; ara wkoll H. Joyce (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 228), p. 449, "In-nisa huma l-vittmi f'95 fil-mija tal-inċidenti rrapportati ta' vjolenza domestika" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

302 *Ibid.*, p. 499 u 450.

303 *Ibid.*

304 Għal iktar referenza dwar din il-fehma, ara *ibid.*, p. 452.

305 Għal iktar referenza dwar din il-fehma, ara *ibid.*

306 Għal iktar referenza dwar din il-fehma, ara *ibid.*, p. 451.

307 Ara, pereżempju, ir-Rapport tal-2006 dwar l-Iskema Pilota ta' Medjazzjoni ta' reunite (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 97), p. 53.

għall-proċess ta' medjazzjoni filwaqt li jkun ċar li oħrajn għandhom jiġu ttrattati mill-qrati.[308] Fejn vittma tkun irċeviet biżżejjed informazzjoni sabiex tagħmel għażla informata, ix-xewqa tal-vittma li tipparteċipa fi proċess li jista' ta' benefiċċju – jekk ikun sikur – għandha tiġi rispettata.[309] Xi awturi ddikjaraw li l-involviment tal-vittma fi proċess ta' medjazzjoni xieraq u ġestit sew jista' jagħti fiduċja lil dik il-persuna.[310] It-tħassib dwar is-sikurezza tal-vittmi matul il-medjazzjoni jiġi kkonfutat bil-kontroargument li l-medjazzjoni mhux bilfors għandha tinvolvi sessjonijiet tal-medjazzjoni bl-attendenza personali tal-parteċipanti, imma tista' titwettaq ukoll bħala konferenza bit-telefon jew bħala medjazzjoni "shuttle", fejn il-medjatur jagħmilha ta' intermedjarju bejn parti u oħra.

265 Hemm bosta modi li bihom il-proċess ta' medjazzjoni jista' jiġi adattat sabiex jipproteġi u jagħti fiduċja lill-vittma. Pereżempju, ir-regoli stabbiliti għas-sessjoni tal-medjazzjoni jistgħu jipprojbixxu mġiba degradanti u jistgħu jipprovdu biex il-medjazzjoni tiġi fi tmiemha malli dawn ir-regoli ma jiġux rispettati. Il-professjonisti tal-medjazzjoni għandhom ikunu jafu bi programmi ta' riabilitazzjoni u b'riżorsi oħrajn li jistgħu jkunu disponibbli għal ġenitur li jwettaq abbuż.

266 Dawn il-fehmiet differenti huma riflessi wkoll fil-leġiżlazzjoni. F'uħud mill-ġurisdizzjonijiet, dispożizzjonijiet statutorji jipprojbixxu b'mod espliċitu l-użu tal-medjazzjoni f'tilwim familjari li jinvolvi minuri fejn ikun hemm provi ta' "storja" ta' vjolenza domestika jew f'każijiet bħal dawn jissoġġettaw il-medjazzjoni għal ċerti kundizzjonijiet.[311]

267 Għandu jiġi enfasizzat li l-vjolenza domestika stess ta' spiss tikkostitwixxi reat serju u mhijiex evidentement is-suġġett tal-medjazzjoni; fil-medjazzjoni jkun hemm involuti kwistjonijiet bħall-kustodja tal-minuri u l-aċċess għalihom, il-kundizzjonijiet għall-manteniment u kwistjonijiet oħrajn li jolqtu l-organizzazzjoni tal-familja.[312]

### 10.1 It-trattament tal-vjolenza domestika fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja

268 Qabel ma tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-medjazzjoni fil-każijiet ta' sekwestru ta' minuri li jinvolvu akkużi ta' vjolenza domestika, huwa importanti li jintqalu kelmtejn dwar l-akkużi ta' vjolenza domestika fil-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja b'mod ġenerali.

269 Fejn ikun seħħ sekwestru ta' minuri, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom l-obbligu li "jipprevjenu milli ssir iktar ħsara lill-minuri jew li jiġu ulterjorment preġudikati partijiet interessati billi jieħdu jew jaraw li jittieħdu miżuri proviżorji" skont l-Artikolu 7(2)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri. B'hekk, jekk ikun hemm riskju li l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jista' jagħmel ħsara lill-minuri, l-Awtorità Ċentrali tista', jiddependi mis-setgħat mogħtija lilha mill-Istat Kontraenti rilevanti, tieħu miżuri provviżorji jew tara li l-awtorità kompetenti tieħu tali miżuri. Din id-dispożizzjoni taħdem id f'id mal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal li, f'każijiet ta' urġenza, tagħti kompetenza sabiex jittieħdu l-miżuri protettivi meħtieġa lill-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti fejn ikun preżenti l-minuri.

270 Fil-maġġoranza tal-każijiet, però, l-akkużi ta' vjolenza domestika ma jsirux kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu imma kontra l-ġenitur imċaħħad minn uliedu.[313] L-awtoritajiet fl-Istat li saritlu t-talba se jilqgħu għal riskju immedjat għas-sikurezza tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu u/jew tal-minuri skont il-liġi proċedurali ta' dak l-Istat. Pereżempju, l-Awtorità Ċentrali u/jew il-qorti jistgħu jieħdu miżuri sabiex jevitaw li jiġi żvelat lill-ġenitur l-ieħor il-post fejn tkun tinsab il-vittma ta' vjolenza domestika f'dak iż-żmien, jew b'xi mod ieħor jiżguraw irwieħhom li ma ssirx laqgħa bejn il-partijiet mingħajr ma dawn ikunu akkumpanjati.[314]

271 Matul il-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, l-akkużi ta' vjolenza domestika huma fattur fid-deċiżjoni dwar jekk tistax tiġi stabbilita eċċezzjoni għar-ritorn tal-minuri skont l-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri. Skont dak l-Artikolu, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat li saritlu t-talba mhijiex marbuta li tordna r-ritorn tal-minuri jekk jiġi stabbilit li "jkun hemm riskju kbir li r-ritorn tal-minuri se jesponih għal dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli". Mhuwiex biss l-abbuż ta'

308 Ara, b'iktar referenzi, N. ver Steegh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 665.
309 Ara, b'iktar referenzi, *ibid.*
310 J. Alanen (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 299), p. 69, nota ta' qiegħ il-paġna 69.
311 Ara wkoll H. Joyce (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 228), p. 459 *et seq.*
312 J. Alanen (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 299), p. 87-88, in-nota ta' qiegħ il-paġna 151.
313 L-Artikolu 7(2)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri kien imfassal prinċipalment sabiex tiġi evitata rimozzjoni oħra tal-minuri. Ara E. Pérez-Vera, Explanatory Report on the 1980 Hague Child Abduction Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93), paragrafu 91.
314 Ara wkoll il-paragrafu 277 iktar 'l isfel.

minuri, imma anki l-vjolenza domestika kontra l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu li indirettament taffettwa lill-minuri li tista' tkun il-kawża ta' tali riskju. Madankollu l-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 13, f'konformità mal-għanijiet tal-Konvenzjoni tal-1980, jiġu interpretati b'mod ristrett.[315] Jekk f'każ b'allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-eċċezzjoni tar-riskju kbir se jiddependi, minbarra fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ individwali, anki fuq il-kapaċità li jsiru arranġamenti għal miżuri protettivi sabiex jiġi żgurat ritorn sikur[316] tal-minuri, u possibbilment anki tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu, fl-Istat tar-residenza abitwali tiegħu.

272 Anki jekk il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri tittratta r-ritorn tal-minuri, ir-ritorn sikur tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu ta' spiss tkun kwistjoni li tħasseb lill-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, b'mod partikolari fejn il-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jkun il-persuna li l-iktar li tieħu ħsieb lill-minuri. L-arranġamenti għar-ritorn sikur tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jistgħu jkunu kundizzjoni meħtieġa sabiex jiġi ordnat ir-ritorn tal-minuri, jekk is-separazzjoni tal-ġenitur mill-minuri minħabba li l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu ma jistax jirritorna, se tesponi lill-minuri għal riskju kbir ta' dannu. Ara wkoll iktar 'il fuq, it-Taqsima 2.8 dwar il-proċeduri kriminali bħala ostakolu għar-ritorn tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu.

273 Fejn jiġi stabbilit li r-ritorn se jesponi lill-minuri għal riskju kbir ta' dannu fiżiku jew psikoloġiku jew inkella jqiegħed lill-minuri f'sitwazzjoni intollerabbli, il-qorti li quddiemha tressqet it-talba għar-ritorn mhijiex obbligata li tordna r-ritorn tal-minuri.[317] Deċiżjoni ta' nuqqas ta' ritorn, fil-parti l-kbira tal-każijiet, fl-aħħar mill-aħħar se tirriżulta f'bidla fil-ġurisidizzjoni[318] fuq kwistjonijiet ta' kustodja għall-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida tal-minuri.[319]

274 It-trattament ta' akkużi ta' vjolenza domestika fi proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja hija kwistjoni ferm sensittiva u ma tistax, b'mod partikolari minħabba l-bosta aspetti tal-każijiet fejn tiġi allegata vjolenza domestika, tiġi ġġeneralizzata. Is-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996 enfasizzat l-awtonomija tal-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri ta' ritorn rigward "l-evalwazzjoni tal-provi u d-determinazzjoni tal-eċċezzjoni tar-riskju kbir ta' dannu (Artikolu 13(1)(b)), inklużi l-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, [...] fejn jitqies b'mod xieraq l-għan tal-Konvenzjoni tal-1980 li jiġi żgurat ir-ritorn immedjat u sikur tal-minuri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[320] Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Speċjali ssuġġeriet miżuri sabiex tiġi promossa iktar konsistenza fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b).[321] Wara dan is-suġġeriment, f'April 2012, il-Kunsill iddeċieda li "jistabbilixxi Grupp ta' Ħidma, magħmul minn firxa wiesgħa ta' esperti, inklużi mħallfin, Awtoritajiet Ċentrali u esperti minn dixxiplini

315 Ara E. Pérez-Vera (*ibid.*), p. 434, paragrafu 34; ara wkoll il-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tar-Raba' Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34), Nru 4.3, p. 12, u l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Ħames Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali (*id.*), Nru 1.4.2, p. 8.

316 Il-miżuri sabiex jiġi żgurat ritorn sikur jistgħu jinkludu mirror orders, safe harbour order jew miżuri protettivi oħrajn. Ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Kapitolu 9, p. 35 *et seq.*; ara wkoll J.D. Garbolino, *Handling Hague Convention Cases in U.S. Courts* (it-tielet ed.), Nevada 2000, p. 79 *et seq.*

317 Ir-Regolament Brussell IIa, li jaħdem id f'id mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, jinkludi r-regola addizzjonali fl-Artikolu 11(4) li "[q]orti ma tistax tirrifjuta milli tirritorna minuri a bażi ta' l-Artikolu 13b ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980 jekk jiġi stabbilit li saru l-arranġamenti xierqa sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' l-minuri wara r-ritorn tiegħu jew tagħha".

318 Dwar kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni, ara l-Kapitolu 13 iktar 'l isfel; ara wkoll il-Kapitolu 13 tal-Practical Handbook on the 1996 Hague Child Protection Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 223) dwar bidla fil-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996.

319 Skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament Brussell IIa, minkejja sentenza biex ma jsirx ir-ritorn, hemm il-possibbiltà li l-minuri jkollu jiġi rritornat fil-każ ta' "kwalunkwe sentenza li tiġi wara li tirrekjedi r-ritorn ta' l-minuri maħruġa minn qorti li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament".

320 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Parti II tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal (mill-25 sal-31 ta' Jannar 2012) (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)), Rakkomandazzjoni Nru 80.

321 *Ibid.*, Rakkomandazzjonijiet Nri 81 u 82:

> "81. Il-Kummissjoni Speċjali tirrakkomanda li għandha ssir ħidma ulterjuri sabiex tiġi promossa konsistenza fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) li tinkludi, imma ma tkunx limitata għall-allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika u ta' vjolenza fil-familja.
> 82. Il-Kummissjoni Speċjali tirrakkomanda li l-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali jawtorizza l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma magħmul minn imħallfin, Awtoritajiet Ċentrali u esperti minn dixxiplini differenti sabiex jiżviluppa Gwida għal Prattika Tajba dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b), b'parti minnha tipprovdi gwida speċifikatament maħsuba għall-awtoritajiet ġudizzjarji, fejn jitqiesu l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet ta' laqgħat preċedenti tal-Kummissjoni Speċjali u l-Gwidi għal Prattika Tajba preċedenti" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

differenti, sabiex jiżviluppa Gwida għal Prattika Tajba dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, b'parti minnha tipprovdi gwida speċifikatament maħsuba għall-awtoritajiet ġudizzjarji" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[322]

### 10.2 Is-salvagwardji fil-medjazzjoni/Il-protezzjoni tal-parti vulnerabbli

- ➔ **L-użu tal-medjazzjoni f'każijiet fejn ikun hemm il-problema tal-vjolenza domestika għandha titqies bir-reqqa. Huwa meħtieġ taħriġ adegwat sabiex tiġi vvalutata l-idoneità ta' każ għall-medjazzjoni.**
- ➔ **Il-medjazzjoni ma għandha tqiegħed il-ħajja jew is-sikurezza tal-ebda persuna f'riskju, speċjalment dawk tal-vittma ta' vjolenza domestika, tal-membri tal-familja jew tal-medjatur. L-għażla bejn medjazzjoni diretta u medjazzjoni indiretta, il-post fejn se ssir il-medjazzjoni u l-mudell u l-metodu tal-medjazzjoni għandhom jiġu adattati għaċ-ċirkustanzi tal-każ.**
- ➔ **Fejn il-medjazzjoni titqies bħala idonea għal każ li jinvolvi problema ta' vjolenza domestika, jeħtieġ li din titwettaq minn medjaturi b'esperjenza li jkollhom taħriġ apposta sabiex iwettqu medjazzjoni f'ċirkustanzi bħal dawn.**

275 L-idoneità tal-medjazzjoni għal każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fejn isiru akkużi ta' vjolenza kontra ġenitur minnhom għandha titqies bir-reqqa. Il-persuna li tivvaluta jekk il-każ ikunx idoneu għall-medjazzjoni għandha tkun imħarrġa b'mod xieraq.[323] Anki fejn ma tkun saret l-ebda akkuża ta' vjolenza domestika, valutazzjoni tal-idoneità tal-każ għall-medjazzjoni għandha tqis li l-vjolenza domestika xorta tista' tkun involuta f'każ partikolari.

276 Il-fatturi li ġejjin jistgħu jkunu partikolarment rilevanti meta tiġi vvalutata l-idoneità ta' każ speċifiku għas-servizz ta' medjazzjoni disponibbli:[324] il-gravità u l-frekwenza tal-vjolenza domestika;[325] min ikun fil-mira tal-vjolenza domestika; ix-xejra tal-vjolenza;[326] is-saħħa fiżika u mentali tal-partijiet;[327] it-tweġiba probabbli tal-persuna ewlenija li twettaq l-abbuż;[328] id-disponibbiltà ta' medjazzjoni speċifikatament maħsuba għal każijiet ta' vjolenza domestika; kif is-servizz ta' medjazzjoni disponibbli jista' jindirizza kwistjonijiet ta' sikurezza; u, jekk il-partijiet ikunux rappreżentanti.[329] Għandu jiġi enfasizzat ukoll li jekk, matul l-iskrining inizjali jew iktar tard fil-proċess ta' medjazzjoni, medjatur isir jaf b'ċirkustanzi li jissuġġerixxu li twettaq reat kriminali (pereżempju, abbuż sesswali fuq minuri) f'bosta ġurisdizzjonijiet huwa jkun obbligat jirrapporta dan lill-awtoritajiet, pereżempju lill-pulizija u lill-aġenziji għall-protezzjoni tat-tfal. Dan l-obbligu jista' jeżisti minkejja l-prinċipju ta' kufidenzjalità tal-medjazzjoni.[330]

277 Il-medjazzjoni ma għandha tqiegħed il-ħajja jew is-sikurezza tal-ebda persuna f'riskju, speċjalment dawk tal-vittma tal-vjolenza domestika, tal-membri tal-familja u tal-medjatur. Laqgħa wiċċ imb wiċċ, kemm matul il-medjazzjoni jew bħala laqgħa preparatorja, għandha tissejjaħ biss jekk tkun tista' tiġi żgurata s-sikurezza. Jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ, tista' tkun meħtieġa l-assistenza tal-awtoritajiet tal-Istat.[331] F'każijiet oħrajn, jista' jkun biżżejjed li jiġi evitat ir-riskju li l-partijiet jiltaqgħu meta ma jkunux akkumpanjati. F'każijiet bħal dawn, pereżempju, il-possibbiltà li l-partijiet jiltaqgħu bi żvista hekk kif ikunu sejrin lejn il-post fejn qed issir il-medjazzjoni għandu jiġi eliminat; b'hekk għandhom

322 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill tal-2012 (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39), Rakkomandazzjoni Nru 6.

323 Dwar l-importanza ta' proċeduri ta' skrining mwettqa minn persuni kompetenti, ara L. Parkinson, *Family Mediation – Appropiate Dispute Resolution in a new family justice system*, it-tieni edizzjoni., Family Law 2011, Kapitolu 3, p. 76 *et seq*.

324 Ara wkoll l-Artikolu 48 tal-*Konvenzjoni* tal-Kunsill tal-Ewropa *dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tal-11 ta' Mejju 2011*, disponibbli minn < http://www.coe.int/t/dghl/standardsetting/convention-violence/texts/Convention_en.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012), li jitlob lill-Istati li huma partijiet għall-Konvenzjoni ħalli "jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn meħtieġa sabiex jipprojbixxu proċessi mandatorji ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim, inklużi l-medjazzjoni u l-konċiljazzjoni, b'rabta mal-forom kollha ta' vjolenza koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

325 Ara, b'iktar referenzi, N. ver Steegh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 665.

326 *Ibid.*

327 *Ibid.*

328 *Ibid.*

329 *Ibid.*

330 Dwar l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità, ara l-paragrafu 211 iktar 'il fuq.

331 Iktar ma jkunu gravi ċ-ċirkustanzi, inqas ikun probabbli li l-każ ikun ġeneralment idoneu għall-medjazzjoni.

isiru arranġamenti biex il-partijiet jaslu u jitilqu b'mod separat.[332] Fost miżuri oħrajn li jistgħu jittieħdu hemm il-buttuna ta' emerġenza fil-kamra fejn għandha ssir is-sessjoni tal-medjazzjoni. Matul is-sessjoni tal-medjazzjoni, il-partijiet qatt ma għandhom jitħallew waħidhom. F'dan ir-rigward, l-użu tal-komedjazzjoni jista' jkun partikolarment ta' għajnuna. Il-preżenza ta' żewġ medjaturi b'esperjenza se jkun rassikuranti għall-vittma u jista' jgħin sabiex titnaqqas kwalunkwe tensjoni. Jekk għal xi raġuni medjatur ikollu jħalli s-sessjoni, dan jiżgura wkoll li medjatur b'esperjenza se jibqa' fil-preżenza tal-partijiet. Tista' wkoll titqies il-possibbiltà li jkunu preżenti persuni oħrajn, bħall-avukat jew xi ħadd li jkun qed jagħti appoġġ lill-partijiet, fejn dan ikun xieraq.[333]

278 Fejn is-servizz ta' medjazzjoni disponibbli ma jkunx mgħammar sabiex jelimina r-riskji għas-sikurezza assoċjati ma laqgħa wiċċ imb wiċċ jew jekk jirriżulta li tali laqgħa ma tkunx idonea minħabba raġunijiet oħrajn, jista' jiġi kkunsidrat l-użu ta' medjazzjoni indiretta permezz ta' laqgħat separati bejn il-medjatur u kull parti (l-hekk imsejħa laqgħat caucus) jew l-użu ta' teknoloġija moderna, bħal vidjow-link jew komunikazzjonijiet permezz tal-Internet.

279 Malli jiġu stabbiliti salvagwardji kontra r-riskju ta' dannu fil-medjazzjoni, iridu jittieħdu miżuri sabiex jiġi ggarantit li l-medjazzjoni ma tiġix ippreġudikata minn setgħat ta' negozjar inugwali.[334] Il-medjazzjoni għandha titwettaq minn medjaturi b'esperjenza u b'taħriġ apposta; il-medjaturi għandhom jadattaw il-proċess ta' medjazzjoni għall-isfidi ta' kull każ individwali. Il-kwistjonijiet tas-sikurezza assoċjati mal-implimentazzjoni sussegwenti tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandhom jingħataw kunsiderazzjoni xierqa.

280 B'mod ġenerali, kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi twassal sabiex jiġu evitati riskji għas-sikurezza.[335]

281 Il-medjaturi, b'mod ġenerali, għandhom joqogħdu attenti u għandhom ikunu kapaċi jirrikonoxxu[336] s-sinjali tal-vjolenza domestika u/jew ir-riskji ta' vjolenza futura, inkluż fejn il-partijiet ma jkunu għamlu l-ebda akkuża, u għandu jkun ippreparat biex jieħu l-prekawzjonijiet u l-miżuri meħtieġa.[337]

332 Ara wkoll L. Parkinson (*loc. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 323).

333 Ara, b'iktar referenzi, N. ver Steegh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 666.

334 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), III (Il-proċess ta' medjazzjoni):

> "L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkun hemm mekkaniżmi xierqa sabiex il-proċess ta' medjazzjoni jkun jista' jitwettaq skont il-prinċipji li ġejjin: [...]
> ix. il-medjatur għandu joqgħod partikolarment attent jekk kienx hemm vjolenza fl-imgħoddi jew jistax ikun hemm vjolenza fil-ġejjieni bejn il-partijiet u l-effett li dan jista' jkollu fuq il-pożizzjonijiet tan-negozjar tal-partijiet, u għandu jikkunsidra jekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-proċess ta' medjazzjoni huwiex idoneu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

335 Ara t-Taqsimiet 19.4 g) u h) tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121) għal informazzjni dwar id-disponibbiltà ta' ċerti salvagwardji speċifiċi.

336 Dwar it-tipi differenti ta' vjolenza u ta' abbuż li medjatur għandu jkun kapaċi jirrikonoxxi u jiddistingwi, ara, pereżempju, L. Parkinson (*loc. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 323).

337 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), III (Il-proċess ta' medjazzjoni):

> "L-Istati għandhom jiżguraw irwieħhom li jkun hemm mekkaniżmi xierqa sabiex il-proċess ta' medjazzjoni jkun jista' jitwettaq skont il-prinċipji li ġejjin: [...]
> ix. il-medjatur għandu joqgħod partikolarment attent jekk kienx hemm vjolenza fl-imgħoddi jew jistax ikun hemm vjolenza fil-ġejjieni bejn il-partijiet u l-effett li dan jista' jkollu fuq il-pożizzjonijiet tan-negozjar tal-partijiet, u għandu jikkunsidra jekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-proċess ta' medjazzjoni huwiex idoneu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

### 10.3 Informazzjoni dwar il-miżuri protettivi

➔ **Għandha tkun disponibbli informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' miżuri protettivi għall-ġenitur u għall-minuri fil-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati.**

282 Għandha tkun disponibbli informazzjoni dwar il-miżuri protettivi li jistgħu jittieħdu għall-ġenitur u għall-minuri fl-Istat tar-residenza tal-minuri qabel is-sekwestru, kif ukoll fl-Istat fejn ittieħed il-minuri wara s-sekwestru sabiex tissawwar id-diskussjoni fis-sessjoni tal-medjazzjoni. L-għoti ta' din il-informazzjoni jista' jiġi ffaċilitat mill-Awtorità Ċentrali jew minn Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[338] Barra minn hekk, il-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri jistgħu jkunu sors utli ta' informazzjoni dwar il-miżuri protettivi disponibbli.[339]

## 11 It-termini tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni – Verifika realistika

➔ **It-termini tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandhom jitfasslu b'mod realistiku u għandhom iqisu l-kwistjonijiet prattiċi relatati kollha, speċjalment dawk li jirrigwardaw l-arranġamenti dwar il-kuntatt u ż-żjarat.**

283 Hekk kif soluzzjoni miftiehma ma tkunx wisq 'il bogħod, il-medjatur għandu jassisti lill-partijiet sabiex jistabbilixxu d-dettalji tal-ftehim tagħhom. F'ħafna każijiet il-medjatur se jkun dak li jfassal il-"ftehim" jew il-"memorandum ta' ftehim" effettiv skont dak li jixtiequ l-partijiet.[340]

284 Kif ġie ddikjarat iktar 'il fuq fil-Kapitolu 5 ("Il-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni"), huwa probabbli li l-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jinkludu l-punti li ġejjin: ftehim dwar ir-ritorn jew in-nuqqas ta' ritorn tal-minuri u fil-każ tal-aħħar ftehim dwar il-post fejn il-minuri għandu jistabbilixxi r-residenza l-ġdida tiegħu; il-persuna li magħha se jgħix il-minuri; u, il-kwistjoni tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri u l-eżerċizzju tagħhom. Barra minn hekk, huwa probabbli li l-ftehim jindirizza ċerti kwistjonijiet finanzjarji, bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, imma anki, f'xi każijiet, kwistjonijiet ta' manteniment għall-minuri u għall-konjuġi.

285 Huwa importanti li l-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jitfassal f'konformità mal-qafas legali applikabbli, sabiex il-ftehim ikun jista' jikseb effett legali fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet (fil-ġurisdizzjonijiet kollha) ikkonċernati. F'dan ir-rigward, għalkemm jidher ċar li mhuwiex ir-rwol tal-medjatur li jagħti pariri legali, huwa jista' jirreferi lill-partijiet għall-qafas legali nazzjonali jew internazzjonali rilevanti. Ikun xi jkun il-każ, il-medjatur għandu jiġbed l-attenzjoni tal-partijiet dwar kemm huwa importanti, f'dan ir-rigward, li huma jikkonsultaw lir-rappreżentanti legali speċjalisti tagħhom, jew li b'xi mod ieħor jiksbu il-pariri legali ta' speċjalista dwar is-sitwazzjoni legali fil-każ tagħhom.

286 Malli l-ftehim jitfassal, ikun aħjar jekk jitħalla "żmien limitat għar-riflessjoni, […] qabel ma jiġi ffirmat" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[341] Dan iż-żmien għandu jintuża wkoll sabiex tinkiseb l-informazzjoni legali meħtieġa.[342]

287 Il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandu jkun realistiku u kemm jista' jkun dettaljat fir-rigward tal-obbligi u tad-drittijiet kollha li jsemmi. Dan mhux biss huwa importanti sabiex ikun hemm implimentazzjoni mingħajr problemi tal-ftehim imma wkoll mil-lat tal-kapaċità tal-ftehim li jsir infurzabbli (ara wkoll il-Kapitolu 12). Pereżempju jekk il-ġenituri jaqblu dwar ir-ritorn tal-minuri, il-modalitajiet tar-ritorn, inklużi l-kwistjonijiet tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-persuna ma' min il-minuri se jivvjaġġa lura u tal-post fejn se joqgħod il-minuri immedjatament wara li jirritorna, għandhom

338 Dwar ir-rwol tal-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali biex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' informazzjoni, ara t-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq.

339 Ara t-Taqsima 11.2 tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

340 Ara K.K. Kovach (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 110), f'p. 205.

341 Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Rec (2002)10 dwar medjazzjoni fil-qasam ċivili (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53), il-Prinċipju VI (Ftehimiet li jintlaħqu waqt medjazzjoni):

> "16. Sabiex jiġu ddefiniti s-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u l-konklużjonijiet tal-ftehim, ġeneralment meta tintemm kull proċedura ta' medjazzjoni għandu jitfassal dokument miktub. Il-partijiet għandhom jitħallew żmien limitat sabiex jirriflettu, bi qbil tal-partijiet, wara li d-dokument ikun tfassal u qabel ma jiġi ffirmat" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

342 Ara l-Kapitolu 12 iktar 'l isfel dwar kif il-ftehim għandu jsir legalment vinkolanti u infurzabbli.

jiġu indirizzati.[343] Fejn il-ġenituri jkunu se jirrisjedu fi Stati differenti, l-eżerċizzju transkonfinali tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri għandu jiġi rregolat b'mod realistiku.[344] Meta jitfasslu arranġamenti dwar kuntatti transkonfinali, pereżempju, għandhom jiġu speċifikati d-dati u l-perjodi ta' żmien sabiex jitqiesu l-btajjel tal-iskola, eċċ. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar ukoll għandhom jiġu indirizzati. Fl-użu tal-arranġamenti dwar kuntatti, huwa importanti li kemm jista' jkun jiġi eliminat kwalunkwe sors possibbli ta' fehim ħażin u ta' ostakoli prattiċi. F'każ, pereżempju, fejn ġenitur imċaħħad minn uliedu jaqbel li l-minuri jista' jibqa' mal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu fl-Istat fejn ittieħed il-minuri, sakemm id-drittijiet għal kuntatt tiegħu jiġu ggarantiti biżżejjed, il-ġenituri jistgħu jaqblu li l-ġenitur li ssekwestra lil uliedu jixtri l-biljetti tat-titjira ħalli l-minuri ikun jista' jqatta' l-btajjel tas-sajf f'dak li qabel kien l-Istat ta' residenza tiegħu mal-ġenitur imċaħħad minn uliedu. Il-kapaċitajiet finanzjarji futuri għandhom jiġu indirizzati wkoll, sabiex tiġi evitata kwalunkwe diffikultà tal-aħħar minuta bix-xiri tal-biljetti; il-ġenituri, pereżempju, jistgħu jaqblu li ċertu ammont ta' flus jiġu ddepożitati ferm minn qabel il-vjaġġ sabiex il-ġenitur imċaħħad minn uliedu jkun jista' jagħmel l-arranġamenti għall-vjaġġ.[345]

288 Hija meħtieġa kawtela fir-rigward ta' kundizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-isfera ta' influwenza tal-partijiet. Pereżempju, ftehim ma għandux iqiegħed pressjoni fuq waħda mill-partijiet sabiex tirtira l-proċeduri legali, jekk fis-sistema legali rilevanti kkonċernata, il-proċeduri kriminali, ladarba jinbdew, jistgħu jiġu rtirati biss mill-prosekutur jew mill-qorti.[346]

## 12 Kif ftehim isir legalment vinkolanti u infurzabbli

- **It-termini ta' ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandhom jitfasslu b'tali mod li jippermettu li l-ftehim jikseb effett legali u jsir infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti.**
- **Huwa ferm rakkomandat li, qabel ma jiġi finalizzat il-ftehim, jingħata żmien limitat għal riflessjoni sabiex il-partijiet ikunu jistgħu jiksbu l-pariri legali ta' speċjalista dwar il-konsegwenzi legali kollha tiegħu u dwar jekk il-kontenut tal-"ftehim provviżorju" tagħhom ikunx konformi mal-liġi applikabbli fis-sistemi legali differenti kkonċernati.**
- **Il-miżuri meħtieġa sabiex il-ftehim jingħata effett legali u jsir infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti għandhom jittieħdu mingħajr tnikkir u qabel ma jiġi implimentat il-ftehim.**
- **L-aċċess għal informazzjoni dwar il-proċeduri rilevanti fil-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati għandu jiġi ffaċilitat mill-Awtoritajiet Ċentrali jew mill-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.**
- **Tista' tkun meħtieġa kooperazzjoni fost l-awtoritajiet ammnistrattivi/ġudizzjarji sabiex tiġi ffaċilitata l-infurzabbiltà tal-ftehim fl-Istati kollha kkonċernati.**
- **Il-qrati huma mħeġġa jagħmlu użu minn netwerks ġudizzjarji nazzjonali, reġjonali[347] u internazzjonali, bħan-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja, u jitolbu l-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali fejn dan ikun xieraq.[348]**
- **Fejn ikun meħtieġ, l-Istati għandhom jeżaminaw kemm huwa mixtieq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet regolatorji jew leġiżlattivi sabiex jiġu ffaċilitati l-proċeduri ħalli l-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni jsiru infurzabbli.**

289 Bil-għan li tagħmilha ta' bażi għal riżoluzzjoni sostenibbli tat-tilwima, is-soluzzjoni miftiehma li nstabet waqt il-medjazzjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti sabiex jinkiseb effett legali fl-Istati kkonċernati u għandha ssir legalment vinkolanti u infurzabbli f'dawn l-Istati qabel ma tibda tiġi implimentata fil-prattika. L-infurzabbiltà fiż-żewġ sistemi legali (fis-sistemi legali kollha) ikkonċernati hija partikolarment kruċjali fejn is-soluzzjoni miftiehma tinvolvi l-eżerċizzju transkonfinali tar-

343 Dwar id-dettalji li għandhom jiġu inklużi f'digriet ta' ritorn, ara l-Kapitolu 4 tal-Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), p. 21 *et seq.*

344 Ara l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fl-Anness 1 iktar 'l isfel, Parti B.3.

345 Ara wkoll il-Gwida għal Prattika Tajba dwar Kuntatt Transkonfinali (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16).

346 Dwar l-isfida speċjali tal-proċeduri kriminali, ara t-Taqsima 2.8 iktar 'il fuq.

347 In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali huwa eżempju ta' netwerk reġjonali; għal iktar informazzjoni ara < http://ec.europa.eu/civiljustice/index_mt.htm > (ikkonsultat l-aħħar fis-16 ta' Ġunju 2012).

348 Ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Prinċipju 8.2.

responsabbiltà tal-ġenituri. Il-minuri kkonċernat għandu jiġi protett mill-possibbiltà ta' sekwestru ieħor fil-ġejjieni jew minn kwalunkwe dannu ieħor ikkawżat meta wieħed mill-ġenituri ma josservax il-ftehim. Fl-istess ħin, ladarba l-ġenituri jkunu laħqu ftehim, ir-ritorn tal-minuri għandu jiġi implimentat mill-iktar fis possibbli sabiex tkun evitata kwalunkwe konfużjoni jew aljenazzjoni ulterjuri għall-minuri.

290 Qabel xejn, is-soluzzjoni miksuba waqt il-medjazzjoni għandha tiġi ddokumentata bil-miktub u għandha tiġi ffirmata miż-żewġ partijiet. Jiddependi mill-kwistjonijiet ittrattati fil-ftehim bejn il-partijiet u jiddependi mil-liġi applikabbli, ftehim jista' jikkostitwixxi kuntratt legalment vinkolanti bejn il-partijiet mill-mument li jiġi konkluż. Bosta sistemi legali, però, sa ċertu punt jirrestrinġu l-awtonomija tal-partijiet fil-liġi tal-familja, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri.[349] F'dan ir-rigard, bosta Stati jikkunsidraw li d-drittijiet u l-benesseri tal-minuri kkonċernat għandhom jiġu salvagwardjati bl-involviment ta' awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi. Il-ftehimiet dwar l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri – li xorta jiġu mħeġġa mill-parti l-kbira ta' dawn is-sistemi – jistgħu, pereżempju, jeħtieġu l-approvazzjoni ta' qorti li tivverifika li jkunu konformi mal-"aħjar interessi tal-minuri" sabiex jiksbu effett legalil.[350]

291 Barra minn hekk, jista' jkun hemm restrizzjonijiet għall-awtonomija tal-partijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet oħrajn irregolati mil-liġi tal-familja bħall-manteniment tal-minuri. Xi sistemi legali, pereżempju, jillimitaw il-kapaċità tal-ġenituri li jeludu kuntrattwalment għall-obbligi ta' manteniment tal-minuri li jkollhom abbażi tal-liġi applikabbli.

292 Għandu jiġi nnotat ukoll li tista' tinqala' sitwazzjoni fejn fost il-punti differenti ttrattati fil-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, uħud minnhom jistgħu jiġu deċiżi liberament mill-partijiet imma dan ma jkunx jista' jsir fir-rigward ta' oħrajn, u li skont il-liġi applikabbli, il-ftehim jorbot immedjatament lill-partijiet fejn għandhom x'jaqsmu l-punti tal-ewwel imma l-parti tal-ftehim li tirrigwarda l-punti tal-aħħar tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-qorti.[351] Dan jista' jagħti lok għal sitwazzjoni xejn feliċi jekk l-approvazzjoni tal-qorti ma tinkisibx (jew ma tkunx tista' tinkiseb) għall-bqija tal-ftehim, peress li l-partijiet ġeneralment jilħqu ftehim fuq "pakkett" sħiħ u ftehim parzjalment vinkolanti jista' jiffavorixxi lil waħda mill-partijiet.[352]

293 Billi s-sitwazzjoni legali f'tilwim familjari internazzjonali ta' spiss tkun waħda kumplessa, huwa ferm rakkomandat li, qabel ma jiġi finalizzat il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, ikun hemm "waqfa" biex il-partijiet jiksbu l-pariri legali ta' speċjalista dwar il-konsegwenzi legali kollha ta' dak li qed jiftiehmu dwaru u dwar jekk il-kontenut tal-"ftehim provviżorju" tagħhom ikunx konformi mal-liġi applikabbli għal dawn il-kwistjonijiet fis-sistemi legali differenti kkonċernati. Jista' jiġri li ġenitur ma jkunx jaf li huwa jkun qed jaqbel li se jirrinunzja għal ċerti drittijiet jew li l-ftehim jew l-implimentazzjoni fil-prattika tiegħu tista' twassal għal għal bidla (fit-tul) fil-ġurisdizzjoni u fil-liġi applikabbli għal ċerti kwistjonijiet. Pereżempju, fejn ġenitur imċaħħad minn uliedu jaqbel mar-rilokazzjoni tal-minuri u tal-ġenitur li ssekwestra lil uliedu, dan xi darba jew oħra se jġib bidla fir-"residenza abitwali" tal-minuri,[353] li huwa probabbli li jirriżulta f'bidla fil-ġurisdizzjoni u fil-liġi applikabbli għal għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-minuri.[354]

294 Jekk il-validità tal-ftehim kollu jew ta' parti minnu tiddependi fuq l-approvazzjoni tal-qorti, fost it-termini tal-ftehim għandhom jkun hemm li dan għandu jidħol fis-seħħ biss jekk tinkiseb l-approvazzjoni tal-qorti. F'dawn il-każijiet, jista' jkun aħjar jekk l-eżitu tal-medjazzjoni jissejjaħ "ftehim provviżorju" u li dan jiġi rifless fit-titolu u fid-diċitura tad-dokument li jirreġistra s-soluzzjoni

349 Ara wkoll il-Feasibility Study on Cross-Border Mediation in Family Matters (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13), paragrafu 5.4, p. 23.

350 Pereżempju, **Franza**, ara l-Artikoli 376 u 373-2-7 tal-Kodiċi Ċivili, jew **il-Ġermanja**, ara l-Artikolu 156(2) tal-FamFG (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 227); ara wkoll it-tweġibiet għall-Kwestjonarju II tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42); ara wkoll M. Lloyd, "The Status of mediated agreements and their implementation" (L-istatus tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom), f'*Family mediation in Europe – proceedings*, ir-Raba' Konferenza Ewropea dwar il-Liġi tal-Familja, Palais de l'Europe, Strasburgu, mill-1 sat-2 ta' Ottubru 1998, Council of Europe Publishing, April 2000, p. 87-96.

351 Ara wkoll il-paragrafu 41 iktar 'il fuq.

352 Naturalment, se jinqalgħu problemi biss fejn il-parti ffavorita tippretendi d-drittijiet tagħha mill-ftehim parzjali u bosta sistemi legali għandhom rimedji għal tali sitwazzjoni imma jkunu meħtieġa proċeduri legali.

353 Sakemm ir-residenza abitwali tal-minuri ma tkunx diġà nbidlet; għal iktar dettalji dwar it-tifsira ta' "residenza abitwali", ara P. McEleavy, INCADAT-Case Law Analysis Commentary: Aims and Scope of the Convention – Habitual Residence (Kummentarju dwar l-analiżi tal-ġurisprudenza tal-INCADAT: L-għanijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni – Ir-residenza abitwali), disponibbli minn < www.incadat.com > taħt "Case Law Analysis" (Analiżi tal-Ġurisprudenza).

354 Ara l-Kapitolu 13 iktar 'l isfel.

miftiehma. F'xi sistemi legali, il-medjaturi jirreferu għall-eżitu immedjat tal-medjazzjoni bħala "memorandum ta' ftehim" minflok "ftehim" sabiex jevitaw kwalunkwe suġġeriment li f'dak l-istadju l-ftehim ikun vinkolanti.

295 Għandu jiġi enfasizzat li mhux kull ftehim li jkun jorbot legalment lill-partijiet f'sistema legali partikolari jkun ukoll awtomatikament infurzabbli f'dik is-sistema legali. Madankollu, f'dawk is-sistemi legali fejn il-ftehimiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jeżiġu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi sabiex isiru legalment vinkolanti, il-miżura li tagħti l-approvazzjoni (pereżempju, l-inklużjoni tat-termini tal-ftehim f'digriet tal-qorti) ta' spiss tkun fl-istess ħin il-miżura li tagħmel il-ftehim infurzabbli f'dik il-ġurisdizzjoni.[355] Min-naħa l-oħra, ftehim bejn il-ġenituri li hekk kif jiġi konkluż ikun legalment vinkolanti f'sistema legali jista' jeħtieġ notarizzazzjoni jew approvazzjoni minn qorti sabiex isir infurzabbli, sakemm il-liġijiet ta' dak l-Istat ma jirregolawx mod ieħor. Għall-formalitajiet meħtieġa sabiex il-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni jsiru infurzabbli mill-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, il-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 jistgħu jservu bħala sors utli ta' informazzjoni.[356]

296 Biex ftehim li jkun sar infurzabbli (permezz ta' inkorporazzjoni f'digriet tal-qorti jew b'xi mod ieħor) f'sistema legali waħda (Stat A) isir legalment vinkolanti u infurzabbli fis-sistema legali rilevanti l-oħra (Stat B), ġeneralment jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ metodi:

(1) Il-metodu tar-rikonoxximent u tal-infurzar fl-Istat B:
Digriet tal-qorti miksub fl-Istat A li jinkorpora l-ftehim jista' jiġi rikonoxxut fl-Istat B, jew għaliex strument internazzjonali, reġjonali jew bilaterali jipprovdi għal tali rikonoxximent jew għaliex digriet ta' qorti barranija jista' b'xi mod ieħor jiġi rikonoxxut f'dik is-sistema legali skont id-dritt tal-Istat B. Biex is-soluzzjoni miftiehma tiġi effettivament infurzata, tista' tkun meħtieġa dikjarazzjoni addizzjonali ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni fl-Istat B. F'dan ix-xenarju jistgħu jinqalgħu l-problemi meta l-qrati tal-Istat B iqisu li l-qrati tal-Istat A ma kellhomx ġurisdizzjoni internazzjonali sabiex jagħtu deċiżjoni dwar is-suġġett (għal iktar informazzjoni dwar l-isfidi ġurisdizzjonali fil-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, ara l-Kapitolu 13).
Bħala possibbiltà oħra, wieħed jista' jimmaġina li japplikaw regoli bejn l-Istat A u l-Istat B li jippermettu r-rikonoxximent fl-Istat B ta' ftehim infurzabbli fl-Istat A mingħajr ma dan jiġi inkorporat f'digriet tal-qorti.[357]

(2) Il-metodu li l-ftehim innifsu jittieħed fl-Istat B u jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-ftehim isir vinkolanti u infurzabbli fl-Istat B:
Il-partijiet jistgħu jirrikorru għall-awtoritajiet tal-Istat B bil-ftehim tagħhom u jitolbu li dan isir legalment vinkolanti u infurzabbli skont il-proċeduri domestiċi fl-Istat B. Dan ifisser li mbagħad dawn jipproċedu irrispettivament mill-istatus legali li jkollu (ikun kiseb) il-ftehim tagħhom fl-Istat A. B'din is-soluzzjoni jistgħu jinqalgħu l-problemi minħabba kwistjonijiet ġurisdizzjonali. Pereżempju, jista' jkun li l-awtoritajiet tal-Istat B jikkunsidraw li huma ma għandhomx ġurisdizzjoni (internazzjonali) sabiex ibiddlu l-ftehim f'digriet tal-qorti jew sabiex jieħdu miżuri oħrajn meħtieġa ħalli jagħmlu l-ftehim vinkolanti, għaliex iqisu li l-awtoritajiet tal-Istat A għandhom ġurisdizzjoni esklużiva sabiex jittrattaw is-suġġett(i) kopert(i) mill-ftehim.

---

355 Id-dettalji jiddependu fuq il-liġi proċedurali rilevanti.

356 Ara t-Taqsima 19.5 b) tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121). F'xi Stati, teżisti iktar minn possibbiltà waħda. L-Istati li ġejjin indikaw li kienet meħtieġa l-approvazzjoni tal-qorti sabiex il-ftehim isir infurzabbli: **l-Arġentina, l-Awstralja, il-Belġju, il-Brażil, il-Burkina Faso**, **il-Kanada (Manitoba, Nova Scotia)**, **iċ-Ċina (Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong)**, **il-Kosta Rika, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja** (mill-Bord tal-Għajnuna Soċjali)**, Franza, il-Greċja, il-Ħonduras, l-Ungerija** (mill-Awtorità tat-Tuturi), **l-Irlanda, l-Iżrael, il-Latvja, il-Litwanja, il-Mawrizju, il-Messiku, in-Norveġja, il-Paragwaj, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja** (mill-Bord tal-Għajnuna Soċjali)**, l-Isvizzera, ir-Renju Unit (l-Ingilterra u Wales u l-Irlanda ta' Fuq), l-Istati Uniti tal-Amerika** u **l-Venezwela;** in-notarizzazzjoni hija possibbiltà fi: **il-Belġju, il-Burkina Faso**, **id-Danimarka, l-Estonja, l-Ungerija, ir-Rumanija,** u **s-Slovenja** u reġistrazzjoni mal-qorti hija possibbiltà fi: **l-Awstralja, il-Burkina Faso**, **il-Kanada (British Columbia, Nova Scotia u Saskatchewan)**, **l-Estonja, il-Greċja** u **l-Ħonduras** (il-Profili tal-Pajjiżi – kif kienu sa Ġunju 2012).

357 Ara, pereżempju, l-Artikolu 46 tar-Regolament Ewropew Brussell IIa li jipprovdi li "il-ftehim bejn il-partijiet li huma nfurzabbli fl-Istat Membru [tal-Unjoni Ewropea] fejn ġew konkluzi għandhom jiġu rikonoxxuti u ddikjarati li huma nfurzabbli taħt l-istess kondizzjonijiet tas-sentenzi [skont ir-Regolament]". Ara wkoll l-Artikolu 30(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar il-Manteniment għat-Tfal li jipprovdi li "[a]rranġament dwar manteniment magħmul fi Stat Kontraenti għandu jkun rikonoxxut u infurzat bħala deċiżjoni [...] sakemm ikun infurzabbli bħala deċiżjoni fl-Istat tal-oriġini".

297 Is-sitwazzjoni ideali hija fejn strument internazzjonali, reġjonali[358] jew bilaterali jipprovdi għal rikonoxximent u infurzar simplifikati tad-digrieti tal-qorti minn Stat għall-ieħor. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal hija strument bħal dan. Skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996, digriet tal-qorti li jinkorpora ftehim dwar kustodja jew kuntatt fi Stat Kontraenti partikolari jikkostitwixxi "miżura ta' protezzjoni" u jiġi rikonoxxut bħala tali bil-liġi u jkun jista' jiġi infurzat fl-Istati Kontraenti kollha. Dan ifisser li "ma jkun hemm għalfejn tintuża l-ebda proċedura sabiex jinkiseb [...] rikonoxximent" [traduzzjoni mhux uffiċjali][359] fi Stati Kontraenti oħrajn. Rigward l-infurzar effettiv tal-miżura, però, tkun meħtieġa dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew reġistrazzjoni (Artikolu 26(1)). Imma l-Konvenzjoni tal-1996 tobbliga lill-Istati Kontraenti sabiex f'dan ir-rigward japplikaw "*proċedura sempliċi u rapida*" (Artikolu 26(2), enfasi miżjuda). Id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew ir-reġistrazzjoni tista' tiġi rifjutata biss meta tapplika waħda mir-raġunijiet limitati għal nuqqas ta' rikonoxximent elenkati fl-Artikolu 23(2). Ir-raġunijiet għal rifjut huma, pereżempju, li "il-miżura ttieħdet, ħlief f'każ ta' urġenza, fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi, mingħajr ma tkun ingħatat opportunità lit-tifel biex jinstema, bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-proċedura tal-Istat rikjest".

298 Id-dubji li jistgħu jinqalgħu dwar ir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jistgħu jitneħħew minn kmieni billi tintuża l-proċedura ta' "rikonoxximent bil-quddiem" tal-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal. Skont dak l-Artikolu, "kwalunkwe persuna interessata tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti li jiddeċiedu fuq ir-rikonoxximent jew nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura meħuda fi Stat Kontraenti ieħor". (Ara l-*Practical Handbook on the 1996 Hague Child Protection Convention* għal iktar dettalji dwar il-Konvenzjoni tal-1996.[360])

299 Għandu jiġi enfasizzat li f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri, is-sitwazzjoni ġurisdizzjonali hija ferm kumplessa.[361] Kemm il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri kif ukoll il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal huma bbażati fuq l-idea li, f'sitwazzjoni fejn jiġi ssekwestrat minuri, l-awtoritajiet fl-Istat fejn ittieħed il-minuri wara s-sekwestru (l-Istat li saritlu t-talba) għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi dwar ir-ritorn tal-minuri imma mhux fuq il-mertu tal-kustodja.[362] Għalhekk, il-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja fl-Istat li saritlu t-talba se jkollha xi diffikultajiet biex tbiddel ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni f'digriet tal-qorti jekk dan il-ftehim ikopri, minbarra l-kwistjoni tar-ritorn, anki kwistjonijiet ta' kustodja jew kwistjonijiet oħrajn li dwarhom il-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja ma jkollhiex ġurisdizzjoni (internazzjonali) (għal iktar dettalji dwar is-sitwazzjoni ġurisdizzjonali speċjali f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, ara l-Kapitolu 13).

300 Kumplikazzjoni oħra għas-sitwazzjoni ġurisdizzjonali tista' tirriżulta mill-inklużjoni fil-ftehim ta' kwistjonijiet addizzjonali, bħal kwistjonijiet ta' manteniment għall-konjuġi u għall-minuri. Għaldaqstant, sabiex il-ftehim kollu jsir legalment vinkolanti u infurzabbli fis-sistemi legali kkonċernati jista' jkun meħtieġ l-involviment ta' awtoritajiet differenti, possibbilment fi Stati differenti. F'każijiet bħal dawn jistgħu jkunu meħtieġa l-pariri legali ta' speċjalista dwar liema miżuri għandhom jittieħdu u f'liema Stat ikkonċernat.

301 L-aċċess għal informazzjoni dwar mingħand min għandu jinkisbu l-pariri legali ta' speċjalista u dwar liema miżuri jkunu meħtieġa sabiex ftehim isir infurzabbli fl-Istati kkonċernati jista' jiġi ffaċilitat mill-Awtorità Ċentrali jew minn korp ieħor li jagħmilha ta' Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti.[363]

302 Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi/ġudizzjarji tal-Istati differenti kkonċernati tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-infurzabbiltà tal-ftehim fil-ġurisdizzjonijiet differenti.

303 Sa fejn ikun fattibbli, il-qrati għandhom japprovaw is-sostenibbiltà tas-soluzzjoni miftiehma billi jassistu lill-partijiet fl-isforzi tagħhom ħalli jagħmlu l-ftehim legalment vinkolanti u infurzabbli fis-

---

358 B'mod simili għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal, ir-Regolament Ewropew Brussell IIa jinkludi regoli dwar rikonoxximent u infurzar simplifikati tad-deċiżjonijiet fejn għandhom x'jaqsmu r-responsabbiltajiet tal-ġenituri. Barra minn hekk, l-Artikolu 46 tar-Regolament Brussell IIa jipprovdi għar-rikonoxximent u għall-infurzar tal-ftehimiet infushom, sakemm ikunu jistgħu jiġu infurzati fl-Istat Membru fejn ikunu ġew konklużi, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 357 iktar 'il fuq.

359 Ara P. Lagarde, Explanatory Report on the 1996 Hague Child Protection Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 80), p. 585, paragrafu 119.

360 *Op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 223.

361 Għal iktar dettalji ara l-Kapitolu 13.

362 Ara l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-1980 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-1996.

363 Ara l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fl-Anness 1 iktar 'l isfel, Parti C (Kif il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir legalment vinkolanti). Ara t-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq għal iktar informazzjoni dwar ir-rwol tal-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.

sistemi legali differenti kkonċernati. Dan jista' jinkludi l-użu ta' mirror orders jew ta' safe-harbour orders.[364] Barra minn hekk, fejn ikun fattibbli u xieraq, il-qrati għandhom jagħmlu użu min-netwerks ġudizzjarji eżistenti[365] u għandhom jitolbu l-assistenza tal-Awtoritajiet Ċentrali. Netwerk ġudizzjarju partikolarment rilevanti f'dan ir-rigward huwa n-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja li jispeċjalizza fi kwistjonijiet familjari u li nħoloq[366] sabiex jiffaċilita l-komunikazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-imħallfin fuq il-livell internazzjonali u sabiex jagħti assistenza ħalli jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-istrumenti internazzjonali fil-qasam tal-ħarsien tal-minuri, inkluża l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri.[367] Bl-użu ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, imħallef li quddiemu tressqu proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jkun jista' jikkoordina l-approvazzjoni ta' ftehim bejn il-ġenituri li jkun jinkludi kwistjonijiet ta' kustodja mal-imħallef li jkollu ġurisdizzjoni mill-kwistjonijiet ta' kustodja fl-Istat tar-ritorn.[368]

304 L-Istati għandhom jiffaċilitaw proċeduri sempliċi li permezz tagħhom il-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni jkunu jistgħu jiġu approvati u/jew isiru infurzabbli mill-awtorità kompetenti fuq it-talba tal-partijiet.[369] Fejn ma teżisti l-ebda proċedura bħal din, l-Istati għandhom jeżaminaw kemm huwa mixtieq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet regolatorji jew leġiżlattivi li jiffaċilitaw tali proċeduri.[370]

---

364 It-terminu "mirror order" jirreferi għal digriet tal-qrati fl-Istat li jkun għamel it-talba li jkun identiku jew simili għal (jiġifieri "jirrifletti bħal mera") digriet maħruġ fl-Istat li saritlu t-talba. "Safe-harbour order" huwa digriet maħruġ minn qorti fl-Istat li għamel it-talba ta' spiss fuq talba tal-ġenitur imċaħħad minn uliedu bil-għan li jiġu żgurati t-termini tar-ritorn. Għal iktar dettalji dwar l-użu tal-mirror orders u tas-safe harbour orders f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar l-Infurzar (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), Kapitolu 5 ("Il-promozzjoni tal-konformità volontarja" [traduzzjoni mhux uffiċjali]) u Kapitolu 8 ("Kooperazzjoni transkonfinali sabiex jiġi żgurat ritorn sikur" [traduzzjoni mhux uffiċjali])). Għal xi eżempji ara wkoll, E. Carl u M. Erb-Klünemann, "Integrating Mediation into Court Proceedings in Cross-Border Family Cases", f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri) (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 98), p. 59 *et seq*., f'p. 72; ara wkoll K. Nehls, "Cross-border family mediation – An innovative approach to a contemporary issue" (Il-medjazzjoni familjari transkonfinali – Approċċ innovattiv għal kwistjoni kontemporanja), f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri) (*ibid.*), p. 18 *et seq*, f'p. 27.

365 Dwar l-użu ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti sabiex jiġu żgurati r-rikonoxximent legali u l-infurzabbiltà tal-ftehimiet f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, ara r-rapport taż-żewġt imħallfin Ġermaniżi, E. Carl u M. Erb-Klünemann, "Integrating Mediation into Court Proceedings in Cross-Border Family Cases", f'S. Kiesewetter u C.C. Paul (Edituri) (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 98), p. 59 *et seq*., f'p. 72 u 73.

366 In-netwerk inħoloq fuq proposta waqt is-Seminar għall-Imħallfin tal-1998 dwar il-ħarsien internazzjonali tal-minuri li sar f'De Ruwenberg; għal iktar informazzjoni ara < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri). Għal iktar informazzjoni dwar in-Netwerk Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Aja u kif jaħdmu l-komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 128 iktar 'il fuq.

367 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza Ġudizzjarja Konġunta KE-HCCH, mill-15 sas-16 ta' Jannar 2009, disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri); adottati bil-kunsens ta' iktar minn 140 imħallef minn iktar minn 55 ġurisdizzjoni.

368 Ara, pereżempju, id-dikjarazzjoni ta' espert Awstraljan waqt is-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali, "Conclusions and Recommendations and Report of Part I of the Sixth Meeting of the Special Commission on the practical operation of the 1980 Hague Child Abduction Convention and the 1996 Hague Child Protection Convention (1-10 June 2011)" (Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet u r-Rapport tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal (mill-1 sal-10 ta' Ġunju 2011)), imfassla mill-Uffiċċju Permanenti, Dok. Prel. Nru 14 ta' Novembru 2011 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Jannar 2012 dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)), fil-paragrafu 252; ara wkoll E. Carl and M. Erb-Klünemann (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 364), p. 59 *et seq*., f'p. 72.

369 Dwar l-iżvilupp fl-Unjoni Ewropea, ara l-Artikolu 6 tad-Direttiva Ewropea dwar il-medjazzjoni (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5), li jipprovdi li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom "jiżguraw li jkun possibbli għall-partijiet, jew għal wieħed minnhom bil-kunsens espliċitu ta' l-oħrajn, biex jitolbu li l-kontenut ta' ftehim bil-miktub li jirriżulta minn medjazzjoni isir inforzabbli". L-eċċezzjonijiet imsemmija mill-Artikolu 6 huma każijiet fejn "il-kontenut ta' dak il-ftehim [ikun] kuntrarju għal-liġi ta' l-Istat Membru fejn issir it-talba jew il-liġi ta' dak l-Istat Membru ma tipprovdix għall-inforzabbiltà tiegħu" L-Artikolu 6 jenfasizza li "[x]ejn f'dan l-Artikolu m'għandu jinċidi fuq ir-regoli applikabbli għar-rikonoxximent u l-infurzar fi Stat Membru ieħor ta' ftehim li sar inforzabbli skond [dan l-Artikolu]". Dwar il-miżuri meħuda fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex ikun hemm konformità mad-Direttiva, ara l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60).

370 Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru R (98) 1 dwar il-medjazzjoni familjari (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), IV (L-istatus tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni):
"L-Istati għandhom jiffaċċilitaw l-approvazzjoni tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni minn awtorità ġudizzjarja jew minn awtorità kompetenti oħra fejn il-partijiet jitolbu dan, u għandhom jipprovdu mekkaniżmi għall-infurzar ta' ftehimiet approvati bħal dawn, skont il-liġi nazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

# 13 Kwistjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u r-regoli tal-liġi applikabbli

- **Meta jkun qed jitfassal ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet tal-ġurisdizzjoni u tal-liġi applikabbli.**
- **L-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi tal-Istat li saritlu t-talba u tal-Istat li għamel it-talba għandhom jikkooperaw kemm jista' jkun ma' xulxin ħalli jegħlbu d-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu sabiex ftehim li jsolvi b'mod bonarju tilwima ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jsir legalment vinkolanti u infurzabbli fiż-żewġ Stati. L-użu ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti jista' jkun partikolarment utli f'dan ir-rigward.**

305 Kif ġie enfasizzat fil-Kapitolu 12, huwa kruċjali li f'tilwim familjari internazzjonali tingħata kunsiderazzjoni lill-kwistjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli sabiex tiġi ggarantita l-infurzabbiltà tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni fl-Istati differenti kkonċernati. Jista' jiġri li l-kamp ta' applikazzjoni tal-medjazzjoni jkollu jiġi adattat fid-dawl ta' din it-teħid inkunsiderazzjoni minħabba kumplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu bl-inklużjoni ta' ċerti kwistjonijiet addizzjonali, bħall-manteniment.[371]

306 Dwar il-ġurisdizzjoni f'tilwim familjari transkonfinali, għandha ssir distinzjoni bejn il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali (jiġifieri liema Stat jkollu ġurisdizzjoni) u l-kwistjoni tal-kompetenza interna (jiġifieri liema qorti jew awtorità jkollha kompetenza dwar kwistjoni partikolari fi ħdan Stat partikolari). It-trattati multilaterali li jinkludu regoli dwar il-ġurisdizzjoni regolarment jittrattaw biss il-ġurisdizzjoni internazzjonali filwaqt li jħallu r-regolamentazzjoni tal-kompetenza interna f'idejn l-Istati individwali.

307 Rigward il-ġurisdizzjoni internazzjonali f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-implikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw mill-kombinazzjoni taż-żewġ kwistjonijiet regolarment ittrattati fil-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, jiġifieri (1) il-kwistjoni tar-ritorn jew tan-nuqqas ta' ritorn tal-minuri, u (2) ir-regolamentazzjoni tad-drittijiet tal-kustodja u għal kuntatt li għandhom jiġu implimentati wara r-ritorn jew in-nuqqas ta' ritorn. Hija r-rimozzjoni illeċita jew ir-ritenzjoni illeċita stess li toħloq sitwazzjoni ġurisdizzjonali speċjali fil-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u/jew tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal. Skont prinċipju ġeneralment applikat tal-ġurisdizzjoni internazzjonali, hija l-qorti tar-residenza abitwali tal-minuri li jkollha l-ġurisdizzjoni sabiex tieħu deċiżjonijiet fit-tul dwar il-kustodja tal-minuri, dwar il-kuntatt mal-minuri u dwar ir-rilokazzjoni transkonfinali tal-familja. Dan il-prinċipju huwa sostnut mill-Konvenzjoni tal-1996,[372] li taħdem id f'id mal-Konvenzjoni tal-1980, kif ukoll mill-istrumenti reġjonali rilevanti.[373] Il-prinċipju huwa bbażat fuq il-kunsiderazzjoni li l-qorti tar-residenza abitwali tal-minuri ġeneralment hija l-iktar forum xieraq biex tiġi deċiża l-kwistjoni tal-kustodja peress li din hija l-qorti li għandha l-eqreb konnessjoni mal-ambjent regolari tal-minuri, jiġifieri hija l-qorti li tista' tivvaluta faċilment il-kundizzjonijiet ta' għajxien tal-minuri u hija l-iktar waħda idonea sabiex tieħu deċiżjoni fl-aħjar interessi tal-minuri. F'sitwazzjoni ta' sekwestru, il-Konvenzjoni tal-1980 tipproteġi l-interessi tal-minuri billi ma tħallix li ġenitur jistabbilixxi "konnessjonijiet ġurisdizzjonali artifiċjali fuq livell internazzjonali, sabiex jikseb il-kustodja [(esklużiva)] ta' minuri" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[374] F'dan l-ispirtu, l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni tal-1980 jiżgura li "[w]ara li jkunu rċevew l-avviż ta' rimozzjoni jew ritenzjoni illeċita ta' minuri", il-qrati fl-Istat li saritlu t-talba ma jistgħux "jiddeċiedu fuq il-mertu tad-drittijiet tal-kustodja qabel ma jiġi deċiż illi l-minuri m'għandux jiġi ritornat taħt din il-Konvenzjoni jew kemm-il darba ma ssirx applikazzjoni skond din il-Konvenzjoni fi żmien raġonevoli minn meta jkunu irċevew l-avviż".

308 Fl-istess spirtu, filwaqt li jsaħħaħ il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal jipprovdi li, fil-każ ta' rimozzjoni jew ta' ritenzjoni illeċita tal-minuri, l-awtoritajiet tal-Istat fejn il-minuri kellu r-residenza abitwali

---

371 Xejn ma jipprevjeni lill-partijiet milli jerġgħu lura għall-medjazzjoni malli l-każ ta' sekwestru tal-minuri jiġi solvut sabiex jittrattaw dawn il-kwistjonijiet addizzjonali.

372 Ir-residenza abitwali hija l-fattur ta' konnessjoni prinċipali użat fil-Konvenzjonijiet kollha moderni tal-Aja dwar il-Familja, l-istess kif inhu f'bosta strumenti reġjonali relatati mal-ħarsien tal-minuri bħar-Regolament Brussell IIa.

373 Pereżempju, ir-Regolament Brussell IIa.

374 Ara E. Pérez-Vera, Explanatory Report on the 1980 Hague Child Abduction Convention (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 93), p. 428, paragrafu 11.

tiegħu qabel ir-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni jżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ta' kustodja sakemm jiġu sodisfatti ċertu numru ta' kundizzjonijiet.[375]

309 Rigward il-kombinazzjoni ta' kwistjonijiet fil-ftehim bejn il-ġenituri msemmija iktar 'il fuq, il-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja jkollha ġurisdizzjoni biex tittratta biss parti (1) minn dan il-ftehim, jiġifieri r-ritorn jew in-nuqqas ta' ritorn, u ma jkollhiex ġurisdizzjoni internazzjonali sabiex tapprova l-parti (2) tal-ftehim li tirrigwarda d-drittijiet ta' kustodja u għal kuntatt fit-tul. Jekk, madankollu, il-qorti, fid-digriet tal-qorti tagħha li bih hija ġġib fi tmiemhom il-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, tinkludi l-ftehim bejn il-ġenituri kollu, id-digriet tal-qorti jista' ma jorbotx lill-qrati fl-Istat li għamel it-talba (jiġifieri, l-Istat minn fejn ġie ssekwestrat il-minuri) sa fejn ikollhom x'jaqsmu l-kwistjonijiet dwar il-kustodja fit-tul minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali dwar dawn il-kwistjonijiet.

310 Dan l-eżempju jista' jispjega d-diffikultajiet li dawn il-kwistjonijiet ġurisdizzjonali jistgħu jikkawżaw fil-prattika:

■ *Wara problemi kbar fir-relazzjoni tagħhom, koppja miżżewġin żgħażagħ, ġenituri ta' tifel ta' tmien snin, jiddeċiedu li jiddivorzjaw. Il-konjuġi, oriġinarjament mill-Istat B ilhom residenti abitwali fl-Istat A minn mindu twieled binhom. Filwaqt li jkunu għaddejjin il-proċeduri tad-divorzju fl-Istat A, l-omm (O) tneħħi b'mod illeċitu lit-tifel u tieħdu fl-Istat B (l-Istat li saritlu t-talba), għaliex kienet qed tibża' li hija tista' titlef il-kustodja ta' binha li kienet tikkondividi mal-missier. Fuq it-talba tal-missier (M), fl-Istat B jingħata bidu għall-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-1980. Sadanittant, M jingħata l-kustodja esklużiva provviżorja tat-tifel mill-qorti fl-Istat A (l-Istat li għamel it-talba). Filwaqt li M jkun fl-Istat B sabiex jattendi għas-seduti tal-qorti, jirnexxi tentattiv ta' medjazzjoni. Matul is-sessjonijiet tal-medjazzjoni, il-ġenituri jfasslu ftehim elaborat, li abbażi tiegħu huma jaqblu li jikkondividu l-kustodja ta' binhom u dwar ir-residenza alternata tiegħu. Huma jaqblu wkoll li se jivvjaġġaw lura lejn l-Istat A u li O se tkopri l-ispejjeż tal-ivjaġġar.*

*O u M jixtiequ jagħmlu l-ftehim tagħhom legalment vinkolanti qabel ma jimplimentawh. B'mod partikolari, peress li l-missier ingħata l-kustodja esklużiva provviżorja ta' ibnu fl-Istat A minħabba r-rimozzjoni illeċita, l-omm tixtieq li jkollha xi assigurazzjoni li l-qrati fl-Istat A se jirrispettaw il-ftehim bejn il-ġenituri.*

*Huma jsiru jafu li l-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri skont il-Konvenzjoni tal-Aja fl-Istat B tista' tinkludi biss il-parti tal-ftehim li tittratta r-ritorn u l-modalitajiet tar-ritorn f'digriet tal-qorti imma li t-termini marbuta mal-mertu tal-kustodja ma jistgħux jiġu inklużi, jew għall-inqas mhux b'tali mod li jorbtu lill-awtoritajiet fl-Istat A. O, b'mod partikolari, mhijiex sodisfatta b'approvazzjoni parzjali tal-ftehim. O u M għalhekk jikkunsidraw li jirrikorru għall-awtoritajiet fl-Istat A li għandhom ġurisdizzjoni internazzjonali fuq kwistjonijiet ta' kustodja. Madankollu, isiru jafu li l-qorti kompetenti fl-Istat A, għalkemm huwa probabbli li tapprova l-ftehim bejn il-ġenituri, ġeneralment tinsisti fuq il-preżenza taż-żewġ partijiet u tkun trid tisma' xi jgħid il-minuri, bħala parti mill-obbligu statutorju għal test tal-aħjar interessi tal-minuri f'każijiet ta' kustodja. Imma O mhijiex lesta li tirritorna fl-Istat A mat-tifel qabel ma tingħata assigurazzjoni li l-ftehim se jiġi rispettat mill-awtoritajiet tal-Istat A.* ■

311 Id-diffikultajiet prattiċi li jistgħu jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġurisdizzjonali speċjali f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri ġew diskussi b'mod pjuttost dettaljat fil-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali sabiex jiġi rivedut il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal f'Ġunju 2011.[376]

375 Skont l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni tal-1996
"l-awtoritajiet tal-Istat Kontraenti li fih it-tifel kien abitwalment jkun residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew żamma, jżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom sakemm it-tifel ikun akkwista residenza abitwali fi Stat ieħor, u
(a) kull persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li għandu drittijiet ta' kustodja taw il-kunsens tagħhom għat-tneħħija jew żamma; jew
(b) it-tifel għex f'dak l-Istat ieħor għal perjodu ta' mill-inqas sena wara li l-persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li għandu drittijiet ta' kustodja għandu jew missu kellu jgħarfien ta' fejn hu t-tifel, l-ebda talba għar-ritorn li ġiet magħmula f'dak il-perjodu għadha pendenti, u t-tifel qed jgħix ħajja stabbli fl-ambjent ġdid tiegħu jew tagħha".

376 Ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet u r-Rapport tal-Parti I tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali, Dok. Prel. Nru 14 ta' Novembru 2011 (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 368), fil-paragrafi 247 *et seq.*

Fid-Dokument Preliminari Nru 13 ta' Novembru 2011,[377] imfassal bi tħejjija għall-Parti II tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali li saret f'Jannar 2012, ġiet inkluża elaborazzjoni ulterjuri tal-kwistjoni fejn ġiet eżaminata mill-ġdid fil-kuntest iktar ġenerali ta' diskussjoni dwar il-possibbiltà ta' ħtieġa għal simplifikazzjoni tar-rikonoxximent u tal-infurzar tal-ftehimiet fil-liġi tal-familja.[378]

312 Fis-sitwazzjoni legali attwali, is-sostenibbiltà ta' soluzzjoni miftiehma miksuba f'każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri ġeneralment se tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat li saritlu t-talba u dawk fl-Istat li għamel it-talba sabiex il-partijiet jingħataw assistenza fl-isforzi tagħhom ħalli jagħmlu l-ftehim legalment vinkolanti u infurzabbli fiż-żewġ Stati. Kif ingħad fil-Kapitolu 12, hemm għadd ta' miżuri li kemm il-qorti li quddiemha tressqu l-proċeduri ta' ritorn kif ukoll il-qrati fl-Istat li għamel it-talba jistgħu jieħdu sabiex japprovaw il-ftehim (għal iktar informazzjoni dwar il-mirror orders u s-safe-harbour orders, eċċ., ara iktar 'il fuq). L-użu ta' komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti jista' jkun partikolarment utli f'dawn il-każijiet.[379]

313 Sabiex jiġu megħluba l-problemi ġurisdizzjonali deskritti iktar 'il fuq, jista' jiġi kkunsidrat anki t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 8 u 9 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal jekk iż-żewġ Stati kkonċernati jkunu Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1996. (Għal iktar dettalji dwar it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni, ara l-*Practical Handbook on the 1996 Hague Child Protection Convention*.)

314 Minħabba l-kumplessità msemmija iktar 'il fuq biex il-ftehimiet f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jsiru legalment vinkolanti, huwa ferm rakkomandat li l-ġenituri jieħdu l-pariri legali ta' speċjalista dwar il-każ tagħhom. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jagħtu kemm jista' jkun appoġġ lill-partijiet u lill-qrati permezz ta' informazzjoni u għandhom jappoġġjaw l-isforzi tagħhom sabiex jegħlbu l-ostakoli ġurisdizzjonali ħalli jagħmlu l-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni legalment vinkolanti u infurzabbli kemm fl-Istat li saritlu t-talba kif ukoll fl-Istat li għamel it-talba.

315 Minbarra l-kwistjonijiet ġurisdizzjonali, il-kwistjonijiet tal-liġi applikabbli jista' jkollhom rwol importanti f'medjazzjoni fil-kuntest tad-dritt internazzjonali tal-familja. Il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandu jkun kompatibbli mal-liġi applikabbli sabiex jagħmilha ta' bażi vijabbli għar-riżoluzzjoni tat-tilwima. Il-partijiet għal tilwima familjari internazzjonali għandhom jiġu mgħarrfa li l-liġi applikabbli għal ċerti suġġetti ttrattati fil-medjazzjoni mhux bilfors tkun il-liġi tal-Istat fejn qed issir il-medjazzjoni. Huma għandhom ikunu jafu li hemm saħansitra possibbiltà li għas-suġġetti differenti diskussi waqt il-medjazzjoni japplikaw il-liġijiet ta' Stati differenti.

316 Pereżempju, f'każ internazzjonali ta' sekwestru ta' minuri fejn il-medjazzjoni qed titwettaq fl-Istat li saritlu t-talba (jiġifieri l-Istat fejn ittieħed il-minuri) parallelament għall-proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, b'mod regolari, il-liġi sostantiva li tapplika għall-mertu tal-kustodja ma tkunx il-liġi ta' dak l-Istat imma bil-wisq probabbli l-liġi tal-Istat li għamel it-talba (jiġifieri l-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri immedjatament qabel is-sekwestru). Naturalment, huwa diffiċli li wieħed jiġġeneralizza f'dan ir-rigward peress li s-sitwazzjoni tal-liġi applikabbli fil-każ partikolari tiddependi mit-trattati internazzjonali, reġjonali jew bilaterali li jkunu fis-seħħ fl-Istati rilevanti u, fin-nuqqas ta' tali trattati, ir-regoli nazzjonali rilevanti dwar il-kunflitt ta' liġijiet. Jekk il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal tkun applikabbli għall-każ, il-qorti li jkollha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi fuq il-mertu tal-kustodja fis-sitwazzjoni immedjata tas-sekwestru ta' minuri (li, kif ġie diskuss iktar

377 Ara "Guide to Part II of the Sixth Meeting of the Special Commission and Consideration of the desirability and feasibility of further work in connection with the 1980 and 1996 Conventions" (Gwida għall-Parti II tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali u kunsiderazzjoni ta' kemm huwa mixtieq u fattibbli li jsir iktar xogħol b'rabta mal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996), imħejjija mill-Uffiċċju Permanenti, Dok. Prel. Nru 13 ta' Novembru 2011 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Jannar 2012 dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal (disponibbli minn < www.hcch.net > taħt "Child Abduction Section" (Taqsima dwar is-Sekwestru ta' Minuri)), b'mod partikolari l-paragrafi 29 *et seq*.

378 Wara Rakkomandazzjoni tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali dwar il-funzjonament fil-prattika tal-Konvenzjonijiet tal-1980 u tal-1996 (ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Parti II tas-Sitt Laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali, *op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 320, Rakkomandazzjoni Nru 77), il-Kunsill tal-2012 ta mandat lill-Konferenza tal-Aja sabiex "tistabbilixxi Grupp ta' Esperti ħalli jwettaq iktar riċerka li tesplora r-rikonoxximent u l-infurzar transkonfinali tal-ftehimiet milħuqa matul tilwim internazzjonali dwar minuri, inklużi dawk milħuqa permezz ta' medjazzjoni, fid-dawl tal-implimentazzjoni u tal-użu tal-Konvenzjoni tal-1996" [traduzzjoni mhux uffiċjali] fejn indika li "[ħ]idma bħal din għandha tinkludi l-identifikazzjoni tan-natura u tal-firxa tal-problemi legali u prattiċi, inklużi l-kwistjonijiet ġurisdizzjonali, u evalwazzjoni tal-benefiċċju ta' strument ġdid, kemm jekk ikun vinkolanti u kemm jekk le, f'dan il-qasam" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ara l-Konklużjonijiet u Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill tal-2012 (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39), Rakkomandazzjoni Nru 7.

379 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 368 iktar 'il fuq; għal iktar informazzjoni dwar komunikazzjonijiet ġudizzjarji diretti, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 128 iktar 'il fuq.

'il fuq, hija qorti fl-Istat li għamel it-talba), dejjem skont il-Konvenzjoni tal-1996, bħala prinċipju ġenerali, se tapplika l-liġi tagħha (ara l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni tal-1996). F'din is-sitwazzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, sa fejn jikkonċernaw kwistjonijiet ta' kustodja u ta' kuntatt fit-tul, għalhekk għandhom ikunu kompatibbli mal-liġi sostantiva tal-Istat tar-residenza abitwali tal-minuri (ara l-*Practical Handbook on the 1996 Hague Child Protection Convention* għal iktar dettalji dwar il-Konvenzjoni tal-1996).

317 Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħrajn ittrattati fil-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, pereżempju, id-dispożizzjonijiet dwar il-manteniment għall-minuri jew għall-konjuġi, ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli jistgħu jvarjaw. Jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ u mir-regoli tad-dritt internazzjonali privat applikabbli għall-każ, tista' tkun qorti oħra għajr dik li jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-kwistjonijiet tal-kustodja li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-kwistjonjiet tal-manteniment u tista' tkun liġi sostantiva oħra għajr dik applikabbli għall-kwistjonijiet tal-kustodja li tirregola l-kwistjonjiet tal-manteniment. Din hija kumplikazzjoni oħra, li għal darba oħra tenfasizza l-ħtieġa li l-partijiet ikollhom il-pariri legali ta' speċjalista dwar il-każ partikolari tagħhom.

## 14 L-użu tal-medjazzjoni sabiex jiġu pprevenuti s-sekwestri ta' minuri

➔ **Il-promozzjoni ta' ftehimiet volontarji u l-faċilitazzjoni tal-medjazzjoni b'rabta ma' kwistjonijiet ta' kustodja jew ta' kuntatt/aċċess jistgħu jgħinu sabiex jiġu pprevenuti sekwestri sussegwenti.**[380]

➔ **Jistgħu jiġu kkunsidrati l-vantaġġi li l-medjazzjoni għal koppji f'relazzjonijiet transkulturali titwettaq minn speċjalista.**[381]

318 Billi ġie rikonoxxut li meta tisfaxxa relazzjoni bejn persuni minn Stati differenti hija r-raġuni ċentrali ta' bosta każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, "il-kisba ta' ftehim volontarju fi stadju meta l-ġenituri jkunu qed jisseparaw jew ikunu qed jiddiskutu kwistjonijiet ta' kustodja jew ta' kuntatt/aċċess hija miżura preventiva utli" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[382]

319 Pereżempju, jekk ġenitur jixtieq jirriloka fi Stat ieħor wara li jissepara minn mas-sieħeb tiegħu, l-introduzzjoni minn kmieni tal-medjazzjoni tista' tkun partikolarment utli. Medjazzjoni mwettqa minn speċjalista tista' tagħti l-possibbiltà biex il-ġenituri jifhmu aħjar il-perspettiva ta' xulxin u jsibu soluzzjoni miftiehma li tqis il-ħtiġijiet tal-minuri. L-eżiti jistgħu jkunu varjati daqskemm ikunu varjat ċ-ċirkustanzi ta' kull każ individwali: pereżempju, ir-rilokazzjoni taż-żewġ ġenituri fi Stat ġdid, iż-żewġ ġenituri jibqgħu fl-istess Stat jew ir-rilokazzjoni ta' ġenitur bid-drittijiet għal kuntatt tal-ġenitur l-ieħor jkunu ggarantiti biżżejjed.

320 Fl-istess ħin, l-użu tal-medjazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-arranġamenti għall-kuntatt, kemm fi ħdan il-fruntieri ta' Stat wieħed jew min-naħa għall-oħra tal-fruntieri, jiġu rispettati jista' jgħin ħalli jiġu pprevenuti sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sekwestru internazzjonali ta' minuri. Għal iktar dettalji dwar sitwazzjonijiet fejn jista' jkun hemm riskju ikbar ta' sekwestru ta' minuri, ara l-Gwida għal Prattika Tajba dwar Miżuri Preventivi,[383] fil-paragrafu 2.1.

321 Il-faċilitazzjoni tal-għoti ta' informazzjoni dwar il-medjazzjoni u dwar il-miżuri li jkunu meħtieġa sabiex ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir infurzabbli fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet inkwistjoni mill-Awtoritajiet Ċentrali jew mill-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali se tgħin sabiex il-medjazzjoni tiġi promossa bħala miżura għall-prevenzjoni tas-sekwestru ta' minuri.[384]

322 Naturalment, il-medjazzjoni tibqa' biss waħda minn bosta possibbiltajiet. L-aċċess għall-proċeduri ġudizzjarji sabiex tkun awtorizzata r-rilokazzjoni ma għandux ikun soġġett għall-kundizzjoni li l-partijiet jattendu għal sessjonijiet tal-medjazzjoni.[385]

380 Ara l-Prinċipji meħuda mill-Gwida għal Prattika Tajba dwar Miżuri Preventivi (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 23), paragrafu 2.1, p. 15.
381 Ara l-Prinċipji meħuda mill-Gwida għal Prattika Tajba dwar Miżuri Preventivi, *ibid.*
382 *Ibid.*
383 *Ibid.*
384 Dwar ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali u ta' korpi oħrajn sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' din l-informazzjoni, ara t-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq.
385 Ara l-Washington Declaration on International Family Relocation (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 160).

# 15 Proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma

- ➔ **F'tilwim familjari internazzjonali dwar minuri, minbarra l-medjazzjoni, għandu jiġi mħeġġeġ l-użu ta' proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma.**
- ➔ **Il-proċessi sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma li jkunu disponibbli għall-każijiet nazzjonali għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jintużaw f'tilwim familjari internazzjonali biss jekk jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċjali tat-tilwim internazzjonali.**
- ➔ **L-Istati għandhom jipprovdu informazzjoni dwar proċessi sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma li jkunu disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħhom għall-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri.**

323 Din il-Gwida tipprova tinkoraġġixxi l-użu ta' proċessi sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma ħalli t-tilwim familjari internazzjonali dwar minuri jiġi riżolt b'mod bonarju.

324 Minbarra l-medjazzjoni, ġew żviluppati bosta proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma u qed jiġu applikati b'suċċess għat-tilwim familjari f'pajjiżi differenti.[386] Dawn jinkludu l-"konċiljazzjoni", il-"koordinazzjoni tat-trobbija (parenting co-ordination)", l-"evalwazzjoni newtrali bikrija" u l-mudelli ta' difiża tar-riżoluzzjoni tal-kunflitti bħal approċċi tal-"liġi kollaborattiva" jew tal-"liġi kooperattiva".

325 Il-**"konċiljazzjoni"**, li ta' spiss titwettaq matul proċeduri ġudizzjarji mill-imħallef li quddiemu jkunu tressqu l-proċeduri, hija waħda mill-iktar proċessi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim direttivi f'din il-lista. Kif ġie osservat iktar 'il fuq fit-taqsima tat-Terminoloġija, xi drabi ssir konfużjoni bejn il-konċiljazzjoni u l-medjazzjoni. Fil-medjazzjoni, il-parti terza newtrali ma tistax tkun persuna li tkun f'pożizzjoni li tieħu deċiżjoni għall-partijiet; il-kompitu tal-medjatur huwa biss li jiffaċilita l-komunikazzjoni tal-partijiet u jagħtihom assistenza sabiex isibu riżoluzzjoni tat-tilwima tagħhom li jkunu jistgħu jwieġbu għaliha huma. Min-naħa l-oħra, fil-konċiljazzjoni, il-parti terza newtrali b'mod regolari jkollha influwenza ferm ikbar fuq is-soluzzjoni tal-kunflitt.[387] Il-konċiljazzjoni tintuża fuq bażi regolari f'bosta pajjiżi fi proċeduri ġudizzjarji li jikkonċernaw tilwim familjari, speċjalment fi proċeduri għal divorzju u fi proċeduri dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri.[388] Il-konċiljazzjoni mill-imħallef li quddiemu jkunu tressqu l-proċeduri tista' faċilment tiġi applikata fi proċeduri ta' ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja, fejn dan jiġi kkunsidrat idoneu u fattibbli, sabiex tinstab soluzzjoni fil-qorti, mingħajr ma jkun hemm riskju ta' dewmien.

326 Fl-Istati Uniti tal-Amerika, xi ġurisdizzjonijiet joffru programmi ta' **"koordinazzjoni tat-trobbija"** għal każijiet ferm kunflittwali ta' kustodja u ta' aċċess fejn il-ġenituri, b'mod rikorrenti, diġà jkunu wrew li ma jistgħux jew ma jridux jikkonformaw irwieħhom mad-digrieti tal-qorti jew mal-ftehimiet bejn il-ġenituri.[389]

> "Il-koordinazzjoni tat-trobbija hija proċess ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim iffokat fuq il-minuri fejn professjonista fil-qasam tas-saħħa mentali jew fil-qasam legali b'taħriġ u b'esperjenza fil-medjazzjoni jassisti lil ġenituri li jkun hemm kunflitti kbar bejniethom sabiex jimplimentaw il-pjan tagħhom għat-trobbija ta' wliedhom billi jiffaċilita r-riżoluzzjoni tat-tilwim tagħhom fi żmien xieraq, jeduka lill-ġenituri dwar il-ħtiġijiet ta' wliedhom u, bl-approvazzjoni minn qabel tal-partijiet

---

386 Għal iktar informazzjoni dwar il-proċessi ta' riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim disponibbli fid-diversi Stati Kontraenti għall-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1980 dwar is-Sekwestru ta' Minuri, ara l-Kapitolu 20 tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* nota 121).

387 Għal iktar dettalji dwar id-distinzjoni bejn medjazzjoni u konċiljazzjoni, ara t-taqsima tat-Terminoloġija iktar 'il fuq, taħt "Medjazzjoni".

388 Pereżempju, fil-**Marokk**, qabel qorti tiddeċiedi dwar divorzju jeħtieġ li jsiru tentattivi għar-"ri"-konċiljazzjoni tal-konjuġi, ara l-Artikoli 81 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Familji Marokkin (*Code de la Famille – Bulletin Officiel No 5358 du 2 ramadan 1426*, is-6 ta' Ottubru 2005, p. 667), disponibbli minn < www.justice.gov.ma >. B'mod simili, fl-**Italja**, it-tentattivi ta' rikonċiljazzjoni bejn il-konjuġi huma obbligatorji fil-proċeduri ta' separazzjoni u ta' divorzju, ara l-Artikolu 708 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u l-Artikoli 1 u 4.7 tal-Att Taljan dwar id-Divorzju (*Legge* n. 898, tal-1 ta' Diċembru 1970, *Disciplina dei casi di scioglimento del matrimonio*, fil-*Gazzetta Ufficiale n. 306*, it-3 ta' Diċembru 1970).

389 Ara N. ver Steegh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 663 u 664.

u/jew tal-qorti, jieħu deċiżjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-digriet tal-qorti jew tal-kuntratt ta' ħatra" [traduzzjoni mhux uffiċjali][390]

327 Il-koordinatur tat-trobbija jinħatar mill-qorti kompetenti mill-proċeduri ta' kustodja. Il-"koordinazzjoni tat-trobbija" kienet stabbilita wara rakkomandazzjoni ta' konferenza interdixxiplinari dwar tilwim għall-kustodja ferm kunflittwali ffinanzjata mill-American Bar Association fl-2000.

328 Mezz ieħor sabiex tiġi mħeġġa s-soluzzjoni miftiehma tat-tilwim familjari hija l-**"evalwazzjoni newtrali bikrija"**,[391] li permezz tagħha l-partijiet jirċievu evalwazzjoni mhux vinkolanti tas-sitwazzjoni legali tagħhom mingħand espert u wara jingħataw l-opportunità li jinnegozjaw soluzzjoni miftiehma.[392] Dan il-proċess sar disponibbli, pereżempju, f'xi ġurisdizzjonijiet tal-Istati Uniti tal-Amerika, fejn is-sessjonijiet ta' "evalwazzjoni newtrali bikrija" jdumu bejn sagħtejn u tliet sigħat, jitwettqu minn espert wieħed jew iktar u huma kunfidenzjali.[393]

329 Il-promozzjoni tal-proċessi sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma f'sistemi legali differenti hija riflessa wkoll fl-approċċ li qed jinbidel tal-avukati fir-rigward tal-każijiet tal-liġi tal-familja. Illum, l-avukati qegħdin iqisu dejjem iktar li ftehim huwa l-aħjar eżitu possibbli għall-klijenti tagħhom u għaldaqstant qed jiffokaw l-isforzi tagħhom sabiex jilħqu dan il-għan.

330 L-ewwel minn żewġ proċessi interessanti li għandu jissemma f'dan ir-rigward huwa l-mudell tal-**"liġi kollaborattiva"**. Skont dan il-mudell, li jintuża f'għadd ta' ġurisdizzjonijiet,[394] il-partijiet jiġu assisti minn "avukati kollaborattivi" li jużaw tekniki ta' negozjati biex isolvu problemi fuq il-bażi tal-interessi ħalli jsolvu t-tilwima tal-partijiet mingħajr ma dawn jitilgħu l-qorti.[395] Fejn ma jintlaħaq l-ebda ftehim u l-kwistjoni jkollha tiġi riżolta fi proċeduri ġudizzjarji, l-avukati kollaborattivi jkollhom jieqfu jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom; għaldaqstant, f'każ bħal dan il-partijiet ikollhom bżonn rappreżentanti legali oħrajn. F'xi ġurisdizzjonijiet, bħal xi f'stati tal-Istati Uniti tal-Amerika, il-mudell tal-liġi kollaborattiva ilu xi żmien jintuża b'suċċess. Uħud minn dawn is-sistemi legali sadanittant introduċew leġiżlazzjoni, jew "opinjoni etika" dwar il-"liġi kollaborattiva".[396]

331 It-tieni mudell ta' promozzjoni ta' riżoluzzjoni bonarja ta' kunflitt huwa dak tal-**"liġi kooperattiva"**. Il-mudell tal-"liġi kooperattiva" isegwi l-prinċipji tal-mudell tal-"liġi kollaborattiva", ħlief għall-fatt li r-rappreżentanti legali ma jkunux jistgħu jkomplu jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom meta l-kwistjoni titressaq quddiem qorti.[397]

332 L-użu ta' proċessi li jkunu disponibbli sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma għal tilwim familjari nazzjonali għandu jiġi kkunsidrat għat-tilwim familjari internazzjonali. Imma dawn il-proċessi għandhom jiġu adattati għall-isfidi speċjali tat-tilwim familjari internazzjonali, u b'mod partikolari għall-isfidi speċifiċi tal-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri, kif ġie stabbilit iktar 'il fuq b'rabta mal-medjazzjoni. Pereżempju, l-użu tal-mudell tal-liġi kollaborattiva f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri jista' ma jkunx għaqli, fejn ikun hemm ir-riskju li l-partijiet jiġu bżonn żewġ rappreżentanti legali oħrajn jekk sabiex il-ftehim milħuq fil-proċess isir vinkolanti ikollhom jitilgħu l-qorti u b'hekk ir-rappreżentanti tagħhom ikollhom jirriżenjaw.

333 Il-prattiki tajba stabbiliti f'din il-Gwida b'rabta mal-medjazzjoni għandhom jiġu adattati għal dawn il-proċessi l-oħra.

334 L-Istati huma mħeġġa jagħmlu disponibbli fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom informazzjoni dwar proċessi sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma li jistgħu jiġu applikati f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta mill-Awtoritajiet Ċentrali u mill-Punti ta' Kuntratt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[398]

---

390 Ara l-"Guidelines for Parenting Coordination" (Linji gwida għall-koordinazzjoni tat-trobbija), żviluppati mit-Task Force on Parenting Coordination tal-Association of Family and Conciliation Courts (AFCC), Mejju 2005, disponibbli minn < http://www.afccnet.org/Portals/0/PublicDocuments/Guidelines/AFCCGuidelinesforParentingcoordinationnew.pdf > (ikkonsultat l-aħħar fl-14 ta' Ġunju 2012).

391 Għal iktar informazzjoni ara, fost l-oħrajn, N. ver Steegh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 663.

392 *Ibid.*

393 *Ibid.* L-evalwazzjoni newtrali bikrija hija disponibbli wkoll **fil-Kanada (Manitoba)**, ara t-Taqsima 20 a) tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

394 Il-mudell ta' liġi kollaborattiva bħalissa qed jintuża, fost l-oħrajn, **fil-Kanada (Alberta, British Columbia, Manitoba, Nova Scotia u Saskatchewan), fl-Iżrael, fir-Renju Unit (fl-Ingilterra u f'Wales u fl-Irlanda ta' Fuq)** u **fl-Istati Uniti tal-Amerika**, ara t-Taqsima 20 a) tal-Profili tal-Pajjiżi skont il-Konvenzjoni tal-1980 (*supra* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 121).

395 Għal iktar dettalji ara, fost l-oħrajn, N. ver Steegh (*op. cit.* fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8), p. 667.

396 *Ibid.*, p. 667 u 668.

397 *Ibid.*, p. 668.

398 Dwar ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali u ta' korpi oħrajn sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' din l-informazzjoni, ara t-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq.

## 16 L-użu tal-medjazzjoni u ta' proċessi simili sabiex tinkiseb riżoluzzjoni miftiehma fil-każijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja

- ➔ **L-użu tal-medjazzjoni u ta' proċessi simili sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma għandu jiġi mħeġġeġ ukoll f'tilwim familjari internazzjonali dwar minuri, u speċjalment f'każijiet ta' sekwestru ta' minuri fejn il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri jew strumenti ekwivalenti oħrajn ma japplikawx.**
- ➔ **L-Istati għandhom jippromwovu l-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni għal każijiet bħal dawn, kif inhu stabbilit fil-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta.[399] B'mod partikolari, l-Istati għandhom jikkunsidraw li jagħżlu Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali sabiex jiffaċilitaw it-tixrid ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni u servizzi relatati oħrajn li jkunu disponibbli, dwar il-promozzjoni ta' prattiki tajba fir-rigward ta' taħriġ speċjalizzat għall-medjazzjoni familjari internazzjonali, u dwar il-proċess ta' medjazzjoni internazzjonali. Fl-istess ħin, għandha tiġi pprovduta assistenza sabiex ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni jsiru vinkolanti**
- ➔ **Fejn ikun meħtieġ, il-pajjiżi għandhom "jeżaminaw kemm huwa mixtieq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet regolatorji jew leġiżlattivi għall-infurzar tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[400]**

335 Fejn it-tilwim familjari internazzjonali dwar minuri jinvolvi żewġ Stati li bejniethom ma jkunux fis-seħħ il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal jew qafas legali internazzjonali jew reġjonali rilevanti ieħor, il-medjazzjoni jew proċessi oħrajn sabiex jinstabu soluzzjonijiet miftiehma jistgħu jkunu l-uniku rimedju u l-uniku mod sabiex tingħata għajnuna lill-minuri kkonċernati "[ħal]li jżomm[u], fuq bażi regolari [...] relazzjonijiet personali u kuntatti diretti maż-żewġ ġenituri" [traduzzjoni mhux uffiċjali], dritt promoss mill-UNCRC.[401]

336 Naturalment, in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-istrumenti reġjonali jew internazzjonali rilevanti ma jippreġudikax ir-rimedji legali tal-ġenituri skont id-dritt nazzjonali. Madankollu, f'każijiet fejn kien hemm sekwestru internazzjonali ta' minuri jew fejn tkun għaddejja tilwima transkonfinali oħra dwar kustodja ta' u kuntatt ma' minuri, in-nuqqas ta' qafas legali reġjonali jew internazzjonali applikabbli b'mod regolari jwassal għal deċiżjonijiet kunfliġġenti fil-ġurisdizzjonijiet differenti kkonċernati, li ta' spiss ma jwasslux għal soluzzjoni legali għall-kunflitt.

337 Kif ġie stabbilit iktar 'il fuq,[402] il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta żviluppa l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta. L-Istati għandhom jippromwovu l-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni kif ġie stabbilit f'dawn il-Prinċipji. B'mod partikolari, l-Istati għandhom jikkunsidraw li jagħżlu Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat it-tixrid ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli u ta' informazzjoni oħra rilevanti. Barra minn hekk, l-Istati għandhom jippromwovu prattiki tajba dwar it-taħriġ tal-medjaturi għal medjazzjoni familjari internazzjonali u dwar il-proċess ta' medjazzjoni internazzjonali.

338 Il-prattiki tajba stabbiliti f'din il-Gwida għal medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri huma applikabbli wkoll għal każijiet bħal dawn. L-istess bħal fil-każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980, il-medjazzjoni għandha titwettaq bl-ikbar attenzjoni u l-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandu jitfassal bil-għan li jkun kompatibbli ma' u jsir infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet inkwistjoni. Iż-żmien ukoll huwa essenzjali fejn f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ma jkun applikabbli l-ebda qafas legali reġjonali jew internazzjonali; il-kuntatt bejn il-minuri u l-ġenitur imċaħħad minn uliedu għandu jerġa' jiġi stabbilit mill-iktar fis possibbli sabiex tiġi evitata l-aljenazzjoni.

339 Kollox ma' kollox, il-medjazzjoni f'każijiet ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri fejn ma jkunx hemm qafas legali reġjonali jew internazzjonali applikabbli titwettaq f'ċirkustanzi ferm speċjali. Ma

399 Ara l-Anness 1 iktar 'l isfel.
400 *Ibid.*
401 Ara l-Artikolu 10(2) tagħha.
402 Ara l-paragrafi 14 u 112 *et seq.*

hemm l-ebda alternattiva għal soluzzjoni permezz ta' proċeduri ġudizzjarji jekk il-medjazzjoni ma tirnexxix, jew meta l-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir infurzabbli fil-ġurisidzzjonijiet rilevanti imma xi ħaġa ma taħdimx sew meta jiġi implimentat fil-prattika. Għalhekk, huwa kruċjali li kwalunkwe soluzzjoni miftiehma miksuba f'dawn il-każijiet issir legalment vinkolanti u infurzabbli fis-sistemi legali differenti kkonċernati qabel ma tibda tibda tiġi implimentata fil-prattika. B'dan il-mod, il-medjazzjoni tista' tegħleb is-sitwazzjoni kunfliġġenti tas-sistemi legali differenti kkonċernati; il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni nnifsu imbagħad jagħmilha ta' bażi sabiex tkun stabbilita opinjoni legali uniformi dwar il-każ fis-sistemi legali differenti kkonċernati.

340 Għandha tingħata l-assistenza kollha possibbli lill-partijiet għal kunflitt familjari transkonfinali sabiex il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni tagħhom isir vinkolanti u infurzabbli fis-sistemi legali rilevanti. L-għoti ta' informazzjoni dwar liema miżuri jkunu meħtieġa sabiex ftehim jingħata effett legali għandu jiġi ffaċilitat minn korp ċentrali, bħal Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali.[403] Fejn ikun meħtieġ, l-Istati għandhom "jeżaminaw kemm huwa mixtieq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet regolatorji jew leġiżlattivi għall-infurzar tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].[404]

341 Il-medjaturi f'tilwim familjari internazzjonali dwar il-kustodja ta' u l-kuntatt mal-minuri li fir-rigward tiegħu ma jkun japplika l-ebda qafas legali internazzjonali jew reġjonali għandhom ikunu konxji mir-responabbiltà li għandhom. Huma għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-partijiet għall-implikazzjonijiet legali tan-nuqqas ta' applikabbiltà tal-istrumenti legali reġjonali jew internazzjonali rilevanti u għall-ħtieġa li jiksbu l-pariri legali ta' speċjalista kif ukoll li jagħmlu l-ftehim infurzabbli fis-sistemi legali rilevanti qabel ma jibda jiġi implimentat fil-prattika. Il-partijiet għandhom jiġu mgħarrfa bl-implikazzjonijiet speċjali għall-ġejjieni li jirriżultaw min-nuqqas ta' regoli sovranazzjonali dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet dwar il-kustodja u l-kuntatt. Huma jridu jifhmu li, anki jekk wara l-medjazzjoni l-ftehim tagħhom sar infurzabbli fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet (fil-ġurisdizzjonijiet kollha) ikkonċernati, bidliet fiċ-ċirkustanzi jistgħu jaffettwaw l-infurzabbiltà tal-ftehim fil-ġejjieni. Kwalunkwe adattatament tal-kontenut tal-ftehim għandu jiġi rikonoxxut miż-żewġ sistemi legali (mis-sistemi legali kollha), proċess li jeħtieġ il-kooperazzjoni tal-partijiet.

403 Għal iktar dettalji dwar ir-rwol tal-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni internazzjonali, ara l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni fl-Anness 1 iktar 'l isfel kif ukoll it-Taqsima 4.1 iktar 'il fuq.

404 Ara l-Prinċipji għall-Istabbiliment ta' Strutturi għall-Medjazzjoni (*ibid.*).

# Annessi

# Annessi I

## PRINĊIPJI GĦALL-ISTABBILIMENT TA' STRUTTURI GĦALL-MEDJAZZJONI FIL-KUNTEST TAL-PROĊESS TA' MALTA

*imfassla mill-Grupp ta' Ħidma bl-assistenza tal-Uffiċċju Permanenti*

# A. PUNT TA' KUNTATT ĊENTRALI

L-Istati għandhom jistabbilixxu/jagħżlu Punt ta' Kuntatt Ċentrali għall-medjazzjoni familjari internazzjonali li għandu jwettaq, jew direttament jew permezz ta' intermedjarju, il-kompiti li ġejjin,

- Jagħmilha ta' punt ta' kuntatt għall-individwi u fl-istess ħin bħala punt tan-netwerk għall-medjaturi li jaħdmu f'tilwim familjari transkonfinali.

- Jipprovdi informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni familjari li jkunu disponibbli f'dak il-pajjiż, bħal:

  > Lista ta' medjaturi familjari, inklużi d-dettalji ta' kuntatt u informazzjoni dwar it-taħriġ, il-ħiliet lingwistiċi u l-esperjenzi tagħhom;
  > Lista ta' organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni f'tilwim familjari internazzjonali;
  > Informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-medjazzjoni;
  > Informazzjoni dwar il-mudelli tal-medjazzjoni użati/disponibbli; u
  > Informazzjoni dwar kif titwettaq il-medjazzjoni u liema suġġetti jistgħu jiġu diskussi fil-medjazzjoni.

- Jipprovdi informazzjoni sabiex tingħata assistenza ħalli jinsab il-ġenitur l-ieħor/il-minuri fil-pajjiż ikkonċernat.

- Jipprovdi informazzjoni minn fejn jistgħu jinkisbu pariri dwar il-liġi tal-familja u l-proċeduri legali.

- Jipprovdi informazzjoni dwar kif il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jingħata effett vinkolanti.

- Jipprovdi informazzjoni dwar l-infurzar tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni.

- Jipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe appoġġ disponibbli sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni.

- Jippromwovi l-kooperazzjoni bejn diversi esperti billi jippromwovi n-netwerking, il-programmi ta' taħriġ u l-iskambji tal-aħjar prattiki.

- Bla ħsara għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità, jiġbor u jagħmel pubblikament disponibbli fuq bażi perjodika informazzjoni dwar in-numru u n-natura ta' każijiet ittrattati mill-punti ta' kuntatt ċentrali, l-azzjonijiet meħuda u l-eżiti tagħhom, inklużi r-riżultati tal-medjazzjoni fejn dan ikun magħruf.

L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta bil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat kif ukoll jew bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

L-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja għandu jiġi informat bid-dettalji ta' kuntatt rilevanti tal-Punt ta' Kuntatt Ċentrali, inklużi l-indirizz tal-posta, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-posta elettronika u l-isem(ismijiet) tal-persuna(i) responsabbli u informazzjoni dwar liema lingwi jitkellmu.

It-talbiet għal informazzjoni jew għal assistenza indirizzati lill-Punt ta' Kuntratt Ċentrali għandhom jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun.

Fejn ikun fattibbli, il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għandu juri l-informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni rilevanti fuq websajt bil-lingwa uffiċjali u jew bl-Ingliż jew bil-Franċiż. Fejn Punt ta' Kuntatt ma jkunx jista' jipprovdi dan is-servizz, l-Uffiċċju Permanenti jista' jagħmel l-informazzjoni li jkun irċieva mill-Punt ta' Kuntatt Ċentrali disponibbli onlajn.

# B. IL-MEDJAZZJONI

## 1 Il-karatteristiċi tal-Medjaturi/L-Organizzazzjonijiet tal-Medjazzjoni identifikati mill-Punti ta' Kuntatt Ċentrali

Dawn li ġejjin huma fost il-karatteristiċi li għandu jqis il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali meta jkun qed jidentifika u jelenka l-medjaturi familjari jew l-organizzazzjonijiet tal-medjazzjoni familjari internazzjonali:

- Approċċ professjonali għal u taħriġ idoneu fil-medjazzjoni familjari (inkluża l-medjazzjoni familjari internazzjonali)
- Esperjenza sinifikanti f'tilwim familjari internazzjonali transkulturali
- Għarfien u fehim tal-istrumenti legali internazzjonali u reġjonali rilevanti
- Aċċess għal netwerk rilevanti ta' kuntatti (kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq il-livell internazzjonali)
- Għarfien tad-diversi sistemi legali u kif il-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni jistgħu jsiru infurzabbli jew vinkolanti fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti
- Aċċess għal appoġġ amministrattiv u professjonali
- Approċċ strutturat u professjonali għall-amministrazzjoni, għaż-żamma tar-reġistri u għall-evalwazzjoni tas-servizzi
- Aċċess għar-riżorsi rilevanti (materjal/komunikazzjonijiet, eċċ) fil-kuntest tal-medjazzjoni familjari internazzjonali
- Is-servizz ta' medjazzjoni huwa legalment rikonoxxut mill-Istat fejn jopera, dejjem jekk ikun hemm tali sistema
- Il-kompetenza lingwistika

Huwa rikonoxxut li, fl-Istati fejn l-iżvilupp tas-servizzi ta' medjazzjoni internazzjonali jkun għadu fi stadju bikri, bosta mill-karatteristiċi elenkati iktar 'il fuq qegħdin fuq livell li s-servizz jaspira li jilħaq u f'dan il-punt wieħed ma jistax jinsisti realistikament fuqhom.

## 2 Il-Proċess ta' Medjazzjoni

Huwa rikonoxxut li f'pajjiżi differenti jintużaw varjetà kbira ta' proċeduri u ta' metodoloġiji fil-medjazzjoni familjari. Madankollu, hemm prinċipji ġenerali li, bla ħsara għal-liġijiet applikabbli għall-proċess ta' medjazzjoni, għandhom isawru l-medjazzjoni:

- Skrining għall-idoneità tal-medjazzjoni fil-każ partikolari
- Kunsens informat
- Parteċipazzjoni volontarja
- Għajnuna lill-ġenituri sabiex jilħqu ftehim li jqis l-interessi u l-benesseri tal-minuri
- Newtralità
- Ekwità
- L-użu tal-lingwa(i) materna(i) li biha(hom) iħossuhom komdi l-parteċipanti

- Kunfidenzjalità
- Imparzjalità
- Kompetenza interkulturali
- Teħid ta' deċiżjonijiet informati u aċċess xieraq għal pariri legali

### 3 Il-Ftehim milħuq permezz ta' Medjazzjoni

Meta jkunu qed jassistu fit-tfassil tal-ftehimiet, il-medjaturi f'tilwim familjari transkonfinali għandu dejjem ikollhom f'moħħhom l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehim. Il-ftehim għandu jkun kompatibli mas-sistemi legali rilevanti. Il-ftehimiet dwar il-kustodja u l-kuntatt għandhom ikunu kemm jista' jkun konkreti u għandhom iqisu l-fatturi prattiċi rilevanti. Fejn il-ftehim ikun konness ma' żewġ ġurisdizzjonijiet b'lingwi differenti, il-ftehim għandu jitfassal biż-żewġ lingwi, jekk dan jissimplifika l-proċess biex il-ftehim isir legalment vinkolanti.

## C. KIF IL-FTEHIM MILĦUQ PERMEZZ TA' MEDJAZZJONI JSIR VINKOLANTI

Il-medjaturi li jittrattaw tilwim familjari internazzjonali dwar il-kustodja u l-kuntatt għandhom jaħdmu mill-qrib flimkien mar-rappreżentanti legali tal-partijiet.

Qabel ma jibda jiġi implimentat il-ftehim, il-ftehim għandu jsir infurzabbli jew vinkolanti fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti.

Il-Punti ta' Kuntatt Ċentrali fil-ġurisdizzjonijiet ikkonċernati għandhom jassistu lill-partijiet b'informazzjoni dwar il-proċeduri rilevanti.

Fejn ikun meħtieġ, il-pajjiżi jistgħu jeżaminaw kemm huwa mixtieq li jiġu introdotti dispożizzjonijiet regolatorji jew leġiżlattivi għall-infurzar tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni.

# Annessi II

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI DWAR IL-PRINĊIPJI GĦALL-ISTABBILIMENT TA' STRUTTURI GĦALL-MEDJAZZJONI FIL-KUNTEST TAL-PROĊESS TA' MALTA

*imfassal mill-Grupp ta' Ħidma bl-assistenza tal-Uffiċċju Permanenti*

# SFOND

Fil-laqgħa tiegħu li saret mill-31 ta' Marzu sat-2 ta' April 2009, il-Kunsill għall-Affarijiet u l-Politika Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat awtorizza, fil-kuntest tal-Proċess ta' Malta, l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma ħalli jippromwovi l-iżvilupp ta' strutturi għall-medjazzjoni sabiex tingħata għajnuna fir-riżoluzzjoni tat-tilwim familjari transkonfinali dwar il-kustodja ta' jew il-kuntatt ma' minuri, inklużi l-każijiet ta' rimozzjoni unilaterali ta' minuri lejn Stat ieħor, fejn il-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri* u l-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal* ma jkunux japplikaw.

Ir-rakkomandazzjoni li jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma bħal dan ġiet mit-Tielet Konferenza Ġudizzjarja dwar Kwistjonijiet Transkonfinali tal-Liġi tal-Familja li saret f'San Ġiljan, Malta, mit-23 sas-26 ta' Marzu 2009.

F'Ġunju 2009, numru żgħir ta' Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u ta' Stati mhux Kontraenti, magħżula fuq il-bażi ta' fatturi demografiċi u ta' tradizzjonijiet legali differenti, ġew mistiedna jaħtru espert. Dawn l-Istati kienu l-Awstralja, il-Kanada, l-Eġittu, Franza, il-Ġermanja, l-Indja, il-Ġordan, il-Malasja, il-Marokk, il-Pakistan, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika. Barra minn hekk, għadd żgħir ta' esperti indipendenti tal-medjazzjoni ġew mistiedna jissieħbu fil-Grupp ta' Ħidma.

Il-Grupp ta' Ħidma tella' żewġ laqgħat bit-telefon, waħda fit-30 ta' Lulju 2009 u l-oħra fid-29 ta' Ottubru 2009 kif ukoll laqgħa bl-attendenza personali tal-parteċipanti fil-11 u fit-12 ta' Mejju 2010 f'Ottawa, il-Kanada. Il-laqgħat kienu kopreseduti mis-Sinjura Lillian Thomsen mill-Kanada u mill-Imħallef Tassaduq Hussain Jillani mill-Pakistan. F'dawn il-laqgħat kollha, kien disponibbli interpretar simultanju bejn l-Ingliż, il-Franċiż u l-Għarbi. Ġew iċċirkolati żewġ kwestjonarji dwar l-istrutturi għall-medjazzjoni eżistenti u dwar l-infurzabbiltà tal-ftehimiet milħuqa permezz ta' medjazzjoni bi tħejjija għal-laqgħat bit-telefon tal-Grupp Ħidma; it-tweġibiet għal dawn il-kwestjonarji huma disponibbli fuq il-websajt tal-Konferenza tal-Aja minn < www.hcch.net > taħt "Work in Progress (Ħidma li għaddejja bħalissa)" imbagħad "Child Abduction (Sekwestru ta' Minuri)".

Fl-ewwel laqgħa bit-telefon, il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda li jkun importanti li jiġu stabbiliti Punti ta' Kuntatt Ċentrali f'kull pajjiż li jiffaċilitaw l-informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi. Wara t-tieni laqgħa bit-telefon, il-Grupp ta' Ħidma beda jaħdem fuq id-"Draft Principles" (l-Abbozz tal-Prinċipji) għall-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni li ġew konklużi wara diskussjoni approfondita waqt il-laqgħa bl-attendenza personali tal-parteċipanti fil-Kanada fil-11 u fit-12 ta' Mejju 2010 u waqt konsultazzjonijiet sussegwenti mal-esperti li ma setgħux jattendu għal-laqgħa fil-Kanada.

## Il-Prinċipji għall-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni fil-kuntest tal-proċess ta' Malta

Il-"Prinċipji" tfasslu sabiex jiġu stabbiliti strutturi għall-medjazzjoni effettivi għat-tilwim familjari transkonfinali dwar minuri li jinvolvi lil Stati li mhumiex partijiet għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal jew strumenti rilevanti oħrajn. Fin-nuqqas ta' qafas legali internazzjonali jew reġjonali applikabbli, il-medjazzjoni jew mezzi simili ta' riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim ta' spiss ikunu l-uniku mod biex tinstab soluzzjoni ħalli l-minuri kkonċernati jkunu jistgħu jżommu kuntatt kontinwu maż-żewġ ġenituri tagħhom.

Għandu jiġi nnotat li l-istabbiliment ta' strutturi għall-medjazzjoni familjari transkonfinali se jkun ukoll rilevanti għat-tilwim familjari transkonfinali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri u tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ħarsien tat-Tfal. Iż-żewġ Konvenzjonijiet jippromwovu r-riżoluzzjoni bonarja tal-kunflitt familjari permezz tal-medjazzjoni jew ta' mezzi simili. Għalhekk il-Prinċipji jistgħu wkoll ikunu utli sabiex jissupplimentaw il-qafas legali internazzjonali stabbilit mill-Konvenzjonijiet.

## Il-"Prinċipji"

Il-"Prinċipji" jagħmlu sejħa biex jiġi stabbilit Punt ta' Kuntatt Ċentrali, li jiffaċilita l-għoti ta' informazzjoni, fost l-oħrajn, dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi, dwar l-aċċess għall-medjazzjoni u dwar kwistjonijiet importanti relatati oħrajn, bħall-informazzjoni legali rilevanti.

### PARTI A

Il-Parti A tal-"Prinċipji" tiddikjara liema informazzjoni għandha tiġi pprovduta u kif l-informazzjoni għandha ssir aċċessibbli mill-Punti ta' Kuntatt Ċentrali.

L-informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni fid-dritt internazzjonali tal-familja għandha tinkludi, l-ewwel nett, listi ta' medjaturi jew ta' organizzazzjonijiet tal-medjazzjoni li jipprovdu servizzi bħal dawn. Il-listi għandhom jinkludu informazzjoni dwar it-taħriġ , il-ħiliet lingwistiċi u l-esperjenza tal-medjatur, kif ukoll id-dettalji ta' kuntatt. Il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għandu wkoll jiffaċilita informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-medjazzjoni, li għandhom jinkludu d-drittijiet tal-medjazzjoni kif ukoll spejjeż relatati oħrajn. Barra minn hekk, il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għandu jagħmel disponibbli informazzjoni dwar il-proċess ta' medjazzjoni nnifsu, jiġifieri il-mudelli tal-medjazzjoni użati/disponibbli, kif titwettaq il-medjazzjoni u liema suġġetti jistgħu jiġi diskussi fil-medjazzjoni. L-informazzjoni għandha tkun kemm jista' jkun dettaljata; għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar id-disponibblità tal-komedjazzjoni kif ukoll dwar forom speċifiċi ta' komedjazzjoni, bħall-medjazzjoni binazzjonali.

Il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għandu jipprovdi wkoll informazzjoni sabiex tingħata assistenza ħalli jinsab il-ġenitur l-ieħor/il-minuri fil-pajjiż ikkonċernat. Bl-istess mod għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar minn fejn għandhom jiksbu pariri dwar il-liġi tal-familja u l-proċeduri legali, dwar kif ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għandu jsir vinkolanti u dwar kif għandu jiġi infurzat. Fid-dawl tal-mezzi ta' spiss limitati tal-partijiet għal tilwima familjari, għandom jiġu inklużi dettalji dwar l-ispejjeż; għandha tinġibed l-attenzjoni għas-servizzi *pro bono* jew għas-servizzi li joffru l-pariri legali ta' speċjalista bi ftit spejjeż, fejn dawn ikunu disponibbli. Il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dwar kwalunkwe appoġġ disponibbli sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni.

Il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għandu jtejjeb u jikkonsolida l-kooperazzjoni transkonfinali dwar ir-riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim familjari internazzjonali billi jippromwovi l-kooperazzjoni bejn id-diversi esperti permezz ta' netwerking, programmi ta' taħriġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Fl-aħħar nett, bla ħsara għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità, il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali għandu jiġbor u jagħmel pubblikament disponibbli statistika dettaljata dwar il-każijiet ittrattati.

PARTI B

Fil-Parti B, il-"Prinċipji" jirreferu għal (1) ċerti standards dwar l-identifikazzjoni tas-servizzi ta' medjazzjoni internazzjonali mill-Punti ta' Kuntatt Ċentrali, (2) il-proċess ta' medjazzjoni, u (3) il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni.

Fil-Punt B (1) il-"Prinċipji" jistabbilixxu numru ta' karatteristiċi tal-medjaturi jew tal-organizzazzjonijiet tal-medjazzjoni, li l-Punti ta' Kuntatt Ċentrali għandhom iqisu, meta jidentifikaw u jelenkaw is-servizzi ta' medjazzjoni internazzjonali. Fl-istess ħin, il-"Prinċipji" jirrikonoxxu li bosta Stati għadhom fi stadju bikri tal-iżvilupp tas-servizzi ta' medjazzjoni internazzjonali fil-qasam familjari u li wħud mill-karatteristiċi elenkati qegħdin fuq livell li s-servizz jaspira li jilħaq. Madakollu, huwa ttamat li l-Istati li jimplimentaw il-"Prinċipji" se jinkoraġġixxu l-iżvilupp inkrementali tas-servizzi ta' medjazzjoni li jkunu konformi ma' dawn il-karatteristiċi.

Il-Punt B (2) jelenka numru ta' prinċipji ġenerali wesgħin li, bla ħsara għal-liġijiet applikabbli għall-proċess ta' medjazzjoni, għandu jkun hemm adeżjoni magħhom fil-medjazzjoni familjari internazzjonali. Filwaqt li ġie rikonoxxut li dawn il-prinċipji jista' jkollhom interpretazzjoni xi ftit differenti f'sistemi legali differenti u sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati prattiki tajba, id-dokument joqgħod lura milli jorbot definizzjonijiet fissi ma' dawn il-prinċipji ġenerali. Għandu jiġi nnotat li l-Gwida għal Prattika Tajba skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri, li qed tiġi ppreparata bħalissa, se tittratta f'i ktar dettall il-prattika tajba rigward dawn il-prinċipji ġenerali.

Il-Punt B (3) jenfasizza ċerti aspetti importanti li għandhom jitqiesu fejn għandu x'jaqsam il-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni, sabiex ikun jista' jsir vinkolanti fis-sistemi legali kkonċernati. Għal dettalji dwar prattika tajba fit-tfassil tal-ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni għal darba oħra għandha ssir referenza għall-Gwida għal Prattika Tajba dwar il-Medjazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar Sekwestru ta' Minuri li dalwaqt tkun disponibbli.

PARTI C

Il-Parti C tirrikonoxxi l-importanza li ftehim milħuq permezz ta' medjazzjoni jsir vinkolanti jew infurzabbli fis-sistemi legali kollha kkonċernati qabel ma jiġi implimentat. Hija tenfasizza wkoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti legali tal-partijiet. Fl-istess ħin, il-Punt ta' Kuntatt Ċentrali jintalab jagħti appoġġ lil-partijiet b'informazzjoni dwar il-proċeduri rilevanti.

## Nota Finali

Il-Grupp ta' Ħidma xtaq li f'dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tiġi inkluża dikjarazzjoni tal-fehma tiegħu li l-Istati li mhumiex Partijiet għandhom jikkunsidraw b'attenzjoni l-vantaġġi tar-ratifika ta' jew tal-adeżjoni mal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Ħarsien tat-Tfal* u mal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri*.

DS-02-13-320-MT-C

**Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat**
**Il-Bureau Permanenti**
6, Scheveningseweg
2517 KT L-Aja
Il-Pajjiżi l-Baxxi

Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Websajt: www.hcch.net

HccH
HAGUE CONFERENCE ON
PRIVATE INTERNATIONAL LAW
*CONFÉRENCE DE LA HAYE*
*DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ*

Il-Kummissjoni Ewropea

ISBN 978-92-79-32404-8
9 789279 324048
doi:10.2838/58172